II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

Werrej

1. Proċedura 5

2. L-isfond u d-deskrizzjoni tal-miżuri soġġetti għall-investigazzjoni 7

2.1. Qafas ġenerali 7

2.1.1. Il-Konvenzjonijiet inizjali 7

2.1.2. L-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali 7

2.1.3. Il-privatizzazzjoni ta' Siemar u l-iffirmar tal-Konvenzjoni l-ġdida 8

2.2. Il-miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 9

2.3. Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri soġġetti għal din id-Deċiżjoni 9

2.3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn l-Istat u Siemar 9

2.3.2. Estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siemar 12

2.3.3. Il-privatizzazzjoni ta' Siemar, il-kontrogaranzija, u ż-żieda fil-kapital ta' CdI 13

2.3.4. Il-Konvenzjoni l-ġdida 20

2.3.5. Il-prijorità tal-irmiġġ 22

2.3.6. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 22

2.4. Il-proċedura ta' ksur Nru 2007/4609 22

3. Ir-raġunijiet għall-bidu u għall-estensjoni tal-proċedura 25

3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn l-Istat u Siemar 25

3.1.1. Il-konformità ma' Altmark u l-eżistenza ta' għajnuna 25

3.1.2. Il-kompatibbiltà 26

3.2. Estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar 26

3.3. Il-privatizzazzjoni ta' Siremar, il-kontrogaranzija, u ż-żieda fil-kapital ta' CdI 26

3.3.1. Il-privatizzazzjoni ta' Siremar 26

3.3.2. Il-kontrogaranzija 27

3.3.3. Iż-żieda fil-kapital ta' CdI 27

3.3.4. Il-kompatibbiltà 27

3.4. Il-Konvenzjoni l-ġdida bejn l-Istat Taljan u CdI 27

3.5. Il-prijorità tal-irmiġġ 28

3.6. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 28

4. Kummenti mill-Italja 28

4.1. Dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-ambjent kompetittiv 28

4.2. Dwar l-estensjoni illegali potenzjali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar 29

4.3. Dwar il-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar 30

4.3.1. Dwar in-natura trasparenti u nondiskriminatorja tal-proċedura 30

4.3.2. Dwar il-bejgħ tal-assi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar 30

4.3.3. Dwar ir-raggruppament tal-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma' Konvenzjoni ġdida 31

4.3.4. Dwar il-ħatra tal-espert indipendenti 31

4.3.5. Dwar it-trasparenza tal-proċedura 31

4.3.6. Dwar l-Ewwel u t-Tieni rapport ta' Ecorys 31

4.3.7. Dwar il-litigazzjoni nazzjonali u l-għoti finali lil SNS 32

4.4. Dwar il-konformità tal-Konvenzjoni l-ġdida mal-kriterji ta' Altmark 33

4.5. Dwar il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % stabbilit fid-Direttiva CIPE mill-2010 33

4.6. Dwar il-konformità tal-Konvenzjoni l-ġdida mad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 34

4.7. Dwar il-kontrogaranzija 34

4.8. Dwar il-prijorità tal-irmiġġ . . . 35

4.9. Dwar il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 . . . 35

4.10. Dwar in-nuqqas ta' kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u CdI . . . 36

5. Il-kummenti mingħand il-partijiet interessati . . . 37

5.1. Kummenti minn Siremar f'amministrazzjoni straordinarja . . . 37

5.1.1. Dwar il-proċedura ta' ksur Nru. 2007/4609 . . . 37

5.1.2. Dwar l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali . . . 37

5.1.3. Dwar l-estensjoni illegali potenzjali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar . . . 38

5.1.4. Dwar il-Konvenzjoni l-ġdida . . . 39

5.1.5. Dwar il-privatizzazzjoni ta' Siremar u l-kontrogaranzija . . . 39

5.1.6. Dwar in-nuqqas ta' kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u CdI . . . 40

5.1.7. Sottomissjoni addizzjonali tad-deċiżjoni tas-CdS dwar il-kontrogaranzija . . . 41

5.2. Kummenti minn SNS . . . 41

5.2.1. L-ewwel sottomissjoni . . . 41

5.2.2. It-tieni sottomissjoni . . . 41

5.2.3. It-tielet sottomissjoni . . . 42

5.3. Il-kummenti ta' Pan Med . . . 43

5.4. Il-kummenti ta' Grandi Navi Veloci . . . 44

5.5. Ittra mis-sindku ta' Lipari . . . 45

6. Sottomissjonijiet minn Compagnia delle Isole . . . 45

6.1. L-ewwel sottomissjoni . . . 45

6.2. It-tieni sottomissjoni . . . 46

6.3. It-tielet sottomissjoni . . . 46

7. Kummenti mill-Italja dwar il-kummenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati . . . 47

8. Il-valutazzjoni 47

8.1. L-eżistenza ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE 47

8.1.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Siremar u l-Italja 48

8.1.2. Estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar 50

8.1.3. L-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida flimkien mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u tal-prijorità tal-irmiġġ lil SNS, iż-żieda fil-kapital ta' CdI u l-kontrogaranzija 51

8.1.4. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 71

8.1.5. Il-konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna 73

8.2. Il-legalità tal-għajnuna 74

8.3. Il-kompatibbiltà tal-għajnuna 74

8.3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn l-Istat u Siremar 74

8.3.2. Estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar 83

8.3.3. L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni 84

8.3.4. Il-konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna 84

8.4. Reazzjoni għas-sottomissjonijiet ta' CdI 85

9. Konklużjoni 85

10. L-irkupru 86

11. Il-kontinwità ekonomika 87

11.1. L-ambitu tat-trasferiment 87

11.2. Il-prezz tat-trasferiment 88

11.3. L-identità tas-sidien 89

11.4. It-twaqqit tat-trasferiment 89

11.5. Il-loġika ekonomika tat-trasferiment 89

11.6. Konklużjoni dwar il-kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u SNS 90

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/448

tas-17 ta' Ġunju 2021

dwar il-miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (2011/C) (ex 2011/NN) implimentati mill-Italja għal Siremar u l-akkwirenta tagħha Società Navigazione Siciliana

(notifikata bid-dokument C(2022) 4268)

(Il-verżjoni Taljana biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) iċċitati hawn fuq ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fis-6 ta' Awwissu 1999, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward tal-għajnuna mħallsa abbażi tal-kuntratti ta' servizz pubbliku inizjali ("il-Konvenzjonijiet inizjali") lis-sitt kumpaniji li fformaw Tirrenia Group f'dak iż-żmien ([2]).

(2) Matul il-fażi ta' investigazzjoni, l-awtoritajiet Taljani talbu li l-każ ta' Tirrenia Group jinqasam, sabiex tkun tista' tingħata prijorità biex tintlaħaq deċiżjoni finali li tikkonċerna biss lil Tirrenia di Navigazione ("Tirrenia"). Din it-talba kienet immotivata mill-pjan tal-awtoritajiet Taljani li jipprivatizzaw il-Grupp, billi jibdew b'Tirrenia, u l-intenzjoni tagħhom li jħaffu l-proċess fir-rigward ta' dik il-kumpanija.

(3) Il-Kummissjoni laqgħet it-talba tal-awtoritajiet Taljani, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/851/KE ([3]) għalqet il-proċedura mibdija fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lil Tirrenia ("id-Deċiżjoni tal-2001"). L-għajnuna ġiet iddikjarata kompatibbli soġġetta għal ċerti impenji mill-awtoritajiet Taljani.

(4) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/163/KE ([4]) ("id-Deċiżjoni tal-2004"), il-Kummissjoni ddikjarat li l-kumpens mogħti lill-kumpaniji ta' Tirrenia Group għajr il-kumpanija Tirrenia ([5]) kien parzjalment kompatibbli mas-suq intern, parzjalment kompatibbli bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati ċerti impenji mill-awtoritajiet Taljani, u parzjalment inkompatibbli mas-suq intern. Id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq *data* kontabilistika li tkopri mill-1992 sal-2001 u kienet tinkludi kundizzjonijiet biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-kumpens matul id-durata kollha tal-Konvenzjonijiet inizjali (jiġifieri sal-2008).

(5) Permezz tas-Sentenza tal-4 ta' Marzu 2009 fil-Kawżi T-265/04, T-292/04 u T-504/04 ([6]) ("is-Sentenza tal-2009"), il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-2004.

(6) Fil-5 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali ġdida fir-rigward ta' diversi miżuri addizzjonali adottati mill-Italja favur il-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group ("id-Deċiżjoni tal-2011"). L-investigazzjoni kienet tikkonċerna, *inter alia*, il-kumpensi mogħtija lil Siremar – Sicilia Regionale Marittima ("Siremar") għall-operat ta' għadd ta' rotot marittimi mill-1 ta' Jannar 2009, u l-proċess ta' privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar (ara t-Taqsima 2.3.3).

(7) Id-Deċiżjoni tal-2011 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([7]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri taħt investigazzjoni.

([1]) ĠU C 28, 1.2.2012, p. 18 u ĠU C 84, 22.3.2013, p. 58.
([2]) ĠU C 306, 23.10.1999, p. 2. L-eks Tirrenia Group kien jikkonsisti fil-kumpaniji Tirrenia di Navigazione S.p.A., Adriatica S.p.A., Caremar – Campania Regionale Maritima S.p.A., Saremar – Sardegna Regionale Marittima S.p.A., Siremar – Sicilia Regionale Marittima S.p.A., u Toremar – Toscana Regionale Marittima S.p.A.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/851/KE tal-21 ta' Ġunju 2001 dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-kumpanija tat-tbaħħir Tirrenia di Navigazione mill-Italja (ĠU L 318, 4.12.2001, p. 9).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/163/KE tas-16 ta' Marzu 2004 dwar l-għajnuna mill-Istat imħallsa mill-Italja lill-kumpaniji tat-tbaħħir Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar (Tirrenia Group) (ĠU L 53, 26.2.2005, p. 29).
([5]) B'mod partikolari: Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar.
([6]) Il-Kawżi Magħquda T-265/04, T-292/04 u T-504/04 *Tirrenia di Navigazione vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2009:48.
([7]) ĠU C 28, 1.2.2012, p. 18.

(8) L-Italja ppreżentat it-tweġiba tagħha għad-Deċiżjoni tal-2011 permezz ta' ittra tal-15 ta' Novembru 2011. Fir-rigward tal-miżuri soġġetti għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti mingħand Società Navigazione Siciliana S.p.A. ("SNS"), Pan Med Lines S.r.l. ("Pan Med"), u Grandi Navi Veloci S.p.A. ("GNV") (ara t-Taqsima 5). Għaddiethom lill-Italja, li kellha l-opportunità li tirreaġixxi.

(9) Fl-10 ta' Jannar 2012, l-awtoritajiet Taljani nnotifikaw formalment lill-Kummissjoni, allegatament għal raġunijiet ta' ċertezza legali, l-abbozz tal-kuntratti ta' servizz pubbliku ("Konvenzjonijiet") li kwalunkwe akkwirent futur tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar kien meħtieġ jiffirma u li abbażi tiegħu jitħallas il-kumpens għall-forniment ta' servizz pubbliku.

(10) Fis-7 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni estendiet il-proċedura ta' investigazzjoni, *inter alia*, fir-rigward ta' (i) l-estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ mogħtija lil Siremar, (ii) l-għajnuna potenzjali lil Compagnia delle Isole ("CdI"), l-ewwel akkwirent tal-fergħa ta' Siremar, fil-kuntest tal-privatizzazzjoni ta' din tal-aħħar u (iii) il-kumpensi tas-servizz pubbliku li għandhom jitħallsu lil CdI skont il-Konvenzjoni l-ġdida konkluża mal-Istat Taljan. Fid-19 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni adottat verżjoni emendata ([8]) ta' dik id-Deċiżjoni (id-"Deċiżjoni tal-2012", meta msemmija flimkien mad-Deċiżjoni tal-2011, id-"Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012").

(11) Id-Deċiżjoni tal-2012 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([9]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri taħt investigazzjoni.

(12) L-Italja ppreżentat it-tweġiba tagħha għad-Deċiżjoni tal-2012 permezz ta' ittri tas-7 u tat-13 ta' Diċembru 2012. Fir-rigward tal-miżuri soġġetti għal din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand Pan Med Lines S.r.l. ("Pan Med"), Siremar, SNS u CdI (ara t-Taqsimiet 5 u 6). Għaddiethom lill-Italja, li kellha l-opportunità li tirreaġixxi.

(13) Fil-5 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni tat kuntratt lil Ecorys Netherlands BV ("Ecorys") biex tipprovdilha stima, ibbażata fuq żewġ xenarji alternattivi, tal-valur tas-suq tal-assi rilevanti ta' Siremar imqiegħda għall-bejgħ (ara t-Taqsima 2.3.3.7). Fl-4 ta' Settembru 2013, Ecorys ippreżentat ir-rapport finali tagħha ("l-Ewwel Rapport ta' Ecorys"). Fis-27 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni bagħtet dan ir-rapport lill-Italja. Fit-18 ta' Novembru 2013, fuq talba tal-awtoritajiet Taljani, il-Kummissjoni pprovdiet traduzzjoni bit-Taljan tar-Rapport ta' Ecorys. Fis-17 ta' Diċembru 2013, l-Italja ppreżentat il-kummenti tagħha, inkluża kontrovalwazzjoni mill-espert indipendenti tagħha stess, Banca Profilo S.p.A.

(14) Fl-24 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni bagħtet ittra lil diversi kumpaniji li joperaw fis-settur marittimu, fejn talbet fuq bażi volontarja għal informazzjoni dettaljata dwar ir-rotot operati minn Siremar fil-perjodu 2009-2012 u l-kundizzjonijiet tal-privatizzazzjoni tagħha. Kienet biss CdI, li kienet qed topera l-Konvenzjoni l-ġdida f'dak iż-żmien, illi wieġbet.

(15) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/261 tat-22 ta' Jannar 2014 ([10]) ("id-Deċiżjoni tal-2014"), il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' ċerti miżuri adottati mir-Reġjun ta' Sardenja favur Saremar (ara l-premessa (36)).

(16) Fil-15 ta' Ottubru 2014, is-servizzi tal-Kummissjoni ltaqgħu ma' rappreżentanti ta' Siremar u mal-awtoritajiet Taljani. Barra minn hekk, fit-23 ta' Ottubru 2014, is-servizzi tal-Kummissjoni ltaqgħu wkoll ma' rappreżentanti ta' CdI u mal-awtoritajiet Taljani. Bħala segwitu għal-laqgħa msemmija l-aħħar, fit-30 ta' Ottubru 2014, CdI pprovdiet informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni.

(17) Fir-rigward ta' Siremar, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Italja permezz ta' ittri tat-30 ta' Jannar 2012, tas-16 ta' Marzu 2012, tal-1 ta' Awwissu 2012, tat-22 ta' Novembru 2012, tat-12 ta' April 2013, tat-12 ta' Ġunju 2013, tas-27 ta' Ġunju 2013, tal-11 ta' Lulju 2013, tad-29 ta' Lulju 2014, tas-6 ta' Novembru 2014, tas-16 ta' Ottubru 2015, tal-25 ta' Jannar 2018, tad-29 ta' Marzu 2018, tal-31 ta' Awwissu 2018, tat-18 ta' Marzu 2019, tas-16 ta' Ottubru 2019, tal-31 ta' Lulju 2020 u tad-29 ta' Ottubru 2020.

(18) Fir-rigward ta' Siremar, l-Italja ppreżentat informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittri tat-28 ta' Marzu 2012, tal-5 ta' Ottubru 2012, tat-23 ta' Ottubru 2012, tat-13 ta' Mejju 2013, tat-8 ta' Awwissu 2013, tad-19 ta' Settembru 2014, tal-20 ta' Novembru 2014, tat-12 ta' Diċembru 2014, tat-12 ta' Frar 2015, tat-13 ta' Novembru 2015, tat-18 ta' April 2016, tat-2 ta' Awwissu 2017, tas-26 ta' April 2018, tal-31 ta' Mejju 2018, tad-29 ta' Mejju 2019, tas-26 ta' Lulju 2019, tat-3 ta' Jannar 2020, tal-24 ta' Jannar 2020, tat-8 ta' Frar 2021 u tal-11 ta' Marzu 2021 ([11]).

([8]) L-emendi kollha kienu jikkonċernaw miżuri favur Saremar.
([9]) ĠU C 84, 22.3.2013, p. 58.
([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/261 tat-22 ta' Jannar 2014 dwar il-miżuri ta' għajnuna SA.32014 (2011/C), SA.32015 (2011/C), SA.32016 (2011/C) implimentati mir-Reġjun ta' Sardenja favur Saremar (ĠU L 49, 22.2.2018, p. 22).
([11]) Matul l-2019 u l-2020 saru diversi skambji informali addizzjonali, bħal emails u konferenzi bit-telefon, bejn il-Kummissjoni u l-Italja.

(19) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1411 tat-2 ta' Marzu 2020 ([12]), il-Kummissjoni kkonkludiet l-investigazzjoni dwar il-kumpaniji ta' Tirrenia Group għajr il-kumpanija Tirrenia, inkluża Siremar, għall-perjodu 1992-2008 (id-"deċiżjoni ta' Tirrenia Group tal-2020"). Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna mogħtija għall-forniment ta' servizzi tat-trasport bil-kabotaġġ marittimu kienet tikkostitwixxi l-għajnuna eżistenti, filwaqt li l-għajnuna mogħtija għall-forniment ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali kienet kompatibbli mal-Qafas tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEI") tal-2011 (il-"Qafas tal-SGEI tal-2011") ([13]).

(20) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 tat-2 ta' Marzu 2020 ([14]), il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri mogħtija lil Tirrenia u l-akkwirenta tagħha CIN, għall-perjodu 2009-2020 (id-"deċiżjoni ta' Tirrenia/CIN tal-2020").

(21) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-miżuri ta' għajnuna kollha possibbli lil Siremar, CdI u SNS kif speċifikati fil-premessi (36) u (37) u kif identifikati fid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012, kif ukoll l-għajnuna possibbli mogħtija lil Unicredit permezz tal-kontrogaranzija (ara t-Taqsimiet 2.3.3.5 u 3.3.2). Il-Kummissjoni se tindirizza l-miżuri kollha li jifdal soġġetti għal dawk id-Deċiżjonijiet, taħt in-numri tal-każijiet SA.32014, SA.32015 u SA.32016 f'Deċiżjonijiet separati. B'mod partikolari, dawk il-miżuri li jifdal kollha jikkonċernaw kumpaniji oħrajn tal-eks Tirrenia Group (jiġifieri Caremar, Laziomar, Saremar u Toremar).

2. L-ISFOND U D-DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI SOĠĠETTI GĦALL-INVESTIGAZZJONI

2.1. Qafas ġenerali

2.1.1. *Il-Konvenzjonijiet inizjali*

(22) Tirrenia Group oriġinarjament kien proprjetà tal-Istat Taljan permezz tal-kumpanija Finanziaria per i Settori Industriale e dei Servizi i S.p.A. ("Fintecna") ([15]) u kien jinkludi sitt kumpaniji, jiġifieri Tirrenia, Adriatica, Caremar, Saremar, Siremar u Toremar. Dawn il-kumpaniji pprovdew servizzi tat-trasport marittimu skont kuntratti separati ta' servizz pubbliku konklużi fl-1991 mal-Istat Taljan, fis-seħħ għal għoxrin sena bejn Jannar 1989 u Diċembru 2008 (il-Konvenzjonijiet inizjali). Fintecna kellha 100 % tal-kapital azzjonarju ta' Tirrenia. Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar kienu kompletament proprjetà ta' Tirrenia (flimkien, "il-kumpaniji reġjonali"). Adriatica, li kienet topera għadd ta' rotot bejn l-Italja u l-Albanija, il-Kroazja, il-Greċja u l-Montenegro, ingħaqdet ma' Tirrenia fl-2004.

(23) L-iskop ta' dawn il-kuntratti ta' servizz pubbliku kien li jiggarantixxu r-regolarità u l-affidabbiltà ta' għadd kbir ta' servizzi tat-trasport marittimu, prinċipalment il-konnessjoni tal-Italja kontinentali ma' Sqallija, Sardenja u ma' gżejjer Taljani iżgħar oħrajn. Għal dan l-għan, l-Istat Taljan ta appoġġ finanzjarju fil-forma ta' sussidji mħallsa direttamnet lil kull waħda mill-kumpaniji ta' Tirrenia Group.

(24) Siremar, li hija kompletament proprjetà ta' Tirrenia, kienet topera serje ta' rotot ta' kabotaġġ marittimu, kemm bejn Sqallija u diversi gżejjer ġirien iżgħar kif ukoll bejn Milazzo u Napli. Ir-rotot eżatti kkonċernati huma deskritti fil-premessa (41).

2.1.2. *L-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali*

(25) Il-Konvenzjonijiet inizjali, inkluża dik applikabbli għal Siremar, ġew estiżi tliet darbiet.

(26) L-ewwel nett, l-Artikolu 26 tad-Digriet Amministrattiv Nru. 207 tat-30 ta' Diċembru 2008 ("Digriet Amministrattiv 207/2008"), ikkonvertit fil-Liġi Nru. 14 tas-27 ta' Frar 2009, stabbilixxa l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali, li inizjalment kellhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2008, sal-31 ta' Diċembru 2009.

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1411 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru C 64/99 (ex NN 68/99) implimentata mill-Italja għall-kumpaniji tat-tbaħħir Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar (Tirrenia Group) (ĠU L 332, 12.10.2020, p. 1).

([13]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Qafas Ewropew għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15).

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar il-miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (11/C) (ex 11/NN) implimentati mill-Italja għal Tirrenia di Navigazione u l-akkwirenta tagħha Compagnia Italiana di Navigazione (ĠU L 332, 12.10.2020, p. 45).

([15]) Fintecna hija kompletament proprjetà tal-Ministeru tal-Ekonomija u tal-Finanzi ("il-Ministeru tal-Ekonomija") u hija speċjalizzata fil-ġestjoni tal-proċessi ta' parteċipazzjoni azzjonarja u privatizzazzjoni, kif ukoll fl-indirizzar ta' proġetti għar-razzjonalizzazzjoni u r-ristrutturar ta' kumpaniji li qed jiffaċċjaw diffikultajiet industrijali, finanzjarji jew organizzattivi.

(27) It-tieni, l-Artikolu 19*ter* tad-Digriet Amministrattiv Nru. 135 tal-25 ta' Settembru 2009 ("Digriet Amministrattiv 135/2009"), ikkonvertit fil-Liġi Nru. 166 tal-20 ta' Novembru 2009 ("il-Liġi tal-2009"), stabbilixxa li, fid-dawl tal-privatizzazzjoni tal-kumpaniji ta' Tirrenia Group, il-parteċipazzjoni azzjonarja tal-kumpaniji reġjonali, minbarra Siremar, għandha tiġi ttrasferita mill-kumpanija omm Tirrenia kif ġej:

(a) Cararmar lir-Reġjun ta' Campania. Sussegwentement, ir-Reġjun ta' Campania ttrasferixxa n-negozju avvjat li jopera l-konnessjonijiet tat-trasport mal-arċipelagu ta' Pontino lejn ir-Reġjun ta' Lazio (u b'hekk twaqqfet Laziomar) ([16]);

(b) Saremar lir-Reġjun ta' Sardinja;

(c) Toremar lir-Reġjun tat-Toscana.

(28) Il-Liġi tal-2009 speċifikat ukoll li għandhom jiġu miftiehma "Konvenzjonijiet" ġodda bejn l-Istat Taljan u Tirrenia u Siremar sal-31 ta' Diċembru 2009. Bl-istess mod, is-servizzi reġjonali jkunu stabbiliti f'"Kuntratti ta' Servizz Pubbliku" ġodda, li għandhom jiġu miftiehma bejn Saremar, Toremar u Caremar u l-awtoritajiet reġjonali rispettivi sal-31 ta' Diċembru 2009 (Sardenja u Toscana) u sat-28 ta' Frar 2010 (Campania u Lazio). Il-Konvenzjonijiet il-ġodda jew il-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku jitressqu għall-offerti b'mod konġunt mal-kumpaniji nfushom. Is-sidien il-ġodda ta' kull waħda minn dawn il-kumpaniji mbagħad jiffirmaw il-Konvenzjoni rispettiva jew il-Kuntratt ta' Servizz Pubbliku rispettiv ([17]).

(29) Għal dak l-għan, il-Liġi tal-2009 kompliet testendi l-Konvenzjonijiet inizjali, inkluża dik applikabbli għal Siremar, mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Settembru 2010.

(30) Il-Liġi tal-2009 stabbiliet ukoll limiti massimi ta' kumpens annwali fissi għall-operat tas-servizzi mill-2010 (taħt l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali kif ukoll taħt il-Konvenzjonijiet il-ġodda u l-Kuntratti Pubbliċi ta' Servizz), għal ammont totali ta' EUR 184 942 251, kif ġej:

Kumpanija	Kumpens annwali massimu
Tirrenia	EUR 72 685 642
Siremar	EUR 55 694 895
Saremar	EUR 13 686 441
Toremar	EUR 13 005 441
Caremar	EUR 29 869 832 ([18])

Tabella 1 – Limiti massimi tal-kumpens mill-2010

(31) Fl-aħħar nett, il-Liġi Nru. 163 tal-1 ta' Ottubru 2010 ("il-Liġi tal-2010"), li tikkonverti d-Digriet Amministrattiv Nru. 125 tal-5 ta' Awwissu 2010 ("id-Digriet Amministrattiv 125/2010"), stabbiliet l-estensjoni ulterjuri tal-Konvenzjonijiet inizjali, inkluża dik applikabbli għal Siremar, mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-tlestija tal-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u Siremar.

2.1.3. *Il-privatizzazzjoni ta' Siremar u l-iffirmar tal-Konvenzjoni l-ġdida*

(32) F'Ottubru 2010, tnediet proċedura tal-offerti biex jinstab xerrej għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar (ara t-Taqsima 2.3.3). F'dan il-kuntest, issir referenza għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar, minflok għal Siremar, billi l-proċedura tas-sejħa għall-offerti kienet tikkonċerna biss dawk l-assi u l-kuntratti meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku ([19]) speċifikati f'Konvenzjoni ġdida li għandha tiġi konkluża mal-akkwirenta. Għalhekk, issir referenza għall-"fergħa kummerċjali ta' Siremar", minflok sempliċiment għal "Siremar". L-assi li jifdal ta' Siremar,

([16]) Dan it-trasferiment ġie fformalizzat fl-1 ta' Ġunju 2011.
([17]) L-Artikolu 19-*ter*, il-paragrafu 10 tad-Digriet Amministrattiv 135/2009.
([18]) Dan l-ammont ġie diżaggregat f'EUR 19 839 226, mogħtija minn Campania, u EUR 10 030 606 mogħtija minn Lazio.
([19]) Matul din id-deċiżjoni, l-espressjoni "obbligi ta' servizz pubbliku" jenħtieġ li tinftiehem b'mod ġenerali, mingħajr ma tiġi interpretata skont it-tifsira speċifika tal-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu (ara n-nota 61 f'qiegħ il-paġna) u tat-Taqsima 9 tal-Linji Gwida Marittimi (ara n-nota 110 f'qiegħ il-paġna), jiġifieri bħala obbligi ta' servizz pubbliku bħala alternattiva għall-kuntratti ta' servizz pubbliku, jiġifieri mingħajr remunerazzjoni mill-Istat. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tinnota li l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq Siremar, CdI jew SNS kienu jinvolvu remunerazzjoni mill-Istat.

bħall-bastiment rapidu Guizzo, li ntużaw għal skopijiet oħrajn, kellhom jinbiegħu permezz ta' proċeduri separati. Barra minn hekk, il-bejgħ ma rriżultax fit-trasferiment lix-xerrej tad-djun dovuti minn Siremar sad-data tal-bejgħ. Sa din id-data, Siremar f'Amministrazzjoni Straordinarja ("Siremar f'EA") tkompli teżisti bħala entità separata, għalkemm bl-iskop primarju li tiġi likwidata wara li tkun ħallset lura lill-kredituri tagħha.

(33) Wara l-offerta b'suċċess tagħha fil-proċedura tal-offerti, fl-20 ta' Ottubru 2011, CdI ffirmat il-kuntratt għall-akkwist tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Imbagħad, fit-30 ta' Lulju 2012, il-Konvenzjoni l-ġdida għall-forniment ta' servizzi marittimi ġiet iffirmata mill-Italja u minn CdI. Abbażi ta' dan, is-sjieda tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ġiet ittrasferita mill-Istat Taljan lil CdI fil-31 ta' Lulju 2012.

(34) Madankollu, SNS – il-kumpanija l-oħra li kienet issottomettiet offerta għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar – ikkontestat it-trasferiment quddiem it-tribunali amministrattivi Taljani, li fl-aħħar mill-aħħar iddeċidew li l-proċedura tal-offerti kellha terġa' ssir parzjalment, billi CdI tiġi eskluża milli tissottometti offerti ġodda (ara l-premessi (93) sa (100)). Wara konferma tal-offerta preċedenti tagħha, b'ħekk, SNS rebħet il-proċedura tal-offerti mġedda, filwaqt li ħadet f'idejha l-fergħa kummerċjali ta' Siremar u ffirmat il-Konvenzjoni l-ġdida mal-Italja fil-11 ta' April 2016.

(35) Minn dik id-data, SNS kienet qed topera r-rotot skont il-Konvenzjoni l-ġdida, filwaqt li Siremar f'EA u CdI qegħdin jiġu likwidati t-tnejn.

2.2. **Il-miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012**

(36) Il-miżuri li ġejjin kienu soġġetti għal valutazzjoni fil-proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa bid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 (ara wkoll it-taqsima 3):

(1) Kumpens għall-forniment ta' SGEI skont l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali (miżura 1);

(2) L-estensjoni illegali tal-għajnuna ta' salvataġġ lil Tirrenia u lil Siremar (miżura 2);

(3) Il-privatizzazzjoni tal-kumpaniji tal-eks Grupp ta' Tirrenia ([20]) (miżura 3);

(4) Kumpens imħallas għall-operat ta' SGEI taħt il-Konvenzjonijiet/Kuntratti Pubbliċi ta' Servizz (miżura 4);

(5) Il-prijorità tal-irmiġġ (miżura 5);

(6) Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 (miżura 6);

(7) Ħames miżuri addizzjonali adottati mir-Reġjun ta' Sardenja favur Saremar (miżura 7) ([21]).

2.3. **Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri soġġetti għal din id-Deċiżjoni**

(37) Din id-Deċiżjoni tittratta biss il-miżuri minn 1 sa 6 kif elenkati fil-premessa (36), sa fejn jinvolvu lil Siremar, CdI jew SNS. Dawn il-miżuri huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsimiet li ġejjin.

2.3.1. *L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn l-Istat u Siremar*

2.3.1.1. L-obbligi ta' servizz pubbliku

(38) L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni inizjali ma' Siremar ippreveda pjanijiet ta' ħames snin biex jingħataw dettalji dwar il-portijiet li għandhom jiġu servuti, it-tip ta' bastimenti li għandhom jintużaw u l-frekwenza meħtieġa tas-servizz. Il-konvenzjoni inizjali ma' Siremar ġiet emendata fl-1994 u fl-1995.

(39) L-ewwel pjan ta' ħames snin (bejn l-1990 u l-1994) ġie approvat permezz tad-Digriet Ministerjali tad-29 ta' Mejju 1990, u applikat retroattivament mill-1 ta' Jannar 1990. It-tieni pjan, li kien ikopri l-perjodu 1995-1999 u li ġie approvat bid-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Mejju 1996, ħalla r-rotot u l-frekwenzi fil-biċċa l-kbira l-istess.

(40) Fir-rigward tal-perjodi 2000 – 2004 u 2005 – 2008, ma ġie adottat formalment l-ebda pjan ta' ħames snin fir-rigward ta' Siremar. Minflok, in-network ta' rotot u frekwenzi baqa' fil-biċċa l-kbira l-istess bejn l-1999 u l-2008. Tabilħaqq, id-Digriet Inter-Ministerjali tad-9 ta' Marzu 2004 ("id-Digriet tal-2004") stabbilixxa bidliet limitati għal Siremar, fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' bastimenti qodma u żieda fil-kapaċità taħt l-istess frekwenzi ([22]).

([20]) Dan jinkludi l-ħlas differit minn CIN ta' parti mill-prezz tax-xiri għall-akkwiżizzjoni minnha tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia u diversi allegati miżuri ta' għajnuna addizzjonali fil-kuntest tal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar (eż. kontrogaranzija u żieda fil-kapital mill-Istat għal CdI).

([21]) Il-miżura 7 ġiet ivvalutata fid-Deċiżjoni tal-2014, bl-eċċezzjoni tal-proġett "Bonus Sardo – Vacanza".

([22]) Id-Digriet tal-2004 ivvalida ċerti bidliet għall-pjan ta' ħames snin ta' Tirrenia għall-perjodu 2000-2004 u kien jinkludi dispożizzjonijiet għal kumpaniji oħrajn ta' Tirrenia Group, inkluża Siremar.

(41) Abbażi tal-Konvenzjoni inizjali, kif estiża u mmodifikata (għal rotot magħżula), Siremar operat ħames pakketti ta' rotot matul is-sena kollha bejn l-1 ta' Jannar 2009 u t-30 ta' Lulju 2012, bi frekwenzi u ħinijiet li jvarjaw skont ir-rotta individwali, it-tip ta' servizz (lanċa jew servizz b'veloċità għolja), u l-istaġun tas-sena, kif ġej:

— Fir-rigward tal-pakkett ta' Milazzo – il-Gżejjer Eoliċi – Napli, li jinkludi l-gżejjer ta' Vulcano, Lipari, Salina, Filicudi, Alicudi, Panarea u Stromboli ("il-Gżejjer Eoliċi"), kif ukoll l-ibliet ta' Milazzo fi Sqallija u Napli f'Campania, Siremar ipprovdiet kemm servizzi ta' laneċ kif ukoll servizzi b'veloċità għolja fuq għaxar rotot individwali ([23]);

— tas-17.6.2021

— Fir-rigward tal-pakkett ta' Palermo – Ustica, Siremar ipprovdiet kemm servizzi tal-laneċ kif ukoll servizzi b'veloċità għolja fuq żewġ rotot individwali ([24]);

— Fir-rigward tal-pakkett ta' Porto Empedocle – il-Gżejjer Pelagie, li jinkludi l-gżejjer ta' Linosa u Lampedusa ("il-Gżejjer Pelagie"), Siremar offriet servizzi tal-laneċ fuq rotta individwali waħda;

— Fir-rigward tal-pakkett ta' Trapani – Pantelleria, Siremar ipprovdiet servizzi tal-laneċ fuq rotta individwali waħda.

2.3.1.2. Il-baġit u d-durata

(42) It-tabella ta' hawn taħt turi l-kumpens annwali mħallas lil Siremar fil-perjodu 2009 – Lulju 2012:

Sena	Kumpens
2009	EUR 67 009 405
2010	EUR 55 694 895
2011	EUR 55 694 895
2012	EUR 32 348 816 (Jannar – Lulju) ([25])

Tabella 2 – Kumpens għall-perjodu 2009-2012 (EUR)

(43) Il-Konvenzjoni inizjali (kif immodifikata fl-1994) tipprevedi li l-kumpens annwali għas-servizz pubbliku jitħallas kif ġej:sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, pagament bil-quddiem inizjali ekwivalenti għal 70 % tal-kumpens imħallas fis-sena preċedenti;sat-30 ta' Ġunju, it-tieni pagament li jkopri 20 % oħra;sat-30 ta' Novembru, pagament finali li jkopri l-bilanċ tal-kumpens għas-sena rilevanti, abbażi ta' stima tad-dħul u tat-telf fil-futur ([26]).Ir-riżultati finali mbagħad jiġu vverifikati meta l-kumpanija tħejji d-dikjarazzjoni annwali tal-kontijiet.Jekk ikun irriżulta li Siremar kienet irċeviet somma akbar mill-kost nett tas-servizzi pprovduti (dħul nieqes it-telf), kien meħtieġ li tiġi rrimborżata d-differenza fi żmien 15-il jum mill-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-kontijiet. Wara l-25 ta' Novembru 2010, permezz ta' deċiżjoni tal-Konferenza Interdipartimentali dwar l-istabbiliment tas-sussidju annwali stabbilit skont l-Artikolu 11 tal-Liġi Nru 856/1986 bejn il-Ministeru tal-Infrastruttura u t-Trasport (il-"Ministeru tat-Trasport"), il-Ministeru tal-Ekonomija, u l-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku (il-"Konferenza Interdipartimentali"), kwalunkwe ammont ta' kumpens żejjed jitnaqqas minn pagamenti futuri ta' sussidju bil-quddiem.

(44) Il-kumpens ġie kkalkolat b'mod differenti fl-2009, meta mqabbel mal-2010, l-2011 u l-2012 kif deskritt hawn taħt.

— Kumpens mogħti fl-2009

([23]) Lanċa: Milazzo – il-Gżejjer Eoliċi – Napli; Milazzo – il-Punent u l-Lvant ta' Eolie u l-konnessjonijiet bejn il-gżejjer; Milazzo-Eolie (il-gżejjer ewlenin), ibbażati f'Milazzo; Milazzo-Eolie (il-gżejjer ewlenin), ibbażati f'Lipari. Veloċità għolja: Milazzo – il-Punent u l-Lvant ta' Eolie u l-konnessjonijiet bejn il-gżejjer; Milazzo-Eolie (il-gżejjer ewlenin) u l-konnessjonijiet bejn il-gżejjer, ibbażati f'Milazzo; il-konnessjonijiet bejn il-gżejjer, ibbażati f'Lipari; Milazzo-Eolie u l-konnessjonijiet bejn il-gżejjer, ibbażati f'Lipari.

([24]) Lanċa: Palermo – Ustica. Veloċità għolja: Ustica – Palermo.

([25]) Din iċ-ċifra hija l-ammont imħallas lil Siremar sat-trasferiment tas-sjieda tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil CdI. Għall-bqija tal-2012, CdI tħallset EUR 23 346 079. B'hekk, il-kumpens totali mħallas għall-2012 kien jammonta għal EUR 55 694 895, u b'hekk jirrispetta l-limitu massimu tal-kumpens stabbilit mil-Liġi tal-2009.

([26]) Bejn l-1988 u l-1994, ma kien hemm l-ebda pagament ieħor u l-bilanċ kien dovut sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

(45) Id-Digriet Presidenzjali Nru 501 tal-1 ta' Ġunju 1979 ("id-Digriet Presidenzjali 501/79") jispeċifika d-diversi elementi (dħul u kostijiet) li jidħlu fil-kalkolu tas-sussidju mħallas lill-operaturi ta' servizzi pubbliċi marittimi. Barra minn hekk, il-Liġi Nru 856 tal-5 ta' Diċembru 1986 ("Liġi 856/86") ipprovdiet għal ċerti tibdiliet fis-sistema tal-obbligi ta' servizz pubbliku marittimu fl-Italja. Fir-rigward tal-konnessjonijiet ma' gżejjer maġġuri u minuri, l-Artikolu 11 tagħha emenda l-kriterji għall-kalkolu tal-kumpens għas-servizz pubbliku. Tabilħaqq, is-sussidju kellu jiġi kkalkolat abbażi tad-differenza bejn id-dħul u l-kostijiet tas-servizz kif iddeterminata b'referenza għal parametri medji u oġġettivi, u kellu jinkludi redditu raġonevoli fuq il-kapital. L-istess Artikolu jistabbilixxi wkoll li l-kuntratti ta' servizz pubbliku kellhom jinkludu l-lista tar-rotot sussidjati, il-frekwenza u t-tipi ta' bastimenti li għandhom jintużaw. Is-sussidji kellhom jiġu approvati mill-Ministri responsabbli. Il-prinċipji stabbiliti fid-Digriet Presidenzjali 501/79 u fil-Liġi 856/86 ġew riflessi fil-Konvenzjonijiet inizjali.

(46) Fil-fatt, għall-2009, il-kumpens għat-twettiq tal-SGEI ġie kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita mill-Konvenzjonijiet inizjali fis-seħħ mill-1991 u ġie estiż wara d-data ta' skadenza inizjali tagħhom tal-31 ta' Diċembru 2008. B'mod partikolari, il-kumpens kien jikkorrespondi għat-telf nett akkumulat fuq is-servizzi operati taħt ir-reġim tas-servizz pubbliku, li miegħu żdied ammont varjabbli, li jikkorrespondi għar-redditu fuq il-kapital.

(47) Id-diversi elementi tal-kostijiet li ġew ikkunsidrati sabiex jiġi kkalkolat il-kumpens definit mill-awtoritajiet pubbliċi kienu dawn li ġejjin: spejjeż tal-akkwiżizzjoni, tar-reklamar u tal-akkomodazzjoni, spejjeż tat-tagħbija, tal-ħatt u tal-immanuvrar, spejjeż tal-persunal, spejjeż tal-manutenzjoni tal-bastimenti, spejjeż amministrattivi, spejjeż tal-assigurazzjoni, spejjeż tal-kera u tal-lokazzjoni, fjuwil, taxxi u spejjeż tad-deprezzament.

— Kumpens mogħti fl-2010, fl-2011 u fl-2012

(48) Mill-2010, il-kumpens għall-operat tal-SGEI ġie ddeterminat permezz ta' metodoloġija ġdida stabbilita fid-Direttiva CIPE ([27]) tad-9 ta' Novembru 2007 intitolata "Kriterji għad-definizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku u d-dinamika tan-nollijiet fis-settur tal-kabotaġġ marittimu ta' interess pubbliku" ("id-Direttiva CIPE") ([28]). Skont il-Preambolu tagħha, id-Direttiva CIPE inħarġet fid-dawl tal-privatizzazzjoni li ġejja tal-kumpaniji pubbliċi li joperaw servizzi marittimi taħt reġim ta' servizz pubbliku ([29]). Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva CIPE ġew applikati fir-rigward tas-servizzi pprovduti mill-kumpaniji ta' Tirrenia Group mill-2010.

(49) Il-metodu stabbilit fid-Direttiva CIPE jippermetti li l-kumpaniji li joperaw is-servizz pubbliku marittimu jkollhom redditu xieraq. Ir-rata ta' redditu fuq il-kapital ("redditu fuq il-kapital" jew "ROIC") tiġi kkalkolata abbażi tal-kost medju ponderat tal-kapital ("WACC"). Ir-redditu meħtieġ għall-ekwità ([30]) għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-Mudell tal-Ipprezzar tal-Assi Kapitali.

(50) Abbażi ta' dak il-mudell, il-kost tal-ekwità huwa derivat bħala funzjoni ta' (i) ir-rata mingħajr riskju, (ii) il-Beta (stima tal-profil tar-riskju tal-kumpanija b'mod relattiv għas-suq tal-ekwità) u (iii) il-primjum tar-riskju tal-ekwità assenjat lis-suq tal-ekwità.

(51) B'mod partikolari, il-kost tal-ekwità jiġi kkalkolata bl-applikazzjoni ta' primjum għat-tiġrib ta' riskju żejjed fuq ir-rata ta' redditu fuq attivitajiet mingħajr riskju. Dan il-primjum għandu jiġi kkalkolat bħala l-primjum tar-riskju tas-suq immoltiplikat bil-Beta tiegħu, li jkejjel kemm attività speċifika hija riskjuża b'mod relattiv għas-suq.

(52) Skont id-Direttiva CIPE, ir-rata ta' redditu fuq attivitajiet mingħajr riskju tikkorrespondi għar-rendiment gross medju fuq bonds b'terminu ta' għaxar snin matul it-tnax-il xahar preċedenti, li għalihom hemm *data* disponibbli.

(53) Id-Direttiva CIPE tistabbilixxi primjum tar-riskju tas-suq ta' 4 %. Barra minn hekk, fil-każ ta' servizz, li jiġi operat fuq bażi mhux esklużiva, ir-riskju preżumibbilment akbar imġarrab mill-operatur jiġi remunerat biż-żieda ta' 2,5 % addizzjonali għall-primjum tar-riskju tas-suq.

(54) Madankollu, l-ammont ta' kumpens imħallas lil Siremar kif stabbilit mil-Liġi tal-2009 fil-prattika ma jistax jaqbeż EUR 55 694 895 fis-sena (ara l-premessa (30)). Għalkemm il-Liġi tal-2009 tillimita l-kumpens annwali mħallas lill-kumpaniji kollha ta' Tirrenia għall-operat tal-obbligi ta' servizz pubbliku tagħhom, id-Direttiva CIPE tinkludi ċerti salvagwardji biex tiggarantixxi li dawk l-operaturi jiġu żgurati b'kopertura suffiċjenti ta' kostijiet operatorji.

([27]) CIPE tfisser *Comitato Interministeriale per la Programmazione Economica*.
([28]) *Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana*, Nru 50 tat-28 ta' Frar 2008.
([29]) Skont l-Artikolu 1, l-ittra 999 tal-Liġi Nru 296 tas-27 ta' Diċembru 2006 u l-Artikolu 1, l-ittra e) tad-Digriet Amministrattiv 430/1997.
([30]) Ir-rata ta' redditu mixtieqa għal investitur ta' ekwità minħabba l-profil tar-riskju tal-kumpanija u l-flussi ta' flus assoċjati.

(55) B'mod partikolari, skont id-Direttiva CIPE, il-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi, in-nollijiet massimi u l-kumpens iridu jiġu definiti biex jagħtu lill-fornitur tas-servizz kopertura sħiħa tal-kostijiet ammissibbli kollha, skont l-ekwazzjoni li ġejja:

$$VA(RSP) + VA(AI(X)) = VA(CA)$$

fejn:

— *VA(RSP)* huwa l-valur skontat tal-kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku;

— *VA(AI(X))* huwa l-valur skontat ta' dħul ieħor (irċevuti tan-nollijiet u oħrajn);

— *(VA(CA))* huwa l-valur skontat tal-kostijiet operatorji ammissibbli, tar-ripagament tad-dejn u tar-redditu fuq il-kapital.

(56) F'każ li l-ekwazzjoni ta' hawn fuq ma tapplikax, il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet sussidjati jista' jitnaqqas, inkella l-organizzazzjoni tas-servizz (eż. it-tip ta' bastimenti) tista' tiġi riveduta, jew il-limiti massimi tan-nollijiet jistgħu jiġu mmodifikati.

(57) Barra minn hekk, il-limitu massimu tan-nollijiet applikabbli għal kull servizz, nett mit-taxxi u mid-dovuti tal-portijiet, jiġi aġġustat kull sena fuq il-bażi ta' formula tal-limitu massimu fuq il-prezzijiet kif ġej:

$$\Delta T = \Delta P - X$$

fejn:

— *ΔT* hija t-tibdil perċentwali annwali fil-limitu massimu tan-nollijiet;

— *ΔP* hija r-rata tal-inflazzjoni għas-sena ta' referenza;

— *X* hija rata annwali reali ta' aġġustament tal-limitu massimu tan-nollijiet, stabbilita fil-Konvenzjoni jew fil-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku, li tibqa' kostanti matul id-durata tal-Konvenzjoni jew tal-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku.

(58) Id-Direttiva CIPE tispeċifika wkoll li l-limitu massimu tan-nollijiet jista' jiġi aġġustat sabiex jirrifletti l-varjazzjonijiet fil-kostijiet tal-fjuwil, billi jittieħdu l-prezzijiet standard disponibbli pubblikament bħala referenza.

2.3.2. *Estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar*

(59) Fis-16 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni approvat l-għajnuna għas-salvataġġ lil Tirrenia u Siremar ("id-Deċiżjoni tal-2010") ([31]). L-għajnuna kienet tikkonsisti f'garanzija fuq linji ta' kreditu pprovduti minn banek privati għal ammont sa EUR 95 000 000. L-Italja impenjat ruħha li tikkomunika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-awtorizzazzjoni tal-miżura ta' għajnuna għas-salvataġġ, pjan ta' ristrutturar jew prova li s-self kien ġie rrimborżat kollu u/jew li l-garanzija kienet ġiet itterminata.

(60) Sussegwentement, il-banek privati, *Banca Infrastrutture Innovazione e Sviluppo* ('BIIS') u Unicredit, awtorizzaw linja ta' kreditu ta' EUR 40 000 000 lil Tirrenia u Siremar (jiġifieri EUR 25 000 000 għal Tirrenia u EUR 15 000 000 għal Siremar), bid-data tal-maturità stabbilita għat-30 ta' Ġunju 2011. L-Istat iggarantixxa dik il-linja ta' kreditu fil-15 ta' Frar 2011.

(61) Il-finanzjament imbagħad ġie żborżat kif ġej:

(a) l-ewwel pagament parzjali fit-28 ta' Frar 2011 (EUR 20 000 000 għal Tirrenia u EUR 12 000 000 għal Siremar);

(b) it-tieni pagament parzjali fit-23 ta' Marzu 2011 (EUR 5 000 000 għal Tirrenia u EUR 3 000 000 għal Siremar).

(62) L-Italja informat lill-Kummissjoni li, billi l-ewwel pagament parzjali tas-self garantit ġie żborżat biss fit-28 ta' Frar 2011, il-perjodu ta' sitt xhur għall-iżborż tiegħu skont il-paragrafu 25(a) tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tad-ditti f'diffikultà ("il-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar") ([32]) u skont il-premessi (32) u (47) tad-Deċiżjoni tal-2010, jgħaddi fit-28 ta' Awwissu 2011.

(63) Qabel dik id-data, Tirrenia u Siremar naqsu mill-obbligi tas-self tagħhom u, b'riżultat ta' dan, fil-11 ta' Lulju 2011, BIIS talab il-garanzija tal-Istat. F'din id-data, għalhekk, Siremar kellha dejn lejn l-Istat ta' EUR 15 121 838,33. Dan jinkludi kemm l-ammont prinċipali tas-self rispettiv kif ukoll l-imgħax pendenti dovut lill-bank.

([31]) ĠU C 102, 2.4.2011, p. 1.
([32]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

(64) Il-Qorti tal-Fallimenti awtorizzat l-inklużjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija fost il-krediturі preferenzjali (‘*prededucibili*’) ta’ Tirrenia u Siremar. Skont l-awtoritajiet Taljani, il-Kummissarju Straordinarju inkarigat mit-tmexxija tal-kumpanija kkunsidra f’dak iż-żmien li Siremar setgħet tirrimborża l-finanzjament sat-28 ta’ Awwissu 2011, billi użat ir-rikavat mill-privatizzazzjoni ppjanata tal-fergħat kummerċjali ta’ Tirrenia u Siremar.

(65) Fil-25 ta’ Lulju 2011 ġie ffirmat il-kuntratt għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta’ Tirrenia lil CIN. Madankollu, it-trasferiment tal-assi u, b’hekk, anke l-ħlas, ittardjaw, l-aktar minħabba diffikultajiet sabiex jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa għall-fużjoni (l-ewwel mill-Kummissjoni, imbagħad mill-awtorità tal-kompetizzjoni Taljana, l-*Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato* (“AGCM”). L-AGCM eventwalment approvat it-tranżazzjoni ta’ Tirrenia – CIN fil-21 ta’ Ġunju 2012, u l-bejgħ ġie ffinalizzat fid-19 ta’ Lulju 2012. Fl-20 ta’ Ottubru 2011 ġie ffirmat il-kuntratt għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta’ Siremar lil CdI. Madankollu, it-trasferiment ta’ dawk l-assi ġie ttardjat ukoll, f’dan il-każ sal-1 ta’ Awwissu 2012 (ara l-premessi (93) sa (95)). Fit-18 ta’ Settembru 2012, Siremar ħallset lura d-dejn tagħha lill-Istat, inkluż l-imgħax, għal ammont totali ta’ EUR 15 511 529,35.

2.3.3. *Il-privatizzazzjoni ta’ Siremar, il-kontrogaranzija, u ż-żieda fil-kapital ta’ CdI*

(66) Fit-23 ta’ Diċembru 2009, Fintecna ppubblikat l-ewwel sejħa għall-offerti għall-bejgħ tal-kapital azzjonarju kollu ta’ Tirrenia, inkluża s-sussidjarja tagħha Siremar. Fid-19 ta’ Frar 2010, kienu waslu 16-il espressjoni ta’ interess minn 19-il entità. Fl-4 ta’ Awwissu 2010, wara li fallew in-negozjati mal-uniku offerent li ppreżenta offerta vinkolanti, Fintecna ddikjarat l-għeluq tal-proċedura. Skont l-Italja, in-negozjati fallew minħabba tħassib relatat mal-elementi finanzjarji tal-offerta.

(67) Wara l-falliment tal-ewwel tentattiv ta’ privatizzazzjoni, Tirrenia u Siremar, li kienu qed jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji serji, it-tnejn li huma ġew ammessi fil-proċedura ta’ insolvenza kollettiva prevista skont il-liġi Taljana għal kumpaniji kbar, l-ħekk imsejħa proċedura ta’ amministrazzjoni straordinarja (“*amministrazione straordinaria*”) u ftit wara ġew iddikjarati insolventi. B’mod aktar speċifiku, Siremar ġiet ammessa għall-proċedura ta’ amministrazzjoni straordinarja fis-17 ta’ Settembru 2010. Fil-5 ta’ Ottubru 2010, il-Qorti ta’ Ruma tat is-sentenza Nru. 381/2010, li permezz tagħha ddikjarat lil Siremar insolventi.

2.3.3.1. Ir-regoli tal-proċedura ta’ amministrazzjoni straordinarja

(68) Għall-kuntrarju tal-proċedura ta’ falliment normali, li l-għan primarju tagħha huwa li tillikwida l-kumpanija insolventi sabiex tissodisfa l-pretensjonijiet tal-krediturі, il-proċedura ta’ amministrazzjoni straordinarja, stabbilita mid-Digriet Amministrattiv Nru. 270 tat-8 ta’ Lulju 1999 (“id-Digriet Amministrattiv 270/1999”), hija proċedura ta’ insolvenza speċifika għal kumpaniji kbar, li għandha l-għan li tissalvagwardja l-assi u tiżgura l-kontinwazzjoni tan-negozju.

(69) Skont din il-proċedura, il-ġestjoni tal-kumpanija insolventi tiġi ttrasferita lil Kummissarju Straordinarju li jinħatar mill-Ministeru responsabbli. Il-Kummissarju Straordinarju jipproponi pjan ta’ rkupru tan-negozju inkwistjoni, jew permezz tar-ristrutturar tiegħu jew inkella permezz tal-bejgħ tal-assi tiegħu. Il-pjan huwa soġġett għal awtorizzazzjoni preċedenti mill-Ministeru responsabbli, filwaqt li jikkunsidra l-opinjoni ta’ Bord Superviżorju (li l-membri tiegħu huma esperti maħtura mill-Ministeru).

(70) Id-Digriet Amministrattiv Nru. 347 tat-23 ta’ Diċembru 2003 li jistabbilixxi miżuri urġenti għar-ristrutturar ta’ kumpaniji insolventi kbar (“id-Digriet Amministrattiv 347/2003”), ikkonvertit b’emendi fil-Liġi Nru. 39 tat-18 ta’ Frar 2004 (il-“liġi Marzano”), jirregola l-proċedura ta’ amministrazzjoni straordinarja applikabbli għal kumpaniji insolventi kbar, li għandhom il-ħsieb li jgħaddu minn din il-proċedura ta’ ristrutturar. Dawn il-kumpaniji jridu jissodisfaw ukoll b’mod kumulattiv ċerti kriterji dwar l-għadd ta’ impjegati fis-sena preċedenti u l-livell ta’ dejn.

(71) Il-proċedura teħtieġ li l-kumpanija insolventi tippreżenta kemm applikazzjoni lill-Ministru Taljan għall-Iżvilupp Ekonomiku kif ukoll petizzjoni lill-Qorti kompetenti tal-fallimenti. Il-Ministeru mbagħad jiddeċiedi dwar l-ammissjoni tal-kumpanija insolventi għall-proċedura u jaħtar il-Kummissarju Straordinarju taħt is-superviżjoni tal-Bord Superviżorju, filwaqt li l-Qorti tal-fallimenti taċċerta l-istat ta’ insolvenza tal-kumpanija.

(72) Fi żmien 180 jum mill-ħatra tiegħu, il-Kummissarju Straordinarju jeħtieġlu jissottometti pjan ta’ ristrutturar lill-Ministeru. Il-proċedura ordinarja ta’ falliment titnieda biss fil-każ li l-Ministeru ma japprovax dan il-pjan ta’ ristrutturar u l-proċedura alternattiva ta’ bejgħ tal-assi ma tkunx vijabbli.

(73) L-Artikolu 4 (4-*quater*) tad-Digriet Amministrattiv Nru. 134 tat-28 ta’ Awwissu 2008 (“id-Digriet Amministrattiv 134/2008”), ikkonvertit fil-Liġi Nru. 166 tas-27 ta’ Ottubru 2008, li jikkonċerna miżuri urġenti għar-ristrutturar ta’ kumpaniji insolventi kbar (“*Disposizioni urgenti in materia di ristrutturazione di grandi imprese in crisi*”), introduċa diversi emendi fil-liġi Marzano. Dawn l-emendi huma applikabbli għal kumpaniji li jipprovdu servizzi pubbliċi

essenzjali, u jikkonċernaw, *inter alia*, il-possibbiltà li l-Kummissarju Straordinarju jidentifika xerrej tal-assi tal-kumpanija insolventi permezz ta' proċedura ta' negozjati mal-partijiet li tiggarantixxi l-kontinwità tas-servizz pubbliku fuq it-terminu medju u intervent rapidu. Id-Digriet Amministrattiv 134/2008 jispeċifika li l-prezz tal-bejgħ ma jistax ikun aktar baxx mill-valur tas-suq tal-assi kif stabbilit minn espert indipendenti maħtur permezz ta' Digriet Ministerjali.

(74) Id-Digriet Amministrattiv 134/2008 introduċa wkoll il-possibbiltà li jiġi segwit pjan ta' disponiment tal-assi immedjatament, meta mqabbel mar-reġim preċedenti, li kien jirrikjedi li l-kumpanija l-ewwel tissottometti pjan ta' ristrutturar lill-Ministeru. Fl-aħħar nett, id-Digriet Amministrattiv 134/2008 jistabbilixxi li, f'każ li ma jkunx jista' jiġi implimentat jew approvat pjan ta' disponiment tal-assi jew pjan ta' ristrutturar mill-Ministeru, il-kumpanija se tgħaddi mill-proċedura ordinarja ta' falliment.

2.3.3.2. Il-proċedura tal-bejgħ

(75) Fl-4 ta' Ottubru 2010, ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ([33]) miġbura flimkien mal-Konvenzjoni l-ġdida ta' tnax-il sena. L-għan ta' din is-sejħa kien li tivverifika jekk kienx hemm xi entità nazzjonali jew internazzjonali potenzjali interessata li takkwista l-fergħa kummerċjali ta' Siremar li setgħet tiggarantixxi l-kontinwità tas-servizzi tat-trasport. Hija ġiet ippubblikata fuq is-sit web ta' Siremar, fuq diversi gazzetti ([34]) u fuq siti web speċjalizzati magħżula ([35]). Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni ta' espressjonijiet ta' interess fix-xiri tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kienet l-20 ta' Ottubru 2010.

(76) Mal-iskadenza tad-data tal-għeluq, sitt partijiet (tnejn minnhom b'mod konġunt) kienu ssottomettew ħames espressjonijiet ta' interess biex jipparteċipaw fl-offerta ta' Siremar. Dawn il-partijiet kollha wrew li huma ssodisfaw ir-rekwiżit stabbilit fl-avviż tas-sejħa għall-offerti. Għalhekk, il-Kummissarju Straordinarju stedinhom iwettqu kontroll tad-diliġenza dovuta fil-fond fuq il-fergħa kummerċjali ta' Siremar. L-aċċess għad-dokumentazzjoni rilevanti ngħata bil-kundizzjoni li l-partijiet interessati jiffirmaw ftehimiet ta' kunfidenzjalità.

(77) Waħda mis-sitt partijiet iddeċidiet li ma tiħux sehem fil-faži tad-diliġenza dovuta ([36]). Matul dik il-faži, il-ħames partijiet li kien fadal (li tnejn minnhom ressqu offerti b'mod konġunt) kellhom aċċess għall-kmamar tad-*data* virtwali li fihom dawn li ġejjin:

(a) informazzjoni teknika, legali u finanzjarja dettaljata tal-fergħa kummerċjali mqiegħda għall-bejgħ;

(b) il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, imħejji mill-Kummissarju Straordinarju;

(c) ir-rapport tal-bejjiegħ dwar id-diliġenza dovuta u l-karta tal-bilanċ tal-kumpanija fid-data tal-ammissjoni għall-proċedura ta' amministrazzjoni straordinarja;

(d) l-abbozz il-ġdid tal-Konvenzjoni ta' tnax-il sena li għandu jiġi ffirmat bejn l-offerent rebbieħ u l-Istat;

(e) informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex ix-xerrejja potenzjali jkunu jistgħu jivvalutaw b'mod korrett l-oġġett tal-bejgħ.

(78) Permezz tad-Digriet Ministerjali tal-4 ta' Frar 2011, il-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku ħatar lil Banca Profilo S.p.A. bħala l-espert indipendenti inkarigat biex iwettaq valwazzjoni tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u ta' Siremar skont l-Artikolu 4(4-*quater)* tad-Digriet Amministrattiv 347/2003.Fit-8 ta' Marzu 2011, Banca Profilo S.p.A. għamel stima tal-valur tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar bħala ta' EUR 55 miljun.Din l-informazzjoni ttellgħet fil-kamra tad-data għall-offerenti potenzjali kollha qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' offerti vinkolanti.

(79) Fil-15 ta' Marzu 2011, mal-iskadenza tad-data tal-għeluq inizjali għas-sottomissjoni ta' offerti vinkolanti, il-Kummissarju Straordinarju ta' Siremar innota li huwa ma kien irċieva l-ebda offerta konsistenti mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar l-offerti. Għalhekk, il-proċedura reġgħet infetħet, b'data tal-għeluq ġdida tal-5 ta' April 2011. F'dik id-data, CdI ħarġet offerta ta' EUR 60,1 miljun, filwaqt li Ustica Lines talbet għal estensjoni tad-data tal-għeluq, sabiex tiggarantixxi l-finanzjament meħtieġ biex toħroġ l-offerta tagħha stess. Il-kummissarju straordinarju tella' l-offerta ta' CdI fil-kamra tad-*data* u stieden lill-parteċipanti l-oħrajn biex itejbuha sat-23 ta' Mejju 2011. L-offerti li ġejjin waslu sa dik id-data:

(a) Offerta ta' EUR 69 miljun minn CdI, li EUR 20 miljun minnhom huma pagabbli bil-quddiem u l-bqija differiti fuq għaxar snin (b'imgħax ta' 1,5 %);

(b) Offerta ta' EUR 55,1 miljun minn SNS, li EUR 30,1 miljun minnhom huma pagabbli bil-quddiem u l-bqija differiti fuq tmien snin (b'imgħax ta' 1,5 %).

([33]) Ara l-premessa (32) għal aktar sfond dwar l-użu tat-terminu "fergħa kummerċjali" f'dan il-kuntest.
([34]) The Financial Times, Il Corriere della Sera, Il Sole 24 Ore, La Repubblica, Il Giornale, Il Mattino, Il Giornale di Sicilia, La Sicilia u La Gazzetta del Sud.
([35]) Delloyd, Naftemporiki, Fairplay, Lloyd's List u Tradewinds.
([36]) Dik il-parti kienet D.B. Real Estate 2 S.r.l.

(80) CdI twaqqfet għall-fini ta' tressiq ta' offerti fil-proċedura minn Mediterranea Holding di Navigazione S.p.A. ("Mediterranea"), Davimar Eolia Navigazione S.r.l. ("Davimar"), Navigazione Generale Italiana S.p.A ([37]). ("NGI"), Lauro.it S.p.A., Isolemar S.r.l. u Riccardo Sanges & C. S.r.l ([38]). Mediterranea kellhom sehem ta' ekwità ta' 60 % f'CdI ([39]). L-azzjonisti l-oħrajn li kellhom l-40 % li jifdal tal-ekwità ta' CdI kienu proprjetà privata. Mediterranea pparteċipat fil-proċedura għall-ewwel tentattiv ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia (ara l-premessa (66)) u kienet proprjetà tar-Reġjun ta' Sqallija ("Sqallija") (43,02 %), ta' Lauro.it S.p.A. (34,36 %), ta' Isolemar S.r.l. (14,61 %) u ta' Acies S.r.l. (8,11 %).

(81) SNS twaqqfet għall-fini ta' tressiq ta' offerti fil-proċedura minn Ustica Lines S.p.A ([40]). u Caronte & Tourist S.p.A ([41]) (sehem ta' 50 % kull waħda).

(82) Fis-26 ta' Lulju 2011, wara talbiet ulterjuri għal informazzjoni liż-żewġ offerenti, bid-data tal-għeluq tat-18 ta' Lulju 2011, il-konsulent finanzjarju għall-proċedura għamel ir-rimarki li ġejjin:

(a) l-offerta ta' CdI kienet ogħla f'termini assoluti minn dik ta' SNS, madankollu, il-profil tar-riskju ta' din tal-aħħar kien aktar baxx minn dak tal-ewwel;

(b) il-parti tal-prezz tal-bejgħ offruta bil-quddiem minn SNS, jiġifieri EUR 30,1 miljun, kienet kompletament garantita, filwaqt li l-parti tal-prezz tal-bejgħ offruta minn CdI, jiġifieri EUR 20 miljun, kienet biss parzjalment garantita;

(c) SNS kienet diġà approvat u implimentat żieda fil-kapital ta' EUR 25 miljun, meta mqabbla maż-żieda fil-kapital ta' EUR 12-il miljun li kienet ġiet approvata, iżda implimentata biss parzjalment, minn CdI.

(83) Fit-3 ta' Awwissu 2011, Sqallija ħarġet kontrogaranzija inkondizzjonata u irrevokabbli lil Unicredit, mingħajr ebda remunerazzjoni, għal EUR 40 miljun. Dik il-kontrogaranzija tinnota li Unicredit ikkundizzjonat l-għoti ta' garanzija lil CdI għal EUR 39 miljun fuq l-għoti ta' kontrogaranzija għal EUR 40 miljun minn Sqallija.

(84) Fil-5 ta' Awwissu 2011, CdI bagħtet ittra ta' konfort lill-Kummissarju Straordinarju, maħruġa fl-istess jum minn Unicredit, li permezz tagħha l-bank impenja ruħu li jiggarantixxi l-pagamenti parzjali differiti tal-prezz tal-bejgħ offrut minn CdI sa EUR 39 miljun ([42]). L-ittra ta' konfort ta' Unicredit tispjega li l-garanzija kienet kundizzjonali fuq: 1) l-iffirmar minn CdI tal-kuntratt tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar qabel id-data tal-għeluq tal-31 ta' Diċembru 2011, u 2) il-verifika tas-setgħat tal-Kontabilist Ġenerali ta' Sqallija biex joħroġ il-kontrogaranzija.

(85) Il-konsulent finanzjarju u konsulenti oħrajn involuti fil-proċedura kkonfermaw li d-dokumenti kienu ġew sottomessi minn CdI wara d-data tal-għeluq tat-18 ta' Lulju 2011 għas-sottomissjoni ta' kjarifiki addizzjonali u evidenza dokumentarja u, għalhekk, ma setgħux jiġu kkunsidrati. Konsegwentement, fid-29 ta' Awwissu 2011, il-Bord Superviżorju għal Siremar f'EA approva l-għoti tal-fergħa kummerċjali lil SNS u fl-1 ta' Settembru 2011, il-Kummissarju Straordinarju talab lill-Ministeru responsabbli biex jawtorizza dak l-għoti.

(86) Fit-2, is-6 u s-7 ta' Settembru 2011, Sqallija baghtet ittri lill-istess Ministeru, fejn enfasizzat li CdI kienet offriet l-ogħla prezz u kienet parzjalment proprjetà ta' Sqallija, li jenħtieġ li titqies bħala garanzija suffiċjenti għall-istabbiltà finanzjarja tagħha. Sqallija baghtet ukoll direttament lill-Ministeru: l-ittra ta' konfort ta' Unicredit, il-kontrogaranzija tagħha stess, u pariri legali li jagħtu xhieda tas-setgħat tal-Kontabilist Ġenerali li joħroġ dik il-kontrogaranzija. Fit-8 ta' Settembru 2011, il-Ministeru talab lill-Kummissarju Straordinarju jipprovdi aktar informazzjoni u kjarifiki dwar is-sottomissjoni ta' CdI, mingħajr ħsara għad-dewmien tas-sottomissjoni tad-dokumenti kkonċernati. Fit-22 ta' Settembru 2011, il-konsulent finanzjarju kkomunika lill-Kummissarju Straordinarju li, minkejja n-nuqqas ta' osservanza minn CdI tal-iskadenzi proċedurali, id-dokumentazzjoni l-ġdida naqqset b'mod konsiderevoli l-profil tar-riskju ta' CdI, li kien ifisser li l-valur preżenti tal-offerta ta' SNS ma setax jibqa' jitqies aktar vantaġġjuż minn dak ta' CdI.

(87) Fis-26 ta' Settembru 2011, il-Ministeru staqsa lill-*Presidenza del Consiglio* dwar jekk il-kontrogaranzija tal-obbligi finanzjarji ta' CdI minn Sqallija tistax tqajjem xi tħassib dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-*Presidenza del Consiglio* kkonfermat li, minħabba li Unicredit ikkundizzjonat id-deċiżjoni tagħha li tipprovdi garanzija fuq kontrogaranzija minn Sqallija, il-kontrogaranzija kellha tiġi vvalutata skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji ("l-Avviż dwar il-Garanziji") ([43]).

([37]) Bħalissa parti minn Caronte & Tourist Group.
([38]) Aktar tard biddlet isimha għal Sicilia Occidentale Marittima S.r.l.
([39]) Aktar tard żdied għal 65,32 %.
([40]) Fit-13 ta' April 2016, Ustica Lines biddlet isimha għal Liberty Lines.
([41]) Fl-1 ta' Settembru 2016, SNS inqasmet bejn Caronte & Tourist, li topera r-rotot tas-servizzi mħalltin tal-Konvenzjoni l-ġdida, u Liberty Lines, li topera r-rotot tal-passiġġieri biss tal-Konvenzjoni l-ġdida. Bħalissa, kull kumpanija qed topera l-linji rispettivi b'mod awtonomu, b'SNS S.p.A. issir *SNS Società Consortile per Azioni* u sempliċiment taġixxi bħala ċentru ta' koordinazzjoni għar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet Taljani u Sqallin.
([42]) L-ittra ta' konfort hija l-weghda li jinhareġ kuntratt ta' garanzija formali ("*fidejussione*") fil-ġejjieni, taħt ċerti ċirkostanzi. Madankollu, l-ittra ta' konfort ta' Unicredit torbot lill-mittent u, għalhekk, tista' titqies bħala garanzija skont il-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat.
([43]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

(88) Fis-27 ta' Settembru 2011, il-Kummissarju Straordinarju talab awtorizzazzjoni mill-Ministeru biex iniedi fażi addizzjonali tal-proċedura. Wara li rċieva tali awtorizzazzjoni, fid-29 ta' Settembru 2011, il-konsulent finanzjarju stieden lil CdI u SNS jissottomettu offerti vinkolanti ġodda u mtejba sat-13 ta' Ottubru 2011.

(89) CdI ssottomettiet offerta ġdida u mtejba, strutturata kif ġej:

(a) prezz tal-bejgħ ta' EUR 69,15 miljun, pagabbli EUR 34,65 miljun bil-quddiem u l-bqija differiti (EUR 13,8 miljun fi tmiem it-tielet sena, EUR 10,35 miljun fi tmiem is-sitt sena, EUR 10,35 miljun fi tmiem it-tmien sena, b'imgħax ta' 1,5 %);

(b) Bħala garanzija tal-prezz tal-bejgħ: ittra ta' konfort tat-12 ta' Ottubru 2011 minn Unicredit (impenn li jiġi ggarantit l-ammont tal-pagamenti differiti tal-prezz tal-bejgħ ġdid offrut minn CdI, jiġifieri EUR 34,5 miljun); awtentikazzjoni notarili tar-riżoluzzjoni tal-azzjonisti biex jiżdied il-kapital sa EUR 21,48 miljun (ara t-Taqsima 2.3.3.4); żewġ ittri ta' MPS Capital Services, li jimpenjaw ruħhom li jiffinanzjaw l-ewwel pagament parzjali tal-prezz tal-bejgħ (sa EUR 20 miljun) u jestendu l-garanzija preċedenti ta' EUR 5 miljun fuq l-offerta tat-23 ta' Mejju 2011.

(90) SNS ikkonfermat l-offerta li kienet issottomettiet fit-23 ta' Mejju 2011.

(91) Fit-13 ta' Ottubru 2011, l-amministrazzjoni straordinarja u l-konsulenti tagħha nnotaw li l-offerta minn CdI kienet konsistenti mal-valur tal-fergħa kummerċjali kif stmat minn Banca Profilo u kienet finanzjarjament aktar vantaġġuża mill-offerta magħmula minn SNS. Barra minn hekk, il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju mehmuż mal-offerta ta' CdI kien konformi mar-rekwiżiti u kien hemm evidenza adegwata biex jiġi pprovat li CdI tista' tiżgura l-kontinwità tas-servizz pubbliku marittimu. Għalhekk, il-Kummissarju Straordinarju talab lill-Ministeru biex jagħti l-offerta lil CdI.

(92) Fl-14 ta' Ottubru 2011, il-Bord Superviżorju ta l-opinjoni favorevoli tiegħu u l-Ministeru awtorizza l-għoti tal-offerta lil CdI.

(93) Fl-20 ta' Ottubru 2011, il-Kummissarju Straordinarju ta' Siremar u CdI ffirmaw il-kuntratt għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Madankollu, fit-22 ta' Novembru 2011, SNS appellat id-deċiżjoni tal-Kummissarju Straordinarju li jagħti l-fergħa kummerċjali lil CdI quddiem it-*Tribunale Amministrativo Regionale* ta' Lazio ("TAR").

(94) Fis-7 ta' Ġunju 2012, it-TAR ta' Lazio ddeċieda li l-kontrogaranzija minn Sqallija lil Unicredit ta' parti mill-prezz tal-bejgħ offrut minn CdI kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, irrispettivament minn jekk fl-aħħar mill-aħħar kinitx ġiet eżegwita jew irtirata ("id-Deċiżjoni 5172/2012"). It-TAR iddikjara l-proċedura tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar bħala parzjalment nulla ([44]).

(95) Mediterranea appellat dik id-deċiżjoni fil-*Consiglio di Stato* ("CdS"). Permezz ta' ordni provviżorja tat-18 ta' Lulju 2012, dan tal-aħħar issospenda l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 5172/2012 (mingħajr ma ddeċieda dwar il-mertu tal-appell). Għalhekk, fit-30 ta' Lulju 2012, CdI ffirmat il-Konvenzjoni l-ġdida għall-operat tas-servizz pubbliku, u fl-1 ta' Awwissu 2012, il-Kummissarju Straordinarju ttrasferixxa l-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil CdI.

(96) Fis-7 ta' Frar 2014, is-CdS iddeċieda dwar il-mertu tal-appell imressaq minn Mediterranea u kkonkluda li l-kontrogaranzija pprovduta minn Sqallija ma kinitx osservat il-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali ("id-Deċiżjoni 592/14"). Fid-deċiżjoni tiegħu, is-CdS iddeċieda li l-kontrogaranzija kienet ipperikolat l-effettività sħiħa tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn iż-żewġ parteċipanti fl-offerta u ddikjara, għalhekk, il-proċedura tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar bħala parzjalment nulla (billi annulla l-att tal-għoti tal-offerta lil CdI). B'mod partikolari, il-garanzija minn Unicredit kienet *de facto* kundizzjonali fuq il-ħruġ tal-kontrogaranzija minn Sqallija, anke jekk tal-ewwel ma semmietx espliċitament lil tal-aħħar (ara t-Taqsima 2.3.3.5).

(97) Il-kuntratt tal-bejgħ iffirmat minn CdI mal-Istat Taljan wara l-offerta ma ġiex annullat bis-sentenza tas-CdS. Tabilħaqq, dan tal-aħħar annulla biss l-għoti, minħabba li dan kien att amministrattiv, iżda la annulla l-kuntratt tal-bejgħ u lanqas il-Konvenzjoni l-ġdida, li kienu kuntratti ta' dritt ċivili. Għalhekk, CdI kompliet topera s-servizz pubbliku kif stabbilit fil-Konvenzjoni l-ġdida ([45]).

(98) Fid-9 ta' Frar 2015, fuq talba mill-awtoritajiet Taljani u minn SNS, it-TAR ta' Lazio ddeċieda dwar l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni preċedenti tiegħu ta' Ġunju 2012 u tad-deċiżjoni ta' Frar 2014 mis-CdS ("id-Deċiżjoni 2351/15"). Fid-deċiżjoni tiegħu, it-TAR ta' Lazio ddeċieda li l-aħħar fażi tal-proċedura tal-bejgħ ta' Siremar kellha

([44]) B'mod partikolari, id-Deċiżjoni 5172/2012 annullat l-awtorizzazzjoni mill-Ministeru lill-Kummissarju Straordinarju biex jagħti l-fergħa kummerċjali lil CdI.

([45]) CdI appellat ukoll għad-Deċiżjoni 592/14, kemm għal retrazzjoni mis-CdS innifsu (miċħuda fl-4 ta' Lulju 2014), kif ukoll għal annullament mill-*Corte di Cassazione* (miċħuda fit-12 ta' Jannar 2016, bil-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fl-4 ta' Frar 2016).

bżonn terġa' titnieda mid-29 ta' Settembru 2011 'il quddiem ([46]). It-TAR ta' Lazio kkonferma li jenħtieġ li CdI tiġi eskluża minn din il-fażi l-ġdida tal-proċedura. It-TAR ta' Lazio ddeċieda wkoll li l-Ministeru tal-Ekonomija kellu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jippermetti t-tnedija mill-ġdid tal-proċedura fi żmien 120 jum mid-data tas-sentenza.

(99) Sabiex tiġi implimentata s-sentenza tat-TAR ta' Lazio, Siremar f'EA:

— eskludiet l-offerta ta' CdI mill-proċedura;

— ivverifikat ma' SNS li l-offerta tagħha tat-23 ta' Mejju 2011 ta' EUR 55,1 miljun kienet għadha tapplika (ikkonfermata minn SNS fid-19 ta' Jannar 2016);

— ivverifikat li l-offerta ta' SNS kienet konformi mar-rekwiżiti meħtieġa f'termini tal-forniment ta' servizzi pubbliċi u mal-leġiżlazzjoni applikabbli;

— ivverifikat il-valur tal-assi permezz ta' rapport ġdid ikkummissjonat lil Ecorys ("it-Tieni Rapport ta' Ecorys"), li stima valur ta' EUR 34,4-39,9 miljun (ara l-premessa (122));

— irrevokat il-kuntratt tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ma' CdI u ttrasferixxiet lil SNS id-dejn ta' EUR 37,1 miljun, li diġà tħallas minn CdI ([47]);

— wara li rċeviet l-awtorizzazzjoni tal-Ministeru fis-6 ta' April 2016, tat il-fergħa kummerċjali lil SNS fil-11 ta' April 2016.

(100) Fl-istess data, SNS u l-Ministeru tat-Trasport iffirmaw il-konvenzjoni l-ġdida.

2.3.3.3. Il-kuntratt ta' bejgħ ma' SNS

(101) Il-kuntratt ta' bejgħ bejn Siremar f'EA u SNS jiddefinixxi l-fergħa kummerċjali ta' Siremar li ġiet ittrasferita bħala l-fergħa tal-kumpanija ddedikata għall-forniment ta' servizzi tat-trasport marittimu skont l-obbligi ta' servizz pubbliku li għaddejjin ([48]). B'mod partikolari, l-Artikolu 4 jispeċifika li l-assi tal-fergħa kummerċjali huma elenkati f'anness, u jkopru l-assi intanġibbli ([49]) u tanġibbli ([50]) kollha użati mill-kumpanija fit-twettiq tal-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku.

(102) Skont l-Artikolu 5 tal-kuntratt ta' bejgħ, il-prezz tal-bejgħ ta' EUR 55,1 miljun huwa pagabbli kif ġej:

(a) EUR 37,1 miljun mill-iffirmar tal-kuntratt tal-bejgħ (permezz tat-trasferiment tal-obbligu li tiġi rrimborżata CdI);

(b) Il-bqija tiegħu kien differit kif ġej, b'imgħax ta' 1,5 %: EUR 9 miljun, wara 72 xahar; EUR 9 miljun, wara 96 xahar.

(103) L-Artikolu 7(6)(d) tal-kuntratt ta' bejgħ jistabbilixxi li x-xerrej huwa kapaċi, f'konformità mal-paragrafu 4-*quarter* tal-Artikolu 4 tad-Digriet Amministrattiv 347/2003, jiggarantixxi l-kontinwità tas-servizz fuq terminu medju.

(104) L-Artikolu 7(9) tal-kuntratt ta' bejgħ jispeċifika li x-xerrej se jagħmel offerti ta' impjiegi ġodda lill-persunal amministrattiv u tal-ekwipaġġ kollu okkupat fl-operat tal-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jqis il-kwalifiki miksuba u/jew l-ekwivalenza tad-deskrizzjonijiet tal-impjiegi, kif ukoll ftehimiet possibbli mat-trade unions. Dak l-artikolu jispeċifika wkoll li, kif meħtieġ mill-Artikolu 63(2) tad-Digriet Amministrattiv 270/1999, ix-xerrej għandu joqgħod lura minn kwalunkwe sensja mhux dixxiplinarja għal perjodu ta' sentejn (il-"kundizzjoni tal-forza tax-xogħol"). Skont l-Artikoli 7(11) u 7(12) tal-kuntratt ta' bejgħ, ix-xerrej huwa obbligat li jinforma regolarment lill-bejjiegħ dwar l-osservanza ta' dawn l-obbligi, b'penali sinifikanti li għandhom jitħallsu f'każ ta' ksur.

(105) L-Artikolu 8(12) tal-kuntratt ta' bejgħ jispeċifika li, f'konformità mal-Artikolu 63(5) tad-Digriet Amministrattiv 270/1999, is-sid il-ġdid mhux se jkun responsabbli li jħallas lura kwalunkwe wieħed mid-djun imġarrba minn Siremar qabel it-trasferiment tal-fergħa kummerċjali.

([46]) Dik kienet id-data meta l-konsulent finanzjarju stieden lil CdI u SNS jissottomettu offerta inkrementali finali, bħala riżultat tal-aċċettazzjoni tal-garanzija (u tal-kontrogaranzija) sottomessa minn CdI fil-5 ta' Awwissu 2011 minn Siremar f'EA (ara l-premessa (88)).

([47]) EUR 34,6 miljun, flimkien mal-imgħax u l-inflazzjoni.

([48]) Il-kuntratt ta' bejgħ preċedenti konkluż bejn Siremar f'EA u CdI għandu dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet simili ħafna. Il-biċċa l-kbira tad-differenzi bejn il-kuntratti huma riżultat tal-kuntest differenti għat-trasferiment, notevolment il-prezz u t-twaqqit differenti.

([49]) Id-drittijiet tal-privattivi u tal-proprjetà intellettwali; konċessjonijiet, liċenzji, trademarks u drittijiet simili; assi intanġibbli oħrajn.

([50]) Sistemi u makkinarju; tagħmir industrijali u kummerċjali; assi tanġibbli oħrajn.

2.3.3.4. Iż-żieda fil-kapital

(106) Fit-13 ta' Ottubru 2011, l-azzjonisti ta' CdI impenjaw ruħhom li jżidu l-kapital tagħha sa EUR 21 480 236. Fit-3 ta' Frar 2012, Mediterranea, l-azzjonista maġġoritarja b'aktar minn 60 % tal-ishma ta' CdI, wettqet żieda fil-kapital hija stess, li wasslet biex Sqallija ma għadhiex azzjonista maġġoritarja, bis-sehem tagħha jitnaqqas għal madwar 43 %.

(107) Iż-żieda fil-kapital ta' CdI seħħet waqt li Sqallija kienet l-azzjonista maġġoritarja ta' Mediterranea, li min-naħa tagħha kienet (u għadha) l-azzjonista maġġoritarja ta' CdI. L-objettiv taż-żieda fil-kapital kien li tinkiseb il-fergħa kummerċjali ta' Siremar u li titħaddem il-konvenzjoni l-ġdida.

2.3.3.5. Il-kontrogaranzija

(108) Matul il-privatizzazzjoni, Sqallija ħarġet kontrogaranzija favur Unicredit.

(109) L-ewwel nett, fit-3 ta' Awwissu 2011, kif deskritt fil-premessa (83), Sqallija ħarġet kontrogaranzija favur Unicredit, li ppermettiet lil din tal-aħħar toħroġ, jumejn wara, ittra ta' konfort li permezz tagħha impenjat ruħha li tiggarantixxi l-ħlasijiet parzjali differiti tal-prezz tal-bejgħ offrut minn CdI (jiġifieri EUR 39 miljun). Dik l-ittra kkundizzjonat b'mod espliċitu l-validità tal-garanzija tagħha għall-validità tal-kontrogaranzija minn Sqallija.

(110) It-tieni, fis-7 ta' Ottubru 2011, fi stadju aktar tard tal-proċedura, Sqallija kkonfermat id-disponibbiltà tagħha li toħroġ kontrogaranzija fuq il-ħlasijiet differiti tal-prezz tal-bejgħ ġdid sa ammont ta' EUR 34,6 miljun. Fit-12 ta' Ottubru 2011, Sqallija mmodifikat il-kontrogaranzija tat-3 ta' Awwissu 2011, sabiex b'ħekk tiggarantixxi ħlasijiet sa EUR 36 miljun. Fl-istess jum, Unicredit ħarġet it-tieni ittra ta' konfort li ġiet inkluża fl-offerta ta' suċċess minn CdI deskritta fil-premessa (89), mingħajr ma semmiet li l-kontrogaranzija minn Sqallija kienet għadha tapplika, kif emendata.

(111) Fl-20 ta' Novembru 2011, il-kontrogaranzija ta' Sqallija ġiet sostitwita minn kontrogaranzija mill-azzjonisti kollha ta' CdI. Fil-31 ta' Jannar 2012, Sqallija baqgħtet ittra lil Siremar f'EA li fiha ddikjarat li l-kontrogaranzija tat-12 ta' Ottubru 2011 għandha titqies bħala li ġiet imsejħa lura. Fit-3 ta' Frar 2012, Unicredit ħarġet nota li tikkonferma li l-garanzija tagħha tal-pagamenti parzjali differiti tal-prezz tal-bejgħ ma kinitx kundizzjonali fuq kontrogaranzija minn Sqallija.

2.3.3.6. L-istudju ta' Banca Profilo

(112) Kif deskritt hawn fuq (ara l-premessa (78)), Banca Profilo nħatar mill-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku bħala l-esperta indipendenti inkarigata biex twettaq valwazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar skont l-Artikolu 4(4-quater) tal-liġi Marzano. Fit-8 ta' Marzu 2011, Banca Profilo ħareġ rapport li fih iddeskriviet il-metodoloġiji ta' valwazzjoni u d-*data* li kienet użat, li kienu jinkludu l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' Siremar stess għall-perjodu 2011-2022. Dan ir-rapport kien jinkludi firxa stmata ta' valuri għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar.

(113) Il-valwazzjonijiet ta' Banca Profilo huma bbażati fuq diversi suppożizzjonijiet, fosthom, l-aktar notevoli, li l-kuntratt ġdid ta' servizz pubbliku japplika sal-iskadenza tiegħu u li, b'riżultat ta' dan, il-fergħa kummerċjali ta' Siremar tirċievi kumpens għas-servizz pubbliku għall-operat tal-konnessjonijiet tat-trasport marittimu stabbiliti f'dak il-kuntratt. Fir-rapport ta' valwazzjoni tiegħu, Banca Profilo juża l-metodi tal-Fluss tal-Flus Skontat ("DCF") u tal-Valur Miżjud Ekonomiku ("EAV") bħala l-metodoloġiji ewlenin tagħha u l-metodi tal-Multipli tas-Suq u l-Ekwità bħala metodoloġiji sekondarji għall-finijiet ta' kontroll.

(114) Skont il-metodoloġija DCF, Banca Profilo iqis: (i) il-flussi tal-flus iġġenerati sad-data ta' skadenza tal-Konvenzjoni l-ġdida; (ii) il-valur tal-likwidazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar fil-jum tal-iskadenza tal-Konvenzjoni l-ġdida, abbażi tas-suppożizzjoni li mhux se jkun possibbli li l-operazzjonijiet jitkomplew wara dik id-data. Skont il-metodoloġija EAV, Banca Profilo jivvaluta: (i) il-valur kontabilistiku aġġustat; (ii) l-avvjament negattiv/pożittiv; (iii) il-valur tal-likwidazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar fil-jum tal-iskadenza tal-Konvenzjoni l-ġdida. Din il-valutazzjoni tiddependi fuq id-*data* mill-pjan industrijali tal-kumpanija u fuq il-kalkoli proprji ta' Banca Profilo.

(115) Fir-rigward tal-metodoloġiji sekondarji, dawn kienu jinkludu dawn li ġejjin. L-analiżi tal-Multipli tas-Suq hija bbażata fuq il-kalkoli ta' Banca Profilo bl-użu ta' data ta' Bloomberg għal disa' kumpaniji tat-trasport marittimu komparabbli. Il-Metodu tal-Ekwità jikkonsisti f'valutazzjoni tal-valur nett tal-assi kif irreġistrati fil-karta bilanċjali, iżda b'xi aġġustamenti fuq l-assi u l-obbligazzjonijiet u biż-żieda tal-valur stmat tal-assi immaterjali.

(116) Banca Profilo kkonkluda li l-valur tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar fiż-żmien tal-valutazzjoni tiegħu kien fil-medda ta' EUR 55 sa 61 miljun. B'riżultat ta' dan, il-prezz minimu għal din il-kumpanija jkollu jiġi stabbilit għal EUR 55 miljun.

2.3.3.7. L-Ewwel Rapport ta' Ecorys u t-Tieni Rapport ta' Ecorys

(117) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni fdat lil Ecorys bil-kompitu li tistabbilixxi l-valur fis-suq tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Il-konsulent intalab (i) jistabbilixxi l-valur fis-suq tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar flimkien mal-Konvenzjoni l-ġdida, (ii) jistabbilixxi l-valur fis-suq tal-fergħa kummerċjali mingħajr l-ebda kundizzjoni mehmuża u (iii) jistabbilixxi jekk il-kundizzjoni tal-forza tax-xogħol naqqsitx il-prezz tal-bejgħ.

(118) Sabiex jiġi ddeterminat il-valur tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar flimkien mal-Konvenzjoni l-ġdida, l-Ewwel Rapport ta' Ecorys applika l-metodoloġiji ewlenin użati wkoll minn Banca Profilo. B'mod partikolari, Ecorys applikat il-metodoloġiji tal-Fluss tal-Flus Skontat u tal-Valur Miżjud Ekonomiku.

(119) L-ewwel nett, Ecorys ikkonkludiet li, kieku l-fergħa kummerċjali ta' Siremar inbiegħet mingħajr l-ebda kundizzjoni mehmuża u, b'mod partikolari, mingħajr il-kuntratt il-ġdid għall-operat tas-servizz pubbliku, il-kumpanija kienet tinbiegħ bil-valur tal-likwidazzjoni tagħha, ([51]) jiġifieri EUR – 0,3 miljun. Ecorys innotat li dan il-valur tal-likwidazzjoni huwa negattiv u indikat li, għalhekk, likwidazzjoni immedjata (essenzjalment bejgħ tal-bastimenti) ma kinitx alternattiva vijabbli għal operatur f'ekonomija tas-suq. Ecorys ibbażat din il-konklużjoni fuq is-suppożizzjoni li l-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma setgħetx tkompli l-operazzjonijiet tagħha b'mod profittabbli mingħajr kumpens għas-servizz pubbliku. Ecorys iddeskriviet ir-rotot tas-servizz pubbliku operati kemm minn Tirrenia kif ukoll minn Siremar bħala *"operazzjonijiet li jagħmlu telf kbir ikkaratterizzati minn volumi baxxi ta' passiġġieri u kompletament dipendenti fuq il-finanzjament mill-Konvenzjonijiet"*. Barra minn hekk, Ecorys ikkunsidrat li *"l-possibbiltà li tinbidel il-kwalità tas-servizzi u aktar libertà sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-biljetti ma humiex kundizzjonijiet biżżejjed sabiex dawn ir-rotot isiru ekonomikament vijabbli mil-lat kummerċjali"*.

(120) It-tieni, sabiex tevalwa l-fergħa kummerċjali ta' Siremar flimkien mal-Konvenzjoni l-ġdida, Ecorys assumiet li l-Konvenzjoni l-ġdida ma tiġix estiża fid-data ta' skadenza tagħha u li, għalhekk, Siremar tiġi likwidata ([52]). Fuq din il-bażi, Ecorys iddeterminat li l-valur minimu fis-suq tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kien jammonta għal EUR 57 miljun (jiġifieri, 5 % ogħla mill-valwazzjoni ta' Banca Profilo).

(121) It-tielet, Ecorys qabblet il-persunal tal-fergħat kummerċjali kemm ta' Tirrenia kif ukoll ta' Siremar ma' dak ta' diversi kumpaniji tal-laneċ komparabbli u kkonkludiet li l-għadd ta' persunal u l-istruttura tal-kostijiet tal-persunal ta' Siremar *"huma simili għal dawn il-kumpaniji komparabbli, b'referenza għas-sehem tal-kostijiet lavorattivi tad-dħul totali* ([53]) *u l-proporzjon tal-kostijiet lavorattivi/persunal"* ([54]). Fuq din il-bażi, Ecorys ikkonkludiet li ma hemm l-ebda element li juri li l-kundizzjoni tal-forza tax-xogħol kellha xi impatt sinifikanti fuq il-valur tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar.

(122) Kif spjegat fil-premessa (99), l-Italja kkummissjonat ukoll it-Tieni Rapport ta' Ecorys qabel ma kkonkludiet il-proċedura tal-bejgħ ma' SNS, sabiex tivverifika li l-offerta mġedda ta' din tal-aħħar kienet tirrifletti l-valur fis-suq tal-fergħa kummerċjali, mogħnija bil-kuntratt tas-servizz pubbliku, mill-31 ta' Awwissu 2015. Dan it-Tieni Rapport ta' Ecorys, maħruġ fit-28 ta' Ottubru 2015, applika l-metodu tal-Fluss tal-Flus Skontat bħala l-għodda ta' evalwazzjoni ewlenija tiegħu u l-Metodu tal-Ekwità biex tiġi vverifikata r-robustezza tas-sejbiet tagħhom. L-istima l-ġdida minn Ecorys kienet ta' EUR 34,4 miljun bil-metodu tal-Fluss tal-Flus Skontat, bis-suppożizzjoni li l-konvenzjoni l-ġdida tkun fis-seħħ sal-31 ta' Lulju 2024. Jekk il-konvenzjoni l-ġdida tiġi estiża sal-31 ta' Lulju 2026, il-valur stmat tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar imbagħad ikun ta' EUR 35,7 miljun. Il-metodu ta' Valwazzjoni tal-Ekwità ta stima ta' EUR 39,9 miljun.

(123) Fl-aħħar nett, dak ir-rapport ġie kkomplementat minn tqabbil taż-żewġ pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju mħejjija minn SNS: l-ewwel wieħed, li jkopri l-perjodu 2011-2022 u li nkiteb f'Mejju 2011, u t-tieni wieħed, li jkopri l-perjodu 2016-2027 u li nkiteb fi Frar 2016. Ecorys ikkonkludiet li ż-żewġ pjanijiet ma kinux identiċi fis-suppożizzjonijiet tagħhom u ma kinux jinkludu l-istess livell ta' dettall (eż., it-tieni pjan ta' direzzjoni tan-negozju ma kienx jinkludi l-lista ta' rotot u frekwenzi). B'mod partikolari, id-differenzi ewlenin bejn il-pjanijiet kienu: is-suppożizzjonijiet dwar l-użu tal-flotta, dwar l-amortizzamenti, dwar il-kostijiet tal-persunal; u l-użu ta' *data* preċedenti minn CdI, li ma kinitx disponibbli fl-ewwel pjan ta' direzzjoni tan-negozju. Ecorys ħejjiet ukoll valutazzjoni ta' paġna waħda li tikkonferma mal-awtoritajiet Taljani l-konsistenza loġika interna tat-tieni pjan ta' direzzjoni tan-negozju ta' SNS għall-perjodu 2016-2027.

([51]) Ecorys ikkalkolat dan il-valur bħala d-differenza bejn il-kostijiet imġarrba għat-tkeċċija tal-membri tal-persunal kollha u l-valur nett aġġustat tal-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. L-analiżi wasslet għal valutazzjoni tal-valur tal-likwidazzjoni tal-assi ta' Siremar ta' EUR – 0,3 miljun. Il-kostijiet relatati mal-għoti tas-sensji, li jammontaw għal EUR 36,6 miljun, ikkumpensaw aktar mill-valur fis-suq tal-assi netti aġġustati.

([52]) Ecorys innotat li fil-waqt li tali estensjoni ma tistax tiġi eskluża, l-inċertezzi u n-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar il-kundizzjonijiet ta' kwalunkwe tiġdid futur għamluha raġonevoli li jiġi vvalutat il-valur tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, irrispettivament minn kwalunkwe estensjoni futura possibbli tar-reġim tas-servizz pubbliku.

([53]) Ecorys tqis li dan il-proporzjon jindika jekk il-kost lavorattiv għandux inċidenza sinifikanti fil-bażit tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, meta mqabbla ma' kumpaniji simili.

([54]) Ecorys tqis li dan il-proporzjon jindika jekk il-kost lavorattiv tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar huwiex sproporzjonat meta mqabbla ma' kumpaniji simili.

2.3.4. *Il-Konvenzjoni l-ġdida*

2.3.4.1. I l - b e n e f i ċ j a r j u

(124) Inizjalment, CdI kienet l-offerenta rebbieħa għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar u ffirmat il-Konvenzjoni l-ġdida għall-operat tar-rotot marittimi fit-30 ta' Lulju 2012. Imbagħad, fil-11 ta' April 2016, SNS ħadet post CdI u bdiet topera l-istess rotot.

2.3.4.2. I r - r o t o t

(125) Skont il-Konvenzjoni l-ġdida, CdI u aktar tard SNS kellhom jipprovdu servizzi tal-passiġġieri u tal-laneċ fuq 20 rotta ta' kabotaġġ maqsuma f'5 pakketti, xi drabi bi frekwenzi u/jew rotot differenti bejn l-eqqel staġun u l-istaġun kwiet ([55]) (ara Table 3).

Konnessjonijiet tal-laneċ (imħalltin)	Konnessjonijiet tal-passiġġieri (bastimenti veloċi)
Il-pakkett ta' Milazzo – il-Gżejjer Eoliċi – Napli	
C/1: Milazzo – Vulcano – Lipari – Rinella – Panarea – Ginostra – Stromboli – Napli u lura (matul is-sena kollha, żewġ konnessjonijiet fil-ġimgħa)	ALC/2: Milazzo – Vulcano – Lipari – Rinella – Salina u lura (matul is-sena kollha, mill-inqas konnessjoni waħda kuljum)
C/2: Milazzo – Vulcano – Lipari – Rinella – Salina u lura (matul is-sena kollha, konnessjoni waħda kuljum, l-ebda servizz nhar ta' Ħadd fl-istaġun kwiet)	ALC/3: Milazzo – Vulcano – Lipari – Salina – Panarea – Ginostra – Stromboli u lura (matul is-sena kollha, mill-inqas konnessjoni waħda kuljum)
C/3: Milazzo – Vulcano – Lipari – Salina – Panarea – Ginostra – Stromboli u lura (matul is-sena kollha, żewġ konnessjonijiet fil-ġimgħa)	ALC/4: Milazzo – Vulcano – Lipari – Salina – Rinella – Filicudi – Alicudi u lura (matul is-sena kollha, mill-inqas konnessjoni waħda kuljum)
C/4: Milazzo – Vulcano – Lipari – Salina – Rinella – Filicudi – Alicudi u lura (matul is-sena kollha, ħames konnessjonijiet fil-ġimgħa fl-eqqel staġun u erba' konnessjonijiet fil-ġimgħa fl-istaġun kwiet)	ALC/6: Lipari –Vulcano – Milazzo u lura (matul is-sena kollha, konnessjoni waħda kuljum)
C/6: Lipari –Vulcano – Milazzo u lura (matul is-sena kollha, konnessjoni waħda kuljum)	ALC/2 BIS: Lipari – Rinella – Salina – Lipari (matul is-sena kollha, erba' konnessjonijiet fil-ġimgħa fl-eqqel staġun, tlieta fil-ġimgħa u waħda kuljum sa Salina fl-istaġun kwiet)
Il-pakkett ta' Palermo – Ustica	
D/1: Palermo – Ustica u lura (matul is-sena kollha, konnessjoni waħda kuljum)	ALD/1: Ustica – Palermo u lura (matul is-sena kollha, mill-inqas konnessjoni waħda kuljum)
Il-pakkett ta' Trapani – il-Gżejjer Egadi	
D/2: Trapani – Favignana – Levanzo – Marettimo u lura (matul is-sena kollha, mill-inqas konnessjoni waħda kuljum)	ALD/2: Trapani – Favignana – Levanzo – Marettimo u lura (matul is-sena kollha, żewġ konnessjonijiet kuljum)
D/3: Trapani – Favignana – Levanzo – Trapani (matul is-sena kollha, żewġ konnessjonijiet kuljum fl-eqqel staġun, 12 fil-ġimgħa u konnessjonijiet inqas frekwenti lejn Levanzo fl-istaġun kwiet)	ALD/3: Trapani – Favignana – Levanzo – Trapani (matul is-sena kollha, mill-inqas konnessjoni waħda kuljum)
	ALD/2 BIS: Marettimo – Levanzo – Favignana – Trapani u lura (matul is-sena kollha, mill-inqas konnessjoni waħda kuljum)
	ALD/3 BIS: Trapani – Favignana – Levanzo – Trapani (matul is-sena kollha, mill-inqas żewġ konnessjonijiet kuljum)

([55]) Matul din id-deċiżjoni, it-terminu "l-eqqel staġun" jindika s-sajf, filwaqt li t-terminu "staġun kwiet" jindika l-bqija ferm itwal tas-sena.

Konnessjonijiet tal-laneċ (imħalltin)	Konnessjonijiet tal-passiġġieri (bastimenti veloċi)
Il-pakkett ta' Trapani – Pantelleria	
D/4: Trapani – Pantelleria u lura (matul is-sena kollha, konnessjoni waħda kuljum fl-eqqel staġun, sitta fil-ġimgħa fl-istaġun kwiet)	
Il-pakkett ta' Porto Empedocle – il-Gżejjer Pelagie	
D/5: Porto Empedocle – Linosa – Lampedusa u lura (matul is-sena kollha, sitt konnessjonijiet fil-ġimgħa)	

Tabella 3 – Rotot operati minn CdI u aktar tard minn SNS skont il-Konvenzjoni l-ġdida

(126) L-Anness A tal-Konvenzjoni l-ġdida jagħti dettalji dwar kif għandha tiġi operata kull waħda mir-rotot fit-Tabella 3 (eż. it-tip ta' bastimenti, il-frekwenza staġunali). Barra minn hekk, in-nollijiet mitluba lill-utenti ma jistgħux jaqbżu l-limiti stabbiliti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-ġdida u spjegati fid-dettall fl-istess Anness A.

2.3.4.3. Id-durata

(127) Kemm il-Konvenzjoni l-ġdida bejn Sqallija u CdI kif ukoll dik bejn Sqallija u SNS għandhom durata ta' tnax-il sena. Il-kuntratt ma' SNS daħal fis-seħħ fit-12 ta' April 2016 u se jiskadi fil-11 ta' April 2028.

2.3.4.4. L-obbligi ta' servizz pubbliku

(128) L-obbligi ta' servizz pubbliku imposti jikkonċernaw il-links tat-trasport marittimu li għandhom jiġu operati (ara l-premessa (125)), it-tip u l-kapaċità tal-bastimenti assenjati għar-rotot marittimi rispettivi operati, id-disponibbiltà ta' bastiment ta' riżerva biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz, il-frekwenza tas-servizz, u n-nollijiet massimi mitluba lill-utenti tas-servizz fuq kull waħda mir-rotot rispettivi.

2.3.4.5. Il-kumpens

(129) Il-kumpens annwali li għandha tirċievi l-kumpanija fdata bl-obbligi ta' servizz pubbliku definiti fil-Konvenzjoni l-ġdida huwa limitat bil-liġi għal EUR 55 694 895. L-ammont ta' kumpens għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-metodoloġija stabbilita mid-Direttiva CIPE (ara l-premessi (48) sa (58)). Il-kumpens tħallas liż-żewġ kumpaniji kif ġej:

	Kumpens imħallas lil CdI	Kumpens imħallas lil SNS
2012	EUR 23 346 079 (Awwissu-Diċembru)	—
2013	EUR 55 694 895	—
2014	EUR 55 694 895	—
2015	EUR 55 694 895	—
2016	EUR 15 397 836	EUR 40 297 059
2017	—	EUR 55 694 895
2018	—	EUR 55 694 895
2019	—	EUR 55 694 895

Tabella 4 – Kumpens 2012-2019

(130) L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-ġdida jipprevedi rieżami regolari ta' tliet snin tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet sussidjati, sabiex jiġi vverifikat li ma hemm l-ebda żbilanċ finanzjarju. Barra minn hekk, l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni l-ġdida jistabbilixxi li, f'ċirkostanzi speċifiċi ħafna ta' bidliet mhux mistennija u strutturali fid-dħul jew fil-kostijiet, u fi kwalunkwe każ, biss wara l-ewwel sena ta' kull perjodu ta' tliet snin, il-partijiet jistgħu jagħtu bidu għal tali rieżami qabel.

2.3.5. *Il-prijorità tal-irmiġġ*

(131) Il-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009 stabbilixxa li, sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità territorjali mal-gżejjer u fid-dawl tal-obbligi tagħhom ta' servizz pubbliku, il-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, inkluża Siremar, iżommu l-irmiġġ li diġà kien allokat u l-prijorità fl-allokazzjoni ta' slots ġodda f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Awtoritajiet Marittimi Taljani kif stabbiliti mil-Liġi Nru. 84 tat-28 ta' Jannar 1994 u mill-Kodiċi Marittimu Taljan.

2.3.6. *Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010*

(132) Il-Liġi tal-2010 stabbiliet il-possibbiltà għall-impriżi tal-eks Tirrenia Group, inkluża Siremar, li jużaw ir-riżorsi finanzjarji diġà impenjati għall-ammeljorament u l-modernizzazzjoni tal-flotta ([56]), sabiex ikopru l-ħtiġijiet urġenti ta' likwidità.B'mod partikolari, minn żewġ faċilitajiet ([57]), kienu diġà twarrbu EUR 23 750 000 sabiex jitħallsu l-ammeljoramenti ta' Tirrenia Group kollu, li EUR 7 215 800 minnhom marru għal Siremar.L-impriżi tal-eks Tirrenia Group li użaw dawn il-fondi għal finijiet ta' likwidità kienu meħtieġa li jirritornawhom aktar tard, sabiex b'hekk xorta setgħu jsiru l-ammeljoramenti meħtieġa fil-bastimenti. Dawk l-ammeljoramenti kienu meħtieġa biex jintlaħqu ċerti standards internazzjonali tas-sikurezza wara l-Ftehim ta' Stokkolma tal-1996 ([58]).

(133) Barra minn hekk, il-Liġi tal-2010 stabbiliiet ukoll dan li ġej:

(a) Il-Konvenzjonijiet inizjali huma estiżi mill-1 ta' Ottubru 2010 sa tmiem il-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u ta' Siremar (ara wkoll il-premessa (31));

(b) L-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009, ikkonvertit b'modifiki fil-Liġi tal-2009, huwa emendat bl-introduzzjoni tal-paragrafu 24-*bis*. Skont dak il-paragrafu, l-atti u l-operazzjonijiet uffiċjali kollha skont il-paragrafi 1-15 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009 jibbenefikaw minn eżenzjoni fiskali. Dawk il-paragrafi huma relatati mal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-kabotaġġ marittimu permezz tal-privatizzazzjoni ta' Tirrenia Group;

(c) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku u jiġi appoġġat il-proċess ta' privatizzazzjoni tal-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, ir-reġjuni rilevanti jistgħu jagħmlu użu mir-riżorsi tal-*Fondo Aree Sottoutilizzate* ("FAS") ([59]) skont id-Direttiva CIPE nru. 1/2009 tas-6 ta' Marzu 2009 ([60]).

2.4. **Il-proċedura ta' ksur Nru 2007/4609**

(134) Wara skambji preċedenti bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Taljani, fid-19 ta' Diċembru 2008, id-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u t-trasport bagħat talba għall-informazzjoni lill-Italja. Din it-talba kienet tikkonċerna fost affarijiet oħra, ħarsa ġenerali lejn ir-rotot tas-servizz pubbliku f'dak iż-żmien u l-mandat tas-servizz pubbliku li l-Italja kienet tipprevedi skont il-Konvenzjonijiet il-ġodda proposti. Barra minn hekk, l-Italja ntalbet tipprovdi aktar dettalji dwar il-pjanijiet ta' privatizzazzjoni għal Tirrenia Group.

(135) Fl-ittra tagħhom tat-28 ta' April 2009, l-awtoritajiet Taljani pprovdew tweġiba dettaljata:

— Innotaw li l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali sal-31 ta' Diċembru 2009 kienet meħtieġa biex tinkiseb il-liberalizzazzjoni tas-settur tal-kabotaġġ marittimu fl-Italja permezz tal-privatizzazzjoni ta' Tirrenia Group;

— Sostnew li l-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Tirrenia Group kien meħtieġ biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali mal-gżejjer permezz ta' konnessjonijiet marittimi li ma humiex ipprovduti minn operaturi privati fis-suq;

([56]) Kif stabbilit mill-paragrafu 13-*bis* tal-Artikolu 19 tad-Digriet Amministrattiv 78/2009, ikkonvertit fil-Liġi 102/2009 ("il-Liġi 102/2009"), u mill-paragrafu 19 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009.

([57]) Il-fondi kollha (jiġifieri EUR 7 000 000) ipprovduti mill-paragrafu 19 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009 u EUR 16 750 000 mill-fondi pprovduti mil-Liġi 102/2009.

([58]) Dawn l-istandards tas-sikurezza ġew spjegati fid-dettall fid-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE tas-17 ta' Marzu 1998, trasposta fil-liġi Taljana bid-Digriet Amministrattiv Nru 45 tal-4 ta' Frar 2000, u fid-Direttiva 2003/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003, trasposta fil-liġi Taljana bid-Digriet Amministrattiv Nru 52 tat-8 ta' Marzu 2005 u fid-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, trasposta fil-liġi Taljana bid-Digriet Amministrattiv Nru 65 tal-14 ta' Marzu 2005.

([59]) Il-FAS huwa fond nazzjonali li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika Reġjonali Taljana.

([60]) *Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana*, Nru 137 tas-16 ta' Ġunju 2009.

— Indikaw li fl-10 ta' Marzu 2009 kien ġie konkluż proċess ta' razzjonalizzazzjoni bir-reqqa tar-rotot. Dan il-proċess qies l-aspetti soċjali, ekonomiċi u tal-impjiegi rilevanti, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu salvagwardjati l-konnessjonijiet essenzjali għall-kontinwità territorjali u inkluda konsultazzjoni mas-sitt reġjuni kkonċernati. Din ir-razzjonalizzazzjoni tirriżulta fit-tnaqqis tal-kost nett tas-servizz pubbliku ta' madwar EUR 66 miljun u fis-sensja ta' madwar 600 membru tal-ekwipaġġ impjegati għal Tirrenia Group kollu. L-Italja fakkret ukoll li r-razzjonalizzazzjoni tal-2009 ikkomplementat sforzi preċedenti (fl-2004, fl-2006 u fl-2008) sabiex jitnaqqsu s-servizzi operati minn Tirrenia Group;

— Spjegaw li l-objettivi tar-razzjonalizzazzjoni kienu li (i) jinżammu l-konnessjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali, mal-gżejjer u bejniethom u mal-art kontinentali, u biex jiġi żgurat id-dritt għas-saħħa, għall-istudju u għall-mobbiltà, (ii) jiġu razzjonalizzati l-konnessjonijiet fejn kien hemm operaturi privati li jipprovdu l-istess konnessjonijiet matul l-istess perjodu ta' żmien, b'garanziji simili ta' kwalità u kontinwità, u (iii) jiġu razzjonalizzati l-konnessjonijiet tal-eqqel staġun u ta' veloċità għolja li jittrasportaw biss persuni;

— Jagħtu ħarsa ġenerali lejn ir-rotot operati mill-kumpaniji ta' Tirrenia Group matul l-2008 u l-għadd imnaqqas ta' rotot li joperaw il-kumpaniji ta' Tirrenia Group fl-2009. Skont l-awtoritajiet Taljani, dawn ir-rotot imsemmija l-aħħar ikunu jifformaw il-bażi għall-Konvenzjonijiet il-ġodda li kellhom jiġu konklużi mas-sidien il-ġodda tal-kumpaniji ta' Tirrenia Group.

(136) Fil-21 ta' Diċembru 2009, id-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u t-trasport bagħat ittra lill-awtoritajiet Taljani, fejn innota, *inter alia*, li:

— Fl-isfond tar-rivoluzzjoni radikali tas-settur tal-kabotaġġ marittimu fl-Italja, u minħabba l-impatt soċjali konsiderevoli li kienet tinvolvi l-privatizzazzjoni, skont l-awtoritajiet Taljani, li kieku l-offerti kellhom jitwettqu fuq bażi sempliċi ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, is-sejħa għall-offerti lill-kumpaniji tat-trasport marittimu mogħtija tali kuntratti kienet aċċettabbli – fil-prinċipju u bħala eċċezzjoni – għall-iskop li tiġi żgurata l-konformità mal-kriterju tan-nondiskriminazzjoni fost is-sidien tal-bastimenti Komunitarji stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 ([61]) ("ir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu");

— Il-kumpens għas-servizz pubbliku kellu jkun ristrett għal dawk il-linji li fihom il-preżenza kontinwa ta' operaturi oħrajn matul is-sena kollha kienet limitata. F'dak ir-rigward, intalbu kjarifiki dwar il-falliment tas-suq fuq ċerti rotot operati minn Tirrenia u Caremar. L-ittra rrimarkat ukoll li hija biss l-inklużjoni ta' linji domestiċi (u mhux linji internazzjonali) f'kuntratt ta' servizz pubbliku li tista' tiġi ġġustifikata abbażi tal-objettiv ta' kontinwità territorjali;

— Il-kuntratti ta' servizz pubbliku ta' Tirrenia Group skadew fil-31 ta' Diċembru 2008 u l-privatizzazzjoni ppjanata mill-Italja tista' tieħu aktar żmien milli previst. Għalhekk, l-ittra indikat il-possibbiltà li tintbagħat ittra ta' avviż formali għal implimentazzjoni ħażina tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu.

(137) Fit-22 ta' Jannar 2010, l-awtoritajiet Taljani wieġbu għall-ittra tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2009:

— Innotaw li l-Kummissjoni qablet fil-prinċipju mal-approċċ propost għall-privatizzazzjoni ta' Tirrenia Group flimkien ma' kuntratti ġodda ta' servizz pubbliku;

— Ipprovdew spjegazzjonijiet dwar ir-rotot li għalihom il-Kummissjoni kienet qajmet għadd ta' mistoqsijiet;

— Semmew li s-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess għall-bejgħ ta' Tirrenia (inkluża Siremar) kienet ġiet ippubblikata fit-23 ta' Diċembru 2009. L-Italja indikat li kellha l-ħsieb li tlesti l-privatizzazzjoni ta' Tirrenia Group kollu kemm hu sat-30 ta' Settembru 2010;

— Talbu lill-Kummissjoni biex tikkonferma li l-argumenti pprovduti fir-rigward tal-falliment tas-suq kienu suffiċjenti.

(138) Fid-29 ta' Jannar 2010 ([62]), il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' avviż formali rigward il-ksur tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu. F'din l-ittra, il-Kummissjoni fakkret li dak ir-Regolament jirrikjedi li kull meta Stat Membru jikkonkludi kuntratti ta' servizz pubbliku jew jimponi obbligi ta' servizz pubbliku, huwa għandu jagħmel dan fuq bażi mhux diskriminatorja fir-rigward tas-sidien tal-bastimenti kollha tal-Komunità. Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, il-kuntratti ta' servizz pubbliku eżistenti jistgħu jibqgħu fis-seħħ sad-data ta' skadenza tal-kuntratt rilevanti. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li l-kumpaniji ta' Tirrenia Group

([61]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu), ĠU L 364 tat-12.12.1992. Il-Kummissjoni tinnota li r-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu ma jirrikjedix li l-Istati Membri jipprivatizzaw il-kumpaniji tat-trasport marittimu tagħhom iżda jilliberalizzaw biss dan is-suq speċifiku.

([62]) L-ittra ta' avviż formali ġiet adottata fit-28 ta' Jannar 2010, iżda ġiet innotifikata lill-Italja biss l-għada.

komplew joperaw servizzi tat-trasport marittimu wara l-iskadenza tal-kuntratti pubbliċi rispettivi ta' servizz (il-Konvenzjonijiet inizjali). B'mod partikolari, dawk il-Konvenzjonijiet kellhom jiskadu fl-aħħar tal-2008, iżda ġew estiżi ripetutament mill-Italja. Għalhekk, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Taljani sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

(139) Ukoll fid-29 ta' Jannar 2010, id-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u għat-trasport wieġeb għall-ittra tal-awtoritajiet Taljani tat-22 ta' Jannar 2010. Id-Direttur Ġenerali indika li l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti fir-rigward tal-linji operati minn Tirrenia kienu suffiċjenti biex jitneħħew id-dubji espressi qabel. Barra minn hekk, id-Direttur Ġenerali nnota b'mod pożittiv li, wara t-talba preċedenti tiegħu, l-Italja kienet neħħiet konnessjoni internazzjonali mill-abbozz il-ġdid tal-Konvenzjoni għal Tirrenia. Fir-rigward tal-mistoqsijiet imqajma dwar ir-rotot operati minn Caremar, il-ġustifikazzjonijiet għal uħud minn dawn ir-rotot biss tqiesu li kienu suffiċjenti. Għalhekk, l-Italja ntalbet tipprovdi aktar kjarifiki dwar uħud mir-rotot ta' Caremar. Id-Direttur Ġenerali fakkar li l-kuntratti ta' servizz pubbliku jistgħu jkopru biss ir-rotot li għalihom hemm falliment tas-suq. Id-Direttur Ġenerali enfasizza wkoll li t-tweġiba tiegħu kienet tikkonċerna biss il-konformità mar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu u mhux kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat.

(140) Fid-29 ta' Marzu 2010, l-awtoritajiet Taljani wieġbu għall-ittra ta' avviż formali tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2010:

— Fakkru li s-servizzi tal-Kummissjoni, permezz tal-ittra tagħhom tal-21 ta' Diċembru 2009 (ara l-premessa (136)), fil-prinċipju qablu mal-privatizzazzjoni ta' Tirrenia Group permezz tar-raggruppament tal-kumpaniji ma' kuntratti ġodda ta' servizz pubbliku;

— Innotaw li l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali kienet motivata biss mill-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità fl-operat tas-servizz pubbliku marittimu sat-tlestija tal-proċessi rispettivi ta' privatizzazzjoni;

— Ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jwettqu l-proċess ta' privatizzazzjoni sat-30 ta' Settembru 2010 sabiex jilliberalizzaw is-settur tal-kabotaġġ marittimu sa dik id-data;

— Ipprovdew ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' privatizzazzjoni għal Tirrenia (inkluża Siremar). B'mod partikolari, l-Italja indikat li wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess, fid-19 ta' Frar 2010 kienu ġew sottomessi 16-il espressjoni ta' interess minn 19-il entità. Bħala parti mill-fażi tad-diliġenza dovuta, fit-22 ta' Marzu 2010 kienet infetħet kamra tad-data u din kienet se tibqa' miftuħa sal-aħħar ta' Mejju 2010. F'dak iż-żmien, l-Italja stenniet li l-kuntratt ta' bejgħ ikun jista' jiġi ffirmat sa nofs Lulju 2010 u li s-sjieda tiġi ttrasferita sa Settembru 2010;

— Ikkjarifikat li fil-proċedura tal-offerti għal Toremar, kien hemm 11-il parti interessata li kienu se jieħdu sehem fil-fażijiet li jmiss ta' dik il-proċedura;

— Indikat li l-inċertezza kontinwa li tinħoloq bħala riżultat tat-tkomplija tal-proċedura ta' ksur tista' tipperikola l-proċessi ta' privatizzazzjoni u taffettwa b'mod negattiv ukoll il-valur tal-kumpaniji mressqa għall-offerti;

— Offriet kooperazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni biex jiġi ċċarat kwalunkwe dubju li jifdal fir-rigward kemm tal-proċedura ta' ksur kif ukoll ta' kwistjonijiet possibbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(141) Fl-10 ta' Settembru 2010, l-awtoritajiet Taljani informaw lill-Kummissjoni matul laqgħa *ad hoc* li l-proċedura għall-privatizzazzjoni ta' Tirrenia u Siremar kienet ikkanċellata fl-istadju finali u li, konsegwentement, id-data tal-għeluq tat-30 ta' Settembru ma kinitx se tintlaħaq. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani rrapportaw li l-proċeduri kompetittivi għall-kuntratti ta' Caremar, Saremar, Siremar u Toremar ġew ittardjati wkoll. Sussegwentement, il-Liġi tal-2010 kompliet testendi l-Konvenzjonijiet inizjali sat-tlestija tal-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u Siremar.

(142) Wara dawn l-iżviluppi, il-Kummissjoni bagħtet ittra komplementari ta' avviż formali fl-24 ta' Novembru 2010. F'dik l-ittra, il-Kummissjoni:

— Innotat li l-Konvenzjonijiet inizjali ta' Tirrenia, Siremar, Caremar, Saremar u Toremar ġew estiżi awtomatikament u mingħajr l-ebda proċedura kompetittiva;

— Irrimarkat li filwaqt li l-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni komplew jiġu applikati, ma kienet tlestiet l-ebda proċedura kompetittiva;

— Indikat li hija rriżervat id-dritt tagħha li toħroġ opinjoni motivata jekk ikun meħtieġ (filwaqt li tqis kwalunkwe kumment li tista' tagħmel l-Italja).

(143) Fil-21 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni adottat opinjoni motivata dwar id-dewmien tal-privatizzazzjoni ta' tliet kumpaniji Tirrenia (Caremar, Laziomar u Saremar) ta' dak li kien Tirrenia Group. Billi l-proċeduri ta' sejħa għall-offerti għat-tliet kumpaniji l-oħrajn (Tirrenia, Toremar u Siremar) kienu tlestew matul l-2011 ([63]), dawk il-kumpaniji ma kinux koperti mill-opinjoni motivata. Il-Kummissjoni nnotat li l-Italja ma kinitx implimentat proċeduri kompetittivi għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' servizz għall-kabotaġġ marittimu operati mill-kumpaniji Caremar, Laziomar u Saremar, aktar minn tliet snin wara l-iskadenza normali tal-Konvenzjonijiet inizjali rispettivi. Għall-kuntrarju, dawk il-Konvenzjonijiet kienu ġew estiżi awtomatikament u b'mod indefinit, biex b'hekk jimpedixxu lil sidien oħrajn ta' bastimenti Komunitarji milli jikkompetu għall-għoti ta' dawk il-kuntratti.

(144) Fit-8 ta' Awwissu 2012, l-awtoritajiet Taljani wieġbu għall-opinjoni motivata li tiddikjara li l-avviżi ta' offerti għall-għoti tal-kumpaniji mogħnija b'kuntratti ta' servizz pubbliku ġodda ġew ippubblikati jew dalwaqt se jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. B'mod partikolari, għal Caremar, l-avviż ġie ppubblikat fl-20 ta' Lulju 2012 u għal Laziomar, l-avviż intbagħat għall-pubblikazzjoni fl-1 ta' Awwissu 2012. Finalment, għal Saremar, fit-2 ta' Awwissu 2012 ġiet adottata Liġi li kienet teħtieġ il-pubblikazzjoni ta' avviż bħal dan sat-2 ta' Ottubru 2012.

(145) Fit-13 ta' Jannar 2014, Compagnia Laziale di Navigazione saret is-sid il-ġdid ta' Laziomar u ffirmat kuntratt pubbliku ta' servizz ta' għaxar snin għal konnessjonijiet mal-arċipelagu ta' Pontine. Fis-16 ta' Lulju 2015, ATI SNAV-Rifim saret is-sid ta' Caremar u ġiet inkarigata b'kuntratt pubbliku ta' servizz ta' disa' snin. Finalment, wara d-Deċiżjoni tal-2014, Saremar ġiet illikwidata u l-kuntratt pubbliku ta' servizz għar-rotot bejn Sardinja u l-gżejjer iż-żgħar ingħata lil Delcomar f'Marzu 2016.

(146) Permezz ta' ittra tal-15 ta' Lulju 2016, l-awtoritajiet Taljani informaw lill-Kummissjoni li l-privatizzazzjoni tal-kumpaniji kollha ta' dak li kien Tirrenia Group kienet tlestiet. Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq il-proċedura ta' ksur.

3. IR-RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU U GĦALL-ESTENSJONI TAL-PROĊEDURA

3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn l-Istat u Siremar

3.1.1. *Il-konformità ma' Altmark u l-eżistenza ta' għajnuna*

(147) Fid-Deċiżjoni tagħha tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li d-definizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku ma kinitx ċara biżżejjed u, b'hekk, ma ppermettietx lill-Kummissjoni tikkonkludi b'mod definittiv jekk kienx fiha żball manifest. B'mod partikolari, anke jekk l-awtoritajiet Taljani argumentaw li l-kompetituri ta' Siremar fuq ir-rotot li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni ta' SGEI kienu operaturi li jipprovdu servizzi marittimi b'mod ugwali taħt kumpens pubbliku, mingħajr definizzjoni minn qabel tal-livell tas-servizzi meħtieġa, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi jekk kienx hemm ħtieġa reali għal servizz pubbliku fuq dawn ir-rotot.

(148) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li t-tieni kriterju tas-sentenza ta' Altmark ([64]) ġie ssodisfat, billi l-parametri abbażi tal-kalkolu tal-kumpens kienu ġew stabbiliti minn qabel u osservaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza. B'mod partikolari, il-Kummissjoni nnotat li dawn il-parametri huma deskritti fil-Konvenzjoni inizjali (għall-kumpens li jikkonċerna s-sena 2009) u fid-Direttiva CIPE (għall-kumpens mill-2010 'il quddiem).

(149) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li t-tielet kriterju tas-sentenza ta' Altmark ma kienx jidher li ġie ssodisfat u li l-operaturi setgħu ġew ikkumpensati żżejjed għat-twettiq tal-kompiti ta' servizz pubbliku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % li beda japplika mill-2010 'il quddiem jirriflettix livell xieraq ta' riskju, minħabba li *prima facie* Siremar ma kinitx tidher li tassumi r-riskji li normalment jiġġarrbu fl-operat ta' tali servizzi.

(150) Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma preliminari li r-raba' kriterju ta' Altmark ma ġiex issodisfat minħabba li l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali ma kinitx soġġetta għal sejħa għall-offerti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li ma kienet irċeviet l-ebda evidenza biex tappoġġa l-argument li Siremar fil-fatt ipprovdiet is-servizzi inkwistjoni bl-inqas kost għall-komunità.

(151) Għalhekk, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-kumpensi għas-servizz pubbliku mħallsin lil Siremar matul il-perjodu 2009-2011 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li din l-għajnuna jenħtieġ li titqies bħala għajnuna ġdida.

(152) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni qieset li sal-punt li l-kundizzjonijiet kollha kienu baqgħu l-istess fl-2012 u sad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni l-ġdida, il-kumpens mogħti lil Siremar mill-1 ta' Jannar 2012 taħt l-estensjoni ulterjuri tal-Konvenzjoni inizjali jikkostitwixxi wkoll għajnuna mill-Istat.

([63]) anke jekk it-trasferiment formali tas-sjieda ta' Tirrenia, Toremar u Siremar seħħ biss fl-2012.
([64]) Ara s-Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003 fil-Kawża C-280/00 *Altmark Trans*, ECLI:EU:C:2003:415.

3.1.2. *Il-kompatibbiltà*

(153) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens għas-servizz pubbliku għas-snin 2009-2011 jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni kemm tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 ([65]) kif ukoll tal-Qafas tal-SGEI tal-2005 ([66]). Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat dik il-miżura direttament skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE u sabet li kellha dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà applikabbli ġewx issodisfati.

(154) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni nnotat li fil-31 ta' Jannar 2012 kien daħal fis-seħħ pakkett ġdid ta' SGEI, li jikkonsisti fid-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 ([67]) u fil-Qafas tal-SGEI tal-2011. Madankollu, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens tas-servizz pubbliku skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ma setax jitqies kompatibbli mas-suq intern u jiġi eżentat mir-rekwiżit ta' notifika skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

(155) Il-Liġi tal-2010 kienet tipprevedi l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali mit-30 ta' Settembru 2010 sa tmiem il-proċess ta' privatizzazzjoni. Siremar kienet f'diffikultà fil-mument li ġiet adottata l-Liġi tal-2010 (ara l-premessa (67)). B'riżultat ta' dan, il-kumpens riċevut mill-kumpanija mill-1 ta' Ottubru 2010 sal-privatizzazzjoni tagħha ma setax jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-Qafas SGEI tal-2011. Minflok, abbażi tal-paragrafu 9 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li din l-għajnuna jenħtieġ li tiġi vvalutata abbażi tal-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar.

(156) Il-Kummissjoni nnotat li l-kriterji ta' kompatibbiltà stabbiliti mil-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ma ġewx issodisfati f'dan il-każ u, għalhekk, kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens imħallas lil Siremar f'diffikultà jammonta għal għajnuna inkompatibbli għar-ristrutturar.

3.2. **Estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar**

(157) Fid-Deċiżjoni tal-2012, Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-għajnuna għas-salvataġġ kienet ġiet estiża b'mod illegali mit-28 ta' Awwissu 2011 għat-18 ta' Settembru 2012 u li l-estensjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ matul dan il-perjodu kienet tikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli lil Tirrenia u lil Siremar u possibbilment ukoll lix-xerrejja rispettivi tagħhom. B'mod partikolari, il-Kummissjoni nnotat li l-Italja ma kinitx ippreżentat pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni fi żmien sitt xhur wara l-iżborż tal-ewwel pagament parzjali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil dawn il-kumpaniji, kif meħtieġ mil-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-kundizzjonijiet għal estensjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ kif stabbiliti fil-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ma ġewx issodisfati lanqas.

3.3. **Il-privatizzazzjoni ta' Siremar, il-kontrogaranzija, u ż-żieda fil-kapital ta' CdI**

3.3.1. *Il-privatizzazzjoni ta' Siremar*

(158) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha li l-proċedura tal-offerti għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kienet trasparenti u inkondizzjonata biżżejjed sabiex jiġi żgurat li l-bejgħ ikun sar bil-prezz tas-suq.

(159) L-ewwel nett, il-Kummissjoni nnotat li għalkemm is-sejħa għal espressjoni ta' interess ġiet ippubblikata f'diversi gazzetti u fuq għadd ta' siti web, is-sejħa ma kinitx tidher li tagħti dettalji dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-bejgħ u ma tat l-ebda struzzjoni ċara lill-offerenti rigward il-fażijiet sussegwenti tal-proċedura. Is-sejħa lanqas ma kien jidher li fiha kriterji ta' qabel il-kwalifika jew tal-għażla jew xi kundizzjoni oħra li kellha tiġi ssodisfata mill-offerenti minbarra l-kundizzjoni obbligatorja li jrid jibqa' jiġi pprovdut is-servizz pubbliku. Barra minn hekk, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-assi soġġetti għall-proċedura tal-bejgħ saret disponibbli għall-offerenti biss matul il-fażi tad-diliġenza dovuta.

(160) It-tieni, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li ċerti rekwiżiti imposti fil-privatizzazzjoni setgħu rrestrinġew l-għadd ta' offerenti u/jew influwenzaw il-prezz tal-bejgħ. Il-Kummissjoni ddikjarat mill-ġdid il-prattika stabbilita tagħha dwar il-bejgħ tal-assi ta' impriżi tal-Istat mill-Istat jew imputabbli lill-Istat: kunsiderazzjonijiet mhux ekonomiċi, li bejjiegħ privat ma jagħmilx, bħal tħassib dwar l-ordni pubbliku, l-impjiegi jew l-iżvilupp reġjonali, jissuġġerixxu l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, jekk jimponu obbligi onerużi fuq ix-xerrej potenzjali u, għalhekk, jistgħu jnaqqsu l-prezz tal-bejgħ.

([65]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67).

([66]) Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku (ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4).

([67]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

(161) Il-proċeduri tal-bejgħ tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u ta' Siremar kienu bbażati fuq il-proċedura stabbilita mil-liġi Marzano (ara l-premessa (70)). Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat iż-żewġ proċeduri flimkien. Hija kienet tal-fehma li l-bejgħ tal-fergħat kummerċjali fdati bil-Konvenzjonijiet il-ġodda rriżulta f'obbligu fuq ix-xerrejja li jipprovdu s-servizz pubbliku soġġett għall-obbligi ta' kwalità, frekwenza u nollijiet stabbiliti minn qabel mill-Konvenzjonijiet il-ġodda. Billi impona obbligi bħal dawn, lill-Kummissjoni dehrilha li l-Istat ma fittixx li jikseb l-oġħla prezz, iżda pjuttost li jsegwi objettivi ta' interess pubbliku. Il-Kummissjoni kkunsidrat li kien improbabbli ħafna li bejjiegħ privat kien jagħti l-istess importanza lill-operat mhux interrott tas-servizz pubbliku.

(162) Bl-istess mod, il-Kummissjoni kkunsidrat li bejjiegħ privat, li jopera taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma kienx jimponi l-obbligu li jinżammu l-livelli ta' impjieg għal sentejn.

(163) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li l-proċedura ta' privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma kinitx trasparenti u inkondizzjonata biżżejjed sabiex tiżgura minnha nnifisha li l-bejgħ ikun sar bil-prezz tas-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li ngħata vantaġġ ekonomiku la lill-attività ekonomika mibjugħa u lanqas lix-xerrej.

(164) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li kwalunkwe għajnuna li setgħet ingħatat matul il-proċess ta' privatizzazzjoni kienet tkun inkompatibbli.

3.3.2. *Il-kontrogaranzija*

(165) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kontrogaranzija minn Sqallija tal-pagamenti parzjali differiti tal-prezz tal-bejgħ għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar setgħet kienet tikkostitwixxi għajnuna lil CdI bħala l-mutwatarja u lil Unicredit bħala l-ewwel garanti.

(166) Tabilħaqq, il-kontrogaranzija dehret li ppermettiet lil CdI tibbenefika minn garanzija li altrimenti ma kinitx tingħata jew kienet tingħata fuq termini differenti u inqas favorevoli. Il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-kontrogaranzija ma kinitx tidher li ġiet remunerata.

(167) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-pożizzjoni tal-Kontabilist Ġenerali dehret li hija tali li tinfluwenza l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi Sqallija. Minħabba l-involviment tiegħu fil-ġestjoni ta' kuljum ta' Mediterranea, u s-sehem sinifikanti ta' din tal-aħħar fil-kapital ta' CdI, il-Kummissjoni qieset li x'aktarx li l-kontrogaranzija ngħatat sabiex tiffavorixxi lil CdI fil-proċess tal-bejgħ, aktar milli skont it-termini tas-suq.

(168) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li d-dokumenti sottomessi mill-Italja biex turi li l-kontrogaranzija ma pproduċiet l-ebda effett ma kinux imorru lura qabel l-għoti tal-offerta lil CdI. Għall-kuntrarju, iż-żewġ dokumenti nħarġu wara li SNS kienet ressqet ilment lill-Kummissjoni.

(169) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-kontrogaranzija setgħet akkwistat ukoll vantaġġ ekonomiku għal Unicredit, bħala l-ewwel garanti, billi naqqset ir-riskji assoċjati mal-garanzija tagħha stess, sakemm il-kontrogaranzija ma tkunx ġiet remunerata bi primjum xieraq.

(170) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kontrogaranzija setgħet kienet tikkostitwixxi għajnuna lil Unicredit u CdI.

3.3.3. *Iż-żieda fil-kapital ta' CdI*

(171) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni qieset li ż-żieda fil-kapital minn Mediterranea setgħet tat vantaġġ lil CdI, sal-punt li Sqallija ma kinitx aġixxiet bħal investitur tas-suq privat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li ż-żieda fil-kapital minn Mediterranea kienet iffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u kienet imputabbli lill-Istat.

(172) Għalhekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li ż-żieda fil-kapital setgħet kienet tikkostitwixxi għajnuna lil CdI.

3.3.4. *Il-kompatibbiltà*

(173) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni qieset, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li kwalunkwe għajnuna li setgħet inħolqot matul il-proċess ta' privatizzazzjoni kienet tkun inkompatibbli.

(174) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni qieset, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li kemm il-kontrogaranzija kif ukoll iż-żieda fil-kapital ta' CdI setgħu kienu jikkostitwixxu għajnuna operatorja, li fil-prinċipju hija inkompatibbli mas-suq intern.

3.4. **Il-Konvenzjoni l-ġdida bejn l-Istat Taljan u CdI**

(175) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens lix-xerrej tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar (f'dak iż-żmien, CdI), ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fis-Sentenza ta' Altmark u, għalhekk, kien jammonta għal għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(176) Il-Kummissjoni waslet għal din il-konklużjoni abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet:

(a) il-kompetituri li dehru li qed joffru servizzi simili kienu preżenti mill-inqas fuq ċerti rotot operati minn CdI;

(b) il-kalkolu tal-kumpens skont id-Direttiva CIPE deher li wassal biex l-operatur jiġi kkumpensat iżżejjed għall-forniment tas-servizz pubbliku għall-istess raġunijiet espressi fid-Deċiżjoni tal-2011;

(c) ir-raba' kriterju tas-Sentenza ta' Altmark ([68]) kien jidher li ma ġiex osservat, minħabba li l-fergħa kummerċjali ta' Siremar mogħnija b'Konvenzjoni ġdida, minflok bil-kuntratt ta' servizz pubbliku fih innifsu, kienet ġiet offruta u ma kienx intwera li dan ippermetta l-għażla tal-offerent li kapaċi jipprovdi s-servizzi bl-inqas kost għall-komunità.

(177) Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-kumpens lil CdI, il-Kummissjoni l-ewwel ivvalutatha skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011. Madankollu, billi d-durata tal-kuntratt dehret li kienet itwal minn 10 snin u billi kellha dubji dwar il-proporzjonalità tal-kumpens, hija kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens ma setax jitqies li huwa kompatibbli abbażi tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011. Il-Kummissjoni mbagħad ivvalutat il-kompatibbiltà tal-għajnuna skont il-Qafas tal-SGEI tal-2011 u sabet li hija kellha dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà ta' dak il-Qafas ġewx issodisfati.

3.5. **Il-prijorità tal-irmiġġ**

(178) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li fejn il-prijorità tal-irmiġġ ma tkunx remunerata, il-miżura tkun vantaġġ regolatorju li ma jinvolvi l-ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u, għalhekk, ma tistax tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat. Jekk il-prijorità tal-irmiġġ tkun remunerata, il-Kummissjoni qieset li, sal-punt li Siremar tipprovdi SGEI u li din il-prijorità tingħata biss b'rabta mar-rotot koperti minn dak l-SGEI, dan ma jirriżultax f'vantaġġ ekonomiku addizzjonali, minħabba li jkun intrinsiku għall-forniment tal-SGEI.

(179) Peress li kienet qajmet dubji dwar il-leġittimità tal-missjoni tal-SGEI, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura li kieku kellha tkun għajnuna.

3.6. **Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010**

(180) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat favur il-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, inkluża Siremar. Dawn il-miżuri kienu: (1) l-użu possibbli, għal finijiet ta' likwidità, tal-fondi allokati għall-ammeljorament tal-bastimenti; (2) l-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni; (3) l-użu possibbli tar-riżorsi tal-FAS. Tabilħaqq, il-Kummissjoni nnotat li l-miżuri kollha msemmija hawn fuq ippermettew lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group jevitaw kostijiet li normalment ikollhom jitħallsu permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess. B'konsegwenza ta' dan, dawk il-kumpaniji setgħu jtejbu s-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tagħhom.

(181) Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma preliminari li dawn il-miżuri x'aktarx li kienu jikkostitwixxu għajnuna operatorja li tnaqqas il-kostijiet li Siremar, u l-kumpaniji l-oħrajn tal-eks Tirrenia Group, altrimenti jkollhom iħallsu huma stess u, b'hekk, jenħtieġ li dawn il-miżuri jitqiesu bħala inkompatibbli mas-suq intern.

4. **KUMMENTI MILL-ITALJA**

(182) Wara d-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012, l-Italja ppreżentat diversi ittri u dokumenti dwar il-miżuri kollha li huma vvalutati f'din id-Deċiżjoni. Din it-taqsima tiġbor fil-qosor l-argumenti u l-kontribuzzjonijiet ewlenin ippreżentati ([69]).

4.1. **Dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-ambjent kompetittiv**

(183) L-Italja pprovdiet lista ta' rotot operati minn Siremar li huma soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku, inklużi l-frekwenza u l-iskedi staġunali, l-ambjent kompetittiv u r-raġunijiet li wasslu għall-impożizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(184) Fir-rigward tal-eżistenza ta' SGEI ġenwin, l-Italja nnotat li l-obbligi ta' servizz pubbliku li imponiet fuq Siremar u aktar tard fuq CdI u SNS jiżguraw, f'termini ta' regolarità, kontinwità u kwalità, servizz sodisfaċenti li jgħaqqad lil Sqallija mal-ġżejjer iżgħar tagħha. Dan is-servizz jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' dawk il-ġżejjer, filwaqt li fl-istess ħin jiggarantixxi l-ħtiġijiet essenzjali ta' mobbiltà tal-komunitajiet tal-ġżejjer u jiżgura li d-dritt garantit b'mod kostituzzjonali għall-kontinwità territorjali jiġi rrispettat. F'dan il-kuntest, l-Italja nnotat li l-obbligi ta' servizz pubbliku huma konformi għalkollox mal-objettivi tal-Artikoli 174 *et seq*. tat-TFUE u mad-Dikjarazzjoni

([68]) Għal deskrizzjoni dettaljata tal-kriterju, ara l-premessa (303)(d).
([69]) L-Italja rreferiet ukoll b'mod estensiv għall-kummenti tal-Amministrazzjoni Straordinarja, ippreżentati fit-Taqsima 5.1.

Nru 30 dwar ir-reġjuni gżejjer (annessa mal-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam). L-Italja rreferiet ukoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti tal-Ġustizzja"), li tikkonferma li l-għan li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed servizzi regolari ta' trasport bil-baħar lejn il-gżejjer, mill-gżejjer u bejn il-gżejjer, ikun kopert minn objettiv leġittimu ta' interess pubbliku ([70]).

(185) B'mod partikolari, l-Italja rrimarkat li l-kundizzjonijiet strutturali fuq dawn ir-rotot kollha jeħtieġu l-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku biex jiggarantixxu l-kontinwità territorjali. Il-ħames pakketti ta' rotot deskritti fil-premessa (41) huma kkunsidrati bħala "żoni marittimi metropolitani": il-popolazzjoni ta' dawk il-gżejjer kollha tiddependi fuq il-ġżira ewlenija ta' Sqallija għall-forniment ta' servizzi essenzjali u l-impjiegi. Fl-istess ħin, in-negozju turistiku huwa rilevanti biss fl-eqqel staġun. Għalhekk, il-kumpaniji tat-tbaħħir għandhom interess kummerċjali li joperaw ir-rotot biss fl-eqqel staġun. Fl-istaġun kwiet, id-domanda mit-turisti kważi tisparixxi, sal-punt fejn ikun impossibbli li kwalunkwe waħda minn dawn ir-rotot tiġi operata b'mod profittabbli bir-regolarità u l-frekwenza meħtieġa biex tiġi ssodisfata d-domanda tal-utenti.

(186) F'dan l-isfond, kemm Siremar kif ukoll operaturi oħrajn, magħżula minn Sqallija permezz ta' proċeduri miftuħa ta' sejħiet għall-offerti, ġew assenjati obbligi ta' servizz pubbliku biex jiġu żgurati konnessjonijiet affidabbli u stabbli bejn dawn il-gżejjer u bejniethom u Sqallija. L-operaturi mhux sussidjati ma setgħux jiżguraw il-kontinwità territorjali, minħabba li kienu joperaw biss dawn il-konnessjonijiet fl-eqqel staġun. Barra minn hekk, l-Italja rrimarkat li l-bastimenti operati minn CdI u aktar tard minn SNS spiss jittrakkaw fil-gżejjer billejl, b'kostijiet ogħla, sabiex jipprovdu l-ewwel konnessjoni filgħodu għar-residenti li jivvjaġġaw għall-edukazzjoni jew għax-xogħol u jiżguraw konnessjonijiet f'każijiet ta' emerġenzi mediċi.

(187) Barra minn hekk, l-Italja sostniet li s-servizzi operati minn kumpaniji soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku u dawk operati minn kumpaniji li jwettqu attività kummerċjali liberament ma jkunux kompletament komparabbli. B'mod partikolari, huma biss tal-ewwel li jiggarantixxu r-regolarità, il-kontinwità u l-kwalità tas-servizzi pprovduti bis-saħħa ta' obbligi ċari stabbiliti fil-Konvenzjonijiet, filwaqt li l-operaturi privati jkunu dipendenti biss fuq il-kalkolu tar-redditu tagħhom fuq l-investiment. F'dan ir-rigward, l-Italja tat l-eżempju tar-rotta La Maddalena – Palau, operata minn Enermar fuq termini kummerċjali, li twaqqfet mingħajr avviż minn qabel. Għall-kuntrarju, Saremar, li kienet topera din ir-rotta permezz ta' kuntratt pubbliku ta' servizz, kienet meħtieġa tkompli s-servizz tagħha u, għalhekk, effettivament żgurat kontinwità territorjali.

(188) Fl-aħħar nett, l-Italja rrimarkat li fid-Deċiżjoni tal-2004 ([71]), il-Kummissjoni kienet diġà stabbiliet li fuq il-ħames pakketti ta' rotot operati minn Siremar, l-ebda operatur privat ieħor ma seta' jindirizza l-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku, b'mod partikolari f'termini ta' kontinwità tas-servizz matul is-sena u tat-tip ta' bastimenti li għandhom jintużaw. Għalhekk, kien hemm bżonn ta' kumpens pubbliku biex jindirizza falliment evidenti tas-suq. L-Italja mbagħad iċċarat li din is-sitwazzjoni ma nbidlitx fis-snin ta' wara.

4.2. **Dwar l-estensjoni illegali potenzjali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar**

(189) L-awtoritajiet Taljani jfakkru li huma kienu informaw lill-Kummissjoni, permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2011, li Tirrenia u Siremar f'EA għandhom jirrimborżaw is-self garantit mill-Istat wara t-tlestija tal-bejgħ tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar, bl-użu tar-rikavat minn kwalunkwe bejgħ, minħabba li kien hemm Amministrazzjoni Straordinarja waħda u Kummissarju Straordinarju wieħed li jkopru ż-żewġ kumpaniji. Minħabba li ż-żewġ proċeduri ta' bejgħ kienu għaddejjin fir-rebbiegħa tal-2011 u minħabba li fil-25 ta' Lulju 2011, CIN kienet iffirmat il-kuntratt għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia, kemm l-awtoritajiet Taljani kif ukoll Siremar f'EA kienu kunfidenti li l-għajnuna setgħet titħallas lura sad-data tal-għeluq tat-28 ta' Awwissu 2011.

(190) Madankollu, l-avvenimenti sussegwenti ttardjaw bla mistenni t-tlestija tal-bejgħ tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u ta' Siremar. B'mod partikolari, il-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia kien ittardjat minħabba l-ħtieġa li tinkiseb l-approvazzjoni tal-fużjoni mill-Kummissjoni (ara l-premessa (65)), filwaqt li l-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kien ittardjat bit-tnedijiet mill-ġdid tal-proċedura u l-litigazzjoni relatata deskritta fit-Taqsima 2.3.3.2. B'riżultat ta' dan, Siremar f'EA kellha tkompli topera s-servizzi tagħha għal żmien konsiderevolment itwal milli ppjanat, filwaqt li tħallas il-kostijiet relatati. Skont l-Italja, il-pjan ta' likwidazzjoni għal Siremar kien disponibbli fuq is-sit web tal-Amministrazzjoni Straordinarja qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur stabbilit mil-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar. L-Italja żżid li l-Kummissjoni nżammet aġġornata l-ħin kollu dwar il-progress tal-proċess ta' privatizzazzjoni. L-ammont kollu dovut kemm minn Tirrenia kif ukoll minn Siremar, inkluż l-imgħax, tħallas lura lill-Istat 48 jum biss wara li l-Amministrazzjoni Straordinarja rċeviet l-ewwel pagament mill-bejgħ tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar.

([70]) Ara l-Kawża C-205/99 Analir *et*, ECLI:EU:C:2001:107, il-punti 27-28.
([71]) L-Italja rreferiet b'mod partikolari għall-premessi 105-110 u 123-153 tad-Deċiżjoni tal-2004.

4.3. **Dwar il-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar**

4.3.1. *Dwar in-natura trasparenti u nondiskriminatorja tal-proċedura*

(191) L-Italja enfasizzat li l-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar twettqet f'konformità mal-liġi Marzano. Għalkemm il-liġi inkwistjoni tirreferi għall-possibbiltà li jiġi identifikat ix-xerrej permezz ta' negozjati privati, dan ma jipprekludix l-osservanza tal-prinċipji ta' ftuħ, ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni. Barra minn hekk, f'dan il-każ hemm dispożizzjonijiet legali oħrajn li b'mod espliċitu jirrikjedu li jiġu organizzati proċeduri kompetittivi trasparenti u mhux diskriminatorji. B'mod partikolari, l-Artikolu 1(5-*bis*)(b) tal-Liġi tal-2010 jirrikjedi li l-Kummissarju Straordinarju jirrestrinġi l-proċedimenti "*għaż-żmien minimu li huwa possibbli taħt il-proċedura amministrattiva straordinarja filwaqt li tinżamm konformità mal-proċedura kompetittiva, trasparenti u nondiskriminatorja meħtieġa għall-bejgħ*".

(192) Skont l-Italja, il-proċedura prevista fl-Artikolu 4 (4-*quater*) tad-Digriet Amministrattiv 347/2003 offriet garanziji addizzjonali f'termini ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari minħabba l-valwazzjoni tal-prezz tas-suq tal-fergħa kummerċjali mqiegħda għall-bejgħ minn espert indipendenti u l-għażla tal-aktar offerta vantaġġuża f'termini ta' prezz.

(193) L-Italja sostniet li l-partijiet kollha kellhom aċċess ugwali għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jidentifikaw b'mod ċar l-assi offruti għall-bejgħ u jħejju offerta. Tabilħaqq, il-bejgħ kien jikkonċerna l-assi u r-relazzjonijiet kuntrattwali inerenti fil-forniment tas-servizz pubbliku, kif ġej:

(a) bastimenti u tagħmir awżiljarju meħtieġ għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku;

(b) kuntratti ma' fornituri strateġiċi għas-servizzi meħtieġa għat-tmexxija normali tan-negozju;

(c) rekwiżit legali biex issir proposta għall-impjieg mill-ġdid tal-persunal meħtieġ biex jopera n-negozju abbażi tat-tabelli dwar l-ekwipaġġ tal-flotta (ara l-premessa (195) għal aktar dettalji).

(194) L-Italja ċċarat ukoll li wieħed mill-bastimenti ta' Siremar, li ma kienx meħtieġ għall-forniment tas-servizz pubbliku, inbiegħ taħt proċedura ta' bejgħ separata. B'hekk, dan il-bastiment ma kienx inkluż fl-offerta għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar (ara wkoll it-Taqsima 4.3.2).

(195) Fir-rigward speċifikament tal-obbligu li jinżammu l-livelli ta' impjieg, l-Italja enfasizzat li l-bejgħ tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar ma kienx jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili u, b'hekk, ma kien hemm l-ebda trasferiment awtomatiku tal-persunal (bil-kuntratti eżistenti tagħhom) lill-offerenti rebbieħa. L-uniku obbligu legali fuq l-offerenti rebbieħa kien li jimpjegaw mill-ġdid il-persunal tal-bejjiegħ (abbażi ta' kuntratti ġodda) u li jżommu l-livelli ta' impjieg għal sentejn, kif meħtieġ mill-Artikolu 63(2) tad-Digriet Amministrattiv 270/1999. Madankollu, dan ma jfissirx li l-impjegati ta' Siremar jiġu ttrasferiti awtomatikament lix-xerrej. Barra minn hekk, dan l-obbligu huwa limitat għall-membri tal-persunal li, skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u t-tabelli dwar l-ekwipaġġ tal-bastimenti tal-fergħa kummerċjali, tqiesu essenzjali għall-operat kontinwu tas-servizz pubbliku.

(196) L-Italja sostniet li tali obbligu, impost mil-liġi domestika ġenerali, u li jservi sabiex jiżgura l-kontinwità tal-attività u t-twettiq tas-servizz pubbliku, kien ikun impost fuq l-istess termini minn bejjiegħ privat.

(197) Wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess bit-Taljan u bl-Ingliż fuq is-sit web tal-Amministrazzjoni Straordinarja u f'għadd ta' gazzetti nazzjonali u internazzjonali u siti web speċjalizzati, waslu ħames espressjonijiet ta' interess (ara l-premessi (76) u (77)). L-Italja tqis li dan juri li l-kontenut ta' din is-sejħa għamilha possibbli li jiġu identifikati b'mod ċar x'kien qed jinbiegħ u n-natura tal-proċedura li għandha tiġi segwita, filwaqt li fl-istess ħin tiġi ssalvagwardjata informazzjoni kummerċjalment sensittiva (primarjament biex jiġu protetti l-interessi ta' xerrejja potenzjali). Matul il-fażi ta' diliġenza dovuta, l-entitajiet imbagħad ġew ipprovduti b'informazzjoni dettaljata dwar, fost l-oħrajn, l-assi speċifiċi għall-bejgħ, il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, u l-abbozz tal-Konvenzjoni l-ġdida (ara l-premessa (77)).

(198) Għalhekk, l-Italja sostniet li l-entitajiet kollha interessati li jakkwistaw il-fergħa kummerċjali ta' Siremar ġew ipprovduti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju bl-informazzjoni meħtieġa biex jagħmlu offerta ta' xiri b'għarfien sħiħ tal-fatti.

4.3.2. *Dwar il-bejgħ tal-assi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar*

(199) L-Italja spjegat li l-Kummissarju Straordinarju nieda proċessi ta' offerti indipendenti, trasparenti u mhux diskriminatorji għall-bejgħ tas-seba' bastimenti ([72]), li Tirrenia u Siremar ma kellhomx bżonn joperaw is-servizz pubbliku. Fl-10 ta' Diċembru 2010, ġew ippubblikati sejħiet għal espressjoni ta' interess fil-gazzetti nazzjonali u internazzjonali

([72]) B'mod partikolari, ġew organizzati żewġ proċeduri ta' sejħiet għall-offerti: proċedura waħda għal-laneċ veloċi Aries, Taurus, Capricorn, Scorpio u Scatto ta' Tirrenia u għal-lanċa veloċi Guizzo ta' Siremar; u proċedura separata għall-bastiment bil-mutur Domiziana ta' Tirrenia.

kif ukoll f'xi pubblikazzjonijiet speċjalizzati. Mal-iskadenza tad-data tal-għeluq, li kienet ġiet estiża darbtejn, waslu biss offerti għal finijiet ta' demolizzjoni għas-sitt laneċ veloċi, inklużi dawk ta' Siremar. Saru tentattivi biex jinkisbu offerti oħla, iżda ma waslet l-ebda offerta bħal din. Fit-12 u fl-14 ta' Lulju 2011, wara li rċieva awtorizzazzjoni mingħand il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku, il-Kummissarju Straordinarju biegħ il-bastimenti lill-offerent li kien għamel l-oħla offerta.

4.3.3. *Dwar ir-raggruppament tal-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma' Konvenzjoni ġdida*

(200) L-ewwel nett, l-Italja sostniet li d-deċiżjoni li tipprivatizza l-assi flimkien mal-inkarigu tal-obbligu ta' servizz pubbliku ttieħdet bl-għan li tiġi żgurata liberalizzazzjoni bla xkiel tas-settur tal-kabotaġġ marittimu. L-Italja ssemmi li din l-istrateġija ġiet diskussa minn qabel mal-Kummissjoni (ara t-taqsima 2.4) u fil-prinċipju tqieset konformi mar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu.

(201) Barra minn hekk, l-Italja qieset li, minħabba l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq f'dak iż-żmien, kien xieraq li l-assi tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar jiġu raggruppati ma' Konvenzjonijiet ġodda. Fi żmien ta' reċessjoni u tnaqqis sinifikanti fid-domanda għas-settur tat-trasport marittimu, il-possibbiltà li tintuża l-flotta tal-fergħat kummerċjali għall-operat tar-rotot tas-servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjonijiet il-ġodda tikkostitwixxi opportunitajiet ta' negozju vijabbli aktar milli fattur li jbaxxi l-valur tas-suq tal-fergħat kummerċjali. Għalhekk, l-Italja qieset li dan ma setax jaffettwa b'mod negattiv il-proċedura tas-sejħa għall-offerti u l-prezz li jirriżulta.

(202) F'dan ir-rigward, l-Italja fakkret li mis-seba' bastimenti mhux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar (ara l-premessa (199)), sitta kellhom jinbiegħu għal finijiet ta' demolizzjoni. L-Italja tqis li, fid-dawl tal-kumplessità tas-suq tat-trasport marittimu u tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku f'dak iż-żmien, kien impossibbli li jinġieb prezz aħjar għall-assi tal-kumpanija, anke li kieku l-proċess tal-offerti ġie ripetut jew li kieku l-assi ma ġewx raggruppati flimkien mal-Konvenzjoni l-ġdida.

(203) Fl-aħħar nett, l-Italja rrimarkat li la SNS u lanqas operaturi oħrajn tas-settur ma kellhom flotta u ekwipaġġi taddaqs u tal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-forniment tas-servizzi stabbiliti fil-Konvenzjoni l-ġdida ([73]). Għalhekk, l-uniku mod kif dawn is-servizzi jiġu fdati b'suċċess kien li jiġu raggruppati mal-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, sabiex l-operatur ikun mgħammar sewwa biex iwettaq l-obbligi tiegħu ta' servizz pubbliku.

4.3.4. *Dwar il-ħatra tal-espert indipendenti*

(204) L-Italja sostniet li, fis-16 ta' Diċembru 2010, ħames istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin mingħajr ebda esponiment għal Tirrenia Group ġew mistiedna jressqu offerti għall-valwazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. L-ebda waħda mill-istituzzjonijiet mistidnin ma ssottomettiet offerta sal-iskadenza stabbilita.

(205) Imbagħad Banca Profilo esprima interess li tieħu l-kompitu ta' konsulent indipendenti taħt l-istess kundizzjonijiet kif stabbiliti fil-proċedura tal-għażla. Permezz ta' Digriet tal-4 ta' Frar 2011, il-Ministru identifika lil Banca Profilo bħala l-espert indipendenti għall-fini tal-valutazzjoni tal-valur tas-suq tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u ta' Siremar.

4.3.5. *Dwar it-trasparenza tal-proċedura*

(206) L-Italja ddeskriviet il-proċedura tal-bejgħ għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar u s-sentenzi mit-tribunali amministrattivi Taljani (ara t-Taqsima 2.3.3.2), li kkonfermaw li l-prinċipji ġenerali tal-kompetittività, tat-trasparenza u tannondiskriminazzjoni kienu ġew irrispettati. Il-proċedura segwita kienet dik stabbilita mill-Artikolu 4 (4 quarter) tad-Digriet Amministrattiv 347/2003 u ppermettiet li l-objettivi tal-Amministrazzjoni Straordinarja jiġu ssodisfati b'mod sħiħ, inkluż billi jinkiseb l-oħla prezz possibbli mill-bejgħ. Dan huwa dovut għal ċerti salvagwardji inklużi fil-proċedura, inkluża, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' prezz minimu stabbilit minn espert indipendenti. Barra minn hekk, il-partijiet kollha li kienu esprimew l-interess tagħhom fil-proċedura ġew ipprovduti fil-ħin bl-informazzjoni rilevanti kollha li tippermettilhom iressqu offerta.

(207) L-Italja kkonfermat ukoll li l-kriterju tal-għoti f'każ ta' diversi offerti kien l-oħla prezz, kif stabbilit fir-regoli speċifiċi applikabbli għall-proċedura.

4.3.6. *Dwar l-Ewwel u t-Tieni rapport ta' Ecorys*

(208) Matul l-investigazzjoni, l-Italja ġiet mistiedna tikkummenta (ara l-premessa (13)) dwar l-Ewwel rapport ta' Ecorys. L-Italja qablet mal-konklużjoni ta' Ecorys li la r-raggruppament tal-privatizzazzjoni bl-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida u lanqas il-kundizzjoni tal-forza tax-xogħol ma baxxew il-valur tas-suq tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar.

([73]) Mill-2010, il-fergħa kummerċjali ta' Siremar kienet tinkludi 18-il bastiment u kważi 500 impjegat.

(209) Fir-rigward tar-raggruppament imsemmi hawn fuq, l-Italja rreferiet b'mod partikolari għad-dikjarazzjoni ta' Ecorys li, fiż-żmien tal-bejgħ, l-unika alternattiva għal bejgħ tal-assi taħt ir-reġim tas-servizz pubbliku kienet il-likwidazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. L-Italja tenniet ukoll li fi żmien ta' kriżi fis-settur tal-laneċ ikkaratterizzat minn tnaqqis sinifikanti fid-domanda, il-possibbiltà li tintuża l-flotta ta' Siremar għar-rotot tas-servizz pubbliku identifikati fil-Konvenzjoni kienet tikkostitwixxi opportunità ta' negozju valida, aktar milli fattur li x'aktarx inaqqas il-valur tal-assi.

(210) Fir-rigward tal-kundizzjoni tal-forza tax-xogħol, l-Italja enfasizzat il-konklużjoni ta' Ecorys li ma hemm l-ebda element li juri li din il-kundizzjoni kellha xi impatt sinifikanti fuq il-valur tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. L-Italja fakkret ukoll li din il-kundizzjoni kienet derivata mill-Artikolu 63(2) tad-Digriet Amministrattiv 270/1999 u kienet tikkonċerna biss lill-impjegati li meħtieġa jiggarantixxu l-operat tan-negozju kkonċernat, f'konformità mat-tabelli dwar l-ekwipaġġ tal-flotta. It-tabelli dwar l-ekwipaġġ tal-flotta (i) jistabbilixxu l-kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tal-ekwipaġġ meħtieġ biex jopera l-bastiment f'konformità mal-liġijiet dwar is-sikurezza marittima, (ii) huma stabbiliti b'Digriet Ministerjali; u (iii) jitħejjew minn kumitat li jinkludi, fi rwol konsultattiv, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-haddiema u lis-sidien tal-bastimenti. Barra minn hekk, l-Italja żiedet li filwaqt li x-xerrej tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kellu joffri impjieg lill-impjegati kollha li huma meħtieġa jiggarantixxu l-operat tas-servizz pubbliku, dan kien ibbażat fuq kuntratti ta' impjieg differenti minn dawk li kienu fis-seħħ qabel.

(211) B'mod aktar ġenerali fir-rigward tal-valur tal-fergħa kummerċjali, l-Ewwel Rapport ta' Ecorys ikkonkluda li l-valur stmat tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar seta' kien madwar 4,6 % ogħla mill-valur ippreżentat mill-espert maħtur mill-awtoritajiet Taljani, Banca Profilo. Madankollu, l-Italja qieset li din id-differenza tista' tiġi spjegata minħabba li ż-żewġ esperti kellhom jiddependu fuq previżjonijiet għal diversi parametri tekniċi u li, min-natura tagħhom, hemm marġini ta' differenza f'tali previżjonijiet. Barra minn hekk, l-Italja nnotat li, bis-saħħa tal-preżenza ta' żewġ offerti minn SNS u CdI, il-prezz miksub fl-ewwel trasferiment lil CdI (EUR 69,15 miljun) kien ta' EUR 14-il miljun ogħla mill-prezz minimu stabbilit minn Banca Profilo. L-awtoritajiet Taljani ppreżentaw ukoll kontrovalwazzjoni, imħejjija minn Banca Profilo, li spjegat fid-dettall id-differenzi mar-rapport ta' Ecorys, filwaqt li sostniet li s-suppożizzjonijiet tagħha stess kienu jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni li qed tiġi eżaminata ([74]).

(212) Barra minn hekk, l-Italja nnotat li t-trasferiment tas-sjieda fuq il-fergħa kummerċjali ta' Siremar seħħ aktar minn sentejn wara d-data ta' referenza użata kemm minn Banca Profilo kif ukoll minn Ecorys għall-valwazzjonijiet tagħhom. Matul dak il-perjodu, il-valur tal-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kien deprezzat u l-prospettiva ekonomika marret għall-agħar b'mod sinifikanti. Għal din ir-raġuni, l-Italja kkonkludiet li ma seta' jkun hemm l-ebda dubju li, fid-data meta tlesta l-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil CdI, il-kundizzjonijiet tal-prezzijiet miftiehma mill-partijiet kienu jirriflettu bis-sħiħ il-valur tas-suq tal-assi korporattivi.

(213) Fl-aħħar nett, għall-istadji aktar tard tal-proċedura ta' privatizzazzjoni, l-Italja ppreżentat ukoll it-Tieni Rapport ta' Ecorys, li kkonferma li l-offerta minn SNS kienet konformi mal-valur tas-suq tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, kif aġġornat aktar minn erba' snin wara l-ewwel valutazzjoni tagħha (ara t-Taqsima 2.3.3.7). Għalhekk, anke jekk il-bejgħ finali lil SNS fl-2016 seħħ bi prezz aktar baxx minn dak inkluż fl-Ewwel Rapport ta' Ecorys, li, għar-regoli proċedurali, l-Amministrazzjoni Straordinarja kellha tinjora, l-Italja tqis li l-kundizzjonijiet tal-prezzijiet miftiehma mill-partijiet kienu jirriflettu bis-sħiħ il-valur tas-suq tal-assi korporattivi għall-bejgħ.

4.3.7. *Dwar il-litigazzjoni nazzjonali u l-għoti finali lil SNS*

(214) L-Italja ppreżentat diversi ittri biex tinforma lill-Kummissjoni dwar id-diversi passi tal-litigazzjoni nazzjonali fit-tribunali amministrattivi u dwar l-għoti finali tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS (ara l-premessi (93) sa (100)).

(215) L-Italja sostniet li dawn l-iżviluppi ma jitfgħux dubju fuq in-natura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja tal-proċedura għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar (ara t-Taqsima 4.3.5). Tabilħaqq, l-Italja enfasizzat li d-deċiżjonijiet tat-tribunali amministrattivi Taljani ma ddikjarawx it-twaqqif u l-eżekuzzjoni tal-proċedura tal-bejgħ bħala difettużi, iżda pjuttost iffokati fuq element wieħed tal-offerta ta' CdI, jiġifieri l-kontrogaranzija, li ma kinitx magħrufa minn Siremar f'EA meta l-offerta ngħatat għall-ewwel darba lil CdI ([75]). Għalhekk, l-Italja kkonkludiet li, bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 592/14 kif deskritta fil-premessi minn (96) sa (100), il-proċedura kienet ġiet iffinalizzata b'mod korrett bl-għoti tal-fergħa kummerċjali lil SNS.

([74]) B'mod partikolari, dawn id-differenzi jikkonċernaw ir-rati mingħajr riskju u r-rati ta' riskju tas-suq, il-betas u l-kost tad-dejn. Pereżempju, Banca Profilo uża r-rati tal-bonds tal-gvern Taljan ta' 10 snin bħala r-rata mingħajr riskju minn meta l-fergħa kummerċjali ta' Siremar bdiet topera esklussivament fl-Italja. Madankollu, Ecorys użat ir-rati aktar baxxi tal-bonds tal-gvern Ġermaniż li però, skont Banca Profilo, jissottovalutaw il-kost tal-kapital tal-fergħa kummerċjali. Barra minn hekk, għall-Primjum tar-Riskju tas-Suq, kemm Ecorys kif ukoll Banca Profilo użaw dak għall-Italja, iżda dan tal-aħħar żied Riskju Speċifiku ta' 1 % marbut mal-fatt li Siremar topera biss fi Sqallija, li jkun aktar riskjuż mill-medja tal-Italja.

([75]) Billi l-ittra ta' konfort maħruġa minn Unicredit ma semmietx l-eżistenza ta' xi kontrogaranzija.

4.4. **Dwar il-konformità tal-Konvenzjoni l-ġdida mal-kriterji ta' Altmark**

(216) L-Italja tenniet li hija kienet innotifikat il-kumpens tas-servizz pubbliku li kellu jitħallas skont il-Konvenzjoni l-ġdida għal raġunijiet ta' ċertezza tad-dritt biss, minħabba li hija kienet tqis li din il-miżura ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat (ara l-premessa (9)). B'mod partikolari, l-awtoritajiet Taljani argumentaw li l-erba' kriterji ta' Altmark huma rrispettati għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Is-servizzi tat-trasport marittimu kif definiti mill-awtoritajiet Taljani fil-Konvenzjoni l-ġdida huma essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer iżgħar ta' Sqallija, filwaqt li jissodisfaw ukoll il-ħtiġijiet essenzjali tat-trasport ta' dawk il-komunitajiet gżejjer u jiżguraw ir-rispett tad-dritt għall-kontinwità territorjali, stabbilit fil-Kostituzzjoni Taljana. Il-Konvenzjoni l-ġdida tistipula b'mod ċar is-servizzi, il-vapuri, l-iskedi taż-żmien u l-limiti tat-tariffi. Għalhekk, l-Italja sostniet li l-obbligi ta' servizz pubbliku huma ddefiniti b'mod ċar u li l-ewwel kriterju ta' Altmark huwa rrispettat;

(b) Il-parametri li abbażi tagħhom ġie kkalkolat il-kumpens huma spjegati fid-dettall fid-Direttiva CIPE u ġew applikati fil-Konvenzjoni l-ġdida (u fl-annessi tagħha), filwaqt li l-ammonti massimi ta' kumpens huma stabbiliti fil-Liġi tal-2009. Għalhekk, l-Italja sostniet li dawn il-parametri ġew stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti u li t-tieni kriterju ta' Altmark huwa rrispettat;

(c) L-operatur tas-servizz pubbliku jerfa' r-riskji kollha tal-attività (ara wkoll it-Taqsima 4.5) b'kumpens ta' ammont fiss ta' sussidju, li ma jipprovdi l-ebda ċertezza ta' kopertura shiha tal-kostijiet tiegħu. Għal din ir-raġuni, l-Italja sostniet li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % huwa konformi mal-attività, mingħajr ma jirriżulta f'kumpens żejjed tas-servizz pubbliku. Għalhekk, anke t-tielet kriterju ta' Altmark jitqies li ġie rrispettat;

(d) Il-fergħa kummerċjali ta' Siremar ġiet privatizzata permezz ta' proċedura miftuħa ta' sejħa għall-offerti, li tkopri l-assi meħtieġa biex jiġi pprovdut is-servizz pubbliku u raggruppata flimkien ma' Konvenzjoni ġdida ta' tnax-il sena għall-operat ta' dak is-servizz. Peress li l-proċedura tal-offerti rrispettat il-prinċipji tal-kompetizzjoni, tat-trasparenza u tan-nondiskriminazzjoni u l-kriterju tal-għoti kien l-ogħla prezz, l-Italja sostniet li r-raba' kriterju ta' Altmark huwa ssodisfat ukoll.

4.5. **Dwar il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % stabbilit fid-Direttiva CIPE mill-2010**

(217) L-Italja rrimarkat li, irrispettivament mill-primjum tar-riskju statutorju ta' 6,5 %, il-kumpens imħallas lil Siremar fl-2009 kien jammonta għal EUR 67 009 405. Mill-2010 'il quddiem, l-ammont massimu ta' kumpens ġie ffissat għal EUR 55 694 895. L-Italja nnotat li dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 25 %. Dan iġiegħel lix-xerrej tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar jagħmel l-operazzjonijiet ferm aktar effiċjenti sabiex iġib il-kostijiet fil-limiti tal-ammont ta' sussidju fiss matul id-durata kollha tal-Konvenzjoni l-ġdida u jikkumpensa għall-inflazzjoni tul perjodu twil fil-futur.

(218) L-Italja nnotat li d-Direttiva CIPE tistabbilixxi li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % jintuża biex jiġi ddeterminat ir-redditu fuq il-kapital abbażi tad-WACC (ara l-premessi (49) sa (58)). Madankollu, minħabba li l-Liġi tal-2009 tillimita l-ammont ta' kumpens, il-kalkolu ġie ssimplifikat bl-applikazzjoni tar-rata fissa ta' 6,5 % tar-redditu fuq il-kapital biex jiġi vverifikat kwalunkwe kumpens żejjed. Dan l-approċċ japplika skont il-Konvenzjoni l-ġdida. L-awtoritajiet Taljani wrew ukoll li l-applikazzjoni tal-metodoloġija shiha kif stabbilita fid-Direttiva CIPE setgħet irriżultat f'redditu fuq il-kapital li, mill-inqas f'xi snin, kien jaqbeż ir-rata ta' 6,5 % (jiġifieri, 8,87 %). Għal din ir-raġuni, l-Italja tqis li l-approċċ issimplifikat tagħhom huwa wieħed konservattiv u ma jippermettix kumpens għal Siremar, CdI jew SNS li jkun ogħla minn dak li kien stabbilit mid-Direttiva CIPE.

(219) L-Italja sostniet ukoll li redditu fuq il-kapital ta' 6,5 % jirrifletti r-riskju tal-attivitajiet fdati lil Siremar, CdI jew SNS, u li ma kien hemm l-ebda kumpens żejjed tas-servizz pubbliku, għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Ċerti studji makroekonomiċi jassenjaw primjum tar-riskju lil ċertu pajjiż jew ċerta żona ġeografika. Skont l-IESE Business School, 6,4 % ikun riskju ta' pajjiż adattat għall-Italja. Għalhekk, primjum tar-riskju ta' 6,5 % ikun redditu raġonevoli;

(b) Il-Konvenzjoni l-ġdida tipprevedi li l-livell ta' kumpens jiġi kkalkolat abbażi tal-evoluzzjoni mbassra tad-dħul u l-kostijiet. Għall-kuntrarju tal-Konvenzjonijiet inizjali, il-Konvenzjoni l-ġdida ma tistabbilixxi l-ebda kumpens shih u awtomatiku għaż-żieda fil-kostijiet operatorji (bħall-ħaddiema, il-fjuwil, in-noleġġ, eċċ.). Ir-riskji assoċjati ma' kwalunkwe żieda fil-kostijiet, kif ukoll ir-riskji marbuta mal-volumi tat-traffiku jiġu mġarrba kompletament mill-operatur. B'mod partikolari, l-operatur jerfa' r-riskji kollha assoċjati mas-servizz u ma għandu l-ebda garanzija li jiġi kkumpensat sa livell suffiċjenti biex ikopri l-kostijiet tiegħu. Dan jibqa' minnu anke meta jitqiesu l-Artikoli 8 u 9 tal-Konvenzjoni l-ġdida, billi l-operatur għadu espost għar-riskju ta' dewmien bejn l-okkorrenza

ta' kwalunkwe żbilanċ bħal dan u l-punt li fih jistgħu jsiru l-aġġustamenti. L-Italja ssottomettiet il-kontijiet annwali rotta b'rotta ta' CdI u ta' SNS għall-perjodu bejn Awwissu 2012 u Diċembru 2019, sabiex turi li ma kien hemm l-ebda kumpens żejjed skont il-Konvenzjoni l-ġdida ([76]);

(c) Għall-ewwel sena tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, fl-2009, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kumpens stabbilita fil-Konvenzjoni inizjali applikata, li ma kinitx tinkludi l-primjum tar-riskju ta' 6,5 %. Għal dik is-sena, l-Italja pprovdiet il-kalkolu dettaljat tal-kumpens skont il-Konvenzjoni inizjali u l-kontijiet rotta b'rotta. Għas-snin sussegwenti tal-estensjoni, jiġifieri l-2010, l-2011 u minn Jannar sa Lulju 2012, kienet tapplika l-metodoloġija CIPE għall-kalkolu tal-kumpens, li kienet tinkludi l-primjum tar-riskju ta' 6,5 %. Madankollu, l-Italja enfasizzat li, minbarra l-metodoloġija CIPE, mill-2010 beda japplika wkoll il-limitu massimu ta' EUR 55,7 miljun stabbilit mil-Liġi tal-2009. Dak l-ammont ma jkunx biżżejjed biex jappoġġa l-obbligi ta' servizz pubbliku ta' Siremar, minħabba ż-żieda fil-kostijiet tal-fjuwil, il-bidliet fir-rata tal-kambju EUR/USD u l-kriżi fis-settur tat-trasport marittimu tal-merkanzija u tal-passiġġieri fl-Italja. Sabiex tissostanzja din l-affermazzjoni, l-Italja pprovdiet rapporti trimestrali mill-Amministrazzjoni Straordinarja, il-kontijiet rotta b'rotta għall-2010 u l-ittri mibgħuta minn Tirrenia u Siremar f'EA f'April u Ġunju 2010 lill-Ministeru tat-Trasport ([77]).

4.6. **Dwar il-konformità tal-Konvenzjoni l-ġdida mad-Deċiżjoni SGEI tal-2011**

(220) anke jekk l-Italja tqis li l-kumpens għas-servizz pubbliku mħallas skont il-Konvenzjoni l-ġdida ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, hija sostniet ukoll għaliex din il-miżura tkun konformi mad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 li kieku kienet għajnuna.

(221) L-Italja fakkret li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tan-natura ġenwina ta' SGEI hija limitata għall-verifika ta' jekk l-Istat Membru għamilx żball ċar meta ddefinixxa servizz bħala SGEI. F'dan l-isfond, l-Italja ddeskriviet ir-rotot speċifikati fil-Konvenzjoni l-ġdida u rrimarkat li l-konnessjonijiet kollha jeħtieġu strutturalment l-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, kemm lil Siremar kif ukoll lil operaturi oħrajn.

(222) L-Italja pprovdiet ukoll *data* annwali dwar it-traffiku tal-passiġġieri għas-sentejn finanzjarji qabel dik li fiha ġie assenjat l-SGEI (jiġifieri l-2010 u l-2011), sabiex issostni li l-limitu massimu ta' 300 000 passiġġier, kif stabbilit fl-Artikolu 2(1)(d) u (e) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011, ma kienx inkiser fuq ir-rotot individwali operati minn Siremar. Barra minn hekk, l-Italja sostniet li l-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 huwa rrispettat, minħabba li bil-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar permezz ta' proċedura tal-offerti kompetittiva, trasparenti u mhux diskriminatorja, ir-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu ġew irrispettati bis-sħiħ.

(223) L-Italja sostniet li l-Konvenzjoni l-ġdida tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li japplikaw għall-atti ta' inkarigu kif speċifikati fl-Artikoli 4 sa 9 tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tistabbilixxi fid-dettall l-obbligi ta' servizz pubbliku, id-durata tagħhom, il-mekkaniżmu ta' kumpens (ibbażat fuq id-Direttiva CIPE u l-Liġi tal-2009), u l-mekkaniżmi biex jiġi evitat u rkuprat kwalunkwe kumpens żejjed. Fl-aħħar nett, l-Italja indikat il-miżuri li huma fis-seħħ biex tiġi żgurata konformità stretta mat-termini tal-Konvenzjoni l-ġdida, li jinkludu sistema ta' rimedji u sanzjonijiet finanzjarji.

4.7. **Dwar il-kontrogaranzija**

(224) L-Italja sostniet li d-dokumenti ppreżentati mill-offerenti potenzjali matul il-proċedura tas-sejħa għall-offerti ma pprovdew l-ebda indikazzjoni tal-eżistenza ta' kontrogaranzija li tappoġġa l-ittra ta' konfort ta' Unicredit mehmuża mal-offerta ta' suċċess ta' CdI. Tabilħaqq, dik l-ittra ma kinitx tirreferi, la b'mod espliċitu u lanqas b'mod impliċitu, għall-eżistenza ta' kontrogaranzija minn Sqallija. Skont l-Italja, l-offerta ngħatat lil CdI, billi l-offerta tagħha ssodisfat ir-rekwiżiti kollha meħtieġa u kienet aktar vantaġġuża mill-offerta magħmula minn SNS. L-Italja sostniet ukoll li n-nuqqas ta' rabta bejn l-ittra ta' konfort u l-kontrogaranzija minn Sqallija huwa kkonfermat mill-fatt li anke wara li Sqallija rtirat din il-kontrogaranzija ([78]), Unicredit ikkonfermat l-impenn tagħha lejn CdI u sussegwentement ħarġet garanzija bankarja indirizzata lil Siremar f'EA biex tkopri l-pagamenti parzjali ta' CdI ([79]).

([76]) Il-Kummissjoni tinnota li kien hemm lakuni f'din id-*data* marbuta mal-litigazzjoni nazzjonali u ż-żewġ għotjiet tal-fergħa kummerċjali (b'mod partikolari, iċ-ċifri għall-2015 ma kinux ivvalidati minn konsulent estern u ma ġiet ipprovduta l-ebda *data* għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-10 ta' April 2016).

([77]) F'dawk l-ittri, il-kumpaniji sostnew li l-ammonti ta' kumpens għas-servizz pubbliku stabbiliti mil-Liġi tal-2009 ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-kostijiet netti tas-servizz, minħabba ż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt. Fl-ittra ta' Ġunju 2010, l-ammont kien għadu meqjus bħala suffiċjenti "għal dak iż-żmien" għal Siremar, iżda diġà kien hemm lakuna proġettata ta' EUR 23,1 miljun għal Tirrenia.

([78]) Permezz ta' ittra tal-Kontabilista Ġenerali tar-Reġjun.

([79]) Fit-3 ta' Frar 2012, Unicredit irritornat il-kontrogaranzija ta' CdI lil Sqallija u kkonfermat li l-garanzija tagħha stess ma kinitx marbuta mal-kontrogaranzija minn Sqallija. Il-garanzija mbagħad daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Lulju 2012, meta ġie ffinalizzat il-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar.

(225) L-Italja ssottomettiet ukoll ċerti dokumenti biex turi li l-kontrogaranzija ma kinitx tat vantaġġ selettiv lil CdI u, b'hekk, ma kinitx tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, l-Italja ssottomettiet: Ftehim ta' Garanzija ffirmat fl-20 ta' Novembru 2011 mill-azzjonisti ta' CdI (jiġifieri, Sqallija, Mediterranea, Isolemar S.r.l., Lauro.it S.p.A. u Davimar), li permezz tiegħu huma qablu li joħorġu kontrogaranzija konġunta fuq l-offerta ta' suċċess ta' CdI sa EUR 35 miljun; u ittra minn Unicredit tal-10 ta' Mejju 2012, li tinforma lil CdI dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għall-garanzija tagħha, notevolment primjum ta' mill-inqas 250 punt bażi fis-sena. Skont l-Italja, ma seta' jkun hemm l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat fil-kontrogaranzija, jekk l-irtirar sussegwenti tagħha ma kellu l-ebda effett fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-benefiċjarju tagħha. B'hekk, dawn id-dokumenti juru li l-kundizzjonijiet għal sejba ta' għajnuna f'garanzija, kif speċifikati mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Unjoni, ma humiex preżenti f'dan il-każ.

4.8. **Dwar il-prijorità tal-irmiġġ**

(226) L-awtoritajiet Taljani sostnew li ma ntilfet jew tintilef l-ebda riżorsa tal-Istat permezz tal-allokazzjoni tal-prijorità tal-irmiġġ. Tabilħaqq, l-operaturi kollha tal-laneċ iħallsu tariffi regolari lill-awtoritajiet tal-port rilevanti għall-irmiġġ, irrispettivament minn jekk jipprovdux servizzi pubbliċi jew le. Din il-prijorità tal-irmiġġ hija applikabbli biss għar-rotot tas-servizz pubbliku u ġiet aċċettata mill-Kummissjoni b'ittra tal-24 ta' Jannar 2011, mibgħuta fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur Nru. 2007/4609 (ara t-Taqsima 2.4), sa fejn kienet tapplika biss għal dawk ir-rotot. Barra minn hekk, l-Italja ċċarat li Siremar u s-suċċessuri tagħha ma ħallsux u lanqas iħallsu xi tariffa addizzjonali għal din il-prijorità tal-irmiġġ.

(227) Minħabba li ma hija dovuta l-ebda tariffa għall-prijorità tal-irmiġġ, il-vantaġġ monetarju mogħti lil Siremar u lis-suċċessuri tagħha, jekk ikun hemm, ma jistax jiġi kkwantifikat. Madankollu, l-Italja nnotat li, fil-prattika, il-prijorità tal-irmiġġ tapplika biss f'ċirkostanzi limitati, minħabba d-daqs tal-biċċa l-kbira tal-portijiet u l-iskedar bil-quddiem tal-wasliet u tat-tluq.

4.9. **Dwar il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010**

(228) L-Italja ma kkontestatx li Siremar irċeviet EUR 7 215 800 biex twettaq l-ammeljoramenti tal-bastimenti meħtieġa biex jiġu rrispettati l-istandards internazzjonali tas-sikurezza (li ssir referenza għalihom bħala l-"fondi ta' Stokkolma"). Madankollu, l-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li dawn il-fondi ntużaw biss biex jitħallsu l-ammeljoramenti tal-bastimenti. Tabilħaqq, sa meta ġie ffirmat il-kuntratt tal-bejgħ ma' CdI fil-21 ta' Ottubru 2011, kien għad fadal EUR 580 600 biss x'jintefqu. Siremar f'EA nefqet dawk il-fondi li kien fadal f'Jannar 2012, qabel it-trasferiment tal-fergħa kummerċjali lil CdI, sabiex twettaq ċerti xogħlijiet meħtieġa fuq il-bastiment Martini li kienu għadhom pendenti.

(229) Fir-rigward tal-eżenzjonijiet fiskali fuq l-atti u l-operazzjonijiet relatati mal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, stabbiliti mil-Liġi tal-2010, l-awtoritajiet Taljani l-ewwel irrimarkaw li għall-kumpaniji involuti fi proċedimenti ta' insolvenza, il-qligħ jiġi ddeterminat skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 183 tal-Liġi Konsolidata dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu. Abbażi ta' dik id-dispożizzjoni, il-qligħ ta' impriża għall-perjodu mill-bidu tal-proċedimenti ta' falliment sal-konklużjoni tagħhom huwa d-differenza bejn l-assi tal-impriża fil-bidu tal-proċedimenti u l-assi residwi fi tmiemhom. Għalhekk, qabel it-tmiem tal-proċedimenti, ma huwiex possibbli li jiġi antiċipat jekk hemmx obbligazzjoni ta' taxxa u d-daqs tagħha.

(230) Fir-rigward tat-taxxi indiretti, l-awtoritajiet Taljani enfasizzaw li l-eżenzjonijiet previsti tfasslu bil-ħsieb li tinkiseb simplifikazzjoni amministrattiva. Mill-perspettiva tat-tassazzjoni, l-effetti tagħhom jistgħu jitqiesu bħala negliġibbli u ta' impatt żgħir b'rabta mat-taxxi fuq id-dokumenti li jiġu imposti b'rati fissi. B'mod aktar speċifiku, dan jikkonċerna d-dazju tar-reġistrazzjoni (EUR 168 għal kull dokument), it-tariffi tar-reġistru tal-artijiet u tar-reġistrazzjoni tal-ipoteki (EUR 168 kull waħda) u t-taxxa tal-boll (EUR 14,62 għal erba' naħat). Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani nnotaw li skont l-Artikolu 9 tal-kuntratti għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali minn Siremar f'EA lil CdI u lil SNS, id-dazji u t-tariffi kollha kienu pagabbli mix-xerrej. Fil-każ tat-trasferiment lil SNS, l-awtoritajiet Taljani ċċaraw li kien japplika dazju ta' reġistrazzjoni fiss ta' EUR 245, skont il-paragrafu 24-bis tal-Artikolu 19-ter tad-Digriet Amministrattiv 135/2009.

(231) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Taljani ċċaraw li r-riżorsi tal-FAS ma ntużawx biex jagħtu kumpens addizzjonali lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, inkluża Siremar. Minflok, dawn ir-riżorsi saru disponibbli biex jissupplimentaw l-approprjazzjonijiet tal-baġit stabbiliti għall-ħlas tal-kumpensi tas-servizz pubbliku lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, f'każ li dawk l-approprjazzjonijiet tal-baġit ma jkunux biżżejjed. L-Italja tinnota li l-paragrafu 5-*ter* tal-Artikolu 1 tad-Digriet Amministrattiv 125/2010 ippermetta lir-reġjuni jużaw ir-riżorsi tal-FAS biex jiffinanzjaw (parti minn) il-kumpens għas-servizz pubbliku regolari u, b'hekk, jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi pubbliċi marittimi. Barra minn hekk, l-Italja ċċarat li, skont l-Artikolu 26 tad-Digriet Amministrattiv 185/2008, ġew allokati EUR 65 miljun għal kull waħda mis-snin 2009, 2010 u 2011 lil Tirrenia Group u EUR 195 miljun

ittieħdu kif xieraq mir-riżorsi tal-FAS. Dawk il-fondi mbagħad ġew ittrasferiti għall-kont tal-Ministeru tat-Trasport allokat għall-ħlas tal-kumpens għas-servizz pubbliku lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group (Tirrenia, Siremar, Caremar, Toremar u Saremar). Għalhekk, din il-miżura tkun tikkonċerna biss allokazzjoni ta' riżorsi fil-baġit tal-Istat Taljan għall-ħlas tal-kumpensi għas-servizz pubbliku.

4.10. **Dwar in-nuqqas ta' kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u CdI**

(232) L-Italja sostniet li ma hemm l-ebda kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u CdI abbażi tar-raġunijiet li ġejjin:

(a) *Kamp ta' applikazzjoni tal-bejgħ*: L-Italja rrimarkat li Siremar inizjalment kellha tinbiegħ bħala parti minn Tirrenia (li tagħha kienet sussidjarja). Wara li dak it-tentattiv ta' privatizzazzjoni falla, ġew organizzati offerti separati għal parti mill-assi tal-kumpanija rispettiva (jiġifieri, il-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar, rispettivament). Barra minn hekk, il-bejgħ kien jikkonċerna għadd limitat ta' assi ta' Siremar f'EA li qabel ma kellhom l-ebda awtonomija funzjonali; l-assi mhux essenzjali għas-servizz pubbliku, inkluża lanċa veloċi waħda, inbiegħu separatament. Barra minn hekk, id-djun imġarrba minn Siremar f'EA qabel it-trasferiment ma tteħdux minn CdI;

(b) *Attività ekonomika*: il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti mill-Konvenzjoni l-ġdida għal CdI huma sostanzjalment differenti minn dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni inizjali għal Siremar. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni l-ġdida tipprevedi kriterji differenti għall-kalkolu tal-kumpens għall-fornitment tas-servizz pubbliku (li huwa ffissat għal ammont massimu, minflok ma jkopri kompletament it-telf mis-servizz pubbliku) u tintroduċi aktar flessibbiltà fir-rati offruti lill-passiġġieri (bl-użu ta' limiti massimi tal-prezzijiet minflok prezzijiet fissi). L-Italja tqis li t-tibdil sinifikanti fil-metodu tal-kumpens bilfors kien jobbliga lix-xerrej iżid l-effiċjenza organizzazzjonali tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Fl-aħħar nett, l-Italja sostniet li s-sempliċi trasferiment minn sid pubbliku għal sid privat jinvolvi bidla drastika fl-organizzazzjoni u fil-ġestjoni tal-fergħa kummerċjali;

(c) *Diskontinwità tal-forza tax-xogħol*: L-Italja indikat li ma kien hemm l-ebda trasferiment awtomatiku tal-impjegati lix-xerrej. Siremar f'EA tkeċċi l-impjegati tagħha u tkun responsabbli għal kwalunkwe kost li jifdal marbut mal-kuntratti l-antiki. Ix-xerrej imbagħad jagħmel offerti ġodda ta' impjieg lill-eks impjegati, sal-punt li dawn tqiesu meħtieġa għall-operat tan-negozju ttrasferit (jiġifieri s-servizz pubbliku). Fejn l-ex impjegati aċċettaw l-offerta, huma ġew impjegati taħt kuntratt ġdid u differenti;

(d) *Prezz tat-trasferiment*: L-Italja rrimarkat li espert indipendenti għamel stima tal-valur tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u li l-proċedura tal-offerti għall-bejgħ ta' din tal-aħħar kellha l-ogħla prezz bħala l-uniku kriterju għall-għażla tal-offerti;

(e) *Parteċipazzjoni azzjonarja differenti tal-bejjiegħ u tax-xerrej:* L-Italja nnotat li x-xerrej ġie identifikat permezz ta' proċess pubbliku miftuħ ta' sejħa għall-offerti għall-akbar numru possibbli ta' offerenti potenzjali. Din l-offerta kienet ibbażata fuq il-prinċipji tal-kompetizzjoni, tat-trasparenza u tan-nondiskriminazzjoni u l-offerta ngħatat bl-użu tal-kriterju tal-ogħla prezz. Barra minn hekk, l-Italja rreferiet għad-deċiżjoni tal-AGCM nru. 23023 tat-23 ta' Novembru 2011 ([80]), li skontha l-ebda azzjonist individwali ta' Mediterranea ma kien ikun jista' jeżerċita kontroll esklużiv jew konġunt fuq il-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Tabilhaqq, l-offerenta rebbieħa, CdI, kienet ikkontrollata għal 65,32 % minn Mediterranea. Sqallija kellha 43,02 % tal-ishma f'Mediterranea, filwaqt li tliet partijiet privati flimkien kellhom l-ishma li jifdal. Dawk il-partijiet kellhom ishma ordinarji jew "ishma tat-tip A", iżda Sqallija kellha "ishma tat-tip B", li huma soġġetti għal ċerti limitazzjonijiet. Pereżempju, Sqallija ma setgħet taħtar l-ebda wieħed mill-uffiċjali jew mid-diretturi tagħha fuq il-Bord ta' Tmexxija tal-kumpanija. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Italja sostniet li l-identità tal-bejjiegħ kienet differenti minn dik tax-xerrej u li l-bejjiegħ ma seta' jeżerċita l-ebda tip ta' kontroll jew saħansitra interferenza sempliċi fil-ġestjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, wara t-trasferiment tagħha lil CdI;

(f) *Il-loġika ekonomika tat-tranżazzjoni*: l-għan tat-tranżazzjoni kien li tilliberalizza l-attivitajiet tat-trasport marittimu operati minn Siremar biex ikunu konformi mar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu. Barra minn hekk, l-ewwel sejħa għal espressjonijiet ta' interess ġiet ippubblikata fl-4 ta' Ottubru 2010, filwaqt li l-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-Kummissjoni nfetħet bid-Deċiżjoni tagħha tal-5 ta' Ottubru 2011. Għalhekk, l-Italja qieset li t-tranżazzjoni ma kellhiex l-għan li tevita r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, iżda kienet ippjanata u eżegwita bl-intenzjoni li twettaq proġett industrijali importanti.

([80]) C11320 – Compagnia delle Isole/Ramo di azienda di Tirrenia di Navigazione (Siremar), Provvedimento n. 23023 del 23 novembre 2011.

5. IL-KUMMENTI MINGĦAND IL-PARTIJIET INTERESSATI

5.1. Kummenti minn Siremar f'amministrazzjoni straordinarja

(233) Siremar f'EA issottomettiet sett ewlieni ta' osservazzjonijiet u ittra sussegwenti waħda. Saru wkoll skambji informali sussegwenti, b'għarfien sħiħ tal-awtoritajiet Taljani, sabiex jiġu ċċarati ċerti kwistjonijiet pendenti jew tinkiseb informazzjoni speċifika. Barra minn hekk, dwar il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' għajnuna, Siremar f'EA ressqet argumenti li kienu simili ħafna għal dawk ipprovduti mill-Italja.

5.1.1. *Dwar il-proċedura ta' ksur Nru. 2007/4609*

(234) Fit-tweġiba tagħha għad-Deċiżjoni tal-2012, li waslet fid-19 ta' April 2013, Siremar f'EA l-ewwel irreferiet għall-proċedura ta' ksur tal-Kummissjoni Nru 2007/4609 dwar l-applikazzjoni ħażina tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu (ara wkoll it-Taqsima 2.4). F'dan il-kuntest, Siremar f'EA irreferiet għall-ittra tal-21 ta' Diċembru 2009 (ara l-premessa (136)) dwar l-intenzjoni tal-Italja li tniedi offerti mhux għall-kuntratti ta' servizz pubbliku, iżda għall-bejgħ tal-kumpaniji tat-tbaħħir li għandhom tali kuntratti. F'dik l-ittra, ġie nnotat li, filwaqt li jitqies it-tiġdid radikali tas-settur ippjanat, u minħabba l-impatt soċjali li jkollhom l-offerti jekk ma jkunux jinkludu l-kumpaniji, il-proċeduri magħżula kienu aċċettabbli – fil-prinċipju u bħala eċċezzjoni – għall-iskop li tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fost is-sidien tal-bastimenti Komunitarji.

(235) Fil-21 ta' Ġunju 2012 (ara l-premessa (143)), il-Kummissjoni bagħtet lill-Italja opinjoni motivata dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proċeduri kompetittivi għall-għoti tas-servizzi pubbliċi ta' kabotaġġ marittimu operati minn Caremar, minn Laziomar u minn Saremar, aktar minn tliet snin wara l-iskadenza normali tal-kuntratti rilevanti. Minħabba li l-awtoritajiet Taljani kienu lestew il-proċeduri kompetittivi għall-għoti tas-servizzi pubbliċi ta' kabotaġġ marittimu operati mill-kumpaniji Tirrenia, Siremar u Toremar, l-opinjoni motivata ma kinitx tikkonċerna lil dawk il-kumpaniji. Fuq din il-bażi u fid-dawl tal-iskambji preċedenti bejn l-awtoritajiet Taljani u s-servizzi tal-Kummissjoni, Siremar f'EA sostniet li l-Kummissjoni kienet sabet li l-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kienet konformi mal-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu.

(236) Abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qrati Ewropej, ([81]) Siremar f'EA sostniet li ladarba jkunu ġew stabbiliti l-obbligi ta' servizz pubbliku f'konformità mar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, dawn iridu jitqiesu li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni mingħajr il-ħtieġa li jitwettaq skrutinju ulterjuri skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE. Skont Siremar f'EA, billi l-proċedura ta' ksur waslet għall-konklużjoni li l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq ir-rotot operati mill-fergħa kummerċjali ta' Siremar qabel il-privatizzazzjoni kienu ġustifikati fid-dawl tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, tali konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-Kummissjoni stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE ([82]). Għalhekk, kwalunkwe azzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE jenħtieġ li tkun limitata għal miżuri oħrajn, differenti mill-kumpens għall-kostijiet addizzjonali kkawżati mill-obbligi ta' servizz pubbliku fdati u operati legalment skont ir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu.

(237) Fl-aħħar nett, Siremar f'EA irreferiet għas-Sentenza tal-2009 li annullat id-Deċiżjoni tal-2004 u l-possibbiltà li l-kumpens għas-servizz pubbliku vvalutat f'dik id-Deċiżjoni jista' jiġi kklassifikat bħala għajnuna eżistenti. Jekk l-għajnuna mogħtija lill-eks Tirrenia Group kienet tabilħaqq ikklassifikata bħala għajnuna eżistenti, din il-klassifikazzjoni x'aktarx tapplika wkoll għall-kumpens imħallas għall-obbligi ta' servizz pubbliku operati mill-fergħa kummerċjali ta' Siremar sal-privatizzazzjoni, għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali kienet strettament meħtieġa biex tiggarantixxi l-forniment tas-servizz pubbliku, sakemm tingħata l-Konvenzjoni l-ġdida, fil-kuntest tal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Għalhekk, din tqieset li kienet ġustifikata fid-dawl tal-eżitu tal-proċedura ta' ksur tal-Kummissjoni;

(b) l-uniċi bidliet materjali li saru mill-1 ta' Jannar 2009 kellhom l-effett li jnaqqsu l-ammont globali tal-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti.

5.1.2. *Dwar l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali*

(238) Fir-rigward tal-eżistenza ta' SGEI reali fuq ir-rotot moqdija mill-fergħa kummerċjali ta' Siremar skont il-Konvenzjoni inizjali, Siremar f'EA l-ewwel elenkat il-konnessjonijiet fejn kienet qed topera servizz pubbliku matul il-perjodu ta' estensjoni. Kien hemm kompetizzjoni fuq xi rotot għal xi perjodi tas-sena. Madankollu, dawn l-operaturi kienu qed jipprovdu wkoll servizz pubbliku u ġew ikkumpensati kif xieraq. Għalhekk, Siremar f'EA innotat li l-preżenza ta' dawk l-operaturi ma qajmitx dubju dwar l-eżistenza ta' SGEI ġenwin. Barra minn hekk, Siremar f'EA ipprovdiet *data* dwar il-passiġġieri fuq ir-rotot operati fl-2010 u fl-2011, li wriet li fuq ir-rotot

([81]) Siremar f'EA tirreferi b'mod partikolari għas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2005 fil-Kawża T-17/02 *Fred Olsen, SA*, ECLI:EU:T:2005:218, il-punt 215.

([82]) Siremar f'EA tirreferi għas-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2005 fil-Kawża C-400/99 *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2005:275; u tal-4 ta' Marzu 2009 fil-Kawżi Magħquda T 265/04, T 292/04 u T 504/04 *Tirrenia di Navigazione vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2009:48.

individwali kollha, it-traffiku annwali medju tal-passiġġieri kien taħt it-300 000 ([83]). Fuq din il-bażi, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1)(d) u (e) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 jiġu rrispettati. Barra minn hekk, billi l-kumpens imħallas abbażi tal-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali ġie approvat fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur, il-kundizzjonijiet stabbiliti, rispettivament, fl-Artikolu 2(4) u fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjonijiet dwar l-SGEI tal-2011 u tal-2005, jiġu ssodisfati wkoll.

(239) Barra minn hekk, Siremar f'EA sostniet li hija ma kinitx ġiet ikkumpensata żżejjed mill-Italja. L-ewwel nett, il-kumpanija rreferiet għal rapport mill-Corte dei Conti li kkonkluda dwar il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni inizjali għad-determinazzjoni tal-ammont ta' kumpens tal-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group. It-tieni, Siremar f'EA irrimarkat li matul il-perjodu li fih kienet taħt amministrazzjoni straordinarja (Settembru 2010 – Lulju 2012), l-ammont tas-sussidju kien madwar EUR 16-il miljun inqas f'termini assoluti, u madwar 25 % inqas f'termini relattivi, mill-ammont medju ta' sussidji riċevuti mill-kumpanija matul is-sentejn preċedenti (2008 – 2009). Siremar f'EA innotat li l-kumpens għas-servizz pubbliku mħallas sa tmiem l-2009 ippermettielha tibbilanċja l-introjtu u l-ispejjeż tagħha u tkompli topera minkejja d-deterjorament gradwali tal-prospettiva ekonomika u finanzjarja tagħha. Madankollu, maż-żmien, Siremar saret aktar dipendenti fuq is-sussidji: bejn l-1999 u l-2008, is-sehem tagħhom tal-fatturat żdied minn 64 % għal 77 %. Imbagħad, mill-2010 'il quddiem, il-Liġi tal-2009 illimitat l-ammont ta' kumpens f'livell ferm aktar baxx minn dak tas-snin preċedenti. Siremar f'EA sostniet li s-sussidju pubbliku b'hekk ma kienx ikun jista' jkopri l-kostijiet operatorji tagħha. Għalhekk, Siremar f'EA ikkonkludiet li, fis-snin meta ġiet estiża l-Konvenzjoni inizjali, ma seta' jkun hemm l-ebda kumpens żejjed u li l-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tal-kumpens tisforza lis-sid il-ġdid tal-fergħa kummerċjali biex jorganizza mill-ġdid l-operazzjonijiet ta' din tal-aħħar biex iżid l-effiċjenza tagħha.

5.1.3. *Dwar l-estensjoni illegali potenzjali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar*

(240) Siremar f'EA fakkret li l-awtoritajiet Taljani informaw lill-Kummissjoni fis-16 ta' Mejju 2011 li l-Amministrazzjonijiet Straordinarji ta' Tirrenia u ta' Siremar iħallsu lura l-għajnuna għas-salvataġġ approvata bid-Deċiżjoni tal-2010 wara t-tlestija tal-bejgħ tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar, bl-użu tal-irċevuti mill-bejgħ ta' dawn il-fergħat. Madankollu, Siremar f'EA innotat li t-tlestija tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ġiet ittardjata minħabba avvenimenti mhux mistennija u, għalhekk, Siremar f'EA kellha tkompli topera s-servizzi tagħha għal żmien konsiderevolment itwal minn dak ippjanat u kellha terfa' l-kostijiet assoċjati. Madankollu, l-għajnuna kollha għas-salvataġġ tħallset lura kompletament lill-Istat permezz ta' pagament uniku fit-18 ta' Settembru 2012, jiġifieri 48 jum biss wara t-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, li seħħ fl-1 ta' Awwissu 2012.

(241) Fir-rigward tar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 25(c) tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, Siremar f'EA innotat li l-pjan ta' likwidazzjoni kemm għal Tirrenia kif ukoll għal Siremar kien ġie ppubblikat fuq is-sit web tal-Amministrazzjoni Straordinarja ([84]) ħafna qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur imsemmi hawn fuq. Siremar f'EA żiedet li kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar il-progress sussegwenti tal-proċess ta' privatizzazzjoni – li hija sostniet li hija, essenzjalment, pjan ta' ristrutturar kif definit mil-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar – ġiet sottomessa regolarment lill-Kummissjoni skont il-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat u tal-approvazzjoni tal-fużjonijiet. Għalhekk, Siremar f'EA sostniet li l-Kummissjoni kienet informata bis-sħiħ u li dan il-pjan kien fattibbli, koerenti u estensiv ħafna, b'tali mod li titreġġa' lura l-vijabbiltà ta' Siremar kif meħtieġ mil-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar.

(242) Siremar f'EA sostniet ukoll li Siremar ma baqgħetx impriża f'diffikultà hekk kif irċeviet l-għajnuna għas-salvataġġ li ppermettitilha tipprovdi s-servizz pubbliku b'mod regolari, filwaqt li tiġġestixxi kif xieraq il-proċess ta' likwidazzjoni. Fil-fehma tagħha, matul il-perjodu inkwistjoni, dawn l-attivitajiet twettqu b'mod regolari u mingħajr l-ebda tfixkil li ġeneralment jindika impriża f'diffikultà. Siremar f'EA żiedet li t-tlestija tal-privatizzazzjoni ħabtet mal-implimentazzjoni kompluta tal-pjan ta' ristrutturar. Din kienet tinvolvi modifiki strutturali fl-organizzazzjoni u fil-ġestjoni ta' Siremar, li żguraw ir-ritorn tagħha għal profittabbiltà fit-tul. Fl-aħħar nett, Siremar f'EA irrimarkat li d-Deċiżjoni tal-2010 ikkonfermat li l-prinċipju ta' "darba waħda, darba biss" kien ġie rrispettat ukoll fir-rigward tal-passat, b'rabta ma' kwalunkwe għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar jew kwalunkwe għajnuna illegali, bħall-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku. Għalhekk, Siremar f'EA sostniet li l-awtoritajiet Taljani seta' kellhom aspettattivi leġittimi li dak il-kumpens ma kien jinvolvi l-ebda għajnuna mill-Istat.

([83]) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li fuq rotta waħda (ALC/2), l-għadd medju ta' passiġġieri fl-2010 u fl-2011 kien ta' 300 357,5.
([84]) Ara: http://www.tirreniadinavigazioneamministrazionestraordinaria.it/ (ikkwotat mill-kumpanija), kif ukoll http://www.siremar-inas.it/.

5.1.4. *Dwar il-Konvenzjoni l-ġdida*

(243) Fir-rigward tal-proċedura segwita, Siremar f'EA sostniet li l-Italja kienet innotifikat il-Konvenzjoni l-ġdida lill-Kummissjoni fl-10 ta' Jannar 2012 biss għal raġunijiet ta' ċertezza legali. Tabilħaqq, Siremar f'EA ma qablitx mal-fehma tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2012 li din il-miżura tista' tikkostitwixxi għajnuna illegali, mogħtija bi ksur tal-obbligu ta' waqfien totali skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

(244) Fir-rigward tas-sustanza, Siremar f'EA ippreżentat l-erba' kriterji ta' Altmark u sostniet għaliex hija qieset li kull kriterju ġie rrispettat, biex b'hekk eskludiet il-preżenza ta' kwalunkwe element ta' għajnuna mill-Istat fil-Konvenzjoni l-ġdida.

(245) L-ewwel nett, il-kumpanija ġiet fdata bil-forniment ta' SGEI (Altmark I): l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni l-ġdida jistabbilixxi b'mod ċar is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, filwaqt li l-Anness A tagħha jidentifika fid-dettall it-tipi ta' bastimenti li għandhom jintużaw u l-meded ta' żmien li għandhom jiġu koperti, filwaqt li jispeċifika r-rekwiżiti għas-servizz ta' filgħaxija u ta' billejl u l-limitazzjonijiet tan-nollijiet. It-tieni, il-parametri għall-kalkolu tal-kumpens ġew stabbiliti minn qabel b'mod trasparenti u oġġettiv (Altmark II): il-Konvenzjoni l-ġdida, l-annessi tagħha u d-Direttiva CIPE pprovdew deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija tal-kalkolu. It-tielet, huma biss il-kostijiet netti tal-forniment tas-servizz pubbliku li ġew ikkumpensati (Altmark III): il-Konvenzjoni l-ġdida tistabbilixxi li huma biss is-servizzi operati bħala missjoni pubblika li jiġu kkumpensati. L-elementi li għandhom jitqiesu għall-kalkolu tal-kostijiet u l-profitt raġonevoli, jiġifieri, ir-redditu fuq il-kapital ta' riskju ta' 6,5 %, ġew elenkati fid-Direttiva CIPE u fl-Annessi B u Ċ tal-Konvenzjoni l-ġdida. Ir-raba', il-kumpens għandu jiġi stabbilit fil-livell minimu (Altmark IV): Siremar f'EA sostniet li l-offerta għall-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kienet trasparenti, miftuħa u mhux diskriminatorja, u li l-metodu tal-kalkolu tal-kumpens kien jeħtieġ effiċjenza akbar min-naħa tal-operatur tas-servizz.

(246) Minkejja r-raġunament ta' Altmark, Siremar f'EA indirizzat ukoll id-dubji tal-Kummissjoni dwar il-konformità tal-Konvenzjoni l-ġdida mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011.

(247) B'mod partikolari, Siremar f'EA sostniet li, abbażi tad-*data* dwar il-passiġġieri għall-2010 u l-2011, il-limitu tal-passiġġieri stabbilit mill-Artikolu 2(1)(d) u (e) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 ma nkisirx. Barra minn hekk, Siremar f'EA sostniet li fid-dawl tal-eżitu tal-proċedura ta' ksur (ara wkoll it-Taqsima 5.1.1), u wara l-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, il-kundizzjoni fl-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 hija rrispettata wkoll.

(248) Siremar f'EA irreferiet għall-argumenti pprovduti għar-raġunament tagħha f'Altmark sabiex tiġi pprovata l-konformità mal-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 4(a) u (b) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni l-ġdida tistabbilixxi l-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-rieżami tal-kumpens u l-arranġamenti għall-evitar u l-irkupru ta' kwalunkwe kumpens żejjed, kif ukoll rekwiżiti vinkolanti li jkopru aspetti essenzjali (il-prezz, il-kwalità u l-kwantità) tas-servizzi pprovduti (l-Artikolu 4(d) u (e) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011). Barra minn hekk, għal kull rotta, in-nollijiet massimi applikabbli għal kull persuna jew vettura huma stabbiliti fl-Anness A tal-Konvenzjoni l-ġdida, li jagħmel distinzjoni bejn in-nollijiet standard u n-nollijiet imnaqqsa għar-residenti tal-gżejjer. Il-kumpens annwali għall-obbligi ta' servizz pubbliku huwa fiss għad-durata tal-Konvenzjoni. Madankollu, hemm mekkaniżmu għar-reviżjoni kull tliet snin tal-parametri ekonomiċi ta' referenza, kif ukoll dispożizzjoni ta' salvagwardja favur iż-żewġ partijiet fil-każ ta' tibdiliet mhux previsti u strutturali, li jaqbżu l-limitu fiss, għal ċerti parametri ekonomiċi. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rekwiżiti deskritti hawn fuq, il-Konvenzjoni l-ġdida introduċiet sistema stretta u komprensiva ta' penali għall-operatur tas-servizz, ibbażata fuq il-prinċipju ta' deterrenza. Il-Ministeri superviżorji għandhom ukoll is-setgħa li jwettqu spezzjonijiet u kontrolli, u jiksbu informazzjoni biex jivvalutaw l-issodisfar tal-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni (l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011). Fl-aħħar nett, Siremar f'EA sostniet li hija kienet konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli l-oħrajn tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 (l-Artikoli minn 6 sa 9) permezz tad-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw offerta miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, bħal dik użata għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar.

5.1.5. *Dwar il-privatizzazzjoni ta' Siremar u l-kontrogaranzija*

(249) Siremar f'EA fakkret fil-passi ewlenin tal-proċedura tal-offerti u fl-iżviluppi sussegwenti. Hija enfasizzat li l-Kummissarju Straordinarju fassal u mexxa l-proċedura tal-offerti bil-mod meqjus l-aktar xieraq sabiex jiżgura l-kisba tal-ogħla valur possibbli u li huwa kien meħtieġ bil-liġi li jistabbilixxi salvagwardji li jiżguraw it-trasparenza, l-imparzjalità u l-ġustizzja tal-proċedura tal-offerti. B'mod partikolari, espert indipendenti kien stabbilixxa l-prezz minimu u l-għażla tal-offerta ta' suċċess kienet ibbażata fuq il-kriterju tal-ogħla prezz. Barra minn hekk, Siremar

f'EA innotat li, meta tikkunsidra l-għajnuna possibbilment mogħtija fi privatizzazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni ssegwi l-ġurisprudenza ta' GRAWE, ([85]) li tiddikjara li meta kumpanija tal-Istat tiġi privatizzata, jista' jiġi preżunt li l-prezz tas-suq jikkorrespondi għall-ogħla offerta riċevuta, jekk tali offerta tkun kredibbli u jkollha valur ekonomiku.

(250) Siremar f'EA sostniet ukoll li l-proċess ta' sejħa għall-offerti ma kien soġġett għall-ebda kundizzjoni li minnha nnifisha kienet kapaċi tikkawża tnaqqis fil-valur tal-assi offruti għall-bejgħ, jew tnaqqas l-għadd ta' xerrejja potenzjali. B'mod partikolari, dan japplika għall-kundizzjonijiet imsemmija fid-Deċiżjoni tal-2011 dwar: (i) il-preservazzjoni tal-livelli ta' impjieg, (ii) ir-raggruppar tal-bastimenti mal-obbligi ta' servizz pubbliku fi proċedura unika ta' sejħa għal offerti. Fir-rigward tal-ewwel, Siremar f'EA irrimarkat li din tikkonċerna dispożizzjoni obbligatorja, stabbilita minn att leġiżlattiv ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u applikabbli mingħajr distinzjoni, għal perjodu limitat għal sentejn. Fir-rigward tal-aħħar, Siremar f'EA innotat li l-possibbiltà li tintuża l-flotta tal-fergħa kummerċjali biex topera r-rotot tas-servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjoni dehret li tikkostitwixxi opportunità kummerċjali vijabbli aktar milli fattur negattiv li jaffettwa l-valur tal-fergħa kummerċjali offruta għall-bejgħ, speċjalment fi żmien ta' riċessjoni għas-settur tat-trasport marittimu.

(251) Fir-rigward tal-kwistjoni speċifika tal-kontrogaranzija minn Sqallija, Siremar f'EA sostniet li ma kien hemm l-ebda evidenza tal-eżistenza ta' xi kontrogaranzija fid-dokumenti sottomessi mill-offerenti matul il-proċedura tal-offerti. B'mod partikolari, l-ittra ta' konfort ta' Unicredit tat-12 ta' Ottubru 2011 ma kien fiha l-ebda referenza, espliċita jew impliċita, għal kontrogaranzija maħruġa minn Sqallija. Barra minn hekk, Unicredit żammet l-impenn tagħha li tiggarantixxi l-pagamenti differiti ta' parti mill-prezz tal-bejgħ anke wara li Sqallija rtirat il-kontrogaranzija tagħha. Tabilhaqq, il-fatt li l-bejgħ tlesta ħafna wara li Sqallija fakkret il-kontrogaranzija tagħha jkun biżżejjed biex jiġi konkluż li ma kien hemm l-ebda rabta materjali bejn l-ittra ta' konfort ta' Unicredit u l-kontrogaranzija ta' Sqallija.

(252) Għal dawn ir-raġunijiet, Siremar f'EA ikkonkludiet li d-dubji tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna fil-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, inkluża l-kontrogaranzija maħruġa minn Sqallija, ma kinux ġustifikati.

5.1.6. *Dwar in-nuqqas ta' kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u CdI*

(253) Siremar f'EA iddeskriviet il-karatteristiċi li ġejjin tal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar: l-ambitu tat-trasferiment (assi u obbligazzjonijiet); l-attività ekonomika, il-forza tax-xogħol u l-identità tal-partijiet; il-prezz tal-bejgħ; il-loġika u t-twaqqit tal-operazzjoni. Siremar f'EA sostniet li f'dan il-każ, dawn l-elementi kollha indikaw diskontinwità ekonomika bejn l-Amministrazzjoni Straordinarja li tbiegħ il-fergħa kummerċjali ta' Siremar u l-akkwirent.

(254) B'mod partikolari, Siremar f'EA innotat li:

(a) il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment lil CdI kien aktar limitat minn dak li kien previst inizjalment, billi l-fergħa kummerċjali ta' Siremar biss tqiegħdet għall-bejgħ u mhux Tirrenia kollha kemm hi (inkluża Siremar). Barra minn hekk, mat-tlestija tal-bejgħ, l-obbligazzjonijiet pendenti kollha marbuta mal-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ġew ikkanċellati;

(b) in-natura stess tat-tranżazzjoni – jiġifieri l-kisba tal-privatizzazzjoni – timplika diskontinwità ovvja tal-attività ekonomika, f'termini tal-istruttura organizzazzjonali, tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, tal-kriterji ta' ġestjoni u tal-istrateġiji tan-negozju;

(c) kif stabbilit fl-Artikolu 56 (3-bis) tad-Digriet Amministrattiv Nru. 270/1999, l-Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili Taljan ma japplikax għall-bejgħ ta' kumpaniji li jipprovdu servizzi pubbliċi essenzjali, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda kontinwità fil-forza tax-xogħol;

(d) espert indipendenti kien stabbilixxa l-prezz minimu tal-bejgħ; il-proċedura tal-bejgħ kienet trasparenti u mhux diskriminatorja, bl-ogħla prezz bħala l-uniku kriterju għall-għoti;

(e) iż-żewġ partijiet kienu indipendenti minn xulxin, billi l-ishma ta' Sqallija f'Mediterranea ma ppermettewlhiex teżerċita influwenza fuq in-negozju (ara l-premessa (232)(e));

(f) il-proċedura tal-offerti għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar tnediet fl-4 ta' Ottubru 2010, filwaqt li l-Kummissjoni feħħet biss l-investigazzjoni formali tagħha bid-Deċiżjoni tagħha tal-5 ta' Ottubru 2011. Għalhekk, it-tranżazzjoni ma setax ikollha l-għan li tevadi r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Għall-kuntrarju, l-objettiv tat-tranżazzjoni kien li tilliberalizza s-settur tat-trasport marittimu, kif impost mir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, permezz ta' privatizzazzjoni.

([85]) Is-Sentenza tat-28 ta' Frar 2012 fil-Kawża T-282/08, *Grazer Wechselseitige Versicherung AG vs Il-Kummissjoni Ewropea* (ECLI:EU:T:2012:91).

5.1.7. *Sottomissjoni addizzjonali tad-deċiżjoni tas-CdS dwar il-kontrogaranzija*

(255) Fit-12 ta' Frar 2014, Siremar f'EA issottomettiet id-Deċiżjoni 592/14 dwar il-kwistjoni tal-kontrogaranzija pprovduta minn Sqallija (ara l-premessa (96)), u ppreżentat il-valutazzjoni preliminari tagħha stess. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni 592/14:

(a) kienet ibbażata fuq il-liġi nazzjonali, filwaqt li tirrikonoxxi li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza esklussiva li tivvaluta l-kompatibbiltà mas-suq intern ta' kwalunkwe għajnuna nnotifikata jew illegali mill-Istat;

(b) assumiet li l-kontrogaranzija pperikolat l-effettività sħiħa tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn iż-żewġ parteċipanti fl-offerta;

(c) iddikjarat, għalhekk, il-proċedura tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar bħala parzjalment nulla.

(256) Fir-rigward tal-aħħar punt, diġà f'dak l-istadju, l-Amministrazzjoni Straordinarja indikat li ma jistax jiġi eskluż li hija tintalab mill-ġdid biex tistabbilixxi l-attivitajiet legalment meħtieġa biex tiffinalizza l-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Siremar.

5.2. **Kummenti minn SNS**

(257) SNS ippreżentat erba' ittri matul l-investigazzjoni: tliet sottomissjonijiet ta' informazzjoni u talba formali waħda għall-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-parti ta' Siremar tal-investigazzjoni dwar Tirrenia Group. Saru wkoll skambji informali sussegwenti, b'għarfien sħiħ tal-awtoritajiet Taljani, sabiex jiġu ċċarati ċerti kwistjonijiet pendenti jew tinkiseb informazzjoni speċifika. Din it-taqsima se tiġbor fil-qosor biss it-tliet sottomissjonijiet ([86]).

5.2.1. *L-ewwel sottomissjoni*

(258) Fl-ewwel sottomissjoni, mibgħuta fit-22 ta' Frar 2012 wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2011, il-kumpanija ppreżentat aġġornament dwar il-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Siremar u ċerti kjarifiki rigward il-kontrogaranzija maħruġa minn Sqallija fit-12 ta' Ottubru 2011, wara l-aħħar talba għal offerti inkrementali tad-29 ta' Settembru 2011. B'mod partikolari, SNS irrimarkat li din il-kontrogaranzija: (1) ma kinitx proporzjonali għall-ishma ta' Sqallija f'Mediterranea; (2) inħarġet minn Sqallija fuq inizjattiva tagħha stess u ma ġietx remunerata; (3) saret mingħajr ebda kumpens li jintervjeni jew mitigazzjoni tar-riskju min-naħa tal-azzjonisti ta' CdI. SNS issottomettiet ukoll il-kontrogaranzija hija stess lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, hija sostniet li t-test ta' dik il-kontrogaranzija għamilha ċara li din tal-aħħar kienet rekwiżit għall-ħruġ tal-garanzija fuq il-pagamenti parzjali differiti tal-prezz tal-bejgħ minn Unicredit. B'hekk, SNS ikkonkludiet li l-kontrogaranzija kienet tammonta għal għajnuna illegali mill-Istat lil CdI u possibbilment lil Unicredit.

5.2.2. *It-tieni sottomissjoni*

(259) Fit-tieni sottomissjoni, mibgħuta fil-21 ta' Marzu 2013 wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2012, il-kumpanija reġgħet ittraċċat id-diversi passi tal-proċedura ta' privatizzazzjoni u litigazzjoni relatata sa dik id-data (ara t-Taqsima 2.3.3.2). Hija rrapportat ukoll dwar ilment maħruġ mill-operatur tal-laneċ NGI lill-Ministeru tat-Trasport, kontra l-għoti ta' kuntratt għall-operat tas-servizzi lejn il-gżejjer Egadi, Pantelleria u Ustica lil CdI ([87]). Imbagħad, hija ċċarat in-natura tal-parteċipazzjoni azzjonarja indiretta ta' Sqallija f'CdI, u sostniet għaliex kemm il-kontrogaranzija kif ukoll iż-żieda fil-kapital kienu jirrappreżentaw miżuri ta' għajnuna mill-Istat.

(260) L-ewwel nett, fil-fehma ta' SNS, il-parteċipazzjoni azzjonarja indiretta ta' Sqallija f'CdI ma tistax titqies bħala parteċipazzjoni azzjonarja minoritarja mingħajr ebda influwenza fuq il-ġestjoni tal-kumpanija. Tabilħaqq, Sqallija kienet tintervjeni fid-deċiżjonijiet strateġiċi kollha ta' CdI. B'mod partikolari, l-ilmentatur irrimarka li s-Sur Vincenzo Emanuele kellu fl-istess ħin il-pożizzjoni ta' Kontabilist Ġenerali ta' Sqallija u President tal-Bord Superviżorju ta' Mediterranea u, għalhekk, kien f'pożizzjoni li jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' CdI. Skont l-Artikolu 2409-*octies* tal-Kodiċi Ċivili Taljan, il-Bord Superviżorju jeżerċita funzjonijiet ta' kontroll. Huwa fdat bir-responsabbiltajiet li ġejjin, fost l-oħrajn: il-ħatra u r-revoka tal-Bord tad-Diretturi; l-approvazzjoni tal-karta bilanċjali; it-twettiq tal-funzjonijiet attribwiti lill-*Collegio Sindacale* skont l-Artikolu 2403 tal-Kodiċi Ċivili Taljan; il-promozzjoni ta' azzjonijiet ta' danni kontra membri tal-Bord tad-Diretturi; il-preżentazzjoni ta' aġġornament annwali bil-miktub lill-azzjonisti. Barra minn hekk, l-Istatut ta' Mediterranea attribwixxa lill-Bord Superviżorju tagħha l-kompetenza addizzjonali tal-votazzjoni fuq l-operazzjonijiet strateġiċi u l-pjanijiet finanzjarji u kummerċjali mhejjija mill-Bord tad-Diretturi. SNS irrimarkat ukoll li, meta kienet qed titwaqqaf Mediterranea, Sqallija nnominat tnejn mit-tliet membri tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija. Fl-aħħar nett, SNS innotat li l-azzjonisti minoritarji ta' Mediterranea u CdI kienu parzjalment l-istess, u b'hekk żiedu l-ingranaġġ ta' Sqallija. B'mod partikolari, Lauro.it S.p.A. u Isolemar S.r.l. kienu azzjonisti minoritarji kemm f'Mediterranea kif ukoll f'CdI.

([86]) SNS ressqet ukoll ilment kontra l-proċedura tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar fit-30 ta' Jannar 2012 li kienet irreġistrata taħt il-każ numru SA.34292.

([87]) Il-Ministeru tat-Trasport irrifjuta l-pretensjonijiet ta' NGI, madankollu, din tal-aħħar ma waqqgħethomx u minflok talbet lill-Ministeru biex jissospendi l-ħlas tal-kumpens għal madwar EUR 55 miljun fis-sena. SNS ma pprovdietx dik il-korrispondenza u ma pprovdietx dettalji dwar is-segwitu, jekk kien hemm.

(261) It-tieni, fir-rigward tal-kontrogaranzija, SNS irrimarkat li, meta l-offerta kienet waslet biex tingħata lil SNS, u wara l-iskadenza tad-data tal-għeluq proċedurali, CdI mmodifikat l-offerta tagħha billi pproponiet li l-garanzija sottomessa qabel tiġi sostitwita, minn Commercial Fidi, b'garanzija minn Unicredit, li kienet kontrogarantita minn Sqallija. Imbagħad, fit-12 ta' Ottubru 2011, wara l-aħħar talba għal offerti inkrementali, Unicredit ħarġet ittra ta' konfort ġdida lil CdI, mingħajr ma semmiet xi kontrogaranzija. Madankollu, fl-istess jum, Sqallija kkonfermat il-kontrogaranzija tagħha lil Unicredit, filwaqt li mmodifikat l-ammonti biex ikunu jaqblu ma' dawk fl-ittra ta' Unicredit. SNS innotat ukoll li minbarra l-parteċipazzjoni tal-ekwità indiretta tagħha f'CdI, Sqallija kellha wkoll parteċipazzjoni azzjonarja minoritarja f'Unicredit (0,62 %) u kellha relazzjoni mill-qrib ma' tal-aħħar ([88]).

(262) SNS tqis li l-Amministrazzjoni Straordinarja kienet tagħti l-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS, mingħajr l-għoti minn Unicredit tal-garanzija lil CdI. F'dan l-isfond, SNS sostniet li, abbażi tal-ġurisprudenza dwar l-għajnuna mill-Istat u l-Avviż dwar il-Garanziji, il-kontrogaranzija taqbel mad-definizzjoni ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat, minħabba li tat vantaġġ ekonomiku selettiv lil CdI billi ppermettitilha tirbaħ l-offerta għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar, tuża riżorsi tal-Istat u tfixkel il-kompetizzjoni u l-kummerċ. Tabilħaqq, SNS sostniet li l-miżura tista' tinvolvi wkoll għajnuna lil Unicredit, minħabba li l-profil tar-riskju tal-garanzija tagħha favur CdI jitnaqqas kif xieraq.

(263) It-tielet, SNS iddeskriviet iż-żieda fil-kapital minn CdI, u l-bidliet fl-istrutturi tal-parteċipazzjoni azzjonarja kemm ta' CdI kif ukoll ta' Mediterranea maż-żmien. SNS l-ewwel innotat li wara ż-żieda fil-kapital li seħħet f'żewġ stadji, minn EUR 1 miljun għal EUR 21 480 263, Mediterranea xorta kellha l-maġġoranza tal-ishma ta' CdI. SNS innotat ukoll li, fiż-żmien taż-żewġ stadji taż-żieda fil-kapital, Sqallija kienet l-azzjonista maġġoritarja ta' CdI, anke jekk issehem tagħha aktar tard jiġi dilwit għal 43,02 %. SNS tqis li d-deċiżjonijiet biex issir iż-żieda fil-kapital u biex tingħata l-kontrogaranzija kienu jkunu marbuta u, fl-aħħar mill-aħħar, l-ebda waħda minnhom ma kienet tfittex profitt. Tabilħaqq, l-ebda investitur privat ma kien jissottoskrivi ż-żieda fil-kapital u, fl-istess ħin, joħroġ tali kontrogaranzija, filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni l-ammonti involuti u t-twaqqit taż-żewġ miżuri. Fl-aħħar nett, SNS irrimarkat li s-sħab privati, li pparteċipaw fiż-żieda fil-kapital ta' CdI, kellhom parteċipazzjonijiet azzjonarji ferm iżgħar minn Sqallija (madwar nofs), u qatt ma kienu jipparteċipaw f'dik iż-żieda fil-kapital mingħajr ma Sqallija kienet tipprovdi l-biċċa l-kbira tal-fondi bl-użu ta' riżorsi pubbliċi. Għalhekk, SNS sostniet li ż-żieda fil-kapital minn CdI ssodisfat ukoll il-kundizzjonijiet kollha biex titqies bħala għajnuna mill-Istat.

(264) Fl-aħħar nett, il-kumpanija ddeskriviet il-problemi fl-eżekuzzjoni tal-Konvenzjoni l-ġdida minn CdI, b'dewmien konsiderevoli, kanċellazzjonijiet u żidiet fin-nollijiet li affettwaw lill-utenti finali, u talbet lill-Kummissjoni tiffinalizza l-investigazzjoni li tikkonċerna biss il-kontrogaranzija u ż-żieda fil-kapital.

5.2.3. *It-tielet sottomissjoni*

(265) Fit-tielet sottomissjoni, mibgħuta fil-31 ta' Lulju 2019, SNS għamlet rimarki preliminari dwar il-gżejjer minuri servuti skont il-Konvenzjoni l-ġdida. Il-gżejjer minuri ta' Sqallija huma erbatax, kull waħda bil-popolazzjoni u l-ħtiġijiet ta' konnessjoni marittima tagħha, li jeħtieġu servizzi marittimi regolari u frekwenti mal-art kontinentali wkoll għall-forniment ta' provvisti essenzjali bħall-ikel, l-ilma, il-fjuwil u l-posta. Ħafna minn dawn il-gżejjer ma għandhom l-ebda sptar jew skola sekondarja sabiex il-pazjenti u l-istudenti jiddependu fuq konnessjonijiet stabbli u affordabbli biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-edukazzjoni u tas-saħħa tagħhom ([89]). SNS innotat ukoll li l-pjanijiet kollha ta' evakwazzjoni għal dawn il-gżejjer, f'każijiet ta' diżastri naturali jew għal finijiet ta' protezzjoni ċivili, jiddependu fuq il-konnessjonijiet marittimi pprovduti skont il-Konvenzjoni l-ġdida.

(266) SNS imbagħad sostniet li hija qieset li l-kumpens imħallas lilha skont il-Konvenzjoni l-ġdida ma kienx jammonta għal għajnuna mill-Istat, minħabba li kien konformi mal-kriterji ta' Altmark. B'mod partikolari, SNS qabblet il-każ tagħha mas-servizzi pprovduti minn Saremar, li ġew ivvalutati fid-Deċiżjoni tal-2014, u enfasizzat diversi elementi li japplikaw għal SNS, iżda li ma kinux japplikaw għal dawk is-servizzi:

(a) Obbligi ta' servizz pubbliku definiti sewwa, meħtieġa biex jiġi indirizzat falliment storiku tas-suq (Altmark I). Tabilħaqq, l-obbligi ta' servizz pubbliku fdati lil SNS huma definiti b'mod ċar fil-karatteristiċi kollha tagħhom, f'termini ta' rotot, tip ta' bastiment, frekwenza tas-servizzi, standards, kumditàà, sikurezza, rati massimi, eċċ. u r-reġim tas-servizz pubbliku jeħtieġ li jiffaċċja l-falliment tas-suq storiku li jeżisti fil-konnessjonijiet marittimi bejn Sqallija u l-gżejjer minuri tagħha. Pereżempju, SNS innotat li d-dħul annwali tagħha mill-biljetti jammonta għal bilkemm 30 % tal-kostijiet tar-rotot skont il-Konvenzjoni l-ġdida, li jissuġġerixxi bil-qawwa li dawn is-servizzi ma setgħux jiġu pprovduti mis-suq, taħt l-ebda ċirkostanza, u storikament qatt ma kienu. L-uniċi eċċezzjonijiet huma l-konnessjonijiet offruti minn SNAV u Alilauro fuq il-pakkett ta' Napli – il-Gżejjer Eoliċi, li huma operati

([88]) Sqallija kellha rappreżentant fuq il-Bord ta' Tmexxija ta' Unicredit, u Unicredit amministrat il-fondi tat-teżor u tal-pensjoni ta' Sqallija.

([89]) Tabilħaqq, tlieta biss minn dawn il-gżejjer għandhom skola sekondarja u tnejn biss għandhom sptar (wieħed minn dawn l-isptarijiet ma għandux sala tal-ġinekoloġija u tal-ostetrija).

mingħajr kumpens pubbliku. Madankollu, dawn is-servizzi huma pprovduti biss fl-eqqel staġun, b'tipi differenti ta' dgħajjes minn dawk meħtieġa fil-Konvenzjoni l-ġdida, u ma jilħqux lil Milazzo (fi Sqallija). Huma essenzjalment jaqdu lit-turisti li jivvjaġġaw mill-bqija tal-Italja lejn il-Gżejjer Eoliċi u lura fl-eqqel staġun u, bħala tali, ma jistgħux jitqabblu mas-servizzi offruti minn SNS;

(b) Mekkaniżmu ta' kumpens stabbilit b'mod ċar fid-Direttiva CIPE u fil-Konvenzjoni l-ġdida (Altmark II). Tabilħaqq, il-livell ta' kumpens kien stabbilit b'mod ċar abbażi tad-Direttiva CIPE, u l-metodu ta' kalkolu tal-kumpens, jiġifieri l-elementi tal-kost ikkunsidrati u r-redditu fuq il-kapital investit, huma spjegati fid-dettall fiha. SNS innotat li dan huwa konformi wkoll mal-fehma preliminari tal-Kummissjoni espressa fid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012;

(c) Ammont ta' kumpens proporzjonat mal-kostijiet imġarrba (inkluż marġini raġonevoli – Altmark III). Tabilħaqq, il-kumpens mogħti lil SNS huwa meħtieġ u proporzjonat biex ikopri l-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku u jiżgura profitt raġonevoli. Il-primjum tar-riskju ffissat għal 6,5 % huwa konformi mal-analiżi makroekonomika għall-Italja u huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li mhux biss jiġu koperti l-kostijiet imġarrba fil-forniment tas-servizzi marittimi, iżda wkoll li tiġi ggarantita remunerazzjoni xierqa għall-kapital investit. SNS innotat li fin-nuqqas ta' dan tal-aħħar, l-ebda operatur privat qatt ma jiddeċiedi li jwettaq obbligi ta' servizz pubbliku kif definiti fil-Konvenzjoni l-ġdida;

(d) L-għoti tal-fergħa kummerċjali u tal-Konvenzjoni l-ġdida wara proċedura tal-offerti miftuħa u mfassla tajjeb (Altmark IV). Tabilħaqq, SNS innotat li hija kienet intgħażlet wara proċedura tal-offerti li ppermettiet l-għażla tal-offerent li kapaċi jipprovdi s-servizzi bl-inqas kost għall-komunità. B'mod aktar speċifiku, fost ir-rekwiżiti l-oħrajn tas-sejħa għall-offerti, l-għażla li l-operatur rebbieħ jintalab jieħu f'idejh il-fergħa kummerċjali ta' Siremar kienet l-uniku mod possibbli biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali, billi l-ebda kumpanija li tressaq offerti ma kienet diġà ngħatat biżżejjed bastimenti u ekwipaġġi biex twettaq is-servizzi meħtieġa.

(267) Barra minn hekk u bħala raġunament sussidjarju, SNS innotat li l-kumpens skont il-Konvenzjoni l-ġdida kien jirrispetta wkoll il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti mid-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011. Tabilħaqq, l-obbligi ta' servizz pubbliku li għandhom jiġu ssodisfati minn SNS huma identifikati u definiti b'mod ċar fil-karatteristiċi kollha tagħhom. Barra minn hekk, il-konvenzjoni ma' SNS:

(a) Tidentifika l-kontenut u d-durata tal-obbligi ta' servizz pubbliku;

(b) Tidentifika l-impriża u t-territorju kkonċernat;

(c) Fiha deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' kumpens u tal-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-rieżami tal-kumpens;

(d) Fiha l-arranġamenti għall-evitar u l-irkupru ta' kwalunkwe kumpens żejjed.

5.3. **Il-kummenti ta' Pan Med**

(268) Fit-tweġiba tagħha għad-Deċiżjoni tal-2011, mibgħuta fid-29 ta' Frar 2012, Pan Med iddikjarat li hija qablet ma' ċerti taqsimiet ta' dik id-deċiżjoni dwar il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna fil-privatizzazzjoni, il-prijorità tal-irmiġġ, u l-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010.

(269) Fit-tweġiba tagħha għad-Deċiżjoni tal-2012, mibgħuta fid-19 ta' April 2013, Pan Med innotat li hija kellha l-ħsieb li tibda topera ċerti rotot ġodda, iżda allegat li l-kompetizzjoni kienet imfixkla mill-għajnuna inkompatibbli mogħtija lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group u l-akkwirenti tagħhom. Il-premessi li ġejjin jiġbru fil-qosor il-kummenti ta' Pan Med li jirreferu għal Siremar.

(270) Fir-rigward tal-għajnuna għas-salvataġġ mogħtija lil Tirrenia u lil Siremar, Pan Med sostniet li mit-28 ta' Awwissu 2011 – jiġifieri, id-data sa meta dik l-għajnuna kellha tiġi tterminata – sakemm tiġi rrimborżata madwar sena u xahrejn wara, dawn iż-żewġ kumpaniji bbenefikaw minn għajnuna illegali u irregolari għas-salvataġġ. B'mod partikolari, l-għajnuna għas-salvataġġ ma kinitx tikkonforma mal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar u ma kinitx tkun parti minn pjan ta' ristrutturar komprensiv. Għalhekk, fil-fehma ta' Pan Med, din kienet issarraf f'għajnuna operazzjonali lil Tirrenia u lil Siremar.

(271) Fir-rigward tal-Konvenzjonijiet il-ġodda, Pan Med esprimiet l-osservazzjonijiet tagħha dwar in-natura ġenwina tal-SGEI mwettaq minn CIN u CdI, filwaqt li ffokat ir-raġunament tagħha fuq ir-rotot operati minn tal-ewwel (jiġifieri l-konnessjonijiet bejn Sqallija u l-art kontinentali, għall-kuntrarju tal-konnessjonijiet bejn Sqallija u l-gżejjer iżgħar, operati minn CdI). Pan Med sostniet li la l-ħtiġijiet ta' mobbiltà tal-komunitajiet lokali u lanqas l-argumenti ta' żvilupp ekonomiku ma jistgħu jiġġustifikaw il-kumpens pubbliku mogħti lil dawn l-operaturi. Pan Med irrimarkat li l-objettiv li tiġi żgurata l-kontinwità territorjali ma jenħtieġx li jiġi indirizzat permezz ta' pakketti ta' rotot magħżula b'mod arbitrarju, li ma kinux jidhru li jirriflettu l-interess ġenerali u li kienu ġew definiti kważi 25 sena

qabel. Barra minn hekk, Pan Med sostniet li l-kumpens għall-operat tas-servizz pubbliku ppermetta lill-operaturi jagħmlu profitti li kienu aktar raġonevoli u, b'hekk, ma jissodisfawx it-tielet kriterju ta' Altmark ([90]). B'mod partikolari, Pan Med sostniet li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % kif stabbilit fid-Direttiva CIPE ma jkunx ġustifikat, minħabba li ma jitħalla l-ebda riskju kummerċjali għall-operaturi.

(272) Fl-ittra tagħha, Pan Med iddeskriviet ukoll għadd ta' rotot ġodda li kienet iddeċidiet li topera u servizz ġdid ta' kuljum fuq ir-rotta ta' Gaeta – Milazzo, li kienet għadha qed tevalwa. Pan Med qieset dan is-servizz bħala kummerċjalment vijabbli. Madankollu, il-proġett kien jieqaf minħabba l-burokrazija u r-reżistenza minn CdI u minn operaturi oħrajn ([91]). Dan is-servizz jikkompeti mas-servizzi tal-laneċ operati minn CdI fuq ir-rotta ta' Napli – il-Gżejjer Eoliċi – Milazzo (kif ukoll mas-servizz ipprovdut minn Tirrenia fuq ir-rotta ta' Napli – Palermo). Fir-rigward tas-sitwazzjoni kompetittiva fuq ir-rotot ta' kabotaġġ moqdija minn CdI, Pan Med fakkret li l-Kummissjoni kienet diġà nnotat li l-operaturi kompetituri kienu qed jipprovdu servizzi mħalltin komparabbli, mill-inqas fuq ir-rotot li ġejjin: Milazzo – il-Gżejjer Eoliċi – Napli, Trapani – Pantelleria u Palermo – Ustica. Fil-fehma ta' Pan Med, dan juri li s-suq huwa tabilħaqq kapaċi jissodisfa l-obbligi ta' servizz pubbliku li kienu fdati arbitrarjament lil CdI.

(273) Pan Med ikkonkludiet li l-għajnuna mogħtija taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, l-għajnuna għas-salvataġġ u l-għajnuna mogħtija skont il-Konvenzjoni l-ġdida huma illegali u inkompatibbli u kellhom jiġu rkuprati mill-benefiċjarji rispettivi (jiġifieri, il-kumpaniji oriġinali jew is-sidien il-ġodda, skont il-miżura inkwistjoni u l-eżistenza ta' kontinwità ekonomika).

5.4. **Il-kummenti ta' Grandi Navi Veloci**

(274) Fl-1 ta' Marzu 2012, bi tweġiba għad-Deċiżjoni tal-2011, Grandi Navi Veloci ressqet kummenti dwar il-punti li ġejjin:

(a) il-ksur tal-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, li jikkonċerna lil Saremar;

(b) il-kumpens annwali mogħti lil Saremar għall-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha;

(c) il-privatizzazzjoni tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u Siremar;

(d) il-prijorità tal-irmiġġ assenjata lil Saremar;

(e) miżuri ta' għajnuna oħrajn mogħtija lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group fil-kuntest tal-privatizzazzjonijiet;

(f) l-illegalità tal-għajnuna diġà mogħtija lil Saremar u l-ħtieġa li tiġi sospiża u rkuprata b'mod provviżorju dik l-għajnuna ([92]).

Grandi Navi Veloci sostniet li l-miżuri ta' għajnuna elenkati fil-punti (b) u (e) jirrappreżentaw għajnuna ġdida, li hija kemm illegali kif ukoll inkompatibbli mat-TFUE. Madankollu, l-enfasi tal-kummenti ta' Grandi Navi Veloci hija fuq il-każ speċifiku ta' Saremar, li jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Dawk il-kummenti, li huma rilevanti wkoll għal din id-Deċiżjoni, huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

(275) Fir-rigward tal-allegat ksur tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, Grandi Navi Veloci nnotat li skont dak ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jintervjenu fil-każ ta' nuqqas tas-suq li jipprovdi servizzi adegwati, billi jagħtu sussidji relatati mal-obbligi ta' servizz pubbliku fuq rotot identifikati mill-Istati Membri nfushom. Madankollu, l-Istati Membri jridu jillimitaw l-intervent tagħhom għar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tas-sidien kollha tal-bastimenti Komunitarji interessati li jaqdu dawk ir-rotot. Minħabba li l-Italja tat ir-rotot lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group esklussivament mingħajr ma nediet sejħa miftuħa għall-offerti, hija kisret l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu. Barra minn hekk, Grandi Navi Veloci tinnota li, jekk ikun hemm kompetituri li joffru l-istess servizzi fuq dawk ir-rotot, il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza ta' Analir ma jiġux issodisfati ([93]).

([90]) Pan Med ipprovdiet l-eżempju ta' kalkolu tal-kostijiet u tad-dħul fuq ir-rotta ta' Ravenna – Catania fl-2010, li kien jirriżulta fi profitt ta' EUR 8,3 miljun u, b'hekk, f'kumpens żejjed lill-operatur tagħha Tirrenia. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-paragrafu 259 u fin-nota 91 f'qiegħ il-paġna tad-deċiżjoni ta' Tirrenia/CIN tal-2020 li, billi Tirrenia kienet irreġistrat telf fuq din ir-rotta fl-2010, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li din il-pretensjoni mhux issostanzjata tiġi vvalutata aktar.

([91]) Pan Med ipprovdiet ftit ittri mibgħuta lill-awtoritajiet muniċipali u tal-port lokali, li fihom talbet il-permessi meħtieġa biex tibda topera din ir-rotta.

([92]) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

([93]) Il-Kawża C-205/99 Analir *et*, ECLI:EU:C:2001:107.

(276) Fir-rigward tal-prijorità tal-irmiġġ, Grandi Navi Veloci ma kkontestatx il-fehma preliminari tal-Kummissjoni li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, minħabba li ma hemm l-ebda telf ta' riżorsi tal-Istat. Madankollu, Grandi Navi Veloci sostniet li t-trasferiment tal-prijorità tal-irmiġġ lis-sidien il-ġodda tal-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, kif awtorizzat mill-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009, huwa wkoll ksur tal-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu. Grandi Navi Veloci mbagħad semmiet żewġ deċiżjonijiet (*segnalazioni*) adottati mill-AGCM fl-1995 u fl-1997 u li jikkonċernaw lil Caremar, li ddikjaraw li din il-prijorità jista' jkollha impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni, b'mod partikolari jekk il-benefiċjarju jkollu dritt esklużiv fuq is-slots tal-irmiġġ li huma l-aktar siewja minn perspettiva ekonomika.

(277) Fir-rigward tal-privatizzazzjoni tal-fergħat kummerċjali ta' Tirrenia u ta' Siremar, Grandi Navi Veloci qablet mal-fehma preliminari tal-Kummissjoni, kif espressa fid-Deċiżjoni tal-2011, li l-proċeduri ma kinux ikunu trasparenti u inkondizzjonati biżżejjed biex tiġi eskluża l-eżistenza ta' għajnuna. Barra minn hekk, Grandi Navi Veloci sostniet li l-awtoritajiet Taljani kienu qed idewmu b'mod indefinit il-privatizzazzjoni tal-kumpaniji ta' Tirrenia Group, inklużi l-kumpaniji reġjonali, minkejja l-garanziji mogħtija matul is-snin lill-Kummissjoni u formalizzati fid-Deċiżjoni tal-2001 (fil-premessi 4 u 12 tagħha) u fid-Deċiżjoni tal-2004 (fil-premessi 5 u 45 tagħha). Grandi Navi Veloci sostniet li l-prospett tal-privatizzazzjonijiet futuri ntuża bħala pedina fin-negozjati vis-à-vis il-Kummissjoni sabiex ikun jista' jsir il-ħlas ta' kumpens għas-servizz pubbliku lill-kumpaniji ta' Tirrenia Group sal-aħħar tal-2008.

5.5. **Ittra mis-sindku ta' Lipari**

(278) Fit-2 ta' Diċembru 2019, is-sindku ta' Lipari u tal-Gżejjer Eoliċi l-oħrajn ħlief Salina ([94]) ssottometta ittra, wara d-dati tal-għeluq proċedurali, sabiex il-partijiet terzi interessati jesprimu l-fehmiet tagħhom fir-rigward tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012.

(279) F'din l-ittra, is-sindku enfasizza l-importanza tas-settur tat-trasport marittimu għall-ħajja ta' kuljum tan-nies li jgħixu fil-Gżejjer Eoliċi. B'mod partikolari, is-sindku enfasizza li l-gżejjer inkwistjoni huma ħafna iżgħar minn Sardinja jew Sqallija u għal din ir-raġuni l-konnessjonijiet ta' kabotaġġ marittimu huma ta' importanza kruċjali. Is-sindku nnota li dawn il-gżejjer – speċjalment l-iżgħar fosthom – jeħtieġu dawn il-konnessjonijiet għall-provvisti bażiċi tal-ikel u tal-mediċina. Minħajr konnessjonijiet affidabbli u frekwenti, dawn il-gżejjer ikunu qed jirriskjaw l-emigrazzjoni tal-massa sakemm ma jibqgħux abitati. Barra minn hekk, is-sindku enfasizza kif it-turiżmu jirrappreżenta l-attività ekonomika ewlenija ta' dawn il-gżejjer u kemm it-trasport effiċjenti u effettiv huwa essenzjali għat-turiżmu, b'mod partikolari fl-eqqel staġun. Fir-rigward ta' dan il-punt, is-sindku nnota li d-domanda tal-utenti għal dawn is-servizzi tat-trasport hija relattivament żgħira iżda stabbli fl-istaġun kwiet, li tikkonċerna l-aktar lill-vjaġġaturi u lir-residenti tal-gżejjer, filwaqt li hija aktar b'saħħitha fl-eqqel staġun, li tikkonċerna l-aktar lit-turisti. B'konsegwenza ta' dan, il-konnessjonijiet mal-Gżejjer Eoliċi jeħtieġu appoġġ mill-Istat u l-irtirar tiegħu jkun diżastru għad-drittijiet u l-ħtiġijiet bażiċi tan-nies li jgħixu f'dawk il-gżejjer.

6. **SOTTOMISSJONIJIET MINN COMPAGNIA DELLE ISOLE**

(280) Fit-23 ta' Ottubru 2014, CdI pparteċipat f'laqgħa mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet Taljani. Il-kumpanija ssottomettiet ukoll tliet settijiet ta' osservazzjonijiet, kollha wara d-dati tal-għeluq proċedurali sabiex il-partijiet terzi interessati jesprimu l-fehmiet tagħhom fir-rigward tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012. Għall-ebda waħda minn dawn is-sottomissjonijiet, CdI ma mliet il-formola obbligatorja għall-ilmenti msemmija fl-Artikolu 24(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([95]). Madankollu, il-Kummissjoni se tiġbor fil-qosor dawn is-sottomissjonijiet fit-taqsimiet li ġejjin u qisithom fil-valutazzjoni tagħha.

6.1. **L-ewwel sottomissjoni**

(281) Fl-ewwel ittra tagħha mibgħuta fit-8 ta' Awwissu 2013, mibgħuta fuq talba mill-Kummissjoni, CdI pprovdiet *data* dettaljata dwar ir-rotot li kienet topera fil-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012. L-informazzjoni pprovduta kienet tinkludi, fost elementi oħrajn, lista tar-rotot operati bid-*data* li ġejja:

(1) L-istaġun li fih tiġi operata r-rotta ([96]);

(2) It-tunnellaġġ tal-bastimenti użati;

(3) L-għadd globali ta' vjaġġi;

(4) L-għadd medju ta' passiġġieri u karozzi għal kull vjaġġ;

(5) Il-volum medju tal-merkanzija (f'metri lineari) għal kull vjaġġ;

([94]) Jiġifieri Vulcano, Panarea, Stromboli, Filicudi u Alicudi.
([95]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).
([96]) Fil-każ ta' CdI, ir-rotot kollha jiġu operati matul is-sena kollha.

(6) Id-dħul totali medju għal kull vjaġġ (f'EUR);

(7) Il-medja tal-għadd ta' persunal u tal-kostijiet (f'EUR) għal kull vjaġġ ([97]);

(282) Barra minn hekk, CdI ddikjarat li hija kienet akkwistat il-fergħa kummerċjali ta' Siremar wara valwazzjoni minn espert indipendenti u li ma kien hemm l-ebda kontinwità ekonomika ma' Siremar f'EA.

6.2. **It-tieni sottomissjoni**

(283) Fit-tieni sett ta' osservazzjonijiet tagħha, mibgħuta fit-23 u fit-30 ta' Ottubru 2014, CdI pprovdiet kummenti dwar il-kontrogaranzija.

(284) L-ewwel nett, hija nnotat li Sqallija kienet iddeċidiet li tistabbilixxi lil Mediterranea b'objettivi politiċi u ekonomiċi ċari: l-appoġġ lill-komunitajiet ta' gżejjer minuri bil-forniment "intern" ta' servizzi ta' kabotaġġ marittimu u l-għoti tal-kapital meħtieġ għal parteċipazzjoni kwalifikata u definita sewwa fil-forniment ta' dawk is-servizzi. F'dan ir-rigward, sabiex twettaq l-għan kummerċjali tagħha, CdI għamlet diversi offerti ta' xiri għal Siremar, bl-aktar reċenti fosthom ikunu dawk tad-9 ta' Ġunju, tat-18 ta' Lulju u tat-13 ta' Ottubru 2011.

(285) It-tieni, hija sostniet li l-għoti tal-fergħa kummerċjali kien leġittimu u pprovdiet dokumenti dwar il-proċedura tas-sejħa għall-offerti u l-litigazzjoni nazzjonali relatata. CdI sostniet li Siremar f'EA u l-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku kienu konxji tal-eżistenza tal-kontrogaranzija, u xorta waħda wettqu t-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil CdI, 10 xhur sħaħ wara l-għoti tal-offerta. B'mod partikolari, CdI qasmet mal-Kummissjoni deċiżjoni mit-Tribunal ta' Ruma tal-15 ta' April 2014, li ħelset lill-atturi minn kwalunkwe akkużi kriminali, billi t-Tribunal ikkonkluda li l-Amministrazzjoni Straordinarja kienet taf dwar il-kontrogaranzija minn Sqallija meta hija tat il-fergħa kummerċjali lil CdI. Billi l-fatti stabbiliti fid-deċiżjonijiet finali fi proċedimenti kriminali ma jistgħux jiġu kkontestati fi proċeduri relatati, CdI sostniet li dan wera li l-kontrogaranzija kienet kompletament regolari u fl-istess ħin mhux deċiżiva għall-eżitu tal-offerta ([98]).

(286) It-tielet, CdI nnotat li Sqallija offriet il-kontrogaranzija fil-kapaċità tagħha bħala investitur b'sehem f'kumpanija, mhux bħala awtorità pubblika. Billi kontrogaranzija kienet meħtieġa biex tinkiseb il-garanzija minn Unicredit fuq il-pagamenti differiti tal-prezz tal-bejgħ, l-azzjonisti kollha tagħha, inklużi l-partijiet privati Lauro.it S.p.A., Davimar u Isolemar S.r.l, ħarġu kontrogaranzija. Għall-ewwel offerta minn CdI, huma għamlu dan anke qabel ma Sqallija ħarġet il-kontrogaranzija tagħha stess, minħabba l-proċeduri itwal tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika. Tabilħaqq, dak id-dewmien wassal biex CdI tiddependi għall-ewwel fuq il-garanzija minn Commercial Fidi, li aktar tard tiġi sostitwita bl-ittra ta' konfort minn Unicredit, li kienet tinkludi klawżola ta' sospensjoni dwar il-verifika tas-setgħat tal-Kontabilist Ġenerali ta' Sqallija biex joħroġ il-kontrogaranzija (ara l-premessa (84)). Madankollu, din ma tkunx rilevanti, għal żewġ raġunijiet: l-ewwel nett, il-Kummissarju Straordinarju ma kkunsidrahiex u talab serje oħra ta' offerti; it-tieni, il-kontrogaranziji mill-partijiet l-oħrajn kienu kompluti. Għalhekk, CdI kkonkludiet li l-kontrogaranzija minn Sqallija kienet tranżazzjoni kummerċjali ordinarja u ma pprovdiet l-ebda vantaġġ lil CdI jew Unicredit.

6.3. **It-tielet sottomissjoni**

(287) Fit-tielet ittra tagħha, mibgħuta fil-15 ta' Lulju 2015, CdI l-ewwel irreferiet għall-argumenti ppreżentati mill-awtoritajiet Taljani dwar il-prezz tal-fergħa kummerċjali, li ssodisfat il-kriterju tal-bejjiegħ privat, u dwar id-diskontinwità ekonomika bejn Siremar fl-EA u fis-CdI. CdI sostniet, b'mod partikolari, li d-Deċiżjonijiet 5172/2012 u 592/14 ma biddlux din il-konklużjoni, minħabba li ffokaw fuq punt wieħed tal-proċedura ta' privatizzazzjoni, jiġifieri l-kontrogaranzija minn Sqallija. Id-deċiżjonijiet minn TAR u CdS ma kellhom l-ebda effett fuq il-mekkaniżmi stabbiliti biex tiġi żgurata d-diskontinwità ekonomika: il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment u tas-servizzi pubbliċi skont il-Konvenzjoni l-ġdida, kif definit mil-Liġi tal-2010; u d-dispożizzjonijiet dwar il-forza tax-xogħol stabbiliti mill-Artikolu 56(3-bis) tad-Digriet Amministrattiv 270/1999. Barra minn hekk, Sqallija kienet ħarġet il-kontrogaranzija, filwaqt li l-Amministrazzjoni Straordinarja u l-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku ssorveljaw it-trasferiment tal-fergħa kummerċjali. Għalhekk, l-eżistenza ta' tali kontrogaranzija ma tistax tqajjem dubji dwar il-leġittimità tal-proċedura tal-bejgħ. CdI informat ukoll lill-Kummissjoni li d-diversi istituzzjonijiet u partijiet ikkonċernati involuti kienu ltaqgħu fl-20 ta' April 2015 biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tad-Deċiżjonijiet 5172/2012 u 592/14 ([99]).

([97]) Dan kien jinkludi l-għadd ta' persunal tal-ekwipaġġ, kif ukoll l-għadd ta' persunal ġenerali u fuq l-art allokat għal kull rotta.
([98]) CdI pprovdiet ukoll informazzjoni dwar il-proċedimenti fit-tribunali amministrattivi fl-Italja u informat lill-Kummissjoni li hija kienet appellat għad-Deċiżjoni 592/14 minn CdS fil-*Corte di Cassazione* (ara l-premessa (96) u n-nota 45 f'qiegħ il-paġna).
([99]) Dawn kienu: is-Sottosegretarju għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku, il-Ministeru tat-Trasport, ir-Reġjun, Siremar f'EA, SNS u CdI.

(288) Barra minn hekk, CdI sostniet li s-salvagwardji tal-proċedura żguraw li l-prezz imħallas għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar kien il-prezz tas-suq reali tagħha wara l-għoti tal-għajnuna, li jfisser li l-valur ta' tali għajnuna kien effettivament diġà inkluż fil-prezz tal-bejgħ ([100]). Skont din l-interpretazzjoni, il-bejjiegħ kien iżomm il-vantaġġ ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat, minħabba li l-prezz tas-suq tal-assi tiegħu kien korrispondentement ogħla u, għalhekk, ix-xerrej ma jkunx meħtieġ iħallas lura dik l-għajnuna. Għalhekk, kwalunkwe ordni ta' rkupru potenzjalment diretta lejn Siremar f'EA ma jenħtieġx li tiġi estiża għax-xerrej tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar.

7. KUMMENTI MILL-ITALJA DWAR IL-KUMMENTI U S-SOTTOMISSJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(289) Il-Kummissjoni bagħtet lill-Italja l-kummenti u s-sottomissjonijiet miġbura fil-qosor fit-Taqsimiet 5 u 6. Madankollu, l-Italja pprovdiet biss kummenti għat-tieni sottomissjoni minn SNS (ara t-Taqsima 5.2.2), permezz ta' ittra tat-13 ta' Mejju 2015.

(290) B'mod partikolari, l-Italja nnotat li fl-aħħar fażi tal-proċedura tal-bejgħ, bid-data tal-għeluq tat-13 ta' Ottubru 2011, il-Kummissarju Straordinarju espliċitament ta pariri lill-offerenti kontra s-sottomissjoni ta' offerti appoġġati minn kwalunkwe garanzija bi ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Għaldaqstant, CdI ssottomettiet l-offerta tagħha bl-ittra ta' konfort minn Unicredit, li ma kienet tinkludi l-ebda referenza għal kontrogaranzija minn Sqallija, filwaqt li xorta waħda kienet qed tissoġġetta l-validità tal-ittra ta' konfort għal kundizzjonijiet oħrajn ([101]). Għalhekk, l-awtorizzazzjoni ministerjali ngħatat bis-suppożizzjoni li r-regoli tal-proċedura kienu ġew irrispettati bis-sħiħ.

(291) L-Italja sostniet ukoll li ż-żieda fil-kapital minn Mediterranea saret *pari passu* mal-azzjonisti privati l-oħrajn ta' CdI, u li għal din ir-raġuni ma kienet tinvolvi l-ebda għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, l-Italja tenniet li l-ishma ta' Sqallija kienu statutorjament differenti minn dawk tal-azzjonisti privati ta' CdI, biex b'hekk tiġi llimitata strettament l-influwenza tagħha fi ħdan il-kumpanija.

8. IL-VALUTAZZJONI

8.1. L-eżistenza ta' għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE

(292) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(293) Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, jeħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha msemmija hawn fuq. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju:

(a) jingħata minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat,

(b) jiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti,

(c) iwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni,

(d) jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(294) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li l-Konvenzjoni l-ġdida jenħtieġ li tiġi vvalutata b'mod konġunt mal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Tali valutazzjoni konġunta hija xierqa minħabba li essenzjalment l-Italja organizzat offerta għal kuntratt ta' servizz pubbliku (jiġifieri l-Konvenzjoni l-ġdida) li biha l-offerent rebbieħ kellu jakkwista mingħand Siremar għadd ta' assi (prinċipalment bastimenti) meħtieġa biex iwettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti f'dak il-kuntratt ta' servizz pubbliku.

(295) It-tieni, il-Kummissjoni tinnota li, fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet Taljani u CdI diġà rrevokaw kemm il-kuntratt tal-bejgħ kif ukoll il-Konvenzjoni l-ġdida li kienu kkonkludew. Din tal-aħħar, raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, imbagħad ġiet ittrasferita lil SNS. Fil-fatt, kif deskritt fil-premessi (99) u (100), l-għoti inizjali tal-Konvenzjoni l-ġdida u tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil CdI ġie annullat kompletament u t-tnejn li huma fl-aħħar mill-aħħar ġew attribwiti lil SNS fil-11 ta' April 2016. Barra minn hekk, minħabba li l-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida u l-bejgħ tal-fergħa kummerċjali huma intrinsikament marbuta, ma huwiex possibbli li tiġi vvalutata kwalunkwe waħda miż-żewġ miżuri separatament, lanqas għal perjodu ta' żmien limitat. F'dan l-isfond, il-konklużjoni tal-investigazzjoni dwar l-għoti inizjali tal-Konvenzjoni l-ġdida, raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, lil CdI, matul il-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-10 ta' April 2016, tkun loġikament impossibbli, minħabba li tammonta għal valutazzjoni tal-istess proċedura darbtejn (darba għall-għoti

([100]) Il-kumpanija rreferiet għas-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001 fil-Kawża C-390/98 *Banks* (ECLI:EU:C:2001:456) u tad-29 ta' April 2004 fil-Kawża C-277/00 *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* (ECLI:EU:C:2004:238).

([101]) Iż-żewġ kundizzjonijiet kienu: CdI kellha tirbaħ l-offerta għall-fergħa kummerċjali u l-kuntratt tal-bejgħ kellu jiġi ffirmat sal-31 ta' Diċembru 2011.

intermedjarju lil CdI u darba għall-għoti finali lil SNS) ([102]). Għalhekk, din id-Deċiżjoni se tivvaluta biss l-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida, raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, minn Siremar f'EA lil SNS. Minħabba li l-Konvenzjoni l-ġdida, li ilha fis-seħħ mill-11 ta' April 2016, kellha essenzjalment l-istess termini u kundizzjonijiet bħal dawk li kienu japplikaw fil-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-10 ta' April 2016, u minħabba li l-fergħa kummerċjali kienet essenzjalment l-istess, il-Kummissjoni integrat l-informazzjoni rilevanti kollha li ġabret matul l-investigazzjoni formali dwar il-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-10 ta' April 2016 fil-valutazzjoni tal-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS.

(296) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-prijorità tal-irmiġġ, li tapplika biss għar-rotot tas-servizz pubbliku, hija marbuta b'mod inseparabbli mal-prestazzjoni tal-SGEI minn Siremar u l-akkwirenta tagħha SNS. Għalhekk, din il-miżura se tiġi vvalutata b'mod konġunt mal-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil dawk il-kumpaniji (ara t-Taqsimiet 8.1.1, 8.1.3 u 8.3.1).

8.1.1. *L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Siremar u l-Italja*

8.1.1.1. Ir-riżorsi tal-Istat

(297) Sabiex tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(298) Siremar ġiet fdata mill-Istat Taljan bl-operat tar-rotot marittimi kif spjegat fid-dettall mill-Konvenzjoni inizjali, kif estiża. Il-Konvenzjoni inizjali ġiet konkluża mal-Istat u l-kumpens għas-servizz pubbliku li jirriżulta għal Siremar jitħallas mill-Istat mill-baġit tiegħu stess. Għalhekk, il-kumpens għas-servizz pubbliku lil Siremar huwa imputabbli lill-Istat u jingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(299) Il-Kummissjoni tieħu nota li, skont l-Italja, l-operaturi kollha tal-laneċ iħallsu tariffi regolari lill-awtoritajiet tal-port rilevanti għall-irmiġġ, iżda li Siremar ma ħallset u ma tħallas l-ebda tariffa addizzjonali għall-prijorità tal-irmiġġ. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li, fil-prinċipju, l-Italja setgħet għażlet li timponi tariffa addizzjonali għall-prijorità tal-irmiġġ u li jekk ma tagħmilx dan, tkun tilfet dħul mill-Istat. Barra minn hekk, minħabba li l-prijorità tal-irmiġġ tingħata bil-liġi, hija imputabbli lill-Istat (ara l-premessa (131)).

8.1.1.2. Is-selettività

(300) Sabiex tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun selettiva. Il-kumpens għas-servizz pubbliku għall-forniment tas-servizzi marittimi inkwistjoni jingħata biss lil Siremar, biex b'ħekk huwa selettiv. Minħabba li l-prijorità tal-irmiġġ ingħatat biss lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, inkluż lil Siremar, hija wkoll selettiva.

8.1.1.3. Il-vantaġġ ekonomiku

(301) Il-Kummissjoni tfakkar li l-kumpensi tas-servizz pubbliku mogħtija lil kumpanija jistgħu ma jkunux jikkostitwixxu vantaġġ ekonomiku taħt ċerti kundizzjonijiet iddefiniti b'mod strett.

(302) B'mod partikolari, fis-sentenza ta' Altmark tagħha ([103]), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li fejn miżura tal-Istat trid titqies bħala kumpens għas-servizzi pprovduti mill-impriżi benefiċjarji sabiex iwettqu l-obbligi ta' servizz pubbliku, biex b'ħekk dawk l-impriżi ma jgawdux vantaġġ finanzjarju reali u, b'ħekk, il-miżura ma jkollhiex l-effett li tpoġġihom f'pożizzjoni kompetittiva aktar favorevoli mill-impriżi li jikkompetu magħhom, tali miżura ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(303) Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara wkoll li sabiex tali kumpens għas-servizz pubbliku jaħrab mill-kwalifika bħala għajnuna mill-Istat f'każ partikolari, iridu jiġu ssodisfati l-erba' kriterji kumulattivi (il-"Kriterji ta' Altmark") li ġejjin, li huma miġbura fil-qosor hawn taħt:

(a) l-impriża benefiċjarja attwalment irid ikollha obbligi ta' servizz pubbliku xi twettaq u dawn l-obbligi jridu jkunu definiti b'mod ċar ("Altmark 1");

(b) il-parametri li abbażi tagħhom jiġi kkalkolat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti ("Altmark 2");

(c) il-kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-kostijiet kollha, jew parti mill-kostijiet, imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jitqiesu l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi ("Altmark 3");

([102]) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnota li CdI bħalissa tinsab f'likwidazzjoni u hija inattiva. Għalhekk, l-investigazzjoni dwar kwalunkwe għajnuna mogħtija lilha tkun mingħajr skop (ara l-premessi (408) u (413)).

([103]) Ara s-Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003 fil-Kawża C-280/00 *Altmark Trans*, ECLI:EU:C:2003:415.

(d) meta l-impriża li għandha twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, f'każ speċifiku, ma tintgħażilx skont proċedura ta' akkwist pubbliku li tippermetti l-għażla tal-offerent li jkun kapaċi jipprovdi dawk is-servizzi bl-inqas kost għall-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija tajjeb u pprovduta b'mezzi ta' trasport adegwati sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa tas-servizz pubbliku, kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, filwaqt li tqis id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi ("Altmark 4").

(304) Il-Kummissjoni speċifikat kif hija tapplika l-kriterji ta' Altmark fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-kumpens mogħti għall-forniment ta' SGEI (il-"Komunikazzjoni dwar l-SGEI") ([104]).

(305) Minħabba li l-kriterji ta' Altmark għandhom jiġu rrispettati b'mod kumulattiv, jekk xi wieħed minn dawn il-kriterji ma jiġix issodisfat, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura taħt valutazzjoni tipprovdi vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju. Imbagħad, il-Kummissjoni l-ewwel tivvaluta r-rispett ta' Altmark 4.

(306) Altmark 4 jipprovdi li l-kumpens irid ikun il-minimu meħtieġ sabiex ma jikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat. Dan il-kriterju jitqies bħala ssodisfat jekk il-benefiċjarju tal-kumpens ikun intgħażel wara proċedura tal-offerti li tiżgura l-għażla tal-offerent li jkun kapaċi jipprovdi s-servizzi bl-anqas kost għall-komunità jew, fin-nuqqas ta' dan, il-kumpens ikun ġie kkalkolat b'referenza għall-kostijiet ta' impriża effiċjenti.

(307) Għall-ebda waħda mill-estensjonijiet tal-Konvenzjoni inizjali fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Lulju 2012 Siremar ma ntgħażlet wara proċedura pubblika ta' sejħa għall-offerti. L-Italja sempliċiment estendiet is-sistema diġà fis-seħħ, u b'hekk tat id-dritt lill-operatur stabbilit minn qabel li jkompli jirċievi kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(308) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani ma pprovdew lill-Kummissjoni l-ebda informazzjoni li tissuġġerixxi li l-livell ta' kumpens kien iddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija tajjeb u pprovduta b'mezzi tat-trasport adegwati sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa tas-servizz pubbliku, kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, filwaqt li tqis id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli. L-Italja sostniet biss li l-kumpens għas-servizz pubbliku għal Siremar naqas b'mod sinifikanti mill-2010 'il quddiem, wara l-introduzzjoni tal-ammont massimu ta' kumpens stabbilit mil-Liġi tal-2009. Madankollu, l-Italja ma wrietx li l-kostijiet imġarrba minn Siremar fil-forniment tal-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha kienu konformi ma' dawk ta' impriża tipika, immexxija tajjeb u pprovduta b'mezzi tat-trasport adegwati.

(309) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li Altmark 4 ma kienx osservat f'dan il-każ.

(310) Minħabba li l-erba' kriterji ta' Altmark ma humiex osservati b'mod kumulattiv f'dan il-każ, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens għall-operat tar-rotot marittimi taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali pprovda vantaġġ ekonomiku lil Siremar.

(311) Fir-rigward tal-prijorità tal-irmiġġ, il-Kummissjoni l-ewwel tfakkar li l-awtorità Taljana tal-kompetizzjoni, AGCM, ikkunsidrat tal-anqas f'żewġ okkażjonijiet li din il-miżura għandha valur ekonomiku (ara l-premessa (276)). Madankollu, Siremar ma tħallas l-ebda tariffa għall-prijorità tal-irmiġġ (ara l-premessa (226)). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-prijorità tal-irmiġġ għandha, tal-anqas teoretikament, il-potenzjal li tnaqqas il-kostijiet tal-operatur (eż. minħabba li l-irmiġġ garantit jista' jnaqqas il-ħinijiet ta' stennija fil-portijiet u, b'hekk, tirriżulta f'kostijiet aktar baxxi tal-fjuwil) jew iżżid id-dħul tiegħu (eż., minħabba li xi ħinijiet jistgħu jattiraw aktar domanda mill-passiġġieri). Fil-fatt, sa fejn il-prijorità tal-irmiġġ tippermetti proċedura aktar mgħaġġla ta' trakkar tal-bastimenti, l-utenti tas-servizz tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma jistgħu jippreferu l-operatur tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma li jibbenefika minn din il-miżura. anke jekk dawn l-effetti jimmaterjalizzaw biss f'ċirkostanzi rari jew ikunu limitati, il-prijorità tal-irmiġġ xorta waħda tista' tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għal Siremar.

8.1.1.4. L-effetti fuq il-kompetizzjoni u n-negozju

(312) Meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jikkompetu fil-kummerċ intra-Unjoni, dawn tal-aħħar iridu jitqiesu bħala affettwati minn dik l-għajnuna ([105]). Huwa biżżejjed li l-benefiċjarju tal-għajnuna jikkompeti ma' impriżi oħrajn fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni ([106]).

([104]) ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4.

([105]) Ara, b'mod partikolari, il-Kawża 730/79 *Philip Morris vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1980:209, il-punt 11; Il-Kawża C-53/00 *Ferring*, ECLI:EU:C:2001:627, il-punt 21; Il-Kawża C-372/97 *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2004:234, il-punt 44.

([106]) Il-Kawża T-214/95 *Het Vlaamse Gewest vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1998:77.

(313) Fil-każ preżenti, il-benefiċjarju jopera f'kompetizzjoni ma' impriżi oħrajn li jipprovdu servizzi ta' trasport marittimu fl-Unjoni, b'mod partikolari mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 ([107]) u tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, filwaqt li jilliberalizza s-suq tat-trasport marittimu internazzjonali u tal-kabotaġġ marittimu, rispettivament. Għalhekk, il-kumpens għall-operat tar-rotot marittimi taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali jista' jaffettwa l-kummerċ tal-Unjoni u joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq intern. Għall-istess raġunijiet, dik il-konklużjoni tgħodd ukoll għall-prijorità tal-irmiġġ.

8.1.1.5. Konklużjoni

(314) Billi l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens għas-servizz pubbliku mħallas abbażi tal-estensjonijiet suċċessivi tal-Konvenzjoni inizjali u l-prijorità tal-irmiġġ jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lil Siremar.

8.1.1.6. L-għajnuna ġdida jew eżistenti

(315) Il-Kummissjoni l-ewwel tfakkar li, skont l-Artikolu 1(c) tar-Regolament (UE) 2015/1589, għajnuna ġdida tfisser "*kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li ma hijiex għajnuna eżistenti, inklużi tibdiliet fl-għajnuna eżistenti*". Fil-fatt, l-Artikolu 108(3) tat-TFUE jistabbilixxi li l-pjanijiet għall-għoti jew għat-tibdil tal-għajnuna eżistenti jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u ma jistgħux jiġu implimentati qabel ma l-proċedura tkun wasslet għal deċiżjoni finali ([108]).

(316) Siremar f'EA tqis li jekk il-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Siremar, inkluż sal-2008, jitqies bħala għajnuna eżistenti abbażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, dan japplika wkoll għall-kumpens imħallas abbażi tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali (il-premessa (237)). Il-Kummissjoni tinnota li l-kumpens imħallas lil Siremar għall-operat tal-obbligi ta' servizz pubbliku marittimu sal-2008 kien ivvalutat fid-deċiżjoni ta' Tirrenia Group tal-2020 u kien tabilħaqq ikklassifikat bħala għajnuna eżistenti (ara l-premessa (19)).

(317) Madankollu, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Qrati Ewropej ([109]), il-Kummissjoni tqis li l-emendar (jiġifieri l-estensjoni) tad-durata ta' skema ta' għajnuna li kellha data ta' skadenza ċara (f'dan il-każ, il-31 ta' Diċembru 2008) huwa biżżejjed biex issir għajnuna ġdida, irrispettivament minn jekk inbidlux jew le karatteristiċi oħrajn tal-miżura. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens għas-servizz pubbliku mħallas skont l-estensjonijiet suċċessivi tal-Konvenzjoni inizjali jenħtieġ li jitqies bħala għajnuna ġdida. B'hekk, jenħtieġ li l-argumenti ta' Siremar f'EA jiġu rrifjutati.

(318) Il-Kummissjoni tinnota li la l-awtoritajiet Taljani u lanqas Siremar f'EA ma sostnew li l-prijorità tal-irmiġġ hija għajnuna eżistenti. Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta din il-miżura bħala għajnuna ġdida.

8.1.2. *Estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar*

(319) Il-Kummissjoni diġà stabbiliet fil-premessi minn (34) sa (40) tad-Deċiżjoni tal-2010 li l-miżura ta' għajnuna għas-salvataġġ innotifikata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(320) Fid-Deċiżjoni tal-2010, il-Kummissjoni ddikjarat li l-għajnuna għas-salvataġġ innotifikata lil Siremar hija kompatibbli mas-suq intern. F'konformità mal-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, l-Italja impenjat ruħha li tikkomunika lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur, jew pjan ta' ristrutturar (jew ta' likwidazzjoni) jew prova li s-self ġie rimborżat kollu u/jew li l-garanzija ġiet itterminata.

(321) L-ewwel pagament parzjali tas-self garantit ġie żborżat lil Siremar fit-28 ta' Frar 2011 u, b'hekk, id-data ta' skadenza ta' sitt xhur kienet tiskadi fit-28 ta' Awwissu 2011.

(322) L-Italja ma ssottomettietx lill-Kummissjoni pjan ta' ristrutturar (jew ta' likwidazzjoni) sa dik id-data. Fil-11 ta' Lulju 2011, il-garanzija ġiet eżerċitata minn BIIS u Siremar saret debitur għall-Istat (ara l-premessa (63)). Fit-18 ta' Settembru 2012, Siremar irrimborżat l-ammont dovut lill-Istat (ara l-premessa (65)). Sad-data msemmija l-aħħar, Siremar kompliet tibbenefika bis-sħiħ mill-miżura ta' għajnuna għas-salvataġġ.

(323) L-awtoritajiet Taljani la argumentaw u lanqas ma urew li l-estensjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ ma tibqax tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Huma pprovdew biss argumenti (ara t-taqsima 4.2) dwar għaliex il-miżura tibqa' kompatibbli anke wara l-iskadenza tad-data ta' skadenza ta' sitt xhur.

([107]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).

([108]) Il-Kawża C-590/14 P *DEI u l-Kummissjoni vs Alouminion tis Ellados*, ECLI:EU:C:2016:797, il-punt 45.

([109]) Il-Kawżi Magħquda T-127/99, T-129/99 u T-148/99 *Territorio Histórico de Álava - Diputación Foral de Álava et vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2002:59, il-punt 175.

(324) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-estensjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ lil hinn mid-data ta' skadenza ta' sitt xhur, jiġifieri mit-28 ta' Awwissu 2011 sat-18 ta' Settembru 2012, tikkostitwixxi wkoll għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

8.1.3. *L-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida flimkien mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u tal-prijorità tal-irmiġġ lil SNS, iżżieda fil-kapital ta' CdI u l-kontrogaranzija*

(325) Sabiex tikkonkludi dwar jekk l-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida flimkien mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u tal-prijorità tal-irmiġġ jikkostitwixxix vantaġġ lil SNS skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni trid tivvaluta l-osservanza tal-kriterji ta' Altmark (ara l-premessi minn (301) sa (304).

8.1.3.1. Altmark 1

(326) Il-Kummissjoni tfakkar li ma hemm l-ebda definizzjoni uniformi u preċiża ta' servizz li jista' jikkostitwixxi SGEI skont id-dritt tal-Unjoni, la skont it-tifsira tal-ewwel kriterju ta' Altmark u lanqas skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE. Il-paragrafu 46 tal-Komunikazzjoni SGEI jistipula dan li ġej:

"Fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni li jiddefinixxu l-ambitu għall-eżistenza ta' SGEI, l-Istati Membri għandhom marġini wiesa' ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni ta' servizz partikolari bħala SGEI u fl-għoti ta' kumpens lill-fornitur tas-servizz. Il-kompetenza tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward hija limitata għal li tiċċekkja jekk l-Istat Membru għamilx żball ċar meta ddefinixxa s-servizz bħala SGEI u li tevalwa l-għajnuna mill-Istat involuta fil-kumpens. Fejn jeżistu regoli tal-Unjoni speċifiċi, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri hija ulterjorment marbuta minn dawn ir-regoli, minħajr ħsara għad-dmir tal-Kummissjoni li twettaq valutazzjoni dwar jekk l-SGEI ġiex definit b'mod korrett għall-għan tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat."

(327) Għalhekk, l-awtoritajiet nazzjonali huma intitolati li jqisu li ċerti servizzi huma fl-interess ġenerali u jridu jiġu operati permezz ta' obbligi ta' servizz pubbliku sabiex jiżguraw li l-interess pubbliku jkun protett meta l-forzi tas-suq ma jkunux biżżejjed sabiex jiggarantixxu li huma pprovduti bil-livell jew bil-kundizzjonijiet meħtieġa.

(328) Fil-qasam tal-kabotaġġ marittimu, ġew stabbiliti regoli dettaljati tal-Unjoni li jirregolaw l-obbligi ta' servizz pubbliku fir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu u, għall-eżami ta' għajnuna mill-Istat potenzjali lil impriżi involuti fit-trasport marittimu, fil-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu ("il-Linji Gwida Marittimi") ([110]).

(329) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jistipula:

"Stat Membru jista' jagħmel kuntratti ta' servizz pubbliku ma' jew jimponi obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku bħala kundizzjoni għall-għoti ta' servizzi ta' kabotaġġ, fuq kumpanniji ta' ġarr marittimu li jipparteċipaw f'servizzi regolari lejn, minn u bejn gżejjer. Kull meta Stat Membru jagħmel kuntratti ta' servizz pubbliku jew jimponi obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku, dan għandu jagħmel hekk fuq bażi mhux diskriminatorja għar-rigward ta' proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità."

(330) L-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jistabbilixxi li kuntratt ta' servizz pubbliku jista' jkopri:

— Servizzi tat-trasport li jissodisfaw standards fissi ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità,

— Servizzi tat-trasport addizzjonali,

— Servizzi tat-trasport b'rati speċifikati u soġġetti għal kundizzjonijiet speċifikati, b'mod partikolari għal ċerti kategoriji ta' passiġġieri jew fuq ċerti rotot,

— Aġġustamenti tas-servizzi għar-rekwiżiti attwali.

(331) F'konformità mat-taqsima 9 tal-Linji Gwida Marittimi, "obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu imposti jew kuntratti pubbliċi ta' servizz (PSCs) jistgħu jiġu konklużi għas-servizzi indikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3577/92" [traduzzjoni mhux uffiċjali], jiġifieri servizzi skedati lejn, minn u bejn il-gżejjer.

([110]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2004) 43 – Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu (ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3).

(332) Mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu imposti biss jekk ikunu ġġustifikati mill-ħtieġa li jiġu żgurati servizzi regolari adegwati tat-trasport marittimu li ma jistgħux jiġu żgurati mill-forzi tas-suq weħidhom ([111]). Il-Komunikazzjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu ([112]) tikkonferma li "*huma l-Istati Membri (inklużi, fejn xieraq, l-awtoritajiet reġjonali u lokali) u mhux is-sidien tal-bastimenti li għandhom il-kompetenza biex jiddeterminaw liema rotot jeħtieġu obbligi ta' servizz pubbliku. B'mod partikolari, l-obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu kkunsidrati għal servizzi regolari (skedati) ta' kabotaġġ tal-gżejjer f'każ li s-suq jonqos milli jipprovdi servizzi adegwati*." Barra minn hekk, l-Artikolu 2(4) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jiddefinixxi l-obbligi ta' servizz pubbliku bħala l-obbligi li s-sid tal-bastiment inkwistjoni, jekk jikkunsidra l-interessi kummerċjali tiegħu, ma jassumix jew ma jassumix sal-istess punt jew taħt l-istess kundizzjonijiet.

(333) F'konformità mal-ġurisprudenza ([113]), sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx ħtieġa reali ta' servizz pubbliku u jekk l-użu ta' kuntratt ta' servizz pubbliku (jiġifieri l-Konvenzjoni l-ġdida) kienx meħtieġ u proporzjonali, u b'hekk jekk l-ewwel kriterju ta' Altmark huwiex issodisfat, il-Kummissjoni se tivvaluta:

(1) Jekk kienx hemm domanda mill-utenti;

(2) Jekk dik id-domanda setgħetx tiġi ssodisfata mill-operaturi tas-suq fin-nuqqas ta' obbligu impost mill-awtoritajiet pubbliċi (l-eżistenza ta' falliment tas-suq);

(3) Li sempliċiment rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku kien insuffiċjenti sabiex jiġi rrimedjat dak in-nuqqas (l-anqas approċċ dannuż).

(1) Id-domanda mill-utenti

(334) F'dan il-każ, CdI u aktar tard SNS ġew fdati bil-forniment ta' servizzi mħalltin tal-passiġġieri u tal-merkanzija u servizzi tal-passiġġieri ta' veloċità għolja biss fuq diversi linji. L-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq CdI u aktar tard fuq SNS jikkonċernaw il-konnessjonijiet tat-trasport marittimu li għandhom jiġu operati, it-tip u l-kapaċità tal-bastimenti assenjati għar-rotot marittimi rispettivi operati, id-disponibbiltà ta' bastiment ta' riżerva biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz, il-frekwenza tas-servizz, u n-nollijiet massimi imposti fuq l-utenti tas-servizz fuq kull waħda mir-rotot rispettivi (jiġifieri nollijiet aktar baxxi għar-residenti tal-gżejjer iżgħar u nollijiet ogħla għal passiġġieri oħrajn).

(335) Kif deskritt fil-premessa (184), l-Italja imponiet l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjoni l-ġdida prinċipalment biex (i) tiżgura l-kontinwità territorjali bejn Sqallija u l-gżejjer iżgħar tagħha u (ii) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati, permezz ta' servizzi regolari u affidabbli tat-trasport marittimu. Il-Kummissjoni tqis li dawn tabilħaqq jistgħu jkunu objettivi leġittimi ta' interess pubbliku.

(336) Qabel ma CdI kienet oriġinarjament fdata bl-operat tal-konnessjonijiet marittimi kif definiti mill-Konvenzjoni l-ġdida, dawn ir-rotot kienu operati minn Siremar abbażi tal-Konvenzjonijiet inizjali. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tinnota li r-rotot inkwistjoni kienu operati, fil-biċċa l-kbira mingħajr tibdil, għal ħafna snin, jiġifieri mill-inqas mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni inizjali ([114]). Meta fdaw il-Konvenzjoni l-ġdida fl-2012, l-awtoritajiet Taljani u, b'mod partikolari, Sqallija, qiesu li dawn is-servizzi komplew ikunu meħtieġa biex tiġi ssodisfata d-domanda tal-utenti.

(337) Sabiex turi d-domanda ġenwina mill-utenti għas-servizzi, l-Italja pprovdiet statistika li turi li, fl-2010, Siremar ittrasportat 1 342 402 passiġġier u 311 114,50 metru lineari ta' merkanzija fuq il-ħames pakketti ta' rotot flimkien. Fl-2011, dawk iċ-ċifri kienu 1 332 400 u 290 704,70, rispettivament. Dan juri li fis-sentejn qabel ma CdI ġiet fdata bl-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha, kien hemm domanda aggregata sinifikanti għas-servizzi tat-trasport marittimu fuq ir-rotot ikkonċernati.

(338) Madankollu, sabiex jiġi stabbilit li hemm domanda reali mill-utenti fuq kull waħda mill-għoxrin rotta kkonċernati, raggruppati fil-ħames pakketti, hija meħtieġa valutazzjoni aktar dettaljata. Għal dan l-għan, l-Italja pprovdiet statistika rotta b'rotta għall-perjodu 2007 – 2019 ([115]). Din l-istatistika tinkludi l-għadd totali ta' passiġġieri jew metri lineari ta' merkanzija ttrasportata kull sena, li ppermettew li jiġu kkalkolati l-medji għal kull vjaġġ. Bħala eżempju, it-Tabella 5 turi żewġ metriki bħal dawn għas-snin 2010 u 2019. Dawn iċ-ċifri juru li matul iż-żewġ snin, il-biċċa l-kbira tal-vjaġġi bir-ritorn fuq ir-rotot ikkonċernati ġarrew aktar minn mitt passiġġier. Fl-2010, bħala medja, erba' rotot biss ġarrew inqas minn mitt passiġġier, filwaqt li fl-2019, tliet rotot biss għamlu dan.

([111]) Ara l-Kawża C-205/99 *Analir et*, ECLI:EU:C:2001:107.

([112]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu), Brussell, COM(2014) 232 final, 22.4.2014.

([113]) Ara l-Kawża T-454/13 *SNCM vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2017:134, il-punti 130 u 134.

([114]) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-ħames pakketti ta' rotot kienu diġà operati b'xi forma ta' kumpens pubbliku fis-snin ħamsin (1950s).

([115]) L-Italja pprovdiet biss estimi għall-2015, mhux ivvalidati minn konsulent estern kif meħtieġ skont il-Konvenzjoni l-ġdida, u ma pprovdiet l-ebda *data* għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-15 ta' April 2016, billi CdI kienet qed tħejji għar-ritorn tal-fergħa kummerċjali lil Siremar f'EA, u għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2011 u t-30 ta' Lulju 2012, billi Siremar f'EA kienet qed topera l-obbligi ta' servizz pubbliku.

Il-Kummissjoni tinnota li l-għadd baxx ta' passiġġieri fuq dawk ir-rotot individwali jista' jiġi spjegat mill-popolazzjonijiet baxxi u mid-daqsijiet żgħar tal-gżejjer ikkonċernati, kif ukoll mill-vjaġġi relattivament qosra u frekwenti, li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mobbiltà tal-abitanti ta' dawk il-gżejjer. Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-istatistika rotta b'rotta għal kull sena sal-aħħar tal-2019 ([116]). Il-Kummissjoni tinnota li kien hemm varjazzjonijiet fl-għadd ta' vjaġġi u passiġġieri rreġistrati fuq id-diversi linji matul is-snin. Madankollu, dan minħabba li dawn huma gżejjer żgħar ħafna, b'infrastruttura limitata tal-port, li huma relattivament qrib xulxin. Dan jeħtieġ aġġustament frekwenti tal-iskedi biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet lokali (bħax-xejriet tal-ivvjaġġar għall-finijiet ta' edukazzjoni jew xogħol) u biex tittaffa kwalunkwe problema ta' konnessjoni (pereżempju, jekk post ta' rmiġġ tkun qed issirlu manutenzjoni u jista' jakkomoda biss bastimenti iżgħar, jew inqas bastimenti fl-istess ħin, rotta waħda ta' pakkett ma tistax topera għal xi żmien, filwaqt li rotot oħrajn ta' dak il-pakkett jistgħu joperaw bi frekwenzi miżjuda). Madankollu, abbażi tad-*data* għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, ma hemm l-ebda indikazzjoni li d-domanda mill-utenti fuq kwalunkwe rotta jew pakkett ta' rotot kienet jew fil-fatt sparixxiet.

		Medja tal-għadd ta' passiġġieri għal kull vjaġġ ([117])		**Medja ta' merkanzija għal kull vjaġġ** ([118])	
Rotot ta' servizzi mħallta		**2010**	**2019**	**2010**	**2019**
Il-pakkett ta' Milazzo – il-Gżejjer Eoliċi – Napli	C/1	(…)	(…)	(…)	(…)
	C/2	(…)	(…)	(…)	(…)
	C/3	(…)	(…)	(…)	(…)
	C/4	(…)	(…)	(…)	(…)
	C/6	(…)	(…)	(…)	(…)
Il-pakkett ta' Palermo – Ustica	D/1	(…)	(…)	(…)	(…)
Il-pakkett ta' Trapani – il-Gżejjer Egadi	D/2	(…)	(…)	(…)	(…)
	D/3	(…)	(…)	(…)	(…)
Il-pakkett ta' Trapani – Pantelleria	D/4	(…)	(…)	(…)	(…)
Il-pakkett ta' Trapani – il-Gżejjer Pelagie	D/5	(…)	(…)	(…)	(…)

		Medja tal-għadd ta' passiġġieri għal kull vjaġġ	
Rotot tal-passiġġieri biss		**2010**	**2019**
Il-pakkett ta' Milazzo – il-Gżejjer Eoliċi (–Napli)	ALC/2	(…)	(…)
	ALC/2 bis	(…)	(…)
	ALC/3	(…)	(…)
	ALC/4	(…)	(…)
	ALC/6	(…)	Mhux applikabbli ([119])
Il-pakkett ta' Palermo – Ustica	ALD/1	(…)	(…)
Il-pakkett ta' Trapani – il-Gżejjer Egadi	ALD 2/3	(…)	(…)
	ALD 2/3 bis	(…)	(…)

Tabella 5 – Statistika dwar id-domanda mill-utenti għas-sena 2010 (operata minn Siremar) u għas-sena 2019 (operata minn SNS)

([116]) Bħala illustrazzjoni, Table 5 tinkludi din l-istatistika rotta b'rotta għall-2019. Għal raġunijiet ta' sinteżi, il-Kummissjoni ma tirrapportax iċ-ċifri għas-snin l-oħrajn kollha li matulhom CdI jew SNS operaw is-servizz.

([117]) L-għadd totali ta' passiġġieri diviż bl-għadd totali ta' vjaġġi bir-ritorn fil-perjodu.

([118]) L-ammont totali ta' merkanzija (f'metri lineari) diviż bl-għadd totali ta' vjaġġi bir-ritorn fil-perjodu.

([119]) Mill-1 ta' Settembru 2016, ir-rotta nbidlet f'żewġ servizzi addizzjonali "ALC/2" (l-ewwel komponent) u "ALC/2 bis" (ritorn).

(339) Sabiex turi li d-domanda mill-utenti baqgħet preżenti meta CdI u aktar tard SNS bdew joperaw ir-rotot skont il-Konvenzjoni l-ġdida, l-Italja pprovdiet aktar statistika. Iċ-ċifri fit-Tabella 6 juru li, mill-2013 'il quddiem, CdI u aktar tard SNS ittrasportaw aktar passiġġieri u merkanzija milli ttrasportat Siremar fl-2010 u fl-2011 (ara l-premessa (337)). Filwaqt li kien hemm xi varjazzjonijiet maż-żmien, dawn iċ-ċifri jikkonfermaw li d-domanda mill-utenti baqgħet preżenti u saħansitra żdiedet f'dawn l-aħħar snin.

	L-għadd ta' passiġġieri ttrasportati	**Merkanzija ttrasportata (f'metri lineari)**
2012 (Awwissu-Diċembru)	(…)	(…)
2013	(…)	(…)
2014	(…)	(…)
2015 ([120])	(…)	(…)
2016 (April – Diċembru) ([121])	(…)	(…)
2017	(…)	(…)
2018	(…)	(…)
2019	(…)	(…)

Tabella 6 – Statistika għas-snin 2012-2019 (rotot imħallltin u tal-passiġġieri biss operati minn CdI u SNS)

(340) Il-Kummissjoni tqis li l-istatistika ta' hawn fuq (ara l-premessi (337), (338) u (339)) turi b'mod ċar li hemm domanda ġenwina għas-servizzi tal-passiġġieri u tal-merkanzija fuq kull waħda mill-għoxrin rotta ta' servizz pubbliku miġbura f'ħames pakketti. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li dawn is-servizzi jissodisfaw domanda ġenwina mill-utenti u, b'hekk, jindirizzaw il-ħtiġijiet pubbliċi reali.

(2) L-eżistenza ta' falliment tas-suq

(341) Skont il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI, "ma jkunx xieraq li tinkludi obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku ma' attività li qed tiġi diġà pprovduta jew li tista' tiġi pprovduta b'mod sodisfaċenti u taħt kundizzjonijiet, bħall-prezz, kriterji oġġettivi tal-kwalità, kontinwità u aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku, kif definit mill-Istat, minn impriżi li joperaw skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq ([122])". Għalhekk, il-Kummissjoni trid teżamina jekk is-servizz ikunx inadegwat, fid-dawl tar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku imposti mill-Istat Membru permezz tal-Konvenzjoni l-ġdida, jekk il-forniment tiegħu jitħalla biss għall-forzi tas-suq. Il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni SGEI jinnota f'dan ir-rigward li "[l-]valutazzjoni tal-Kummissjoni hi limitata biss għal […] li tiċċekkja jekk l-Istati Membri għamlux xi żball ovvju".

(342) Il-Kummissjoni diġà analizzat f'deċiżjonijiet tal-passat jekk kienx hemm falliment tas-suq fuq dawn il-pakketti ta' rotot. B'mod partikolari, fid-Deċiżjoni tagħha tal-2004, il-Kummissjoni nnotat li, fir-rigward ta' Siremar, l-ebda wieħed mill-operaturi privati Taljani fuq il-pakketti ta' rotot moqdija mill-operatur pubbliku (ta' dak iż-żmien) ma pprovda servizzi komparabbli matul is-sena kollha li kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tas-servizz pubbliku stipulati fil-pjanijiet ta' ħames snin ([123]). Din is-sejba hija relatata mal-perjodu 1992-2008 u ma hijiex ikkontestata mis-Sentenza tal-2009 li annullat id-Deċiżjoni tal-2004, u lanqas mid-deċiżjoni ta' Tirrenia Group tal-2020, li kkonkludiet li l-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Siremar kien għajnuna eżistenti.

(343) Madankollu, fid-Deċiżjoni tagħha tal-2012, il-Kummissjoni nnotat li matul il-perjodu ta' żmien li wassal għall-ewwel għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida, operaturi oħrajn kienu qed jipprovdu servizzi regolari fuq ir-rotot rilevanti ([124]). F'dak iż-żmien, l-Italja kienet sostniet li Sqallija, permezz ta' diversi proċeduri ta' sejħa għall-offerti, kienet għażlet lil dawn l-operaturi l-oħrajn biex joperaw servizzi pubbliċi addizzjonali skont kuntratti separati. Qabel ma tipproċedi bil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tinnota dan li ġej.

([120]) Iċ-ċifri għall-2015 ma ġewx ivvalidati minn konsulent estern bħal għas-snin l-oħrajn, iżda tħejjew *ex post* mill-awtoritajiet Taljani bl-użu tad-dokumentazzjoni minn CdI.
([121]) L-Italja ma pprovdiet l-ebda *data* għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-10 ta' April 2016. L-Italja ssostni li din l-istatistika ma nġabritx, minħabba li f'dak iż-żmien CdI kienet qed tħejji t-trasferiment tal-fergħa kummerċjali lura lil Siremar f'EA.
([122]) Ara l-Kawża C-205/99 *Analir et*, ECLI:EU:C:2001:107, il-punt 71.
([123]) Ara l-premessa 135 tad-Deċiżjoni tal-2004.
([124]) Ara l-premessi 101 – 103 u 201 tad-Deċiżjoni tal-2012.

(344) L-ewwel nett, din il-valutazzjoni hija limitata għas-sitwazzjoni kompetittiva tas-suq fis-snin ta' qabel Lulju 2012, billi dan kien il-perjodu rilevanti għall-awtoritajiet Taljani meta kienu qed jiddefinixxu l-obbligi ta' servizz pubbliku. Għalkemm il-Konvenzjoni l-ġdida timponi obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku f'termini ta' nollijiet li għandhom jiġu imposti (inklużi nollijiet imnaqqsa għar-residenti tal-gżejjer iżgħar), l-Italja ma ġġustifikatx il-ħtieġa tas-servizz pubbliku billi sostniet li CdI u aktar tard SNS kellhom bżonn iżommu n-nollijiet f'livell aktar baxx minn dawk imposti mill-operaturi l-oħrajn. Matul l-investigazzjoni, minflok, l-Italja sostniet li, sakemm ikun hemm operaturi oħrajn li jipprovdu servizzi bil-laneċ fuq ir-rotot operati minn CdI u aktar tard minn SNS, dawn is-servizzi kompetituri jkunu differenti f'termini tal-kontinwità u tal-frekwenza matul is-sena, ma jkunux ekwivalenti (f'termini tal-portijiet jew tat-tip ta' servizz, eż. tal-passiġġieri biss minflok imħalltin), ma jkunux tal-istess kwalità, jew ikunu ssussidjati wkoll taħt kuntratti separati. Għalhekk, il-Kummissjoni ma wettqitx analiżi komparattiva tan-nollijiet imposti mill-operaturi kollha fuq ir-rotot inkwistjoni. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ffokat fuq id-differenzi possibbli f'termini ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità (ara l-premessa (330)), u fuq jekk l-operaturi kompetituri kinux ukoll issussidjati taħt kuntratti separati.

(345) It-tieni, is-servizzi komparabbli offruti minn operaturi oħrajn fuq il-pakketti ta' rotot definiti fil-Konvenzjoni l-ġdida ġew ipprovduti wkoll taħt reġimi ta' kumpens pubbliku, bħala SGEI komplementari definit minn Sqallija ([125]). Fil-prinċipju, il-preżenza ta' fornituri oħrajn ta' SGEI fuq il-pakketti ta' rotot stabbiliti fil-Konvenzjoni l-ġdida ma tqiegħedx f'dubju l-validità tal-SGEI għal dawk il-pakketti, iżda pjuttost issaħħaħha, minħabba li tissuġġerixxi li l-ħtieġa għal dawn il-konnessjonijiet kienet tant qawwija u/jew varjata li tista' tiġi ssodisfata biss minn diversi operaturi. Tabilħaqq, il-fatt li operaturi oħrajn huma preżenti fuq ċertu pakkett ta' rotot ma jistax ikun indikazzjoni li dak il-pakkett jista' jiġi moqdi b'mod adegwat mill-forzi tas-suq biss, jekk dawk l-operaturi l-oħrajn ikunu qed jirċievu wkoll kumpens pubbliku taħt kuntratti separati biex joffru s-servizzi tagħhom.

(346) It-tielet, l-Italja identifikat 20 rotta fuq ħames pakketti, jew networks ta' konnessjonijiet, li għandhom jiġu inklużi fil-Konvenzjoni l-ġdida ([126]). Il-Kummissjoni tinnota li, skont it-Taqsima 5.5.3 tal-Komunikazzjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu ([127]), *"L-Istati Membri ta' spiss juru x-xewqa li jiggruppaw f'pakkett wieħed rotot ta' servizz pubbliku lejn u minn gżejjer differenti, sabiex jiġġeneraw ekonomiji ta' skala u jattiraw l-operaturi. Fihom infushom, pakketti bħal dawn ma humiex kontra d-dritt tal-Unjoni, sakemm dan ir-raggruppament tar-rotot ma jwassalx għal diskriminazzjoni u għal distorsjonijiet żejda fis-suq. L-aktar daqs xieraq ta' pakketti jenħtieġ li jiġi deċiż billi jitqies x'inhi l-aħjar sinerġija li għandha tinħoloq biex jintlaħqu l-ħtiġijiet essenzjali tat-trasport."*

(347) F'dan il-każ, ir-rotot ġew raggruppati f'pakketti ġeografiċi għal finijiet ta' ppjanar, biex jiġu identifikati lakuni jew sovrapożizzjonijiet potenzjali u jiġi żgurat sett koerenti u komplut ta' konnessjonijiet għall-abitanti ta' dawn il-gżejjer, kemm ma' Sqallija kif ukoll mal-gżejjer l-oħrajn, b'mod partikolari dawk relattivament akbar. Tabilħaqq, Table 3 turi li r-rotot f'kull pakkett ta' spiss jikkoinċidu u huma komplementari għal xulxin ([128]). Minħabba l-preżenza ta' ċerti servizzi essenzjali bħal skejjel, ħwienet tal-merċa kbar, u servizzi mediċi speċjalizzati fi Sqallija jew fil-gżejjer relattivament akbar biss, l-Italja għażlet li tafda pakketti ta' rotot minflok rotot individwali. Tabilħaqq, filwaqt li l-operaturi privati joffru xi konnessjonijiet bejn il-gżejjer relattivament akbar (eż. Lipari u Pantelleria) u Sqallija, huma ma joffrux konnessjonijiet lejn u bejn il-gżejjer kollha matul is-sena kollha. Minħabba l-ħtieġa li jiġu żgurati konnessjonijiet bejn diversi gżejjer żgħar f'diversi postijiet u xi drabi f'postijiet relattivament remoti, il-Kummissjoni tqis li l-Italja ma għamlitx żball ovvju meta identifikat ħames pakketti, li jinkludu rotta waħda jew aktar skont il-karatteristiċi tal-gżira jew tal-arċipelagu inkwistjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Kummissjoni ma vvalutatx kull konnessjoni individwali, iżda minflok iffokat fuq kull pakkett bħala sett koerenti ta' konnessjonijiet lejn, minn u fi ħdan arċipelagu jew gżira.

(348) F'dan l-isfond, abbażi tas-sitwazzjoni kompetittiva li twassal għall-mument tal-ewwel inkarigu fit-30 ta' Lulju 2012 u abbażi tal-kummenti mill-partijiet interessati (ara t-Taqsima 5), il-Kummissjoni analizzat kull pakkett ta' rotot biex tivverifika li l-Italja ma għamlitx żball ovvju meta stabbiliiet li kien hemm falliment tas-suq:

— Milazzo – il-Gżejjer Eoliċi – Napli. CdI operat u SNS topera ħames rotot moqdija minn laneċ u ħames rotot moqdija minn bastimenti ta' veloċità għolja, li jgħaqqdu l-Gżejjer Eoliċi ma' Sqallija u mal-art kontinentali ([129]). F'dan il-pakkett, matul il-perjodu 2009-2012, il-kompetituri kienu Ustica Lines, NGI, SNAV u Alilauro. Ustica Lines u NGI kienu qed joperaw rotot matul is-sena kollha, li jgħaqqdu lil Milazzo mal-Gżejjer Eoliċi, taħt kumpens pubbliku mogħti permezz ta' kuntratti separati: Ustica Lines ipprovdiet servizzi ta' veloċità għolja fuq żewġ rotot, filwaqt li NGI operat servizz imħallat fuq rotta waħda. SNAV u Alilauro operaw servizz ta'

([125]) Billi s-servizzi offruti mill-operaturi l-oħrajn huma lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni mhux se tikkummenta dwar jekk is-servizzi tagħhom jikkostitwixxux SGEI ġenwin.

([126]) Għad-dettalji dwar ir-rotot u l-frekwenzi, ara Table 3. Dawn il-frekwenzi kienu fil-biċċa l-kbira l-istess matul il-perjodu ta' estensjoni (2009-2012), b'differenzi żgħar biss fuq ftit rotot individwali u/jew perjodi tas-sena.

([127]) Ara n-nota 112 f'qiegħ il-paġna.

([128]) L-iskeda tar-rotot individwali f'pakkett tista' tinbidel ukoll maż-żmien – ara n-nota 119 f'qiegħ il-paġna.

([129]) Innota li mill-1 ta' Settembru 2016, SNS bdiet topera biss erba' rotot differenti ta' veloċità għolja (ara n-nota 119 f'qiegħ il-paġna).

bastiment veloċi biss matul l-eqqel staġun fuq rotot li jgħaqqdu lil Napli u lill-Gżejjer Eoliċi, mingħajr ma rċevew kumpens pubbliku. Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-kompetituri ma offrewx servizzi komparabbli ma' dawk ta' CdI u aktar tard ta' SNS f'termini tar-rotot koperti, tal-frekwenza u tal-kapaċità. Għall-kuntrarju, dawn kienu sempliċiment qed joperaw fuq rotta waħda jew żewġ rotot, fejn ipprovdew servizz ferm aktar limitat f'termini ta' kapaċità u twaqqit. B'mod partikolari, NGI pprovdiet servizzi ta' laneċ permezz ta' bastimenti soġġetti għal rekwiżiti ta' kapaċità differenti. Fir-rigward ta' SNAV u Alilauro, is-servizzi tagħhom ma pprovdewx konnessjoni ma' Milazzo, minħabba li r-rotot tagħhom għaqqdu biss lil Napli mal-Gżejjer Eoliċi u pprovdew konnessjonijiet fi ħdan dawk il-gżejjer. Barra minn hekk, dawn l-operaturi privati ma kinux qed jaqdu dawn ir-rotot fl-istaġun kwiet. Bħala tali, dawn is-servizzi ma humiex komparabbli ma' dawk operati l-ewwel minn CdI u aktar tard minn SNS skont il-Konvenzjoni l-ġdida. Pan Med sostniet li l-kompetituri offrew servizzi simili fuq dan il-pakkett (ara l-premessa (272)). Madankollu, Pan Med ma identifikatx dawk il-kompetituri u lanqas ma wriet għaliex hija qieset is-servizzi tagħhom bħala simili jew komparabbli ma' dawk imwettqa minn CdI u aktar tard minn SNS. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li l-operaturi kollha li kienu qed jipprovdu servizzi matul is-sena kollha fuq dawn il-linji għamlu dan taħt kumpens pubbliku. Dan, flimkien mal-kuntest ġeografiku u demografiku ta' dawn il-gżejjer (b'popolazzjoni li tvarja bejn madwar 100 f'Alicudi u madwar 10 700 f'Lipari), juri li l-forzi tas-suq weħidhom ma kinux biżżejjed biex jipprovdu l-livell ta' konnessjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ebda operatur ieħor, meta jitqies biss l-interess kummerċjali tiegħu stess, ma kien jipprovdi servizzi tal-livell meħtieġ fil-Konvenzjoni l-ġdida. Għalhekk, l-Italja ma għamlitx żball ovvju billi kkunsidrat li kien hemm falliment tas-suq f'dan il-pakkett ta' rotot;

— Trapani – il-Gżejjer Egadi. CdI operat u SNS topera żewġ rotot moqdija minn laneċ u erba' rotot moqdija minn bastimenti ta' veloċità għolja ([130]). Ustica Lines u Traghetti delle Isole ([131]) kienu qed joperaw ukoll rotot matul is-sena kollha li jgħaqqdu l-Gżejjer Egadi ma' Sqallija, u joffru servizzi ta' veloċità għolja u tal-laneċ, rispettivament. Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li Ustica Lines u Traghetti delle Isole ġew ikkumpensati minn Sqallija għall-forniment ta' dawn is-servizzi taħt kuntratti separati. Barra minn hekk, għal Traghetti delle Isole, il-frekwenza meħtieġa kienet differenti minn dik ipprovduta minn CdI u aktar tard minn SNS, billi Traghetti delle Isole ma kellhiex għaliex toffri konnessjonijiet ta' kuljum bħalma għamlu CdI u aktar tard SNS. Barra minn hekk, Traghetti delle Isole pprovdiet servizzi ta' laneċ permezz ta' bastimenti soġġetti għal rekwiżiti ta' kapaċità differenti, li kienu jinkludu, pereżempju, it-trasport ta' oġġetti perikolużi. Għal Ustica Lines, il-frekwenza meħtieġa kienet simili għal dik ipprovduta minn CdI u aktar tard minn SNS (diversi konnessjonijiet kuljum). Madankollu, Ustica Lines ipprovdiet is-servizzi tagħha permezz ta' bastimenti soġġetti għal rekwiżiti ta' kapaċità differenti. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li l-operaturi kollha li kienu qed jipprovdu servizzi matul is-sena kollha fuq dawn il-linji għamlu dan taħt kumpens pubbliku. Dan, flimkien mal-kuntest ġeografiku u demografiku ta' dawn il-gżejjer (il-popolazzjoni totali ta' Favignana, Levanzo u Marettimo hija ta' madwar 4 300), juri li l-forzi tas-suq weħidhom ma kinux biżżejjed biex jipprovdu l-livell ta' konnessjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ebda operatur ieħor, meta jitqies biss l-interess kummerċjali tiegħu stess, ma kien jipprovdi servizzi tal-livell meħtieġ fil-Konvenzjoni l-ġdida. Għalhekk, l-Italja ma għamlitx żball ovvju billi kkunsidrat li kien hemm falliment tas-suq f'dan il-pakkett ta' rotot;

— Porto Empedocle – il-Gżejjer Pelagie. CdI operat u SNS topera kemm servizzi ta' laneċ kif ukoll ta' veloċità għolja matul is-sena kollha. Ustica Lines kienet l-uniku operatur ieħor li pprovda servizzi ta' veloċità għolja matul is-sena kollha fuq ir-rotta, b'servizz addizzjonali ta' veloċità għolja fl-eqqel staġun. Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li Ustica Lines ġiet ikkumpensata minn Sqallija għall-forniment ta' dawn is-servizzi taħt kuntratt separat. Barra minn hekk, Ustica Lines kienet qed tipprovdi servizz għall-passiġġieri biss, mingħajr ma ġġorr merkanzija, u bi frekwenza differenti. Bħala tali, is-servizzi tagħha ma humiex komparabbli mas-servizzi pprovduti minn CdI u aktar tard minn SNS skont il-Konvenzjoni l-ġdida. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li l-uniku operatur li pprovda servizzi matul is-sena kollha f'dan il-pakkett ta' rotot għamel dan taħt kumpens pubbliku. Dan, flimkien mal-kuntest ġeografiku u demografiku ta' dawn il-gżejjer (il-popolazzjoni totali ta' Linosa u Lampedusa hija ta' madwar 6 500), juri li l-forzi tas-suq weħidhom ma kinux biżżejjed biex jipprovdu l-livell ta' konnessjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ebda operatur ieħor, meta jitqies biss l-interess kummerċjali tiegħu stess, ma kien jipprovdi servizzi tal-livell meħtieġ fil-Konvenzjoni l-ġdida. Għalhekk, l-Italja ma għamlitx żball ovvju billi kkunsidrat li kien hemm falliment tas-suq f'dan il-pakkett ta' rotot;

([130]) Matul il-perjodu ta' estensjoni, l-erba' rotot ta' veloċità għolja ġew raggruppati fi tnejn għal finijiet ta' rapportar.
([131]) Bħalissa soġġett għall-koordinazzjoni u l-kontroll minn Caronte & Tourist Group.

— Trapani – Pantelleria. CdI operat u SNS topera servizzi tal-laneċ matul is-sena kollha. Traghetti delle Isole kienet l-uniku operatur ieħor li pprovda servizzi ta' laneċ matul is-sena kollha fuq ir-rotta. Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li Traghetti delle Isole ġiet ikkumpensata wkoll minn Sqallija għall-forniment ta' dawn is-servizzi, taħt kuntratti separati. Barra minn hekk, Traghetti delle Isole pprovdiet servizzi ta' laneċ bi frekwenza simili għal CdI u aktar tard SNS, permezz ta' bastimenti soġġetti għal rekwiżiti ta' kapaċità differenti, li kienu jinkludu, pereżempju, it-trasport ta' oġġetti perikoluż. Pan Med sostniet li l-kompetituri offrew servizzi simili fuq dan il-pakkett (ara l-premessa (272)). Madankollu, Pan Med ma identifikatx dawk il-kompetituri u lanqas ma wriet għaliex hija qieset is-servizzi tagħhom bħala simili jew komparabbli ma' dawk imwettqa minn CdI u aktar tard minn SNS. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li l-uniku operatur ieħor li pprovda servizzi matul is-sena kollha fuq din il-linja għamel dan taħt kumpens pubbliku. Dan, flimkien mal-kuntest ġeografiku u demografiku ta' Pantelleria (għira żgħira b'madwar 7 800 abitant), juri li l-forzi tas-suq weħidhom ma kinux biżżejjed biex jipprovdu l-livell ta' konnessjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ebda operatur ieħor, meta jitqies biss l-interess kummerċjali tiegħu stess, ma kien jipprovdi servizzi tal-livell meħtieġ fil-Konvenzjoni l-ġdida. Għalhekk, l-Italja ma għamlitx żball ovvju billi kkunsidrat li kien hemm falliment tas-suq f'dan il-pakkett ta' rotot;

— Palermo – Ustica. CdI operat u SNS topera kemm servizzi ta' laneċ kif ukoll ta' veloċità għolja matul is-sena kollha. Ustica Lines u NGI kienu preżenti fuq ir-rotta matul is-sena kollha, fejn tal-ewwel kienet tipprovdi servizz ta' veloċità għolja u tal-aħħar kienet tipprovdi servizz tal-laneċ. Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li Ustica Lines u NGI ġew ikkumpensati wkoll minn Sqallija għall-forniment ta' dawn is-servizzi, taħt kuntratti separati. Barra minn hekk, iż-żewġ operaturi pprovdew servizzi tal-laneċ permezz ta' bastimenti soġġetti għal rekwiżiti ta' kapaċità differenti, li kienu jinkludu, għal NGI, it-trasport ta' oġġetti perikoluż. Barra minn hekk, il-frekwenza meħtieġa kienet differenti wkoll minn dik ipprovduta minn CdI u aktar tard minn SNS, billi l-operaturi l-oħrajn ma kellhomx għaliex joffru konnessjonijiet ta' kuljum bħalma għamlu CdI u aktar tard SNS. Pan Med sostniet li l-kompetituri offrew servizzi simili fuq dan il-pakkett (ara l-premessa (272)). Madankollu, Pan Med ma identifikatx dawk il-kompetituri u lanqas ma wriet għaliex hija qieset is-servizzi tagħhom bħala simili jew komparabbli ma' dawk imwettqa minn CdI u aktar tard minn SNS. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li l-operaturi kollha li pprovdew servizzi matul is-sena kollha fuq dan il-pakkett ta' rotot għamlu dan taħt kumpens pubbliku. Dan, flimkien mal-kuntest ġeografiku u demografiku ta' Ustica (għira żgħira ħafna b'madwar 1 300 abitant), juri li l-forzi tas-suq weħidhom ma kinux biżżejjed biex jipprovdu l-livell ta' konnessjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ebda operatur ieħor, meta jitqies biss l-interess kummerċjali tiegħu stess, ma kien jipprovdi servizzi tal-livell meħtieġ fil-Konvenzjoni l-ġdida. Għalhekk, l-Italja ma għamlitx żball ovvju billi kkunsidrat li kien hemm falliment tas-suq fuq dan il-pakkett ta' rotot.

(349) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li, fil-mument tal-inkarigu, il-forzi tas-suq waħedhom ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota wkoll li, fuq il-pakketti tar-rotot kollha li bħalissa huma operati skont il-Konvenzjoni l-ġdida minn SNS, sa ċertu punt, is-servizzi komparabbli pprovduti mill-operaturi l-oħrajn kienu ssussidjati wkoll u, fi kwalunkwe każ, ma kinux kompletament ekwivalenti f'termini ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità u, għalhekk, ma ssodisfawx bis-sħiħ il-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku identifikati mill-Italja fil-Konvenzjoni l-ġdida.

(3) L-approċċ l-anqas dannuż

(350) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Taljani għażlu li jikkonkludu kuntratt ta' servizz pubbliku ma' operatur wieħed (CdI u aktar tard SNS) minflok li jimponu obbligi ta' servizz pubbliku fuq diversi operaturi. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja, il-Kummissjoni taċċetta li d-domanda mill-utenti (kif deskritta hawn fuq, ara l-premessi minn (334) sa (340)) ma setgħetx tiġi ssodisfata bl-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku. Fuq il-pakketti tar-rotot kollha, il-forniment ta' servizzi regolari matul is-sena kollha jeħtieġ kumpensi għas-servizz pubbliku. Meta jkun hemm operaturi privati preżenti li ma jirċevux kumpens għas-servizz pubbliku, l-offerta tiġi pprovduta biss fl-eqqel staġun (ara l-premessa (348)). Barra minn hekk, analiżi tal-kontijiet dettaljati għal kull rotta skont il-Konvenzjoni l-ġdida turi li l-operat tar-rotot kollha minn SNS fl-2017, fl-2018 u fl-2019 qed jagħmel it-telf strutturalment u, għalhekk, mingħajr kumpens għas-servizz pubbliku, dawn ma jiġux operati bil-frekwenza, il-kapaċità u l-kwalità mixtieqa ([132]). Ecorys waslet għal konklużjoni simili fir-rapport tagħha lill-Kummissjoni (ara l-premessa (119)). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tieħu nota tal-argument tal-Italja li l-għażla għal kuntratt ta' servizz pubbliku kienet meħtieġa wkoll fid-dawl tal-privatizzazzjoni ta' Siremar. B'mod aktar speċifiku, l-Italja sostniet li s-sejħa għal offerti għall-assi ta' Siremar flimkien ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid ippermettiet li (i) tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku marittimu, (ii) jiġi mmassimizzat il-valur għall-Istat,

([132]) Għall-perjodu mill-11 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2016, SNS irrapportat riżultati pożittivi fuq il-linji ALC/6 u ALD/3 bis. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li għal parti sinifikanti mill-istaġun kwiet tal-2016 (mill-1 ta' Jannar sal-10 ta' April), meta r-rotot tipikament ma jkunux profittabbli, CdI kienet qed topera s-servizz. Għalhekk, il-fatt li SNS ma kinitx qed topera s-servizz f'dak il-perjodu x'aktarx ippreġudika r-riżultati finanzjarji ta' dawn ir-rotot għall-2016.

u (iii) jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li l-Kummissjoni qablet li l-Italja tagħmel sejħa għal offerti għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar flimkien mal-Konvenzjoni l-ġdida (ara l-premessa (136)). Meta għamlet dan, il-Kummissjoni aċċettat ukoll, u ttenni f'din id-Deċiżjoni, li l-Italja ma tiddependix fuq l-obbligi ta' servizz pubbliku li japplikaw għall-operaturi kollha, iżda tikkonkludi kuntratt ta' servizz pubbliku uniku, inizjalment ma' CdI u aktar tard ma' SNS.

Konklużjoni

(351) Abbażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma għamlet l-ebda żball ovvju meta ddefinixxiet is-servizzi fdati lil CdI u aktar tard lil SNS bħala SGEI. B'hekk, id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2012 huma eliminati.

(352) Sabiex tikkonkludi li Altmark 1 huwa rrispettat, il-Kummissjoni xorta trid tivverifika jekk CdI u aktar tard SNS kinux fdati b'obbligi ta' servizz pubbliku li kienu definiti b'mod ċar. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-obbligi ta' servizz pubbliku huma deskritti b'mod ċar fil-Konvenzjoni l-ġdida u fl-annessi tagħha (li jinkludu pereżempju l-ispeċifikazzjonijiet tal-vapuri għal kull rotta). Bl-istess mod, ir-regoli li jirregolaw il-kumpens huma spjegati fil-Konvenzjoni, fil-Liġi tal-2009 u fid-Direttiva CIPE. Il-Konvenzjoni l-ġdida għandha wkoll durata ċara (12-il sena), tidentifika lil CdI u aktar tard lil SNS bħala l-operatur tas-servizz pubbliku u fiha l-arranġamenti għall-evitar u l-irkupru ta' kwalunkwe kumpens żejjed (ara wkoll it-Taqsima 2.3.4). Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ewwel kriterju ta' Altmark huwa ssodisfat.

Il-prijorità tal-irmiġġ

(353) Il-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009 jispeċifika b'mod ċar li l-prijorità tal-irmiġġ hija meħtieġa biex tiggarantixxi l-kontinwità territorjali mal-gżejjer u fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku tal-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, inkluża Siremar. Tabilħaqq, jekk ma jkun hemm l-ebda rmiġġ ta' prijorità għall-kumpaniji fdati b'obbligi ta' servizz pubbliku, jista' jkun li (xi drabi) dawn ikollhom jistennew meta jkun imisshom biex jittrakkaw u, b'hekk, iġarrbu dewmien, li jwassal biex jintilef l-iskop li tiġi żgurata konnettività affidabbli u konvenjenti liċ-ċittadini. Skeda ta' żmien regolari hija tabilħaqq meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mobbiltà tal-popolazzjoni tal-gżejjer iżgħar u sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati. Barra minn hekk, minħabba li hemm ċerti obbligi għall-iskedar tal-ħin fil-Konvenzjoni l-ġdida, bħall-kunsiderazzjoni tal-iskedi ta' żmien ta' mezzi oħrajn ta' trasportazzjoni (bħal karozzi tal-linja), il-prijorità tal-irmiġġ tgħin sabiex tiżgura li l-portijiet jallokaw l-irmiġġi u l-ħinijiet tal-irmiġġ b'tali mod li jippermettu lill-operatur tas-servizz pubbliku jirrispetta l-obbligi tiegħu ta' servizz pubbliku. Din il-prijorità tal-irmiġġ ġiet ittrasferita lil CdI u aktar tard lil SNS wara l-akkwiżizzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura qed tingħata sabiex CdI u aktar tard SNS ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom ta' servizz pubbliku li jikkostitwixxu SGEI ġenwin (ara l-premessa (351)). Għalhekk, il-prijorità tal-irmiġġ tikkonforma wkoll mal-ewwel kundizzjoni tas-sentenza Altmark.

8.1.3.2. Altmark 2

(354) Il-Kummissjoni tfakkar li fid-Deċiżjoni tal-2012 (ara l-premessa 205 tagħha), hija kienet tal-fehma preliminari li t-tieni kundizzjoni tas-sentenza ta' Altmark hija osservata.

(355) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-parametri li abbażi tagħhom ġie kkalkolat il-kumpens ġew stabbiliti minn qabel u josservaw ir-rekwiżiti tat-trasparenza skont it-tieni kriterju ta' Altmark.

(356) B'mod aktar speċifiku, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom ġie kkalkolat il-kumpens huma spjegati fid-dettall fid-Direttiva CIPE u ġew applikati fil-Konvenzjoni l-ġdida (u l-annessi għaliha) filwaqt li l-ammonti massimi tal-kumpens huma stabbiliti fil-Liġi tal-2009. Il-metodu tal-kalkolu tal-kumpens, inkluż pereżempju l-elementi tal-kostijiet ikkunsidrati, huma spjegati fid-Direttiva CIPE. Minħabba li l-prijorità tal-irmiġġ ma tinkludi l-ebda trasferiment finanzjarju lill-operatur tas-servizz, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura tikkonforma mat-tieni kriterju ta' Altmark.

(357) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tieni kundizzjoni tas-sentenza ta' Altmark hija osservata.

8.1.3.3. Altmark 3

(358) Skont it-tielet kriterju ta' Altmark, il-kumpens riċevut ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-kostijiet kollha, jew parti minnhom, imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli.

(359) Madankollu, is-sentenza Altmark ma tipprovdix definizzjoni preċiża tal-profitt raġonevoli. Skont il-Komunikazzjoni SGEI, jenħtieġ li profitt raġonevoli jinftiehem bħala r-rata ta' redditu fuq il-kapital li tkun meħtieġa minn kumpanija tipika li tkun qed tikkunsidra jekk tipprovdix is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jew le għaddurata kollha tal-inkarigu, filwaqt li tqis il-livell tar-riskju. Il-livell tar-riskju jiddependi mis-settur ikkonċernat, mittip ta' servizz u mill-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' kumpens.

(360) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-proporzjonalità tal-kumpens imħallas lil CdI. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % ma jirriflettix livell xieraq ta' riskju minħabba li, *prima facie*, CdI ma kinitx tidher li qed tassumi r-riskji normalment imġarrba fl-operat ta' tali servizzi. B'mod aktar speċifiku, l-elementi tal-kost ikkunsidrati għall-fini tal-kalkolu tal-kumpens jinkludu l-kostijiet kollha involuti fil-provvista tas-servizz u jridu jiġu kkunsidrati l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet, pereżempju, tal-fjuwil. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni qieset f'dak l-istadju li CdI setgħet ġiet ikkumpensata żżejjed.

(361) Il-Kummissjoni tinnota li ċerti aspetti tal-metodu ta' kumpens kif stabbilit fil-Konvenzjoni l-ġdida tabilħaqq jidhru li jnaqqsu r-riskju kummerċjali mġarrab minn CdI u aktar tard minn SNS. B'mod partikolari, in-nollijiet massimi li jista' jimponi l-operatur jiġu aġġustati kull sena sabiex iqisu l-inflazzjoni u jirriflettu l-varjazzjonijiet fil-kostijiet talfjuwil. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni l-ġdida fiha ċerti klawżoli li għandhom l-għan li jżommu l-ekwilibriju ekonomiku-finanzjarju tas-servizz pubbliku (ara l-premessa (130)). B'mod partikolari, fil-każ li l-kumpens għal servizz pubbliku ma jkunx biżżejjed sabiex ikopri l-kost tas-servizzi inkarigati mill-Konvenzjoni l-ġdida, dawn ilklawżoli jippermettu li jiġu riveduti (i) l-ambitu ta' dawn is-servizzi, (ii) il-mod kif jiġu pprovduti s-servizzi (eż. ittip ta' vapuri), jew (iii) in-nollijiet massimi.

(362) Madankollu, il-klawżoli msemmija hawn fuq huma soġġetti għal għadd ta' restrizzjonijiet. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-ġdida, l-ekwilibriju ekonomiku-finanzjarju tas-servizz pubbliku jiġi rivedut biss kull tliet snin. Jekk dan ir-rieżami juri li l-kumpens ma huwiex biżżejjed sabiex ikopri l-kost tas-servizz pubbliku, allura l-operatur u l-awtoritajiet Taljani jistgħu jaqblu biss li jagħmlu bidliet għall-perjodu ta' tliet snin li jmiss. Filkaż li d-dħul jew il-kostijiet tas-servizz pubbliku juru differenzi strutturali mhux prevedibbli aktar minn 3 % ogħla jew inqas mill-valuri stabbiliti fil-Konvenzjoni l-ġdida, l-Artikolu 9 tagħha jippermetti lill-partijiet jitolbu (soġġetti għal għadd ta' kundizzjonijiet) reviżjoni tal-ekwilibriju ekonomiku-finanzjarju. Skont iż-żewġ Artikoli, dawn ilbidliet (jekk ikun hemm) huma r-riżultat ta' proċedura ta' negozjar u sakemm jintlaħaq ftehim, l-operatur irid ikompli jopera s-servizz pubbliku mingħajr tibdil. B'riżultat ta' dan, l-operatur jibqa' parzjalment espost għarriskju li l-kumpens ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-kostijiet tat-tħaddim tas-servizz. Filwaqt li l-Artikoli 8 u 9 tal-Konvenzjoni l-ġdida jistgħu jintużaw sabiex jiġi restawrat l-ekwilibriju ekonomiku-finanzjarju, dan isir biss fuq bażi li tħares 'il quddiem u ma hemm l-ebda korrezzjoni retroattiva possibbli.

(363) Kif spjegat fil-premessi minn (49) sa (58), id-Direttiva CIPE tipprevedi li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % jintuża biex jiġi ddeterminat ir-redditu fuq il-kapital bl-użu tal-formula tad-WACC. B'mod partikolari, għal Siremar, l-Italja inizjalment ikkunsidrat Beta ta' 0,56 għal dik il-formula. Il-Beta tirrifletti r-riskju tal-attività mwettqa mill-operatur u l-livell tagħha juri li fil-kalkolu tar-redditu fuq il-kapital, l-Italja kkunsidrat il-fatt li r-riskju tal-attività mwettqa mill-operatur huwa sostanzjalment aktar baxx mir-riskju tas-suq. Madankollu, matul l-investigazzjoni formali (ara l-premessa (218)), l-Italja ċċarat li, minħabba li l-ammont tal-kumpens huwa limitat bil-Liġi tal-2009, ittieħdet iddeċiżjoni li l-kalkolu jiġi ssimplifikat billi tiġi applikata rata fissa ta' 6,5 % tar-redditu fuq il-kapital. L-awtoritajiet Taljani wrew ukoll li l-applikazzjoni tal-metodoloġija sħiħa kif stabbilita fid-Direttiva CIPE kienet tirriżulta f'redditu fuq il-kapital li jaqbeż 6,5 % (jiġifieri, 8,87 %). Għal din ir-raġuni, l-Italja tqis li l-approċċ issimplifikat tagħhom huwa konservattiv u ma jippermettix kumpens ogħla għall-operatur minn dak li ġie stabbilit skont id-Direttiva CIPE.

(364) Fl-isfond ta' hawn fuq, fil-premessa (363) tad-deċiżjoni ta' Tirrenia/CIN tal-2020, il-Kummissjoni qabblet ir-redditu fuq il-kapital ta' 6,5 %, applikat ukoll fil-kalkolu tal-kumpens għall-kumpanija soġġetta għal dik l-investigazzjoni (jiġifieri, CIN), bir-redditu medjan fuq il-kapital iġġenerat minn grupp ta' referenza fl-2011 (is-sena qabel l-ewwel inkarigu ta' CdI). Il-grupp ta' referenza kien jikkonsisti f'operaturi magħżula tal-laneċ li offrew konnessjonijiet

marittimi fl-Italja jew bejn l-Italja u Stati Membri oħrajn ([133]). Il-Kummissjoni tinnota li Siremar hija operatur ta' daqs komparabbli għal CIN. Madankollu, ir-rotot inkwistjoni huma differenti minn dawk operati minn CIN, billi huma iqsar u jgħaqqdu gżejjer iżgħar. Il-Kummissjoni tqis li filwaqt li l-grupp ta' referenza għadu rilevanti għal Siremar, l-attivitajiet ta' din tal-aħħar jistgħu jitqiesu aktar riskjużi, li jfisser li primjum ta' riskju ogħla ma jkunx raġonevoli. L-analiżi wriet li r-redditu fuq il-kapital realizzat minn CdI u aktar tard minn SNS huwa ftit inqas mir-redditu medjan iġġenerat mill-grupp ta' referenza. Dan it-tqabbil juri li fis-sena ta' qabel l-inkarigu ta' CdI, redditu fuq il-kapital ta' 6,5 % għas-settur marittimu kien raġonevoli.

(365) L-aktar importanti, il-Kummissjoni tinnota li irrispettivament mill-ammont li l-operatur ikun intitolat għalih abbażi tal-metodoloġija msemmija hawn fuq (inkluż ir-redditu fuq il-kapital), fil-prattika, SNS aktar tard qatt ma tista' tirċievi aktar mill-ammont massimu stabbilit mil-Liġi tal-2009 (jiġifieri EUR 55 694 895). L-istess applika għal CdI fil-perjodu meta kienet qed twettaq is-servizzi pubbliċi skont il-konvenzjoni l-ġdida. Dan l-ammont, li ġie stabbilit fl-2009 u li qatt ma ġie aġġustat għall-inflazzjoni, x'aktarx kien konservattiv minħabba li kien kważi 17 % inqas minn dak li kienet teħtieġ Siremar biex topera s-servizz f'dik l-istess sena ([134]). Irrispettivament minn jekk CdI jew SNS ġewx fdati bl-obbligi ta' servizz pubbliku, iċ-ċifri attwali għall-perjodu 2012-2019 fit-Tabella 7 juru li fis-snin kollha, il-kumpens għas-servizz pubbliku ma kienx biżżejjed biex ikopri l-kost nett tas-servizz, inkluż ir-redditu fuq il-kapital ta' 6,5 % ([135]). Fl-2012, CdI kisbet kumpens żejjed żgħir, li kien aktar milli kkumpensat bit-telf fl-2013 u fl-2014. Madankollu, CdI operat is-servizz biss fix-xhur bejn Awwissu u Diċembru. Dan il-perjodu jinkludi l-aktar xahar profittabbli, meta d-domanda turistika tkun fl-ogħla livell tagħha (Awwissu), u jeskludi l-ewwel xhur tas-snin meta d-domanda tkun baxxa ħafna. Kunsiderazzjoni simili tapplika għall-kumpens li rċeviet SNS fl-2016. Il-kumpens żejjed li rċeviet SNS f'dik is-sena – li kien ukoll aktar milli kkumpensat fis-snin ta' wara – kien dovut għall-fatt li SNS operat biss is-servizz fil-perjodu mill-11 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2016, li jeskludi l-ewwel tliet xhur ta' dik is-sena. F'konformità mal-paragrafu 47 tal-Qafas SGEI tal-2011, il-Kummissjoni tivvaluta jekk kienx hemm kumpens żejjed fuq id-durata kollha tal-kuntratt. Għall-perjodu 2012-2019, SNS u CdI flimkien irċevew madwar EUR 30,3 miljun inqas mill-ammont kif ikkalkolat bl-użu tal-metodoloġija, inkluż ir-redditu ta' 6,5 %. Din iċ-ċifra tikkonferma li l-klawżoli ta' rieżami tal-Konvenzjoni l-ġdida ma jipproteġux lill-operatur mir-riskji kollha relatati mal-operat tas-servizz pubbliku. Minkejja xi varjazzjonijiet bejn is-snin, ir-redditu fuq il-kapital realizzat tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar għall-perjodu kollu (sal-2019) kien għalhekk ta' madwar – 4,7 % minflok 6,5 % inizjalment previst mill-Italja. Tabilħaqq, l-ammont totali ta' kumpens li rċevew CdI u SNS matul il-perjodu 2012-2019 huwa inqas mill-kost nett imġarrab fil-forniment tas-servizz pubbliku, anke jekk wieħed jassumi redditu fuq il-kapital ta' 0 %. Kif muri fit-Tabella 7, CdI u SNS flimkien kienu jkunu jeħtieġu kumpens addizzjonali ta' madwar EUR 12,7-il miljun sempliċiment biex ikopru l-kostijiet netti tagħhom. Il-konklużjoni li l-klawżoli ta' rieżami tal-Konvenzjoni l-ġdida ma jipproteġux lill-operatur mir-riskji kollha tgħodd ukoll għal SNS waħidha (il-perjodu 2016-2019): SNS irċeviet madwar EUR 23,3 miljun inqas mill-ammont kif ikkalkolat bl-użu tal-metodoloġija, inkluż ir-redditu fuq il-kapital ta' 6,5 %; ir-redditu realizzat fuq il-kapital għal SNS huwa madwar – 11,8 %, minflok 6,5 % inizjalment previst mill-Italja; u SNS kienet tkun teħtieġ kumpens addizzjonali ta' madwar EUR 15-il miljun sempliċiment biex tkopri l-kostijiet netti tagħha.

([133]) B'mod partikolari, dan kien jikkonċerna lil Minoan Lines Shipping, La Méridionale, Moby, Grandi Navi Veloci, Liberty Lines (li qabel kienet magħrufa bħala Ustica Lines), Grimaldi Group, Corsica Ferries, SNAV u Caronte & Tourist. Il-kumpaniji ta' dak li kien Tirrenia Group (eż. Caremar, Toremar) ġew eskluži mill-grupp ta' referenza. Il-grupp ta' referenza jinkludi ż-żewġ kumpaniji li aktar tard joperaw il-Konvenzjoni l-ġdida – Liberty Lines (li qabel kienet magħrufa bħala Ustica Lines) u Caronte & Tourist – taħt l-impriża konġunta SNS. Madankollu, f'dak iż-żmien, dawk iż-żewġ kumpaniji kienu qed joperaw servizzi differenti, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni inizjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma eskludithomx mill-grupp ta' referenza.

([134]) Il-Kummissjoni tfakkar li l-2009 kienet l-aħħar sena meta Siremar kienet topera fuq termini normali (jiġifieri kienet għadha ma daħlitx fl-amministrazzjoni straordinarja).

([135]) F'dawk is-snin, il-kapital nett investit kull sena minn CdI u SNS kien jammonta għal medja ta' EUR 33,8 miljun.

Public service routes	1/8/2012 - 31/12/2012 (CdI)	2013 (CdI)	2014 (CdI)	2015 (CdI)	11/4/2016 - 31/12/2016 (SNS)	2017 (SNS)	2018 (SNS)	2019 (SNS)	Total kumplessiv
Dhul	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
(–) Kostijiet	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
(–) Amortizzamenti	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
(=) Kost nett tas-servizz pubbliku	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
(+) Profitt raġonevoli (6,5 %)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
(=) Eliġibbli għal kumpens	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
(+) Kumpens attwali	23,346,079 €	55,694,895 €	55,694,895 €	55,694,895 €	40,297,059 €	55,694,895 €	55,694,895 €	55,694,895 €	397,812,508 €
(=) Kumpens żejjed/nieqes	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	– 30,340,068 €

Tabella 7 – Il-kost nett tas-servizz pubbliku operat minn CdI u SNS għall-perjodu 2012-2019

(366) Il-Kummissjoni tinnota wkoll b'mod pożittiv li l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni l-ġdida jirrikjedi li l-operatur jibgħat il-kontijiet tal-ġestjoni tiegħu (subdiviżi għal kull rotta u ċċertifikati minn awditur indipendenti) kull sena lil Sqallija sabiex din tal-aħħar tkun tista' tivverifika jekk kienx hemm xi kumpens żejjed. Dan jipprovdi salvagwardja addizzjonali biex jiġi żgurat li l-operatur ma jkunx jista' jibbenefika minn kwalunkwe kumpens żejjed. L-awtoritajiet Taljani ssottomettew ukoll dawn il-kontijiet tal-ġestjoni għall-perjodu 2012-2019, u b'hekk ippermettew lill-Kummissjoni tagħmel il-kalkoli fit-Tabella 7 ([136]).

(367) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lill-operatur ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jiġu koperti l-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku tiegħu, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni tqis li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % previst mid-Direttiva CIPE għandu jiġi vvalutat flimkien mal-ammont massimu ta' kumpens stabbilit fil-Liġi tal-2009. B'kunsiderazzjoni ta' dan, ir-redditu fuq il-kapital li CdI u aktar tard SNS setgħu jistennew minn perspettiva *ex ante* kien konformi mar-riskji li kienu qed iġarrbu meta joperaw is-servizzi pubbliċi skont il-Konvenzjoni l-ġdida. Għalhekk, id-dubji tal-Kummissjoni dwar il-konformità mat-tielet kundizzjoni tas-sentenza Altmark huma eliminati.

(368) Fir-rigward tal-prijorità tal-irmiġġ u ta' kwalunkwe kumpens żejjed possibbli li jista' jirriżulta minnha, l-Italja sostniet li kwalunkwe vantaġġ monetarju possibbli mill-prijorità tal-irmiġġ ma setax jiġi kkwantifikat (ara l-premessa (227) hawn fuq). Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnota li, sa fejn din il-miżura tnaqqas il-kostijiet operatorji jew iżżid id-dħul tal-operatur tas-servizz pubbliku, dawn l-effetti jkunu riflessi bis-sħiħ fil-kontijiet interni tal-operatur. L-analiżi tal-Kummissjoni fil-premessa (365) ikkonfermat li, fil-perjodu 2012-2019, CdI u SNS flimkien ma rċevew l-ebda kumpens żejjed. Dan jgħodd ukoll għal SNS weħidha, fis-snin meta kienet topera l-Konvenzjoni l-ġdida (il-perjodu 2016-2019). Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li anke l-prijorità tal-irmiġġ tikkonforma mat-tielet kriterju ta' Altmark.

8.1.3.4. Altmark 4

(369) Ir-raba' kriterju ta' Altmark jiġi ssodisfat jekk il-benefiċjarju tal-kumpens għall-operat ta' SGEI jkun intgħażel wara proċedura tal-offerti li tippermetti l-għażla tal-offerent li jkun kapaċi jipprovdi dak l-SGEI bl-inqas kost għall-komunità jew jekk il-kumpens ikun ġie kkalkolat b'referenza għall-kostijiet ta' impriża effiċjenti.

(370) Skont il-paragrafu 63 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI, l-aktar mod sempliċi biex l-awtoritajiet pubbliċi jissodisfaw ir-raba' kriterju ta' Altmark huwa li jwettqu proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'konformità mad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([137]) u mad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([138]).

(371) Barra minn hekk, il-paragrafu 65 tal-Komunikazzjoni SGEI jinnota li abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, proċedura tal-offerti pubblika teskludi biss l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fejn din tippermetti l-għażla tal-offerent li kapaċi jipprovdi s-servizz "bl-inqas spiża għall-komunità".

(372) Il-Kummissjoni tosserva li, f'dan il-każ, il-proċedura tal-offerti saret qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([139]) (li tapplika għall-kuntratti pubbliċi mogħtija għall-operat tas-servizzi tat-trasport marittimu) u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([140]). F'dak iż-żmien, id-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE kienu applikabbli. Madankollu, id-Direttiva 2004/17/KE ma tapplikax għas-servizzi tat-trasport marittimu, bħal dawk ipprovduti minn Siremar ([141]).

([136]) Bl-eċċezzjoni tal-2015 u l-ewwel xhur tal-2016 (ara n-noti 120 u 121 f'qiegħ il-paġna). Filwaqt li l-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Italja ma pprovdietx din id-*data*, hija tinnota li dan jaffettwa biss l-aħħar perjodu meta CdI kienet qed topera s-servizz, filwaqt li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija ffokata fuq SNS, kif spjegat fil-premessa (295).

([137]) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

([138]) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

([139]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([140]) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

([141]) Tabilħaqq, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/17/KE jagħmilha ċara li huma biss is-servizzi tat-trasport bil-ferrovija, b'sistemi awtomatizzati, bi trammijiet, bit-trolley bus, bil-karozza tal-linja jew bil-kejbil li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

(373) Il-kuntratti pubbliċi għat-trasport marittimu, kostali jew fuq ix-xmajjar jaqgħu minflok fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE, abbażi tal-premessa 20 tagħha. Madankollu, is-servizzi tat-trasport bl-ilma huma elenkati fl-Anness IIB ta' dik id-Direttiva li jimplika ([142]) li huma soġġetti biss għall-Artikoli 23 u 35(4) tagħha. Dan ifisser li, skont id-Direttiva 2004/18/KE, kuntratt pubbliku għas-servizzi tat-trasport marittimu huwa soġġett biss għall-obbligi li jikkonċernaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (l-Artikolu 23) u għall-obbligu li jiġi ppubblikat avviż ta' għoti ta' kuntratt (wara li jkun ingħata l-kuntratt u, għalhekk, fl-aħħar, mhux fil-bidu, tal-proċedura ta' għoti: l-Artikolu 35(4)). Ir-regoli l-oħrajn kollha ddettati mid-Direttiva 2004/18/KE – inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tal-avviżi li għandhom jiġu ppubblikati (l-Artikolu 36(1)) u d-dispożizzjonijiet dwar il-kriterji tal-għażla (l-Artikoli minn 45 sa 52) – ma humiex applikabbli għall-kuntratti pubbliċi għas-servizzi tat-trasport marittimu.

(374) Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, id-Direttiva 2004/18/KE ma tapplikax għall-konċessjonijiet ta' servizzi kif definiti fl-Artikolu 1(4) tagħha ([143]). Il-Kummissjoni tinnota li l-konċessjonijiet ta' servizzi, li għandhom ċertu interess transfruntier, madankollu jibqgħu soġġetti għall-prinċipji ġenerali tat-TFUE ta' trasparenza u trattament ugwali.

(375) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-Direttiva 2004/18/KE tista' tapplika biss fil-każ ta' kuntratt pubbliku, iżda mhux meta tikkonċerna konċessjoni ta' servizz. Barra minn hekk, peress li l-każ preżenti jikkonċerna servizzi tat-trasport bl-ilma, xi whud biss mir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva jkunu applikabbli. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li hija ma tistax tiddependi biss fuq il-konformità mad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku biex turi l-konformità mar-raba' kriterju ta' Altmark. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tivvaluta hawn taħt jekk il-proċedura tal-offerti użata mill-Italja kinitx kompetittiva, trasparenti u nondiskriminatorja. Sabiex tagħmel din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni se tistrieħ fuq il-gwida rilevanti stabbilita fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Kunċett ta' Għajnuna ([144]) (b'mod partikolari fil-paragrafi 89 *et seq*.tagħha).

In-natura kompetittiva u trasparenti tas-sejħa għall-offerti

(376) Il-paragrafu 90 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna jispeċifika li proċedura tal-offerti għandha tkun kompetittiva ([145]) sabiex tippermetti lill-offerenti interessati u kwalifikati kollha jipparteċipaw fil-proċess. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 91 ta' dik il-Komunikazzjoni, il-proċedura trid tkun trasparenti, sabiex tippermetti lill-offerenti interessati kollha jiġu informati bl-istess mod u kif xieraq f'kull stadju tal-proċedura tal-offerti. Dak il-paragrafu jenfasizza wkoll li l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, iż-żmien sufiċjenti għall-offerenti interessati, u ċ-ċarezza tal-kriterji tal-għażla u tal-għoti huma l-elementi kruċjali kollha għal proċedura tal-għażla trasparenti u jindikaw li offerta għandha tingħata pubbliċità tajba biżżejjed, sabiex l-offerenti potenzjali kollha jkunu jistgħu jieħdu nota tagħha.

(377) Bħala rimarka preliminari, il-Kummissjoni tirrimarka li filwaqt li l-liġi Taljana ([146]) tat lill-Kummissarju Straordinarju l-possibbiltà li jidħol f'negozjati privati ma' akkwirenti potenzjali, huwa ma għamilx użu minn din il-possibbiltà f'dan il-każ, ħlief għat-tieni fażi tal-proċedura, wara li ġiet ippubblikata u rreklamata sejħa għal espressjonijiet ta' interess, u sabiex jinkisbu termini aħjar minn CdI u SNS. Tabilhaqq, offerta miftuħa kienet ippreferuta biex jiġi żgurat li l-fergħa kummerċjali ta' Siremar tinbiegħ bi prezz tas-suq u, għalhekk, ir-rikavat mill-bejgħ jiġi mmassimizzat. Għalhekk, minħabba li qatt ma saru negozjati privati mingħajr sejħa pubblika, id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2011 dwar din il-possibbiltà huma eliminati.

(378) F'dan il-każ, il-proċedura tal-offerti tnediet permezz tal-pubblikazzjoni ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess għall-akkwiżizzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar f'gazzetta internazzjonali waħda u f'diversi gazzetti nazzjonali u fuq siti web speċjalizzati magħżula (ara l-premessa (75)). Dik is-sejħa stiednet lil "*kull min jista' jiggarantixxi l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu*" biex jesprimi l-interess tiegħu u ma imponiet l-ebda kundizzjoni oħra. Il-partijiet interessati potenzjali ngħataw ukoll biżżejjed żmien (jiġifieri, 16-il jum) biex jesprimu l-interess tagħhom. Fl-istadju ta' diliġenza dovuta sussegwenti ta' dan il-proċess, l-offerenti kwalifikati ngħataw kważi erba' xhur biex jivvalutaw l-informazzjoni rilevanti kollha sabiex ikunu jistgħu jiddeterminaw jekk u kemm riedu joffru għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar.

([142]) Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18/KE.

([143]) L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2004/18/KE jaqra: "*"Konċessjoni tas-servizz" huwa kuntratt tal-istess tip bħal kuntratt għas-servizz pubbliku minbarra l-fatt illi l-kunsiderazzjoni għall-forniment tas-servizzi jikkonsisti jew waħdu fid-dritt li jisfrutta s-servizz jew f'dan id-dritt kif ukoll bi ħlas*."

([144]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1.

([145]) Fin-nota 146 f'qiegħ il-paġna tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna, il-Kummissjoni tosserva li l-Qrati tal-Unjoni spiss jirreferu, fil-kuntest ta' għajnuna mill-Istat, għal proċedura tal-offerti "miftuħa". Madankollu, l-użu tal-kelma "miftuħa" ma jirreferix għal proċedura speċifika skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-kelma "kompetittiva" tidher aktar xierqa, minħajr ma għandha l-intenzjoni li tiddevja mill-kundizzjonijiet sostantivi stabbiliti fil-ġurisprudenza.

([146]) B'mod partikolari, id-Digriet Amministrattiv 134/2008.

(379) Il-Kummissjoni tinnota li s-sejħa għal espressjonijiet ta' interess għamlitha ċara li l-fergħa kummerċjali ta' Siremar tinbiegħ skont ir-regoli speċifiċi tal-proċedura Marzano bl-iskop espliċitu li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu taħt ir-reġim tas-servizz pubbliku. Barra minn hekk, is-sejħa rreferiet għall-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009, li speċifika li mat-tlestija tal-proċedura tal-offerti għandha tiġi konkluża konvenzjoni ġdida max-xerrej tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Dak l-Artikolu indika wkoll li d-durata ta' tali konvenzjoni ġdida ma tkunx ta' aktar minn tnax-il sena u ddeskriva x'jenħtieġ li jkun fiha. Barra minn hekk, dak l-istess Artikolu ffissa l-ammont massimu ta' kumpens għal Siremar għal EUR 55 694 895 fis-sena għad-durata kollha tal-konvenzjoni l-ġdida. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 19-*ter* speċifika li l-akkwirent ta' Siremar iżomm il-prijorità tal-irmiġġ fuq ir-rotot tas-servizz pubbliku.

(380) Kif irrimarkat fid-Deċiżjoni tal-2011, is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ma kienx fiha dettalji speċifiċi dwar l-assi eżatti għall-bejgħ, il-kriterju tal-għoti u t-twaqqit tal-passi li jmiss tal-proċedura tal-offerti. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-proċess kollu tas-sejħa għall-offerti kien trasparenti biżżejjed, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi li ġejjin.

(381) L-ewwel nett, is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess semmiet li l-offerenti kellhom bżonn ikunu jistgħu *"jiggarantixxu l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu"*. Dan kien l-uniku kriterju tal-għażla li applikat l-Italja biex tiddetermina jekk il-partijiet interessati jithallewx jipparteċipaw fil-proċedura tal-offerti. Filwaqt li s-sejħa ma speċifikatx kif l-offerenti setgħu jagħtu prova li ssodisfaw dan ir-rekwiżit, b'mod awtomatiku dan kien ifisser li jista' jintuża kwalunkwe mezz xieraq ta' evidenza ([147]). Il-Kummissjoni tinnota li l-ebda waħda mill-ħames partijiet interessati ma ġiet eskluża, li tindika li kull waħda minnhom fil-fatt ipprovdiet evidenza adegwata li kellha mezzi finanzjarji suffiċjenti biex tiżgura l-kontinwità tas-servizz. Il-Kummissjoni tqis li dan il-kriterju tal-għażla kien ċar għall-offerenti interessati kollha u kien ġustifikat fid-dawl tal-objettiv segwit.

(382) It-tieni, kif spjegat fil-premessa (379), ir-referenza għad-Digriet Amministrattiv 135/2009 għamlitha ċara lill-partijiet interessati li konvenzjoni ġdida (b'durata massima ta' tnax-il sena) tiġi konkluża mat-tlestija tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti u li l-ammont annwali ta' kumpens għas-servizz pubbliku kien ġie stabbilit għal massimu ta' EUR 55 694 895 fis-sena. Barra minn hekk, is-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess indikat li l-objettiv kien li tinbiegħ il-fergħa kummerċjali ddedikata għall-provvista tas-servizz pubbliku. Barra minn hekk, kif ikkonfermat mill-Italja, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-bejgħ, inkluż l-abbozz tal-konvenzjoni li għandu jiġi konkluż bejn ix-xerrej u l-Istat, saret disponibbli għall-ħames partijiet li pparteċipaw fil-fażi ta' diliġenza dovuta. Dan ippermetta lil dawn il-partijiet jiddeċiedu jekk għandhomx iressqu offerta u, jekk iva, kemm għandhom joffru. Il-Kummissjoni tinnota li hija prattika normali, fil-proċeduri ta' bejgħ bejn operaturi privati, li informazzjoni kummerċjalment sensittiva tkun disponibbli biss fil-fażi tad-diliġenza dovuta. Għall-istess raġuni, il-partijiet interessati kellhom jiffirmaw ftehimiet ta' kunfidenzjalità qabel ma ngħataw aċċess għad-dokumentazzjoni rilevanti (ara l-premessa (76)). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li kien ċar biżżejjed mis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ([148]) li l-bejgħ kien jikkonċerna l-fergħa kummerċjali ta' Siremar flimkien ma' konvenzjoni ġdida. Wara li esprimew l-interess tagħhom, il-partijiet ingħataw aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiddeċiedu dwar offerta possibbli.

(383) It-tielet, fir-rigward tat-twaqqit tal-fażijiet sussegwenti tal-proċedura tal-offerti, il-Kummissjoni tinnota dan li ġej. L-offerenti interessati ġew mistiedna jipparteċipaw fid-diliġenza dovuta permezz ta' ittra tal-24 ta' Novembru 2010. Id-dettalji rilevanti dwar il-passi konkreti li jmiss tal-proċedura, speċjalment l-iskeda ta' żmien tal-proċedura u l-kriterji għall-ammissjoni għat-tieni fażi ta' diliġenza dovuta, imbagħad ġew ipprovduti lill-offerenti interessati f'ittra mibgħuta mill-Kummissarju Straordinarju fit-2 ta' Frar 2011. Il-Kummissjoni tqis li n-nuqqas ta' din l-informazzjoni mis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ([149]) mhux probabbli li skoraġġixxa lill-offerenti potenzjali milli jesprimu l-interess tagħhom.

(384) Ir-raba' nett, il-Kummissjoni tosserva li abbażi tas-sejħa, sitt partijiet esprimew l-interess tagħhom li jakkwistaw il-fergħa kummerċjali ta' Siremar (ara l-premessi (76) u (77)). Dawn il-partijiet kienu jinkludu wħud mill-aktar operaturi lokali importanti tal-lanċ u tal-bastimenti: Caronte & Tourist S.p.A. u Ustica Lines S.p.A. (iressqu offerti b'mod konġunt), Riccardo Sanges & C. S.r.l., Traghetti delle Isole S.p.A. u Mediterranea Holding S.p.A. (li kienu jinkludu xi operaturi lokali esperjenzati fost l-azzjonisti tagħha u msieħba ma' oħrajn biex jifformaw CdI). Il-Kummissjoni tqis li dan jikkonferma li l-offerenti potenzjali kollha ngħataw opportunità suffiċjenti sabiex jesprimu l-interess tagħhom li jipparteċipaw fil-proċedura tal-offerti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tindika li l-partijiet interessati ma kellhomx għalfejn isegwu proċeduri impenjattivi u ma kienx ikollhom iġarrbu kostijiet sinifikanti

([147]) Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (373), l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2004/18/KE ma kienx japplika għal din l-offerta. Għalhekk, l-Italja fil-fatt ma kellha l-ebda obbligu li tipprovdi kriterji tal-għażla fis-sejħa.

([148]) Il-Kummissjoni tirrimarka li l-Italja lanqas ma kienet obbligata tipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-assi eżatti għall-bejgħ u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess, minħabba li l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2004/18/KE ma kienx applikabbli għal din il-proċedura tal-offerti.

([149]) Barra minn hekk, billi l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2004/18/KE ma kienx applikabbli għal din il-proċedura tal-offerti, l-Italja lanqas ma kienet obbligata li tiddeskrivi fis-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess kif jiġu organizzati l-fażijiet sussegwenti tal-proċedura tal-offerti.

sabiex jesprimu l-interess tagħhom. Kien biżżejjed li huma wrew il-kapaċità tagħhom li jiggarantixxu l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu. Is-sitt partijiet li esprimew l-interess tagħhom issodisfaw ukoll dan il-kriterju tal-għażla u, għaldaqstant, ġew mistiedna għall-fażi ta' diliġenza dovuta. Ħamsa minnhom iddeċidew li jieħdu sehem fiha. Kien biss wara din il-fażi li l-partijiet kellhom jiddeċiedu jekk iridux jagħmlu offerta u, jekk iva, kemm għandha tkun għolja l-offerta tagħhom.

(385) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, il-proċedura tal-offerti kienet kompetittiva u trasparenti. B'mod partikolari, l-intenzjoni ta' Siremar li tiżvesti n-negozju tas-servizz pubbliku (jiġifieri l-fergħa kummerċjali ta' Siremar) saret disponibbli b'mod wiesa' sabiex jintlaħqu l-offerenti kollha possibbli fis-suq reġjonali jew internazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-offerenti potenzjali setgħu faċilment jesprimu l-interess tagħhom u ma kellhomx jieħdu impenn għal xi ħaġa f'dak l-istadju. Sakemm ikunu jistgħu juru li ssodisfaw l-uniku kriterju tal-għażla, dawn il-partijiet imbagħad ingħataw l-informazzjoni u l-ħin kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk iridux iressqu offerta għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar u, jekk iva, kemm iridu joffru. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li d-dubji tagħha li l-proċedura tal-offerta ma kinitx trasparenti biżżejjed minħabba nuqqasijiet possibbli fis-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess huma eliminati.

In-natura nondiskriminatorja tal-offerta u tal-ogħla prezz bħala kriterju

(386) Il-paragrafu 92 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna jenfasizza li t-trattament nondiskriminatorju lill-offerenti kollha fl-istadji kollha tal-proċedura u kriterji oġġettivi tal-għażla u għall-għoti tal-proċess speċifikati bilquddiem huma kundizzjonijiet indispensabbli sabiex jiġi żgurat li t-tranżazzjoni li tirriżulta tkun konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, dak il-paragrafu jispeċifika li, sabiex jiġi ggarantit trattament indaqs, jenħtieġ li l-kriterji għall-għoti tal-kuntratt jippermettu sabiex l-offerti jitqabblu u jiġu vvalutati b'mod oġġettiv. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 95 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna, meta l-korpi pubbliċi jbiegħu assi, l-uniku kriterju rilevanti għall-għażla tax-xerrej jenħtieġ li jkun l-ogħla prezz ([150]), billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll l-arranġamenti kuntrattwali mitluba (eż. il-garanzija tal-bejgħ tal-bejjiegħ).

(387) Kif indikat hawn fuq (ara l-premessa (378)), is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess kien fiha biss kundizzjoni waħda tal-għażla, jiġifieri li l-offerenti kellhom ikunu jistgħu "*jiggarantixxu l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu*". Kull waħda mis-sitt partijiet li ssottomettew il-ħames espressjonijiet ta' interess fil-proċedura ssodisfat ukoll il-kundizzjoni tal-għażla u, għaldaqstant, ġiet mistiedna għall-fażi ta' diliġenza dovuta. Il-Kummissjoni tqis li l-uniku kriterju tal-għażla applikabbli kien oġġettiv u kien ċar biżżejjed għall-partijiet interessati kollha fis-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess.

(388) Mis-sitt offerenti prospettivi, ħamsa ddeċidew li jipproċedu bil-fażi ta' diliġenza dovuta. Matul dik il-fażi, li saret bejn Novembru 2010 u Marzu 2011, il-ħames offerenti prospettivi kollha ngħataw aċċess għal kamra tad-*data* li fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermettilhom jivvalutaw il-fergħa kummerċjali offruta għall-bejgħ (ara l-premessa (77)). Fit-2 ta' Frar 2011, il-Kummissarju Straordinarju bagħat ittra li fiha ġew spjegati fid-dettall il-proċedura u r-rekwiżiti biex issir offerta (ara l-premessa (383)). B'mod partikolari, dik l-ittra stabbiliet b'mod ċar il-kundizzjonijiet għall-bejgħ: it-tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku kif definiti fl-abbozz ta' konvenzjoni u l-għoti tal-garanziji meħtieġa biex tintwera r-robustezza finanzjarja tal-offerent. L-Italja kkonfermat li f'każ li jaslu aktar minn offerta waħda, l-uniku kriterju tal-għoti jkun l-ogħla prezz. Tabilħaqq, huwa preċiżament sabiex jinkiseb l-ogħla prezz possibbli bejn żewġ offerti validi u komparabbli li l-Italja nediet mill-ġdid il-proċedura diversi drabi, u eventwalment tat il-fergħa kummerċjali lil CdI f'Ottubru 2011 (iffinalizzata f'Lulju 2012) u sussegwentement lil SNS f'April 2016 (ara t-Taqsima 2.3.3.2).

(389) Id-dubji tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2011 li d-Digriet 134/2008 ikun jippermetti l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti fuq il-bażi ta' kriterji oħra ġew solvuti. Il-partijiet kollha kienu informati b'mod korrett u ugwali matul l-istadji varji tal-proċedura tal-offerti u setgħu jagħmlu offerta b'għarfien sħiħ tal-proċedura u tar-rekwiżiti. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-kriterju għall-għoti jippermetti paragun u valutazzjoni oġġettivi tal-offerti.

L-iżgurar li s-servizzi jiġu pprovduti bl-anqas kost għall-komunità

(390) F'dan il-każ, l-Italja ressqet offerta għall-Konvenzjoni l-ġdida flimkien mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet fir-rigward tal-livell tal-forza tax-xogħol, minflok il-Konvenzjoni l-ġdida nnifisha biss. Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni ħadet il-pożizzjoni preliminari li, sa fejn l-offerenti kienu diġà

([150]) Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2012, *Land Burgenland u L-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda T-268/08 u T-281/08, ECLI:EU:T:2012:90, il-punt 87.

mgħammra b'mod adegwat b'bastimenti u ekwipaġġi, huma kienu jġarrbu kostijiet aktar baxxi kieku ma kinux obbligati li jieħdu f'idejhom parti mill-assi kapitali u mill-impjegati ta' Siremar. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-proċedura tal-offerti tal-Konvenzjoni l-ġdida mingħajr obbligu li jiġu akkwistati dawk il-bastimenti u l-ekwipaġġ ta' Siremar li kienu meħtieġa sabiex jitwettaq is-servizz pubbliku, kienet tirriżulta f'kost aktar baxx għall-komunità.

(391) Minħabba li Siremar kienet kumpanija kbira f'Amministrazzjoni Straordinarja, il-liġi domestika ġenerali ([151]) talbet lill-akkwirent tagħha jżomm l-istess livell ta' persunal għal perjodu ta' sentejn. F'dan l-isfond, il-kuntratt għat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali jirrikjedi li CdI, u aktar tard SNS, joffru impjieg (abbażi ta' kuntratti ġodda) lill-eks impjegati ta' Siremar u jastjenu minn sensji ([152]) għal perjodu ta' sentejn. Il-Kummissjoni l-ewwel tosserva li dan ir-rekwiżit huwa bbażat fuq obbligu legali, li l-awtoritajiet Taljani ma setgħux jinjoraw fl-istabbiliment tat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali, u li dan l-obbligu huwa limitat biż-żmien, jiġifieri għal sentejn. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-fergħa kummerċjali ta' Siremar kompliet topera s-servizz pubbliku abbażi tal-obbligi ta' servizz pubbliku definiti fil-Konvenzjoni l-ġdida. F'dan is-sens, l-Italja sostniet li l-ekwipaġġ u l-persunal amministrattiv meħtieġa għall-operat tas-servizz pubbliku biss kienu ġew akkwistati minn CdI u aktar tard minn SNS ([153]). Minħabba li l-kostijiet tal-impjiegi jkunu koperti mill-kumpens imħallas skont il-Konvenzjoni l-ġdida lil SNS, il-Kummissjoni tqis li l-obbligu li jinżammu l-livelli ta' impjieg fil-prattika ma huwiex oneruż fuq CdI u aktar tard SNS. Għalhekk, dan l-obbligu x'aktarx li ma naqqasx il-prezz tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali u ma setax jagħti vantaġġ lil CdI, u aktar tard lil SNS, b'dan il-mod. Barra minn hekk, din is-soluzzjoni kienet ta' benefiċċju wkoll għal Siremar (u, għalhekk, għas-sid tagħha l-Italja) minħabba li din tal-aħħar ma kellhiex tħallas kostijiet relatati mas-sensja għall-persunal li ngħata impjieg ġdid minn CdI u aktar tard minn SNS. Il-Kummissjoni tinnota li Ecorys stmat li l-kost totali tas-sensja għall-persunal kollu ta' Siremar kien jammonta għal mill-inqas EUR 34 miljun.

(392) Billi l-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ġew raggruppati ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid ([154]), l-akkwirent tal-fergħa kummerċjali jsir soġġett għar-rekwiżit li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku u jingħata l-prijorità tal-irmiġġ. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tosserva li l-assi meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' servizz pubbliku biss ġew raggruppati mal-kuntratt ta' servizz pubbliku. Tabilħaqq, il-lanċa veloċi waħda li ma kinitx meqjusa neċessarja għal dak l-iskop inbiegħet permezz ta' proċedura tal-offerti separata. It-tieni, il-Kummissjoni tqis li r-raggruppament tal-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar mal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid ma jirriżultax fi prezz aktar baxx milli kieku l-assi u dan il-kuntratt kienu nbiegħu separatament, għar-raġunijiet li ġejjin:

— Kif indikat hawn fuq, il-Kummissarju Straordinarju ta' Tirrenia u ta' Siremar organizza proċeduri ta' offerti separati biex jinbiegħu seba' bastimenti mhux inklużi fil-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia jew ta' Siremar. Minn dawn is-seba' bastimenti, wieħed biss seta' jinbiegħ lil offerent li kellu l-ħsieb li jkompli jużah għal finijiet ta' trasport bil-baħar. Is-sitt bastimenti l-oħrajn setgħu jinbiegħu biss għal finijiet ta' demolizzjoni. Barra minn hekk, f'Marzu 2011, is-sensara tal-bastimenti ([155]) li ntalbu jiddeterminaw il-valur tal-bastimenti ta' Siremar irrimarkaw li dawn tal-aħħar kienu relattivament antiki u mfassla għar-rotot lokali li kienu joperaw fuqhom. Għalhekk, huma kellhom valur tas-suq limitat fis-swieq internazzjonali u setgħu jintużaw biss fi ftit rotot fil-Mediterran. Għal dawn ir-raġunijiet, u billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-kuntest ekonomiku diffiċli f'dak iż-żmien, jidher improbabbli li t-18-il bastiment ta' Siremar setgħu jinbiegħu kollha għal skopijiet ta' trasport bil-baħar (jiġifieri għal prezz ogħla mill-valur tal-iskreppjar tagħhom) ([156]). Il-Kummissjoni tqis li r-raggruppament ta' dawk il-bastimenti mal-kuntratt ta' servizz pubbliku ppermetta l-kisba ta' prezz ogħla ([157]) għall-bastimenti ta' Siremar, minħabba li, talli jopera l-bastimenti fuq ir-rotot tas-servizz pubbliku, l-akkwirent tagħhom jirċievi kumpens għas-servizz pubbliku għal perjodu ta' tnax-il sena;

— Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kienet qajmet il-possibbiltà li kwalunkwe offerenti diġà mgħammra b'biżżejjed bastimenti u ekwipaġġi kienu jippreferu li ma jkollhomx jakkwistaw il-bastimenti ta' Siremar u jimpjegaw l-impjegati tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li, fl-2010, il-fergħa kummerċjali ta' Siremar kellha forza tax-xogħol totali ta' madwar 500 persuna u 18-il bastiment. Il-Kummissjoni tqis li huwa improbabbli li l-offerenti potenzjali seta' kellhom tali riżorsi u assi sinifikanti faċilment disponibbli għall-użu

([151]) L-Artikolu 63(2) tad-Digriet Amministrattiv 270/1999 jirrikjedi li kwalunkwe akkwirent potenzjali ta' fergħa kummerċjali ta' kumpanija kbira f'amministrazzjoni straordinarja jrid jimpenja ruħu li jżomm il-livell tal-forza tax-xogħol (jiġifieri, l-għadd ta' ħaddiema) u li jkompli l-attivitajiet kummerċjali għal mill-inqas sentejn wara l-akkwiżizzjoni.

([152]) Ħlief f'ċirkostanzi speċifikati sewwa.

([153]) Kif miftiehem mat-trade unions f'Novembru 2011, fil-prattika dan kien jammonta għall-impjegati kollha tal-fergħa kummerċjali fiż-żmien tal-iffirmar tal-kuntratt tal-bejgħ.

([154]) Abbozz ta' dan il-kuntratt sar disponibbli fil-kamra tad-*data* għall-offerenti kollha. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ewlenin tiegħu kienu diġà stabbiliti fl-Artikolu 19-ter tad-Digriet Amministrattiv 135/2009.

([155]) Ferrando & Massone Srl.

([156]) Tabilħaqq, ir-rapport ta' Ferrando & Massone Srl qies li tnejn mill-bastimenti ma kellhom l-ebda valur finanzjarju.

([157]) Dan għaliex meta bastiment ikun għadu mhux fi tmiem il-ħajja utli tiegħu, il-valur tiegħu għall-finijiet tat-trasport marittimu jkun ogħla mill-valur tal-iskreppjar tiegħu. Fix-xenarju li fih il-bastimenti jinbiegħu separatament, huwa probabbli li tal-anqas uħud mill-vapuri jkollhom jinbiegħu bil-valur tal-iskreppjar tagħhom. Għalhekk, permezz tar-raggruppament tal-bastimenti mal-kuntratt tas-servizz pubbliku, il-bastimenti kollha li huma tajbin għan-navigazzjoni jistgħu jibqgħu joperaw u, b'hekk, jistgħu jinbiegħu bi prezz ogħla mill-valur tal-iskreppjar tagħhom.

(mill-ġdid) sabiex joperaw l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjoni l-ġdida. Dan huwa preċiż speċjalment għaliex il-Konvenzjoni l-ġdida fiha rekwiżiti speċifiċi, bħall-kapaċità u l-veloċità, dwar il-bastimenti li kellhom jintużaw fuq ir-rotot tas-servizz pubbliku. Kwalunkwe operatur li kellu r-riżorsi meħtieġa probabbilment li xorta kien jużahom fuq rotot oħra u l-iskjerament mill-ġdid tagħhom skont il-Konvenzjoni l-ġdida bilfors li kien iwassal għat-telf tad-dħul mill-użu preċedenti tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirrimarka li la SNS u lanqas CdI ma sostnew mal-Kummissjoni li kienu jippreferu li ma jkollhomx jakkwistaw il-bastimenti ta' Siremar.

(393) Sabiex tivverifika li r-raggruppament tal-Konvenzjoni l-ġdida mal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia u l-kundizzjoni tal-forza tax-xogħol ma kinux oneruż għal CdI u aktar tard għal SNS, matul l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni kkummissjonat studju mal-espert indipendenti Ecorys (ara l-premessi minn (117) sa (121)).Ecorys intalbet tistabbilixxi l-valur tas-suq tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar mingħajr l-ebda kundizzjoni marbuta. Ecorys ikkonkludiet li, kieku l-fergħa kummerċjali ta' Siremar inbiegħet mingħajr l-ebda kundizzjoni marbuta, u b'mod partikolari mingħajr il-kuntratt il-ġdid għall-operat tas-servizz pubbliku (u b'ħekk ukoll mingħajr l-obbligu li tiġi żgurata l-kontinwità tal-imsemmi servizz pubbliku), il-kumpanija kienet tinbiegħ bil-valur tal-likwidazzjoni, stmat għal EUR – 0,3 miljun.Ecorys ibbażat din il-konklużjoni fuq is-suppożizzjoni li l-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma setgħetx tkompli l-operazzjonijiet tagħha b'mod profittabbli mingħajr kumpens għas-servizz pubbliku.Ecorys osservat li dan il-valur ta' likwidazzjoni huwa anqas mill-valur li rriżulta mis-sejħa għall-offerti u indika li, għalhekk, il-likwidazzjoni immedjata (essenzjalment il-bejgħ tal-vapuri) ma kinitx alternattiva vijabbli għal operatur f'ekonomija tas-suq.Barra minn hekk, Ecorys qabblet is-sehem tal-kost lavorattiv tad-dħul totali u l-proporzjon tal-kost lavorattiv/tal-persunal tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma' dak ta' diversi kumpaniji tallaneċ komparabbli.L-analiżi ma wriet l-ebda differenza sostantiva fl-għadd tal-persunal jew fl-istruttura tal-kostijiet tal-persunal li setgħu jindikaw persunal eċċessiv jew kostijiet lavorattivi eċċessivi.Għalhekk, xerrej potenzjali kien ikollu marġni żgħir ta' manuvra f'termini ta' għoti ta' sensji jew ta' bdil ta' parti mill-forza tax-xogħol.Fuq din il-bażi, Ecorys ikkonkludiet li ma hemm l-ebda element li juri li l-kundizzjoni tal-forza tax-xogħol kellha xi impatt sinifikanti fuq il-valur tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li la r-raggruppament tal-Konvenzjoni l-ġdida mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u lanqas il-kundizzjoni tal-forza tax-xogħol ma baxxew il-prezz tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali.

(394) Fil-qosor, il-kundizzjoni għaż-żamma tal-livelli ta' impjieg hija imposta mil-liġi domestika ġenerali aktar milli mill-bejjiegħ.Barra minn hekk, dik il-kundizzjoni ma hijiex oneruża għall-akkwirent tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kif ikkonfermat ukoll mill-espert indipendenti tal-Kummissjoni Ecorys.Il-kundizzjoni li tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizz pubbliku, li hija l-konsegwenza diretta tar-raggruppament tal-assi u tal-obbligu ta' servizz pubbliku, ma tistax titqies bħala li tnaqqas il-prezz.Għall-kuntrarju, kif sostnut aktar 'il fuq u kif ikkonfermat minn Ecorys, il-bejgħ tal-assi separatament kien jirriżulta fi prezz aktar baxx.Barra minn hekk, huwa ferm improbabbli li kien ikun hemm offerenti potenzjali interessati li jakkwistaw il-kuntratt pubbliku ta' servizz mingħajr ma jakkwistaw l-assi minħabba l-għadd kbir ta' vapuri u ta' ekwipaġġ meħtieġa sabiex iwettqu s-servizz pubbliku.Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li kwalunkwe bejjiegħ f'ekonomija tas-suq kien jiddeċiedi li jbiegħ l-assi tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar flimkien ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid sabiex jikseb l-ogħla prezz. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma rabtet l-ebda kundizzjoni li x'aktarx kienet tnaqqas il-prezz jew li bejjiegħ privat ma kienx jitlob. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dubju tagħha li s-sejħa għal offerti għall-Konvenzjoni l-ġdida flimkien mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u l-kundizzjonijiet tal-forza tax-xogħol ma setgħux jirriżultaw fl-inqas kost għall-komunità, huwa eliminat.

(395) Abbażi tal-valutazzjoni deskritta hawn fuq (ara l-premessi minn (376) sa (394)), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċedura tal-offerti kienet miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

(396) Madankollu, il-paragrafu 68 tal-Komunikazzjoni SGEI jinnota li "fil-każ ta' proċeduri fejn ġiet ippreżentata biss offerta waħda, l-offerta ma tistax titqies biżżejjed sabiex tiżgura li l-proċedura twassal għall-inqas spejjeż għall-komunità".

(397) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li oriġinarjament ġew riċevuti żewġ offerti fil-proċedura għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar raggruppata mal-Konvenzjoni l-ġdida. Oriġinarjament, il-fergħa ngħatat lil waħda minn dawk l-offerenti, CdI. Fil-fażi finali tal-proċedura, wara li d-deċiżjonijiet mit-tribunali amministrattivi Taljani rriżultaw fl-esklużjoni ta' CdI, SNS ikkonfermat l-offerta preċedenti tagħha, li tista' tiġi interpretata bħala l-unika offerta valida li fl-aħħar mill-aħħar ġiet sottomessa.

(398) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li, fiċ-ċirkostanzi fattwali speċifiċi ta' din il-proċedura, il-mument rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk ġietx sottomessa aktar minn offerta waħda u, għalhekk, jekk l-offerta tistax tiġi preżunta li twassal għall-inqas kost għall-komunità, jenħtieġ li jkun il-mument meta l-offerta rebbieħa minn SNS tkun ġiet ifformulata oriġinarjament, jiġifieri Mejju 2011. Dak huwa l-mument meta SNS kienet qed tevalwa l-valur tal-fergħa kummerċjali raggruppata mal-Konvenzjoni l-ġdida u, f'dak iż-żmien, kien hemm żewġ partijiet kompetituri

għall-proċedura: CdI u SNS. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li CdI fil-fatt rebħet is-sejħa għall-offerti temporanjament, akkwistat il-fergħa kummerċjali u operat is-servizz bejn l-2012 u l-2016, qabel ma d-deċiżjonijiet tat-tribunali amministrattivi rriżultaw fil-bidu mill-ġdid tal-proċedura u fl-għoti aħħari tal-fergħa kummerċjali lil SNS. F'dan l-isfond, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità ma' Altmark 4, li CdI għamlet ukoll offerta f'din il-proċedura u li, għalhekk, din l-offerta tista' titqies bħala biżżejjed biex tiżgura li l-proċedura twassal għall-inqas kost għall-komunità.

(399) Għalhekk, abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li Altmark 4 huwa rrispettat f'dan il-każ.

Salvagwardji b'saħħithom fit-tfassil tal-proċedura

(400) Bħala raġunament sussidjarju, il-Kummissjoni tinnota li, jekk il-mument rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk prezz tas-suq ikunx intlaħaq permezz tal-offerta jkun il-mument meta l-aħħar offerta minn SNS ġiet finalment ikkonfermata, jiġifieri f'Jannar 2016, li l-Kummissjoni tikkontesta, mela fil-fatt tkun ġiet sottomessa offerta waħda biss, billi SNS kienet l-unika parti għall-proċedura f'dak l-istadju. Għaldaqstant, tali offerta normalment ma tkunx biżżejjed sabiex tiżgura n-nuqqas ta' vantaġġ għar-rebbieħ.

(401) Madankollu, il-Kummissjoni sfumat il-pożizzjoni espressa fil-paragrafu 68 tal-Komunikazzjoni tal-SGEI fil-Gwida tagħha dwar l-SGEI ([158]) billi ddikjarat li *"dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm każijiet li fihom, minħabba salvagwardji partikolarment b'saħħithom fit-tfassil tal-proċedura, anke proċedura li fiha tiġi ppreżentata offerta waħda biss hija biżżejjed biex jiġi żgurat il-forniment tas-servizz "bl-inqas kost għall-komunità""*.

(402) Il-Kummissjoni tqis li fil-każ li qed jiġi vvalutat, bħal fil-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia vvalutata bid-deċiżjoni ta' Tirrenia/CIN tal-2020, tali salvagwardji kienu preżenti. Il-Kummissjoni tqis li fil-każ li qed jiġi vvalutat, dawn is-salvagwardji kienu preżenti. B'mod aktar speċifiku:

— Il-proċedura tal-offerti kienet organizzata b'tali mod li timmassimizza l-interess minn offerenti potenzjali. Barra minn hekk, dawn l-offerenti potenzjali ma kellhomx għalfejn isegwu proċeduri impenjattivi u ma kienx ikollhom iġarrbu kostijiet sinifikanti sabiex jesprimu l-interess tagħhom. B'riżultat ta' dan, waslu ħames espressjonijiet ta' interess minn sitt entitajiet Taljani, li kollha ġew mistiedna għall-fażi ta' diliġenza dovuta (ara l-premessa (388));

— Il-kompetizzjoni ġenwina kienet possibbli sa tmiem il-proċedura tal-offerti. B'mod partikolari, kien hemm sitt offerenti prospettivi li ġew mistiedna għall-fażi ta' diliġenza dovuta. Tnejn minnhom (jiġifieri Ustica Lines S.p. A. u Caronte & Tourist S.p.A.) waqqfu impriża konġunta u għamlu offerta vinkolanti taħt l-isem SNS. Mediterranea, li ngħaqdet ukoll mal-operaturi privati lokali biex twaqqaf lil CdI, għamlet offerta oħra. Il-Kummissjoni tqis li abbażi tal-profil tagħhom, iż-żewġ partijiet l-oħrajn li ħadu sehem fil-fażi ta' diliġenza dovuta kellhom raġunijiet biex ikollhom interess ġenwin li jagħmlu offerta (eż. huma diġà attivi fis-settur u/jew fl-Italja);

— Ġie stabbilit prezz minimu bil-quddiem ibbażat fuq il-valwazzjoni mwettqa mill-espert indipendenti maħtur mill-Italja (ara l-premessa (78)). Dan il-prezz minimu sar disponibbli għall-offerenti potenzjali kollha fil-kamra tad-data u stabbilixxa punt ta' ankraġġ relattivament għoli għall-offerti tal-bidu. Tabilħaqq, kif indikat fil-premessa (79)), l-ewwel serje ma pproduċiet l-ebda offerta vinkolanti, li hija indikazzjoni li l-prezz minimu għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar kien stabbilit pjuttost għoli. Tabilħaqq, filwaqt li dan il-prezz minimu għoli għen sabiex jiġi żgurat li l-proċedura twassal għall-inqas kost għall-komunità, jista' jkun li dan skoraġġixxa wkoll lil offerenti potenzjali oħrajn milli jissottomettu offerta;

— L-ewwel offerta valida ta' CdI saret disponibbli fil-kamra tad-*data* u l-offerenti l-oħrajn ġew mistiedna espliċitament biex jagħmlu offerta aħjar. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni ta' offerti aħjar imbagħad ġiet estiża mill-Kummissarju Straordinarju, fuq talba ta' SNS. Wara li SNS issottomettiet ukoll l-offerta tagħha, billi ż-żewġ offerti vinkolanti li waslu ma kinux faċilment komparabbli, il-proċedura ġiet imnedija mill-ġdid diversi drabi u kull darba l-partijiet ġew mistiedna jagħmlu offerti mtejba. L-istedina għas-sottomissjoni ta' offerti aħjar hija salvagwardja partikolarment qawwija sabiex jiġi żgurat li tinkiseb l-ogħla offerta possibbli (u għalhekk l-anqas kost għall-komunità). F'din il-proċedura, l-eżistenza ta' żewġ offerenti serji u l-korrispondenza bejn Siremar

([158]) Ara b'mod aktar speċifiku t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsija 68 fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tagħha "Gwida dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u s-suq intern għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" tad-29 ta' April 2013 (ara: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/overview/new_guide_eu_rules_procurement_mt.pdf).

f'EA u CdI u SNS jissuġġerixxu li kien hemm kompetizzjoni ġenwina. Il-fatt li dik il-kompetizzjoni ġiet temporanjament distorta permezz tal-kontrogaranzija, li ppermettiet li s-sejħa għall-offerti inizjalment intrebħet minn CdI, ma jpoġġix din il-konklużjoni f'dubju. Għall-kuntrarju, huwa indikatur ieħor li l-kompetizzjoni bejn l-offerenti kienet ġenwina, anke jekk f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari r-regoli ta' proċedura ma ġewx irrispettati.

(403) Il-Kummissjoni tqis li minħabba s-salvagwardji msemmija hawn fuq, inkluż b'mod partikolari l-prezz minimu u l-istedina biex jiġu sottomessi offerti ogħla, il-proċedura tal-offerti kienet biżżejjed biex tiżgura l-forniment tas-servizz bl-inqas kost għall-komunità, anke jekk, fl-aħħar stadju tal-proċedura, ġiet sottomessa offerta valida waħda biss. Għall-kompletezza, il-Kummissjoni tinnota li l-każ inkwistjoni huwa differenti mill-każijiet li ġejjin fejn ġiet sottomessa biss offerta waħda:

— Fil-proċedura tal-offerti għall-operat ta' konnessjoni marittima rapida tal-passiġġieri bejn Messina u Reggio Calabria, kienet Ustica Lines biss li ssottomettiet offerta. Madankollu, dik il-kumpanija kienet ukoll l-unika waħda li esprimiet interess, għalhekk, qatt ma kienet possibbli kompetizzjoni ġenwina. Għalhekk, f'dak il-każ, il-Kummissjoni neċessarjament ikkonkludiet li l-kundizzjoni ta' Altmark 4 ma ġietx issodisfata u li l-kumpens għas-servizz pubbliku kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([159]). Il-Kummissjoni tfakkar li fil-każ li qed jiġi vvalutat, sitt partijiet esprimew l-interess tagħhom u ħamsa minnhom ipparteċipaw fil-parti finali tal-offerta;

— Fil-proċedura tal-offerti għall-attribuzzjoni tal-konċessjonijiet għad-distribuzzjoni tal-istampa fil-Belġju, bpost biss (il-fornitur stabbilit ta' dan l-SGEI) issottometta offerta. Filwaqt li inizjalment tliet kumpaniji kienu esprimew interess li jipparteċipaw fis-sejħa għall-offerti, kumpanija waħda rtirat qabel ma għaddiex id-data ta' sakdenza għas-sottomissjoni ta' offerta u kumpanija oħra ħabbret li kienx għadha trid tissottometti offerta (għalkemm tlett ijiem wara bpost kienet ippreżentat l-offerta tagħha). Madankollu, l-awtoritajiet Belġjani argumentaw li kien hemm kompetizzjoni ġenwina matul il-proċedura tal-offerti u li kien hemm biżżejjed salvagwardji sabiex jiġi żgurat li s-sejħa għall-offerti rriżultat fl-anqas kost għall-komunità. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li, f'dak il-każ, is-salvagwardji ma kinux biżżejjed u, għalhekk, ikkonkludiet li l-kundizzjoni ta' Altmark 4 ma ġietx issodisfata u li l-kumpens għas-servizz pubbliku kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([160]). Filwaqt li l-awtoritajiet Taljani użaw proċedura tal-offerti miftuħa, l-awtoritajiet Belġjani organizzaw proċedura nnegozjata ([161]) li skont il-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI "*tista' titqies suffiċjenti biss biex tissodisfa r-raba' kriterju ta' Altmark f'każijiet eċċezzjonali*". Il-Kummissjoni tinnota li minbarra din id-differenza importanti, anke s-salvagwardji fil-każ bpost kienu kompletament differenti minn dawk applikabbli fil-każ inkwistjoni. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li fil-każ bpost, il-fornitur inkombenti tal-SGEI rebaħ il-proċedura tal-offerti wara li għamel l-unika offerta b'offerent wieħed biss li seta' jikkompeti u li kien preżenti. Fil-każ li qed jiġi vvalutat, l-offerta nrebħet minn offerenta (SNS) li ma kellha l-ebda konnessjoni mal-fornitur stabbilit tal-SGEI, b'offerenti kompetituri possibbli oħrajn preżenti u bis-salvagwardji msemmija hawn fuq. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li ċ-ċirkustanzi fil-każ bpost ma humiex komparabbli ma' dawk fil-każ inkwistjoni.

(404) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-proċedura tal-offerti użata għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar tvarja b'mod sinifikanti mill-proċedura użata biex jintgħażel l-operatur tas-servizzi tat-trasport bil-baħar bejn l-art kontinentali Franċiża u Korsika ([162]) ("il-każ ta' SNCM") bil-modi li ġejjin:

— L-awtoritajiet Franċiżi taw id-delegazzjonijiet tas-servizz pubbliku abbażi ta' proċedura nnegozjata b'pubblikazzjoni minn qabel. Skont il-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI, tali proċedura "*tista' titqies suffiċjenti biss biex tissodisfa r-raba' kriterju ta' Altmark f'każijiet eċċezzjonali*". Għall-kuntrarju, l-awtoritajiet Taljani użaw proċedura tal-offerti miftuħa, b'negozjati privati li jseħħu biss fl-aħħar stadju tal-proċedura, sabiex iqabblu u jtejbu l-offerti li jkunu diġà rċevew;

— Filwaqt li fil-każ ta' SNCM ġew sottomessi żewġ offerti, offerta waħda ġiet miċħuda abbażi ta' kriterju wieħed tal-għażla. Għalhekk, iż-żewġ offerti lanqas biss tqabblu fuq il-merti tagħhom sabiex tinżamm l-aktar waħda ekonomikament vantaġġuża. Għalhekk, anke jekk fil-fatt ġew sottomessi żewġ offerti, dan ma kienx biżżejjed biex jiggarantixxi kompetizzjoni effettiva. Madankollu, fil-proċedura tal-offerti ta' Siremar, kien hemm ħames partijiet li pparteċipaw fil-fażi finali u saru żewġ offerti (ara l-premessa (398)). anke jekk huwa kkunsidrat li, għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' Altmark 4, fl-aħħar mill-aħħar, SNS biss kienet issottomettiet offerta valida, li l-Kummissjoni tikkontesta, kien hemm kompetizzjoni ġenwina sa tmiem il-proċedura (ara l-premessa (402));

([159]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.42710, SGEI – konnessjoni marittima rapida tal-passiġġieri bejn Messina u Reggio Calabria – l-Italja (ĠU C 40, 2.2.2018, p. 4).

([160]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.42366, Kumpensi għas-servizz pubbliku mogħtija lil bpost matul il-perjodu 2016-2020 – il-Belġju (ĠU C 341, 16.9.2016, p. 5).

([161]) L-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/18/KE, l-Artikolu 1(9)(a) tad-Direttiva 2004/17/KE.

([162]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.22843, Id-delegazzjoni tas-servizz pubbliku ta' Korsika 2007-2013 mogħtija lil SNCM u CMN (ĠU L 220, 17.8.2013, p. 20).

— Fil-każ ta' SNCM, l-operatur stabbilit tal-grupp SNCM/CMN kien ukoll qed iressaq offerti u kellu vantaġġ kompetittiv sinifikanti, minħabba li diġà kellu bastimenti li ssodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fil-kuntratt pubbliku ta' delegazzjoni ta' servizz. Dawn ir-rekwiżiti kienu jimplikaw il-kostruzzjoni ta' bastimenti kważi mfassla apposta simili għal uħud mill-bastimenti ta' SNCM. Dan kien ifisser kost għoli għall-offerenti interessati possibbli. Fil-każ li qed jiġi vvalutat, l-operatur stabbilit Siremar f'EA ma ressaqx offerta u ma setax iressaq offerta u SNS ma kellha l-ebda konnessjoni mal-operatur stabbilit. Billi l-offerta kienet tinkludi l-bastimenti li ssodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi biex joperaw is-servizz pubbliku, l-ebda wieħed mill-offerenti possibbli ma kellu vantaġġ kompetittiv fuq l-ieħor;

— Barra minn hekk, fil-każ ta' SNCM, il-Kummissjoni qieset li ż-żmien qasir ħafna (jiġifieri inqas minn xahar) stabbilit bejn id-data tal-għoti tal-kuntratt pubbliku ta' delegazzjoni ta' servizz u d-data tal-bidu tas-servizzi x'aktarx li kien ostaklu sinifikanti għad-dħul għal parteċipanti ġodda. Il-Kummissjoni tinnota li, fil-każ ta' Siremar, għaddiet kważi sena bejn l-ewwel konklużjoni tal-proċedura tal-offerti (Ottubru 2011) u l-bidu tal-operat tas-servizz pubbliku minn CdI (Awwissu 2012), u li għaddew aktar minn erba' snin qabel ma l-fergħa kummerċjali u l-operat tal-Konvenzjoni l-ġdida ttieħdu minn SNS (April 2016).

(405) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li, anke skont dan ir-raġunament sussidjarju, Altmark 4 huwa rrispettat fil-każ preżenti.

(406) Minħabba li l-erba' kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ Altmark huma ssodisfati b'mod kumulattiv, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u mal-prijorità tal-irmiġġ lil SNS ma jagħti l-ebda vantaġġ ekonomiku lil din tal-aħħar.

8.1.3.5. Konklużjoni dwar l-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u mal-prijorità tal-irmiġġ lil SNS

(407) Billi mhux il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u mal-prijorità tal-irmiġġ lil SNS ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat lil SNS.

8.1.3.6. Iż-żieda fil-kapital ta' CdI

(408) Il-Kummissjoni tinnota li, fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, CdI hija inattiva u f'likwidazzjoni. Permezz ta' att awtentikat minn nutar ta' April 2016, il-kumpanija biddlet isimha u l-forma tan-negozju tagħha minn Compagnia delle Isole S.p.A. għal *Compagnia delle Isole S.r.l. in liquidazione*. Hija ċaqilqet ukoll is-sede legali tagħha minn Palermo għal Napli u ħatret likwidatur. Minn dak iż-żmien, il-kumpanija ma għadx għandha skop kummerċjali, ma twettaq l-ebda attività kummerċjali, biegħet il-bastimenti kollha tagħha u ma għandha l-ebda impjegat (ħlief għall-impjegati statutorji meħtieġa mil-liġi għall-kumpaniji f'likwidazzjoni). anke jekk il-proċedura ta' likwidazzjoni tkun għadha għaddejja, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe distorsjoni possibbli tal-kompetizzjoni tintemm ladarba CdI tkun waqqfet l-attivitajiet kummerċjali tagħha. F'dan l-isfond, ma għadx hemm raġunijiet biex titkompla l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-miżuri li għadhom pendenti li qed jiġu vvalutati fil-każ preżenti ta' għajnuna mill-Istat li jikkonċerna lil din il-kumpanija. B'riżultat ta' dan, l-investigazzjoni dwar iż-żieda fil-kapital ta' CdI saret mingħajr skop ([163]).

8.1.3.7. Il-kontrogaranzija

(409) Kif deskritt fit-Taqsima 3.3.2, fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kontrogaranzija setgħet kienet tinvolvi għajnuna mill-Istat lil CdI u/jew Unicredit. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet matul l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-għajnuna mill-Istat potenzjali lil dawn iż-żewġ kumpaniji jenħtieġ li tiġi vvalutata separatament, minħabba li r-rwoli tagħhom fil-proċess kienu differenti.

Għajnuna lil Unicredit

(410) *Vantaġġ ekonomiku*: Sabiex tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tagħti vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju tagħha. Fid-Deċiżjoni tagħha tal-2012, il-Kummissjoni fakkret li skont l-Avviż dwar il-Garanziji, l-għajnuna tingħata fil-mument meta tingħata l-garanzija, mhux meta tiġi invokata, u lanqas meta jsiru pagamenti skont it-termini tal-garanzija. Il-punt 2.3.1 tal-Avviż dwar il-Garanziji jistabbilixxi wkoll li "*anke jekk normalment il-benefiċjarju tal-għajnuna jkun min jissellef, ma jistax jiġi eskluż li taħt ċerti ċirkostanzi min isellef jibbenefika direttament mill-għajnuna wkoll*". Barra minn hekk, l-Avviż dwar il-Garanziji jiċċara li l-garanziji jistgħu jiġu pprovduti direttament mill-Istat jew jistgħu jiġu pprovduti bħala kontrogaranziji lil garanti tal-ewwel livell. Fl-aħħar nett, l-Avviż dwar il-Garanziji jispjega li f'ċirkostanzi bħal dawn "*jekk garanzija mill-Istat tingħata ex post fir-rigward ta' self jew*

([163]) Ara wkoll id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar l-ebda skop, bħal Mines de potasse d'Alsace (ĠU L 86, 24.3.2006, p. 20) u Ducatt (il-Kawża SA.39990, li għadhom ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*).

obbligu finanzjarju ieħor konklużmingħajr aġġustament tat-termini ta' dan is-self jew obbligu finanzjarju, jew jekk self garantit jintuża sabiex jitħallas lura self ieħor mhux garantit lill-istess istituzzjoni ta' kreditu, jista' jkun hemm ukoll għajnuna lil min isellef, u dan sa fejn tiżdied is-sigurtà tas-selfiet. Fejn il-garanzija tkun tinvolvi għajnuna lil min isellef, għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li din l-għajnuna, fil-prinċipju, tista' tikkostitwixxi għajnuna għat-tħaddim".

(411) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li, f'dan il-każ, Sqallija ħarġet il-kontrogaranzija lil CdI indirettament, jiġifieri permezz ta' Unicredit li taġixxi bħala garanti tal-ewwel livell. Fil-fatt, Sqallija ħarġet il-kontrogaranzija lil Unicredit dwar l-ammonti differiti tal-prezz tax-xiri għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar fl-istess jum li Unicredit ħarġet il-garanzija tagħha stess lil CdI (ara t-Taqsima 2.3.3.5). Il-ħruġ tal-kontrogaranzija minn Sqallija kien kundizzjoni għal Unicredit biex toħroġ il-garanzija tagħha fuq dawk it-termini, kif stabbiliti minn CdS fid-deċiżjoni tagħha 592/14. F'konformità mal-Avviż dwar il-Garanziji, il-kontrogaranzija kienet tagħti vantaġġ lil Unicredit kieku l-garanzija minn Sqallija ngħatat *ex post* fir-rigward ta' obbligu finanzjarju diġà konklużmingħajr aġġustament tat-termini ta' dan l-obbligu finanzjarju. Madankollu, minħabba li f'dan il-każ il-kontrogaranzija nħarġet fl-istess jum li ngħatat il-garanzija minn Unicredit lil CdI – tabilħaqq, kienet kundizzjoni meħtieġa għall-għoti ta' dik il-garanzija – ma hemm l-ebda evidenza li Unicredit, bħala garanti tal-ewwel livell, naqqset ir-riskji assoċjati mal-garanzija tagħha stess. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kontrogaranzija ma pprovdiet l-ebda vantaġġ lil Unicredit.

(412) *Konklużjoni*: Minħabba li mhux il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kontrogaranzija minn Sqallija tal-garanzija minn Unicredit tal-ammonti differiti tal-prezz tax-xiri għall-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma tikkostitwixxix għajnuna lil Unicredit.

Għajnuna lil CdI

(413) Il-Kummissjoni tfakkar li, fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, CdI hija inattiva u f'likwidazzjoni (ara l-premessa (408)). anke jekk il-proċedura ta' likwidazzjoni tkun għadha għaddejja, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe distorsjoni possibbli tal-kompetizzjoni tintemm ladarba CdI tkun waqqfet l-attivitajiet kummerċjali tagħha. F'dan l-isfond, ma għadx hemm raġunijiet biex titkompla l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-miżuri li għadhom pendenti li qed jiġu vvalutati fil-każ preżenti ta' għajnuna mill-Istat li jikkonċerna lil din il-kumpanija. B'riżultat ta' dan, l-investigazzjoni dwar kwalunkwe għajnuna possibbli mogħtija lil CdI permezz tal-kontrogaranzija saret mingħajr skop.

8.1.4. *Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010*

(414) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari fid-Deċiżjoni tal-2011 li l-miżuri kollha stabbiliti mil-Liġi tal-2010 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat favur il-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, sal-punt li l-benefiċjarji rispettivi setgħu jużaw dawn il-miżuri biex ikopru l-ħtiġijiet ta' likwidità u b'hekk itejbu l-pożizzjoni finanzjarja ġenerali tagħhom.

(415) Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet matul l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni tqis li t-tliet miżuri jenħtieġ li jiġu vvalutati separatament.

8.1.4.1. L-użu possibbli ta' fondi sabiex jiġu aġġornati l-vapuri għal skopijiet ta' likwidità

(416) Billi l-kriterji għall-kwalifika ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat huma kumulattivi, il-Kummissjoni tista' tibda l-valutazzjoni tagħha bi kwalunkwe wieħed minnhom. F'dan il-każ, l-ewwel se tivvaluta jekk il-miżura tagħtix b'mod effettiv kwalunkwe vantaġġ lil Siremar.

(417) Vantaġġ ekonomiku: Il-Kummissjoni tinnota li Siremar irċeviet EUR 7 215 800 biex twettaq l-ammeljoramenti tal-bastimenti meħtieġa biex jiġu rrispettati l-istandards internazzjonali tas-sikurezza u, abbażi tal-Liġi tal-2010, hija tista' tuża dawn il-fondi temporanjament għal skopijiet ta' likwidità (ara l-premessa (132)). Madankollu, Siremar ma użatx dawn il-fondi għal skopijiet ta' likwidità. Għall-kuntrarju, l-Italja kkonfermat li dawn il-fondi ntefqu biex isiru l-ammeljoramenti tal-bastimenti kif kien maħsub inizjalment (ara l-premessa (228)). Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li Siremar ma użatx dawn il-fondi għal skopijiet ta' likwidità, jiġifieri biex tevita l-kostijiet, li normalment kien ikollha tkopri permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħha stess u, għaldaqstant, ma rċeviet l-ebda vantaġġ ekonomiku permezz ta' din il-miżura.

(418) Billi l-kriterju tal-vantaġġ ekonomiku fil-każ ta' Siremar ma huwiex issodisfat, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna u li d-dubji tagħha espressi fid-Deċiżjoni tal-2011, sa fejn hija kkonċernata Siremar, huma eliminati.

8.1.4.2. L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni

(419) Kif deskritt fil-premessa (133)(b), skont l-Artikolu 1 tal-Liġi tal-2010, ċerti atti u operazzjonijiet imwettqa għall-privatizzazzjoni ta' Tirrenia Group u deskritti fil-paragrafi minn 1 sa 15 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009, ikkonvertiti b'modifiki fil-Liġi tal-2009, huma eżentati minn kwalunkwe taxxa normalment dovuta fuq dawk l-atti u l-operazzjonijiet.

(420) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li din l-eżenzjoni mit-taxxa, li hija mingħajr kundizzjoni, tikkonċerna żewġ settijiet separati ta' trasferimenti: (1) it-trasferimenti tal-eks sussidjarji ta' Tirrenia, jiġifieri Caremar, Saremar u Toremar, minn Tirrenia (issa f'EA) lir-reġjuni ta' Campania, Sardinja u Toscana, u (2) it-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar minn Siremar f'EA lil CdI u aktar tard lil SNS. B'mod partikolari, it-taxxi eżentati huma d-dazju tar-reġistrazzjoni, it-tariffi tar-reġistru tal-artijiet u tar-reġistrazzjoni tal-ipoteki, it-taxxa tal-boll (flimkien, "it-taxxi indiretti"), il-VAT u t-taxxa korporattiva. Il-benefiċjarji ta' din il-miżura ta' għajnuna jkunu l-bejjiegħ, ix-xerrej, jew it-tnejn li huma. It-tieni sett ta' trasferimenti biss se jiġi vvalutat f'din id-deċiżjoni.

(421) Mill-bidu nett, il-Kummissjoni tinnota li, skont id-Digriet Presidenzjali Nru 633 tas-26 ta' Ottubru 1972, it-trasferimenti ta' negozji avvjati jew ta' unitajiet ta' negozju lil kumpanija oħra ma humiex meqjusa bħala provvista ta' oġġetti u, għalhekk, huma eżentati mill-VAT. Għalhekk, tranżazzjonijiet bħall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT u l-eżenzjoni mit-taxxa ma setgħetx tagħti vantaġġ lil Siremar fir-rigward tal-VAT. Barra minn hekk, fir-rigward tat-taxxi indiretti, il-Kummissjoni tieħu nota li l-kuntratt għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil CdI jiddikjara b'mod ċar li x-xerrej għandu jħallas it-taxxi, l-imposti u l-ispejjeż notarili kollha relatati mat-tranżazzjoni. L-Italja pprovdiet ukoll evidenza li CdI ma għamlitx użu minn din l-eżenzjoni mit-taxxa meta rreġistrat il-kuntratt. Għalhekk, il-Kummissjoni taċċetta li CdI ma bbenefikatx minn din il-miżura. Madankollu, il-kuntratt tal-bejgħ għat-trasferiment lil SNS, li jinkludi l-istess dispożizzjoni, jistipula wkoll li x-xerrej se jibbenefika minn tariffa fissa għar-reġistrazzjoni abbażi tal-eżenzjonijiet fiskali previsti mil-Liġi tal-2010.

(422) Fl-isfond ta' hawn fuq, il-Kummissjoni se tivvaluta dawn li ġejjin:

(1) jekk Siremar (f'EA) u SNS ibbenefikawx minn kwalunkwe eżenzjoni mid-dazju tar-reġistrazzjoni, mit-tariffi tar-reġistru tal-artijiet u tar-reġistrazzjoni tal-ipoteki, u mit-taxxa tal-boll ("it-taxxi indiretti") għat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS, u

(2) jekk Siremar (f'EA) ibbenefikatx minn xi eżenzjoni mit-taxxa korporattiva fuq ir-rikavat tat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS.

(423) Riżorsi tal-Istat: eżenzjoni mit-taxxa skont id-definizzjoni tinvolvi t-telf ta' riżorsi tal-Istat. Barra minn hekk, billi dawn l-eżenzjonijiet ingħataw permezz tal-Liġi tal-2010 (ara l-premessa (133)(b)), huma wkoll imputabbli lill-Istat.

(424) Selettività: peress li l-eżenzjonijiet mit-taxxa jingħataw biss għal operazzjonijiet u għal atti relatati mal-privatizzazzjoni ta' dak li kien Tirrenia Group, dawn huma selettivi. L-Italja la argumentat u lanqas ma wriet li l-eżenzjonijiet mit-taxxa ma humiex selettivi.

(425) Vantaġġ ekonomiku: fir-rigward tat-taxxi indiretti, Siremar ġiet eżentata milli tħallashom fuq operazzjonijiet u atti relatati mat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS u, għalhekk, ibbenefikat minn vantaġġ ekonomiku ugwali għat-taxxi normalment dovuti għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet u atti skont il-liġi nazzjonali.

(426) Fir-rigward tat-taxxi indiretti, SNS ibbenefikat minn tariffa fissa għar-reġistrazzjoni tal-kuntratt għax-xiri tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, f'konformità mal-Liġi tal-2010, kif previst fl-Artikolu 9 ta' dak il-kuntratt. Għalhekk, SNS ibbenefikat minn vantaġġ ekonomiku ugwali għad-differenza bejn it-tariffa normalment dovuta għar-reġistrazzjoni ta' dawn l-atti skont il-liġi nazzjonali u t-tariffa effettivament imħallsa. […]

(427) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva fuq ir-rikavat tat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil CDI u aktar tard lil SNS, il-Kummissjoni tinnota, bħala rimarka preliminari, li l-mument rilevanti biex jiġi vvalutat jekk miżura tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat huwa meta tingħata l-miżura, jiġifieri meta l-benefiċjarju jikseb dritt, skont il-liġi nazzjonali, li jirċievi għajnuna skont dik il-miżura ([164]). F'dan il-każ, dan il-mument huwa meta daħlet fis-seħħ il-Liġi tal-2010.Imbagħad, fl-investigazzjoni tagħha tal-għajnuna mogħtija illegalment, il-Kummissjoni tista' tqis, abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha, jekk dik l-għajnuna kinitx diġà tħallset jew le, u jekk tistax titħallas fil-futur, skont il-metodoloġija applikabbli stabbilita mil-liġi nazzjonali. Dan jinforma jekk il-Kummissjoni hijiex se tordna l-irkupru ta' kwalunkwe għajnuna li tinstab inkompatibbli jew jekk hijiex se tordna lill-Istati Membri biex ma jħallsu l-ebda għajnuna li tinstab li hija inkompatibbli fil-futur, iżda ma jqajjimx dubju dwar l-eżistenza ta' għajnuna fil-mument meta din ingħatat.

(428) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li t-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar sar bi skambju għal korrispettiv, inizjalment imħallas minn CdI u aktar tard minn SNS. Madankollu, il-bejgħ tal-fergħa kummerċjali lil CdI għal EUR 69,15 miljun ġie annullat (ara l-premessa (99)). Għalhekk, dik l-eżenzjoni ma kellha l-ebda effett prattiku u ma ngħata l-ebda vantaġġ lil Siremar permezz ta' dak l-ewwel trasferiment. Għall-kuntrarju, il-bejgħ lil SNS għal EUR 55,1 miljun normalment ikun soġġett għal taxxa korporattiva. L-eżenzjoni minn din it-taxxa tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku, minħabba li r-rikavat minn bejgħ ta' ċerti assi normalment jitqies fil-kalkolu tat-taxxa korporattiva ta' kumpanija. Tabilħaqq, f'każijiet ta' proċedimenti ta' insolvenza bħal dak li jinvolvi lil Siremar f'EA, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-qligħ hija stabbilita fl-Artikolu 183 tal-Liġi Konsolidata dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu.

([164]) Il-Kawża C-385/18 *Arriva Italia*, ECLI:EU:C:2019:1121, il-punt 36.

Abbażi ta' dik id-dispożizzjoni, il-qligħ ta' impriża għall-perjodu mill-bidu tal-proċedimenti ta' falliment sal-konklużjoni tagħhom huwa d-differenza bejn l-assi tal-impriża fil-bidu tal-proċedimenti u l-assi residwi fit-tmiem tagħhom. Fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-proċedimenti ta' likwidazzjoni ta' Siremar f'EA għadhom għaddejjin u, għalhekk, ma huwiex possibbli li jiġi anticipat jekk ikunx hemm obbligazzjoni ta' taxxa u d-daqs tagħha, minħabba li ma huwiex ċar jekk kwalunkwe taxxa fuq l-introjtu tkunx dovuta. Madankollu, għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (427), dan ma jaffettwax is-sejba tal-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, minħabba li l-Liġi tal-2010 stabbiliet dritt mingħajr kundizzjoni għal eżenzjoni mit-taxxa.

(429) Effett fuq il-kummerċ: abbażi tar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (312) u (313), il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni ta' Siremar u SNS minn ċerti taxxi tista' taffettwa l-kummerċ tal-Unjoni u tfixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern.

(430) Konklużjoni:l-eżenzjonijiet mit-taxxa korporattiva fuq ir-rikavat mill-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS u mit-taxxi indiretti fuq it-trasferimenti tal-istess fergħa kummerċjali lil SNS, li ngħataw mil-Liġi tal-2010, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lil Siremar. Il-ħlas minn SNS ta' tariffa fissa għar-reġistrazzjoni tal-kuntratt għax-xiri tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar skont il-Liġi tal-2010, minflok it-tariffa normalment dovuta skont il-liġi nazzjonali, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil SNS.

8.1.4.3. Il-possibbiltà li jintużaw ir-riżorsi tal-FAS

(431) Fid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni semmiet il-possibbiltà li l-kumpaniji ta' dak li kien Tirrenia Group jużaw ir-riżorsi tal-FAS (ara l-premessa (133)(c)) sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali ta' likwidità. Madankollu, matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Taljani ċċaraw li r-riżorsi tal-FAS ma kinux maħsuba bħala kumpens addizzjonali għal kwalunkwe waħda mill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group (inkluża Siremar). Minflok, dawn ir-riżorsi saru disponibbli biex jissupplimentaw l-approprjazzjonijiet tal-baġit allokati għall-ħlas tal-kumpensi għas-servizz pubbliku lill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, f'każ li dawn ikunu wrew li ma kinux biżżejjed. Tabilħaqq, il-paragrafu 5-*ter* tal-Artikolu 1 tal-Liġi tal-2010 ippermetta lir-reġjuni jużaw ir-riżorsi tal-FAS biex jiffinanzjaw (parti minn) il-kumpens regolari għas-servizz pubbliku u, b'hekk, jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi pubbliċi marittimi. Fi kliem ieħor, din il-miżura tikkonċerna biss allokazzjoni ta' riżorsi fil-baġit tal-Istat Taljan għall-ħlas tal-kumpens għas-servizz pubbliku.

(432) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-riżorsi tal-FAS huma biss sors ta' finanzjament li jippermetti lill-Istat iħallas il-kumpensi għas-servizz pubbliku (mogħtija abbażi tal-Konvenzjoni inizjali estiża) u ma jikkostitwixxux miżura li Siremar tista' tibbenefika minnha minbarra dawn il-kumpensi għas-servizz pubbliku. Fi kliem ieħor, l-użu possibbli tar-riżorsi tal-FAS ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat lil Siremar u, għalhekk, mhux se jiġi vvalutat aktar f'din id-Deċiżjoni.

8.1.5. *Il-konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna*

(433) Abbażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li:

— il-kumpens lil Siremar għall-operat tar-rotot marittimi fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sat-30 ta' Lulju 2012 u għall-prijorità tal-irmiġġ fuq dawn ir-rotot jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u jikkwalifika bħala għajnuna ġdida;

— l-estensjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ mit-28 ta' Awwissu 2011 sat-18 ta' Settembru 2012 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE;

— l-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-11 ta' April 2016, raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u mal-prijorità tal-irmiġġ lil CdI, ġie annullat u ma setax jiġi vvalutat separatament. L-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida għall-perjodu mill-11 ta' April 2016 sal-11 ta' April 2028, raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u mal-prijorità tal-irmiġġ lil SNS, huwa konformi mal-erba' kriterji ta' Altmark u, għalhekk, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat lil SNS skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-investigazzjoni dwar iż-żieda fil-kapital ta' CdI saret mingħajr skop. Il-kontrogaranzija ma tikkostitwixxix għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE lil Unicredit. L-investigazzjoni dwar kwalunkwe għajnuna possibbli mogħtija lil CdI permezz tal-kontrogaranzija saret mingħajr skop;

— Billi Siremar ma użatx il-fondi biex tammeljora l-bastimenti għal finijiet ta' likwidità, kif permess mil-Liġi tal-2010, dik il-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE;

— l-eżenzjonijiet minn (i) taxxi indiretti fuq it-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u minn (ii) taxxa korporattiva fuq ir-rikavat mill-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, li ngħataw mil-Liġi tal-2010, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lil Siremar u SNS skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE; u

— il-possibbiltà li jintużaw ir-riżorsi tal-FAS biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' likwidità, kif stabbilita mil-Liġi tal-2010, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

8.2. **Il-legalità tal-għajnuna**

(434) Il-miżuri kollha ta' għajnuna fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ġew implimentati qabel l-approvazzjoni formali mill-Kummissjoni. Għalhekk, sa fejn ma kinux eżentati min-notifika skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 jew id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011, dawn il-miżuri ta' għajnuna ngħataw mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE ([165]).

8.3. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna**

(435) Sa fejn il-miżuri identifikati hawn fuq jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-kompatibbiltà tagħhom trid tiġi vvalutata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu u tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

8.3.1. *L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn l-Istat u Siremar*

8.3.1.1. Ir-regoli applikabbli

(436) Kif diġà ssemma hawn fuq, l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali lil hinn mill-aħħar tal-2008 twettqet permezz ta' atti legali sussegwenti:

(a) Id-Digriet Amministrattiv 207/2008, ikkonvertit fil-Liġi Nru. 14 tas-27 ta' Frar 2009, stabbilixxa l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009;

(b) Id-Digriet Amministrattiv 135/2009, ikkonvertit fil-Liġi tal-2009, stabbilixxa, *inter alia*, l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Settembru 2010; u

(c) Id-Digriet Amministrattiv 125/2010, ikkonvertit fil-Liġi tal-2010, ippreveda estensjoni ulterjuri tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Ottubru 2010 sal-aħħar tal-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u Siremar.

(437) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li l-għoti tal-kumpens għas-servizz pubbliku skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali jmur lura għal qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 u tal-Qafas tal-SGEI tal-2011. Madankollu, il-pakkett tal-SGEI tal-2011 – fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 u fil-paragrafu 69 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 – fih regoli li jippermettu l-applikazzjoni tiegħu wkoll għall-għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu fil-31 ta' Jannar 2012. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 tistabbilixxi fl-Artikolu 10(b) tagħha li

"kull għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni [jiġifieri qabel il-31 ta' Jannar 2012] li ma kinitx kompatibbli mas-suq intern u lanqas eżenti mill-obbligu ta' notifika skont id-Deċiżjoni 2005/842/KE, iżda li tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni, hija kompatibbli mas-suq intern u eżenti mill-obbligu ta' notifika preliminari."

(438) Fir-rigward tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, il-paragrafi 68 u 69 tiegħu jispeċifikaw li l-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji tagħha għall-proġetti ta' għajnuna kollha nnotifikati, irrispettivament mid-data tan-notifika, kif ukoll għall-għajnuna illegali kollha li dwarha tieħu deċiżjoni wara l-31 ta' Jannar 2012, anke jekk dik l-għajnuna tkun ingħatat qabel il-31 ta' Jannar 2012. Fil-każ tal-aħħar, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 14, 19, 20, 24, 39 u 60 tal-Qafas SGEI tal-2011 ma humiex applikabbli.

([165]) L-awtoritajiet Taljani nnotifikaw biss il-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti skont il-Konvenzjoni l-ġdida, li l-Kummissjoni sabet li ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat (ara l-premessa (9)). Barra minn hekk, Siremar f'EA sostniet li l-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Siremar skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali jkun kompatibbli u eżentat min-notifika skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk dan kienx tabilħaqq il-każ fit-taqsima 8.3.1.

(439) B'riżultat ta' dan, ir-regoli dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 u tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, kif deskritti hawn fuq, ifissru li l-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Siremar matul il-perjodu ta' estensjoni jista' jiġi vvalutat skont il-pakkett tal-SGEI tal-2011. Jekk il-kundizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 jew tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 jiġu rrispettati, dik il-miżura ta' għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern għall-perjodu kollu mill-1 ta' Jannar 2009 sat-30 ta' Lulju 2012 ([166]).

(440) Il-Kummissjoni tinnota li kemm id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005, li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2005, kif ukoll id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 huma applikabbli biss għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku għal konnessjonijiet marittimi ma' gżejjer li fuqhom it-traffiku annwali medju matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha ġie assenjat l-SGEI ma qabiżx it-300 000 passiġġier. L-evidenza pprovduta mill-Italja turi li fis-snin 2007 u 2008, l-għadd ta' passiġġieri fuq erba' konnessjonijiet marittimi operati minn Siremar skont il-Konvenzjoni inizjali, kif estiża, bħala medja ma qabiżx il-limitu ta' 300 000 passiġġier fis-sena. Dawn huma l-pakketti Trapani – Pantelleria, Porto Empedocle – il-Gżejjer Pelagie, Palermo – Ustica (jiġifieri, ir-rotot imħalltin D1, D4, D5 u r-rotta ALD/1 għall-passiġġieri biss). Ir-rotot l-oħrajn kollha jew kienu individwalment ogħla mil-limitu (il-każ ta' ALC/6, Lipari –Vulcano – Milazzo) jew kienu parti minn pakkett ta' rotot li qabeż sew il-limitu (il-każijiet tal-pakkett ta' Milazzo – il-Gżejjer Eoliċi – Napli u tal-pakkett ta' Trapani – il-Gżejjer Egadi). Għalhekk, għas-16-il rotta l-oħrajn operati skont il-Konvenzjoni inizjali, kif estiża, il-Kummissjoni ma tistax tivvaluta l-kompatibbiltà tal-kumpens għas-servizz pubbliku mħallas lil Siremar skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali sat-30 ta' Lulju 2012, la abbażi tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 u lanqas abbażi tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011.

(441) Konsegwentement, il-kompatibbiltà tal-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Siremar mill-2009 u sakemm titlesta l-privatizzazzjoni normalment taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas tal-SGEI tal-2011. Madankollu, skont il-paragrafu 9 tal-Qafas SGEI tal-2011, l-għajnuna għall-forniturі ta' SGEI f'diffikultà trid tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar. Siremar ġiet ammessa għall-proċedura ta' amministrazzjoni straordinarja fis-17 ta' Settembru 2010 u ġiet iddikjarata insolventi fil-5 ta' Ottubru 2010. Għalhekk, hija kienet fornitur ta' SGEI f'diffikultà skont it-tifsira tal-punt 10(c) tal-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, mill-inqas għal parti mill-perjodu tal-estensjoni (mill-5 ta' Ottubru 2010 sal-bejgħ tagħha fit-30 ta' Lulju 2012).

(442) Il-Linji Gwida tal-2014 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ([167]) fis-seħħ mill-1 ta' Awwissu 2014 japplikaw b'mod retroattiv għall-għajnuna lill-forniturі ta' SGEI. Dawk il-linji gwida jistabbilixxu li l-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mogħtija qabel il-31 ta' Jannar 2012, jiġifieri, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, lill-forniturі ta' SGEI f'diffikultà, tiġi vvalutata skont il-Qafas tal-SGEI tal-2011, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 9, 14, 19, 20, 24, 39 u 60 ([168]). Għalhekk, l-istess regoli japplikaw għall-perjodu kollu mill-1 ta' Jannar 2009 sat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali lil CdI fit-30 ta' Lulju 2012.

(443) Billi s-16-il rotta ta' Siremar li qed jiġu vvalutati jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet dwar l-SGEI tal-2005 u tal-2011 u għal raġunijiet ta' sinteżi u ta' effiċjenza, il-Kummissjoni l-ewwel se tivvaluta jekk il-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Siremar għall-operat tal-għoxrin rotta tat-trasport marittimu kollha fuq il-ħames pakketti matul il-perjodu ta' estensjoni huwiex konformi mal-kundizzjonijiet tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjonijiet fil-paragrafi 9, 14, 19, 20, 24, 39 u 60 tiegħu. Huwa biss wara dan l-ewwel pass li l-Kummissjoni se tivvaluta jekk dak l-istess kumpens (għall-pakketti ta' rotot biss li ma jaqbżux il-limitu ta' 300 000 passiġġier) kienx possibbilment kompatibbli mas-suq intern u eżentat mir-rekwiżit ta' notifika skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005, minħabba li jikkonċerna għajnuna li ngħatat bejn id-19 ta' Diċembru 2005 u l-31 ta' Jannar 2012 (ara l-premessa (436)).

([166]) Għall-kompletezza, il-Kummissjoni tinnota d-dispożizzjoni tranżizzjonali li tinsab fl-Artikolu 10(a) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011, li abbażi tagħha kwalunkwe skema ta' għajnuna li ġiet implimentata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dik id-Deċiżjoni (jiġifieri qabel il-31 ta' Jannar 2012), li kienet kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika f'konformità mad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005, għandha tkompli tkun kompatibbli u eżentata għal perjodu ulterjuri ta' sentejn (jiġifieri, inkluż sat-30 ta' Jannar 2014). Dan ifisser li l-għajnuna li ngħatat skont skema bħal din fil-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 fid-19 ta' Diċembru 2005 u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 fil-31 ta' Jannar 2012 se titqies kompatibbli mas-suq intern, iżda biss mid-data li fiha ngħatat, inkluż sat-30 ta' Jannar 2014. Fi kwalunkwe każ, għall-għajnuna mogħtija fiż-żmien mill-31 ta' Jannar 2012 'il quddiem, id-dispożizzjoni tranżizzjonali tal-Artikolu 10(a) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011 ma hijiex applikabbli u l-valutazzjoni tal-kompatibbiltà għandha ssir skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2011.

([167]) ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

([168]) Ara l-paragrafu 140 tal-Linji Gwida tal-2014 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar.

8.3.1.2. Servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 106 tat-TFUE

(444) Skont il-paragrafu 12 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, "l-għajnuna trid tingħata għal servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ġenwin u definit b'mod korrett kif imsemmi fl-Artikolu 106(2) tat-Trattat". Il-paragrafu 13 jiċċara li "l-Istati Membri ma jistgħux jinkludu obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku ma' servizzi li diġà huma pprovduti jew li jistgħu jiġu pprovduti b'mod sodisfaċenti u taħt ċerti kundizzjonijiet, bħall-prezz, karatteristiċi oġġettivi tal-kwalità, il-kontinwità u l-aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku, kif definit mill-Istat, mill-impriżi li joperaw skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk servizz jistax jiġi pprovdut mis-suq, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija limitata għall-verifika ta' jekk id-definizzjoni tal-Istat Membru hijiex ivvizzjata minn żball ovvju, sakemm id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jipprovdux standard aktar strett". Fl-aħħar nett, il-paragrafu 56 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirreferi għall-"marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni tal-Istat Membru" fir-rigward tan-natura tas-servizzi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

(445) Il-valutazzjoni ta' jekk l-SGEI humiex ġenwini trid issir ukoll fid-dawl tal-Komunikazzjoni dwar l-SGEI (ara l-premessi (326) u (341)), tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu (ara l-premessi minn (328) sa (330)) u tal-ġurisprudenza (ara l-premessi (332) u (333)). Għalhekk, il-Kummissjoni trid tivvaluta għall-perjodu ta' estensjoni:

(1) Jekk kienx hemm domanda mill-utenti;

(2) Jekk dik id-domanda setgħetx tiġi ssodisfata mill-operaturi tas-suq fin-nuqqas ta' kwalunkwe obbligu impost mill-awtoritajiet pubbliċi (l-eżistenza ta' falliment tas-suq);

(3) Li sempliċiment rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku kien insuffiċjenti sabiex jiġi rrimedjat dak in-nuqqas (l-inqas approċċ dannuż).

(446) Il-Kummissjoni tirrimarka li r-rotot tas-servizz pubbliku operati minn Siremar matul il-perjodu ta' estensjoni huma l-istess bħal dawk fdati lil CdI u aktar tard lil SNS skont il-Konvenzjoni l-ġdida. Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà ddeskriviet u vvalutat is-sitwazzjoni kompetittiva fuq dawk il-pakketti ta' rotot matul il-perjodu ta' estensjoni. F'dan l-isfond, il-valutazzjoni li ġejja se tiddependi fuq u tirreferi għall-partijiet rilevanti tal-valutazzjoni magħmula għall-Konvenzjoni l-ġdida aktar 'il fuq (ara t-taqsima 8.1.3.1).

(447) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni l-ewwel tfakkar (ara l-premessa (184)) li l-Italja imponiet l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjoni inizjali prinċipalment biex (i) tiżgura l-kontinwità territorjali bejn Sqallija u l-gżejjer iżgħar tagħha u biex (ii) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer iżgħar, permezz ta' servizzi regolari u affidabbli tat-trasport marittimu. Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet li dawn huma tabilħaqq objettivi leġittimi ta' interess pubbliku (ara l-premessa (335)).

(448) Ir-rotot inkwistjoni ġew operati, fil-biċċa l-kbira mingħajr tibdil, għal ħafna snin, jiġifieri mill-inqas mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni inizjali. L-Italja kkonfermat li ma kien hemm l-ebda bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi fdati lil Siremar matul il-perjodu ta' estensjoni. Qabel il-perjodu ta' estensjoni, il-Kummissjoni tinnota li matul l-2008, kien hemm tnaqqis fir-rotot operati taħt ir-reġim tas-servizz pubbliku. B'mod partikolari, ir-rotta ta' Mazara del Vallo – Pantelleria, li kienet topera sitt ijiem fil-ġimgħa minn Siremar bil-lanċa veloċi Guizzo, twaqqfet, u l-frekwenza fuq ċerti rotot fl-iskedi tal-eqqel staġun għall-pakketti ta' rotot tal-Gżejjer Eoliċi u Egadi tnaqqset.

(449) Sabiex juru d-domanda ġenwina mill-utenti għas-servizzi, l-awtoritajiet Taljani pprovdew statistika dettaljata li turi li fl-2008, l-aħħar sena tal-Konvenzjoni inizjali qabel l-estensjoni, Siremar ittrasportat 1 821 387 passiġġier u 397 626,5 metru lineari ta' merkanzija fuq il-ħames pakketti ta' rotot ikkombinati. Iċ-ċifri għall-2009 juru li Siremar ittrasportat 1 513 214 passiġġier u 324 540 metru lineari ta' merkanzija fuq dawk ir-rotot.

(450) Dawn iċ-ċifri kienu kemxejn aktar baxxi fl-2010 (ara l-premessa (337)), iżda komparabbli. Dan juri li d-domanda aggregata mill-utenti kienet sinifikanti u pjuttost stabbli matul is-snin. Tabilħaqq, l-awtoritajiet Taljani pprovdew ukoll statistika dettaljata fil-livell tar-rotot individwali għall-perjodu 2007 – 2019 ([169]). Il-Kummissjoni tinnota li kien hemm varjazzjonijiet fl-għadd ta' vjaġġi u passiġġieri fuq id-diversi pakketti ta' rotot matul is-snin. Madankollu, dan jista' jiġi spjegat mill-fatt li dawn ir-rotot jgħaqqdu gżejjer żgħar ħafna b'infrastruttura limitata tal-port li huma relattivament qrib xulxin. Dan jimplika aġġustament frekwenti tal-iskedi biex tiġi akkomodata d-domanda mill-utenti fil-livell lokali. Tabilħaqq, il-Kummissjoni diġà wriet (ara Table 5) li kien hemm domanda mill-utenti fuq kull waħda mir-rotot fl-2010. L-istess analiżi għas-snin 2009, 2011 u għall-perjodu bejn Jannar u Lulju 2012 ([170]) ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni li d-domanda mill-utenti għas-servizzi tal-lanċ fuq kwalunkwe wieħed mill-pakketti ta' rotot ikkonċernati kienet sparixxiet.

([169]) Bl-eċċezzjoni tal-2015 (*data* mhux ivvalidata minn konsulenti esterni – ara n-nota 120 f'qiegħ il-paġna) u l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-10 ta' April 2016 (*data* nieqsa – ara n-nota 121 f'qiegħ il-paġna).

([170]) Għal raġunijiet ta' qosor, il-Kummissjoni ma tinkludix iċ-ċifri dettaljati f'din id-Deċiżjoni.

(451) Il-Kummissjoni tqis li l-istatistika ta' hawn fuq turi b'mod ċar li kien hemm domanda ġenwina għas-servizzi tal-passiġġieri u tal-merkanzija fuq kull waħda mir-rotot ta' servizz pubbliku inkwistjoni fil-perjodu minn Jannar 2009 sa Lulju 2012.Għalhekk, jista' jiġi konkluż li dawn is-servizzi indirizzaw domanda ġenwina tal-utenti u, b'hekk, issodisfaw il-ħtiġijiet pubbliċi reali.

(452) Kif spjegat fil-premessa (341), il-Kummissjoni trid teżamina wkoll jekk dawn is-servizzi kinux ikunu inadegwati kieku l-forniment tagħhom tħalliet f'idejn il-forzi tas-suq biss, fid-dawl tar-rekwiżiti imposti mill-Italja permezz tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali. Il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni SGEI jinnota f'dan ir-rigward li "*il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija limitata biss għal li tiċċekkja jekk l-Istati Membri għamlux xi żball ovvju*".

(453) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li ma nstab l-ebda żball ovvju fid-definizzjoni tal-SGEI għal Siremar għall-perjodu 1992-2008, kif ġie aċċertat mid-Deċiżjoni tagħha tal-2004, u li din is-sejba ma ġietx iddubitata mis-Sentenza tal-2009 u lanqas mid-deċiżjoni ta' Tirrenia Group tal-2020 (ara l-premessa (342)). Barra minn hekk, is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli fl-Italja fil-perjodu bejn l-2009 u l-2012 x'aktarx li kienet tagħmel il-profittabbiltà ta' dawk ir-rotot saħansitra aktar baxxa.

(454) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u t-30 ta' Lulju 2012, fuq il-pakketti ta' rotot kollha li kellhom jiġu operati minn Siremar skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, operaturi oħrajn offrew servizzi marittimi, għalkemm mhux neċessarjament matul is-sena kollha, sikwit bi frekwenza jew tip differenti ta' bastiment, u spiss ukoll taħt kumpens pubbliku. Il-Kummissjoni diġà vvalutat hawn fuq (ara l-premessi minn (341) sa (349)) għal kull pakkett ta' rotot ikkonċernat jekk is-servizzi pprovduti minn operaturi oħrajn li ma jirċevux kumpens pubbliku kinux ekwivalenti għal dawk li CdI u aktar tard SNS kellhom jipprovdu skont il-Konvenzjoni l-ġdida. Il-Kummissjoni tfakkar li din il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq is-sitwazzjoni kompetittiva ta' dawk ir-rotot bejn l-1 ta' Jannar 2009 u t-30 ta' Lulju 2012. Billi s-servizzi li CdI u aktar tard SNS kellhom joperaw huma simili ħafna f'termini ta' rotot moqdija u frekwenzi għal dawk li Siremar kellha twettaq matul il-perjodu ta' estensjoni, il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-forzi tas-suq weħidhom ma kinux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku hija valida wkoll għal Siremar matul il-perjodu kollu ta' estensjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota li fiż-żmien tal-inkarigu, l-ebda operatur ieħor ma kien qed jipprovdi servizzi matul is-sena kollha fuq kwalunkwe wieħed mill-pakketti ta' rotot operati minn Siremar mingħajr ma jirċievi kumpens pubbliku. L-operaturi l-oħrajn, fdati wkoll b'obbligi ta' servizz pubbliku, offrew servizz li ma kienx ekwivalenti f'termini ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità u, għalhekk, ma ssodisfawx bis-sħiħ l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq Siremar bis-saħħa tal-Konvenzjoni inizjali (kif estiża).

(455) Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-privatizzazzjoni ppjanata u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi pubbliċi li kienu operati skont il-Konvenzjoni inizjali, l-Italja ddeċidiet li testendi din il-Konvenzjoni mingħajr tibdil (bl-eċċezzjoni tal-bidla fil-metodoloġija ta' kumpens applikabbli mill-2010 'il quddiem). Il-Kummissjoni taċċetta li d-domanda mill-utenti, kif deskritta fil-premessi minn (449) sa (451), ma setgħetx tiġi ssodisfata billi jiġu imposti obbligi ta' servizz pubbliku applikabbli għall-operaturi kollha li jaqdu r-rotot inkwistjoni. Fil-fatt, fuq ir-rotot operati minn Siremar, is-servizzi komparabbli kollha pprovduti mill-operaturi l-oħrajn kienu ssussidjati wkoll u, fi kwalunkwe każ, l-offerta pprovduta minn dawk l-operaturi ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' regolarità, kontinwità u kwalità matul is-sena kollha. Barra minn hekk, l-operat ta' dawn ir-rotot fl-istaġun kwiet qed jagħmel it-telf, tant li, mingħajr kumpens għas-servizz pubbliku, x'aktarx li dawn jiġu operati biss fl-eqqel staġun. Ecorys waslet għal konklużjoni simili fir-rapport tagħha, fejn iddikjarat li dawk ir-rotot ma humiex ekonomikament vijabbli (ara l-premessa (119)). Barra minn hekk, il-Kummissjoni taċċetta li fid-dawl tal-proċess għall-privatizzazzjoni ta' Siremar, l-estensjoni tal-kuntratt ta' servizz pubbliku eżistenti kienet l-uniku mod biex tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizzi pubbliċi sat-tlestija ta' dik il-privatizzazzjoni.

(456) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma għamlet l-ebda żball ovvju meta ddefinixxiet is-servizzi fdati lil Siremar matul il-perjodu ta' estensjoni bħala SGEI. B'hekk, id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 huma eliminati.

8.3.1.3. Il-ħtieġa ta' att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens

(457) Kif indikat fit-Taqsima 2.3 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, ir-responsabbiltà għall-operat ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, skont it-tifsira tal-Artikolu 106 tat-TFUE, trid tiġi fdata lill-impriża kkonċernata permezz ta' att uffiċjali wieħed jew aktar.

(458) Dawn l-atti jridu jispeċifikaw, b'mod partikolari:

(a) In-natura preċiża tal-obbligu ta' servizz pubbliku u d-durata tiegħu;

(b) L-impriża u t-territorju kkonċernati;

(c) In-natura tad-drittijiet esklussivi;

(d) Il-parametri għall-kalkolu, għall-kontroll u għar-rieżami tal-kumpens;

(e) L-arranġamenti sabiex jiġi evitat u jitħallas lura kwalunkwe kumpens żejjed.

(459) Fid-Deċiżjonijiet tagħha tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk l-att ta' inkarigu kienx jipprevedi deskrizzjoni komprensiva tan-natura tal-obbligi ta' servizz pubbliku ta' Siremar matul il-perjodu ta' estensjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni enfasizzat li ma ġie adottat l-ebda pjan ta' ħames snin, kif meħtieġ mill-Konvenzjoni inizjali, għall-perjodi 2000-2004 u 2005-2008. Minkejja dan, il-Kummissjoni fakkret ukoll li elementi differenti tal-inkarigu jistgħu jiddaħħlu f'diversi atti mingħajr ma tiġi ddubitata l-adegwatezza tad-definizzjoni tal-obbligi. Matul il-perjodu ta' estensjoni, l-att ta' inkarigu ta' Siremar kien jinkludi l-Konvenzjoni inizjali (kif emendata u estiża maż-żmien), il-pjanijiet ta' ħames snin ivvalidati, ċerti deċiżjonijiet *ad hoc* mill-awtoritajiet Taljani, id-Direttiva CIPE u l-Liġi tal-2009.

(460) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-Konvenzjoni inizjali (kif emendata maż-żmien), li tifforma l-qalba tal-att ta' inkarigu ta' Siremar, baqgħet applikabbli għalkollox sat-tlestija tal-privatizzazzjoni, abbażi ta' serje ta' Ordnijiet Amministrattivi (ara l-premessa (436)). Dawk id-dokumenti jispeċifikaw li Siremar ġiet fdata b'obbligi ta' servizz pubbliku sat-tlestija tal-privatizzazzjoni tagħha.

(461) Skont il-Konvenzjoni inizjali, il-pjanijiet ta' ħames snin jispeċifikaw ir-rotot u l-portijiet li għandhom jiġu moqdija, it-tip u l-kapaċità tal-bastimenti li għandhom jintużaw għall-konnessjonijiet marittimi, il-frekwenza tas-servizz u n-nollijiet li għandhom jitħallsu, inklużi nollijiet issussidjati, b'mod partikolari għar-residenti tal-gżejjer iżgħar. Madankollu, l-Italja sostniet li, billi l-investigazzjoni tal-Kummissjoni taħt il-każ numru SA.15631 kienet għadha għaddejja bejn l-1999 u l-2004 dwar il-kumpaniji ta' Tirrenia Group (inkluża Siremar), l-Italja ma adottat l-ebda pjan ta' ħames snin għal dawk il-kumpaniji għall-perjodu 2000-2004 ([171]). Konsegwentement, l-aħħar pjan ta' ħames snin approvat formalment għal Siremar kien dak tas-snin 1995-1999, u Siremar kompliet topera fis-snin ta' wara abbażi tan-network tar-rotot tal-1999. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2004, il-Ministeru tat-Trasport fassal abbozz ta' pjan għall-perjodu 2005-2008. Dan il-pjan ma kienx jinvolvi varjazzjonijiet sinifikanti fin-network tar-rotot jew fl-iskedi tagħhom. Madankollu, billi d-diskussjonijiet preparatorji u x-xogħlijiet għall-privatizzazzjoni imminenti kienu diġà bdew, l-Italja ddeċidiet li ma tapprovahx formalment. Għalhekk, l-obbligi fuq Siremar skont il-Konvenzjoni inizjali komplew japplikaw kif kienu definiti fl-1999 u kkonfermati fid-Digriet tal-2004 (ara l-premessa (40)). Fi kliem ieħor, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni biex jinbidlu ċerti elementi speċifiċi (eż. rotta, frekwenza, tip ta' bastiment) meta mqabbla mal-iskeda fl-2004, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni inizjali kif applikati f'dik is-sena komplew japplikaw bis-sħiħ matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sat-30 ta' Lulju 2012. Barra minn hekk, l-Italja kkonfermat li matul il-perjodu kollu ta' estensjoni, ma nħareġ l-ebda Digriet Inter-Ministerjali biex jiġu emendati n-nollijiet li għandhom jiġu imposti mill-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, inkluża Siremar. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna tal-privatizzazzjoni ta' Tirrenia Group b'mod ġenerali u tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar b'mod partikolari, l-obbligi ta' servizz pubbliku li kellha tikkonforma magħhom Siremar matul il-perjodu ta' estensjoni ġew definiti b'mod ċar biżżejjed.

(462) Il-Kummissjoni diġà nnotat fil-premessi 239 u 240 tad-Deċiżjoni tal-2011 li l-parametri meħtieġa għall-kalkolu tal-ammont tal-kumpens ġew stabbiliti minn qabel u huma deskritti b'mod ċar. B'mod partikolari, għas-sena 2009, il-Konvenzjoni inizjali fiha lista eżawrjenti u preċiża tal-elementi tal-kostijiet li għandhom jitqiesu, kif ukoll il-metodoloġija tal-kalkolu tar-redditu fuq il-kapital għall-operatur (ara l-premessi minn (45) sa (47)). Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Lulju 2012, il-metodoloġija rilevanti hija stabbilita fid-Direttiva CIPE (ara l-premessi minn (48) sa (58)). B'mod partikolari, id-Direttiva CIPE tagħti dettalji dwar l-elementi tal-kostijiet u r-redditu fuq il-kapital li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni, filwaqt li l-Liġi tal-2009 tistabbilixxi li mill-2010 'il quddiem l-ammont massimu ta' kumpens għal Siremar huwa ta' EUR 55 694 895. Fl-aħħar nett, il-Konvenzjoni inizjali żgurat li l-kumpens ikun ibbażat fuq il-kostijiet u d-dħul attwali mġarrba għat-twettiq tas-servizz pubbliku u stabbiliiet li l-kumpens jitħallas f'pagamenti parzjali. B'dan il-mod, il-kumpens żejjed jista' jiġi identifikat u evitat faċilment. Fejn applikabbli, l-Istat imbagħad jista' jirkupra l-kumpens żejjed minn Siremar.

(463) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li għall-perjodu tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, l-atti ta' inkarigu stipulaw definizzjoni ċara tal-obbligi ta' servizz pubbliku, id-durata, l-impriża u t-territorju kkonċernati, il-parametri għall-kalkolu, għall-kontroll u għar-rieżami tal-kumpens, u l-arranġamenti sabiex jiġi evitat u jitħallas lura kwalunkwe kumpens żejjed kif meħtieġ skont il-Qafas SGEI tal-2011.

([171]) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2001, l-awtoritajiet Taljani fasslu pjan ta' ħames snin għal Tirrenia di Navigazione għall-perjodu 2000-2004. Dak il-pjan ġie approvat permezz tad-Digriet Ministerjali tal-20 ta' Settembru 2001.

8.3.1.4. Id-durata tal-perjodu tal-inkarigu

(464) Kif indikat fil-paragrafu 17 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, "it-tul tal-perjodu tal-inkarigu jenħtieġ li jiġi ġustifikat b'referenza għal kriterji oġġettivi bħall-bżonn li jiġu amortizzati assi fissi mhux trasferibbli. Fil-prinċipju, it-tul tal-perjodu tal-inkarigu ma jenħtieġx li jaqbeż il-perjodu meħtieġ għad-deprezzament tal-aktar assi sinifikanti meħtieġa biex jiġi pprovdut l-SGEI."

(465) L-Italja sostniet li d-durata tal-estensjoni hija konformi mal-perjodu meħtieġ għad-deprezzament tal-aktar assi sinifikanti użati fil-forniment tal-SGEI, jiġifieri, il-bastimenti ta' Siremar. B'mod partikolari, id-durata totali tal-Konvenzjoni inizjali, kif estiża, tammonta għal ftit aktar minn 23,5 snin. Il-bastimenti użati minn Siremar għall-operat tas-servizz pubbliku għandhom ħajja utli ([172]) ta' 30 sena (għal laneċ bil-mutur) u 20 sena (għal inġenji tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri biss) u jiġu ddeprezzati matul dan il-perjodu. Barra minn hekk, il-valwazzjoni esperta, li saret fil-kuntest tal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali, indikat li l-bastimenti kienu pjuttost qodma u ddedikati għall-forniment ta' servizzi ta' natura lokali fil-Mediterran. Għalhekk, dawn ma kinux faċilment trasferibbli u, fil-prinċipju, dan jiġġustifika perjodu twil ta' inkarigu. Barra minn hekk, l-Italja fakkret li l-estensjoni mill-1 ta' Jannar 2009 sat-30 ta' Lulju 2012 kienet meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku sat-tlestija tal-privatizzazzjoni.

(466) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tul tal-perjodu ta' inkarigu huwa ġġustifikat biżżejjed u, għalhekk, li l-paragrafu 17 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 huwa rrispettat.

8.3.1.5. Il-konformità mad-Direttiva 2006/111/KE u s-separazzjoni tal-kontijiet

(467) Skont il-paragrafu 18 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011, "l-għajnuna se titqies kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat biss meta l-impriża tikkonforma, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2006/111/KE dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi, kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja f'ċerti impriżi ([173])".

(468) Barra minn hekk, il-paragrafu 44 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirrikjedi li: "Fejn impriża twettaq attivitajiet li jaqgħu kemm ġewwa kif ukoll barra mill-ambitu tal-SGEI, il-kontijiet interni jridu juru separatament l-ispejjeż u d-dħul assoċjati mal-SGEI u dawk tas-servizzi l-oħra li huma konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 31."

(469) Il-Kummissjoni tinnota li l-konformità maż-żewġ paragrafi tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 tirrikjedi separazzjoni xierqa tal-kontijiet min-naħa tal-impriża fdata biex tipprovdi s-servizz. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, l-Italja fakkret li l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-2004 kien jirrikjedi li Siremar tibda tfassal kontijiet separati għal kull rotta mill-1 ta' Jannar 2004 'il quddiem. Fil-kuntest tad-Deċiżjonijiet tal-2001 u tal-2004 u fuq talba tal-Kummissjoni, PriceWaterhouseCoopers ("PWC") ħejjiet studju li jirriproduċi l-kontijiet analitiċi ta' Siremar għall-perjodu 1992-1999, issupplimentat mill-awtoritajiet Taljani biex jinkludi s-snin 2000 u 2001. F'dak il-kuntest, PWC ħarġet opinjoni li tikkonferma li l-metodoloġija użata sabiex jitħejjew dawn il-kontijiet kienet xierqa u konformi mal-prattika kontabilistika applikabbli. Skont l-Italja, Siremar kompliet tipproduċi l-kontijiet analitiċi tagħhom fuq din il-bażi u, għalhekk, ikkonformat mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-2004. Għall-perjodu li qed jiġi vvalutat, l-Italja ppreżentat ukoll il-kontijiet rotta b'rotta ta' Siremar għas-snin 2009 u 2010 bħala evidenza.

(470) Il-Kummissarju Straordinarju ma ħejjiex tali kontijiet għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Lulju 2012. Madankollu, l-Italja kkonfermat li matul il-perjodu ta' estensjoni, Siremar ma wettqet l-ebda attività li taqa' barra mill-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha. Għalhekk, kwalunkwe sussidjar inkroċjat possibbli huwa eskluż. Barra minn hekk, il-Kummissarju Straordinarju ssottometta rapporti finanzjarji trimestrali matul l-2011 u l-2012 lill-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku. Dawn id-dikjarazzjonijiet huma disponibbli fuq is-sit web ta' Siremar f'EA u juru li l-introjti operatorji bejn Settembru 2010 u Ġunju 2012 kienu negattivi (telf totali ta' EUR 0,7 miljun). Barra minn hekk, sa Settembru 2012, dak it-telf kien żdied għal EUR 4,8 miljun. Il-Kummissjoni tqis li din hija indikazzjoni qawwija li fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Lulju 2012, meta ma ġie prodott l-ebda kont linja b'linja, Siremar f'EA ma ġietx ikkumpensata żżejjed (ara wkoll it-Taqsima 8.3.1.6). Il-Kummissjoni tinnota li ż-żewġ objettivi ewlenin tas-separazzjoni tal-kontijiet, jiġifieri l-evitar ta' kumpens żejjed u ta' sussidjar inkroċjat, huma b'hekk miksuba wkoll għal dak il-perjodu.

(471) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna tal-privatizzazzjoni, li twettqet mill-Amministrazzjoni Straordinarja filwaqt li żgurat il-kontinwità tas-servizzi pubbliċi, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 18 u 44 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 ġew irrispettati.

([172]) Kif deċiż mill-Konferenza Interministerjali fit-30 ta' Diċembru 2004. Din id-deċiżjoni estendiet il-perjodu ta' deprezzament inizjalment previst minn 20 għal 30 sena għal mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma u minn 15 għal 20 sena għal inġenji tal-passiġġieri b'veloċità għolja. Il-Konferenza Interministerjali ġiet stabbilita skont l-Artikolu 11 tal-liġi 856/1986, u kienet tinkludi rappreżentanti mill-Ministeru tat-Trasport, mill-Ministeru tal-Ekonomija, u mill-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku.

([173]) ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17.

8.3.1.6. L-ammont tal-kumpens

(472) Il-paragrafu 21 tal-Qafas SGEI tal-2011 jiddikjara li "[l-]ammont ta' kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispiża netta […] għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku, inkluż profitt raġonevoli".

(473) F'dan il-każ, minħabba li mill-inqas parti mill-kumpens tikkostitwixxi għajnuna illegali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tagħha ([174]), il-paragrafu 69 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 jistabbilixxi speċifikament li, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, l-użu tal-metodoloġija tal-kostijiet netti evitati ma huwiex meħtieġ. Minflok, jistgħu jintużaw metodi alternattivi, bħall-metodoloġija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-kostijiet. Skont din l-aħħar metodoloġija, il-kost nett jiġi kkalkolat bħala d-differenza bejn il-kostijiet u d-dħul mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, kif speċifikat u stmat fl-att ta' inkarigu. Il-paragrafi 28 sa 38 tal-Qafas SGEI tal-2011 jistabbilixxu f'aktar dettall kif jenħtieġ li tiġi applikata din il-metodoloġija.

(474) Fid-Deċiżjonijiet tagħha tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi jekk l-ammont ta' kumpens kienx proporzjonat, minħabba li kien għad għandha dubji dwar il-kwalifika ta' whud mis-servizzi pubbliċi fdati lil Siremar bħala SGEI ġenwin. Dawk id-dubji ġew indirizzati fit-taqsima 8.3.1.2.

(475) Madankollu, il-Kummissjoni kienet esprimiet ukoll dubji rigward il-primjum tar-riskju ta' 6,5 %, li kien japplika mill-2010 'il quddiem. B'mod partikolari, il-Kummissjoni staqsiet jekk dan il-primjum jirriflettix livell xieraq ta' riskju, filwaqt li qieset li, *prima facie*, Siremar ma kinitx tidher li tassumi r-riskji normalment imġarrba fl-operat ta' tali servizzi. Tabilhaqq, il-Kummissjoni tfakkar li fid-Deċiżjoni tal-2011 hija kienet tal-fehma preliminari li Siremar setgħet ġiet ikkumpensata żżejjed biss għat-twettiq tal-kompiti ta' servizz pubbliku mill-2010 'il quddiem. Dan ifisser li l-Kummissjoni ma għandhiex bżonn tivvaluta *ex post* jekk kienx hemm xi kumpens żejjed għas-sena 2009 ([175]).

(476) Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk kienx hemm kumpens żejjed matul il-perjodu kollu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-30 ta' Lulju 2012, f'konformità mal-paragrafu 47 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011. Fir-rigward ta' dan il-perjodu, il-Kummissjoni tinnota dan li ġej:

— L-ewwel nett, ir-rapport dwar ir-raġunijiet tal-insolvenza ta' Tirrenia u ta' Siremar, imħejji mill-Amministrazzjoni Straordinarja f'Mejju 2011, jirrapporta li l-kumpens pubbliku lil Siremar skont il-konvenzjoni inizjali, qabel l-2010, kien jammonta għal medja ta' EUR 70 miljun fis-sena. Dan kien jirrappreżenta bejn 70 % u 75 % tal-fatturat ta' Siremar f'dak il-perjodu. Għalhekk, Siremar kienet kważi dipendenti għalkollox fuq il-kumpens għas-servizz pubbliku biex twettaq l-operazzjonijiet tagħha. Tabilhaqq, filwaqt li Siremar kienet qed tiddependi dejjem aktar fuq il-kumpens pubbliku bejn l-1999 u l-2008, kumpens annwali limitat għal EUR 55,7 miljun ma kienx ikun biżżejjed sabiex hija tkun tista' tissodisfa l-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha fit-tul. B'mod partikolari, ir-rapport jinnota kif il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kumpens pubbliku skont il-Konvenzjoni inizjali, applikata sal-2009, dejjem ippermettiet lil Siremar tippremja kif xieraq il-fatturi kollha tal-produzzjoni tagħha (jiġifieri, il-kapital u x-xogħol), minkejja l-kisba, bħala medja, ta' rata baxxa ta' redditu fuq l-ekwità. Madankollu, dik il-metodoloġija ma baqgħetx tapplika mill-2010. Għall-kuntrarju, bdiet tapplika l-metodoloġija l-ġdida stabbilita fid-Direttiva CIPE u fil-Liġi tal-2009, li kienet tinkludi limitu massimu li għal Siremar ġie stabbilit għal ammont konsiderevolment aktar baxx mill-kumpens medju riċevut matul l-għaxar snin preċedenti;

— It-tieni, id-dokumenti sottomessi juru li, għall-2010, Siremar kienet talbet madwar EUR 66 miljun, iżda l-Italja approvat biss kumpens ta' EUR 55,7 miljun. Barra minn hekk, dak l-ammont ifisser li l-kumpens naqas bi 17 % bejn l-2009 u l-2010, meta daħlet fis-seħħ il-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tal-kumpens, flimkien ma' limitu massimu fiss. Jekk il-paragun huwa bejn l-2008-2009 u l-2010-2011, id-differenza hija saħansitra aktar qawwija: il-kumpens naqas b'persentaġġ sinifikanti ta' 22 % matul dak il-perjodu;

— It-tielet, abbażi tal-kontijiet rotta b'rotta mħejjija minn Siremar għall-2010, il-Kummissjoni tinnota li, fl-2010, Siremar irrapportat riżultat operattiv pożittiv ta' madwar EUR 5,9 miljun. L-Italja ċċarat li dan l-ammont kien ugwali għall-ROIC, ikkalkolat bl-applikazzjoni ta' rata ta' 7,6 % għal kapital investit ta' EUR 77,5 miljun. Il-Kummissjoni tinnota li l-kapital investit irrapportat għall-2010 huwa aktar mid-doppju tal-kapital investit annwali medju rrapportat minn CdI u aktar tard minn SNS (ara n-nota 135 f'qiegħ il-paġna), u li r-rata hija

([174]) Kif stabbilit fil-premessa (440). Il-legalità tal-għajnuna mogħtija għar-rotot l-oħrajn se tiġi eżaminata aktar fit-Taqsima 8.3.1.8.

([175]) L-awtoritajiet Taljani pprovdew xi informazzjoni relatata ma' dik is-sena: il-kalkolu tal-ammont ta' kumpens għall-2009, jiġifieri EUR 67 miljun, li ġie ddeterminat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fil-Konvenzjoni inizjali, u l-kontijiet linja b'linja. Għal dik is-sena, Siremar kienet talbet madwar EUR 72,2 miljun, iżda l-Italja rrifjutat uħud mill-kostijiet proposti, minħabba li ma kinux eliġibbli skont il-metodoloġija applikabbli. L-ammont mogħti ta' EUR 67 miljun kien jirrappreżenta tnaqqis konsiderevoli mill-ammont ta' kumpens approvat għall-2008 (jiġifieri EUR 75,4 miljun). L-Italja ċċarat ukoll li l-ROIC ġie kkalkolat għal EUR 2,9 miljun, bl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni inizjali. Dan l-ammont żdied mal-kostijiet totali biex jiġi ddeterminat il-kumpens ta' EUR 67 miljun.

ogħla mill-primjum tal-kapital ta' riskju ta' 6,5 % stabbilit mid-Direttiva CIPE, iżda aktar baxxa mir-rata li tirriżulta mill-applikazzjoni sħiħa tal-metodoloġija CIPE (jiġifieri, 8,87 %, ara l-premessa (218)). Kieku ġiet applikata r-rata ta' 6,5 %, kien ikun hemm ROIC ta' EUR 5 miljun biss. B'hekk, il-Kummissjoni tinnota li Siremar kienet ikkumpensata żżejjed b'madwar EUR 0,9 miljun għall-2010;

— Ir-raba', wara li Siremar daħlet f'Amministrazzjoni Straordinarja f'Settembru 2010 (f'dan il-każ, proċedura ta' likwidazzjoni), ir-rapporti finanzjarji tal-2010, tal-2011 u tal-2012 ma tħejjewx. L-istess japplika għall-kontijiet linja b'linja għall-2011 u għall-2012. Għall-kuntrarju, u skont il-liġi applikabbli, l-Amministrazzjoni Straordinarja ħejjiet u ppreżentat rapporti trimestrali lill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, jiġifieri l-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku. Dawn ir-rapporti juru li l-introjti operatorji totali bejn Settembru 2010 u Ġunju 2012 kienu negattivi, b'telf ta' EUR 0,7 miljun. Sa Settembru 2012, jiġifieri wara t-trasferiment tal-fergħa kummerċjali lil CdI, dak it-telf operazzjonali kien żdied għal EUR 4,8 miljun. Għalhekk, Siremar kienet qed iġġarrab telf minħabba li baqgħet topera l-obbligi ta' servizz pubbliku waqt li kienet għaddejja l-proċedura ta' bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Filwaqt li l-Kummissjoni tesprimi dispjaċir li ma tħejjewx kontijiet linja b'linja għall-2011 u għall-ewwel nofs tal-2012, l-Italja kkonfermat li Siremar ma kienet qed topera l-ebda servizz barra mill-obbligi ta' servizz pubbliku tagħhom matul l-estensjoni. Billi r-riżultati finanzjarji ġenerali għall-perjodu bejn Settembru 2010 u Settembru 2012 kienu negattivi, dawk id-dokumenti jissuġġerixxu bil-qawwa li Siremar ma kinitx ikkumpensata żżejjed fil-perjodu wara li daħlet f'Amministrazzjoni Straordinarja, u li l-kumpens żejjed limitat li rċeviet fl-2010 intilef fis-snin ta' wara.

(477) F'dan l-isfond, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna tal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, u abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Taljani, il-Kummissjoni tinnota li l-kumpens żejjed limitat li identifikat għall-2010 kien ikkonsmat mit-telf tal-perjodu sussegwenti. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li Siremar ma kinitx ikkumpensata żżejjed fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-30 ta' Lulju 2012 ikkunsidrat b'mod kumplessiv. Billi l-Kummissjoni kienet esprimiet dubji fid-Deċiżjoni tagħha tal-2011 dwar il-kumpens żejjed potenzjali lil Siremar biss għal dak il-perjodu, il-Kummissjoni tqis li d-dubji tagħha dwar din il-kwistjoni tneħħew.

(478) Il-paragrafu 49 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-kumpens mogħti għall-operat tal-SGEI ma jirriżultax fir-riċevuta ta' kumpens żejjed mill-impriżi (kif iddefinit fil-paragrafu 47 ta' dak il-Qafas). Tabilħaqq, l-Istati Membri jridu jipprovdu evidenza fuq talba mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, huma jridu jwettqu kontrolli regolari, jew jiżguraw li tali kontrolli jitwettqu, fi tmiem il-perjodu ta' inkarigu u, fi kwalunkwe każ, f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet snin. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Taljani pprovdew l-evidenza meħtieġa kif deskritt hawn fuq (ara l-premessi (469) u (470)). Tabilħaqq, fl-2009 u fl-2010, Siremar issottomettiet il-kontijiet rotta b'rotta tagħha lill-ministeru superviżorju, li ppermettew lil dan tal-aħħar jirrevedi l-ammont ta' kumpens. Mis-17 ta' Settembru 2010 'il quddiem, il-preżenza tal-Kummissarju Straordinarju, maħtur mill-Istat Taljan, soġġett għal regoli dettaljati skont il-liġi nazzjonali u b'responsabbiltà ċivili u kriminali, ipprovdiet salvagwardja oħra kontra l-kumpens żejjed. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-kumpens jitħallas f'pagamenti parzjali; li l-ħlas finali jsir abbażi tal-kostijiet u d-dħul attwali tas-sena; u li, wara l-25 ta' Novembru 2010, b'deċiżjoni tal-Konferenza Interdipartimentali, kwalunkwe ammont ta' kumpens żejjed jitnaqqas minn pagamenti futuri ta' sussidju bil-quddiem (ara l-premessa (43)). F'dan l-isfond, filwaqt li Siremar kienet ikkumpensata żżejjed fl-2010, il-Kummissjoni tinnota li l-kumpens żejjed xorta waħda kien ikkonsmat fis-snin ta' wara, minħabba li Siremar f'EA kienet qed iġġarrab telf (ara l-premessa (476)). Għalhekk, ma ngħata l-ebda kumpens żejjed għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-30 ta' Lulju 2012 ikkunsidrat b'mod kumplessiv. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tikkonkludi li, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna tal-privatizzazzjoni, li twettqet mill-Amministrazzjoni Straordinarja, filwaqt li jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi pubbliċi, il-miżuri deskritti hawn fuq jistgħu jitqiesu biżżejjed biex jiġi evitat u identifikat kumpens żejjed.

(479) Abbażi tal-elementi deskritti hawn fuq (ara l-premessi (472) sa (478)), il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima 2.8 tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 (Ammont ta' kumpens) huma rrispettati.

8.3.1.7. Il-prijorità tal-irmiġġ

(480) Il-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009 jispeċifika b'mod ċar li l-prijorità tal-irmiġġ hija meħtieġa biex tiggarantixxi l-kontinwità territorjali mal-gżejjer u fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku tal-kumpaniji tal-eks Tirrenia Group, inkluża Siremar. Tabilħaqq, jekk ma jkun hemm l-ebda rmiġġ ta' prijorità għall-kumpaniji fdati b'obbligi ta' servizz pubbliku, jista' jkun li (xi drabi) dawn ikollhom jistennew meta jkun imisshom biex jittrakkaw u, b'hekk, iġarrbu dewmien, li jwassal biex jintilef l-iskop li tiġi żgurata konnettività affidabbli u konvenjenti liċ-ċittadini. Fil-każ ta' Siremar, skeda ta' żmien regolari hija tabilħaqq

meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mobbiltà tal-popolazzjoni tal-gżejjer iżgħar u biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, billi Siremar kienet soġġetta għal obbligi speċifiċi ta' skedar tal-ħin skont il-Konvenzjoni inizjali, il-prijorità tal-irmiġġ għenet biex jiġi żgurat li l-portijiet allokaw l-irmiġġi u l-ħinijiet tal-irmiġġ b'tali mod li jippermetti lil Siremar tirrispetta l-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku.

(481) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura tingħata biex tippermetti lil Siremar twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha li jikkostitwixxu SGEI ġenwin (ara l-premessa (456)). Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li l-prijorità tal-irmiġġ hija applikabbli biss għal servizzi pprovduti taħt ir-reġim tas-servizz pubbliku, u li Siremar ma kienet qed topera l-ebda servizz barra mill-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha matul l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali. Il-Kummissjoni diġà vvalutat fid-dettall il-kompatibbiltà tal-SGEI u l-kumpens relatat għal Siremar matul l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali (ara l-premessi (444) sa (479)). B'hekk, il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tagħha tal-prijorità tal-irmiġġ tista' tkun limitata biex jiġi stabbilit jekk din il-miżura tistax tirriżulta f'kumpens żejjed jew le.

(482) L-Italja ssostni li kwalunkwe vantaġġ monetarju possibbli mill-prijorità tal-irmiġġ ma jistax jiġi kkwantifikat (ara l-premessa (227)). Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tinnota li, sa fejn din il-miżura tnaqqas il-kostijiet operatorji jew iżżid id-dħul tal-operatur tas-servizz pubbliku, dawn l-effetti jkunu riflessi bis-sħiħ fil-kontijiet interni tal-operatur. Għalhekk, il-kontrolli tal-kumpens żejjed li ġew applikati għal Siremar kif deskritt hawn fuq (ara t-Taqsima 8.3.1.6) huma wkoll adattati biex jidentifikaw kwalunkwe kumpens żejjed possibbli li jirriżulta mill-prijorità tal-irmiġġ.

(483) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-prijorità tal-irmiġġ, li hija marbuta b'mod inseparabbli mal-SGEI mwettaq minn Siremar, hija kompatibbli wkoll mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE u tal-Qafas tal-SGEI tal-2011.

8.3.1.8. Il-konformità mad-Deċiżjoni SGEI tal-2005

(484) Kif spjegat fil-premessa (440), it-traffiku annwali medju matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha ġie assenjat l-SGEI ma qabiżx 300 000 passiġġier fuq il-pakketti ta' rotot li ġejjin:

— Trapani – Pantelleria (D4 b'rotta mħallta)

— Porto Empedocle – il-Gżejjer Pelagie (D5 b'rotta mħallta),

— Palermo – Ustica, jiġifieri, (D1 b'rotta mħallta u ALD/1 b'rotta għal passiġġieri biss).

(485) Għalhekk, għar-rotot D1, D4, D5, ALD/1, ir-rekwiżit tal-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 huwa ssodisfat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 li jirrikjedi l-konformità mar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu huwa ssodisfat ukoll ([176]). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn l-erba' rotot jistgħu jiġu vvalutati abbażi tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005.

(486) Il-Kummissjoni diġà stabbiliet aktar 'il fuq (ara t-taqsima 8.3.1.3) li għall-perjodu tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, l-atti ta' inkarigu stipulaw definizzjoni ċara tal-obbligi ta' servizz pubbliku, id-durata, l-impriża u t-territorju kkonċernati, il-parametri għall-kalkolu, għall-kontroll u għar-rieżami tal-kumpens, u l-arranġamenti sabiex jiġi evitat u jitħallas lura kwalunkwe kumpens żejjed. Għalhekk, għar-rotot D1, D4, D5, ALD/1, l-Artikolu 4 (Inkarigu) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 huwa rrispettat.

(487) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet (ara t-Taqsima 8.3.1.6) li (i) Siremar ma kinitx ikkumpensata żżejjed fil-perjodu ta' estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, meħud kollu kemm hu, u (ii) li l-awtoritajiet Taljani wettqu kontrolli regolari biex jevitaw li Siremar tkun irċeviet kumpens żejjed. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ssib li l-Artikolu 5 (Kumpens) u l-Artikolu 6 (Kontroll tal-kumpens żejjed) tad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005 huma rrispettati għar-rotot D1, D4, D5, ALD/1.

(488) Minħabba r-rabta inseparabbli mat-twettiq tas-servizz pubbliku u fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq (ara t-Taqsima 8.3.1.7), anke l-prijorità tal-irmiġġ mogħtija għall-operat tar-rotot D1, D4, D5, ALD/1 tikkonforma mad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005.

8.3.1.9. Konklużjoni

(489) Abbażi tal-valutazzjoni fil-premessi minn (436) sa (483), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens mogħti lil Siremar għall-forniment tas-servizzi marittimi soġġett għall-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-1 ta' Awwissu 2012, kif ukoll il-prijorità tal-irmiġġ marbuta b'mod inseparabbli, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet applikabbli tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 u, għalhekk, huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106 tat-TFUE.

([176]) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tfakkar li dawn l-erba' rotot instabu li jikkostitwixxu SGEI ġenwin (ara t-Taqsima 8.3.1.2) u li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-obbligi ta' servizz pubbliku kif stabbiliti mir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni aċċettat l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ta' Siremar fid-dawl tal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' dik il-kumpanija u, għalhekk, l-opinjoni motivata tagħha tal-21 ta' Ġunju 2012 ma kinitx tikkonċerna lil Siremar (ara l-premessa (143)).

(490) Barra minn hekk, abbażi tal-valutazzjoni fil-premessi minn (484) sa (488), il-kumpens mogħti lil Siremar u l-prijorità tal-irmiġġ għall-operat tar-rotot D1, ALD/1, D4, D5 matul il-perjodu ta' estensjoni huma kompatibbli wkoll mas-suq intern u eżentati mill-obbligu ta' notifika minn qabel skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005.

8.3.2. *Estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar*

(491) Abbażi tad-Deċiżjoni tal-2010, l-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar, sa fejn hija limitata għall-perjodu ta' sitt xhur li skada fit-28 ta' Awwissu 2011, kienet kompatibbli mas-suq intern. Madankollu, f'konformità mal-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, l-Italja kienet meħtieġa tikkomunika lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur, jew (i) prova li s-self kien ġie rrimborżat kollu u/jew li l-garanzija kienet ġiet itterminata jew (ii) pjan ta' ristrutturar (jew likwidazzjoni).

(492) Il-garanzija ntalbet fil-11 ta' Lulju 2011 u Siremar irrimborżat biss l-ammont sħiħ dovut lill-Istat fit-18 ta' Settembru 2012 (ara l-premessa (65)). Għalhekk, l-Italja ma setgħetx tagħti prova li s-self tħallas lura kollu u/jew li l-garanzija ġiet itterminata matul il-perjodu ta' sitt xhur li skada fit-28 ta' Awwissu 2011.

(493) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Italja (ara t-Taqsima 4.2) matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, pjan ta' likwidazzjoni għal Siremar kien ikun disponibbli fuq is-sit web ta' Siremar f'EA qabel ma jiskadi t-terminu ta' sitt xhur stabbilit mil-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar. Barra minn hekk, l-Italja ssostni li f'kull ħin hija żammet lill-Kummissjoni aġġornata dwar il-progress tal-proċess ta' privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar.

(494) L-informazzjoni fil-fajl tal-każ tal-Kummissjoni tikkonferma li l-awtoritajiet Taljani fil-fatt aġġornaw lill-Kummissjoni dwar il-privatizzazzjoni li kienet għadha għaddejja tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar. Barra minn hekk, l-Italja kkonfermat ukoll l-intenzjoni ta' Siremar li tħallas lura l-għajnuna għas-salvataġġ qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur bl-użu tar-rikavat minn din il-privatizzazzjoni. Madankollu, l-awtoritajiet Taljani ma ppreżentawx formalment lill-Kummissjoni pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni. F'dak iż-żmien, il-Kummissjoni ma kinitx konxja li kien ġie ppubblikat pjan ta' likwidazzjoni fuq is-sit web ta' Siremar f'EA. Barra minn hekk, il-fatt li l-Kummissjoni ġiet informata dwar il-proċess ta' privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar ma jistax jissostitwixxi s-sottomissjoni formali ta' pjan ta' likwidazzjoni. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni trid tingħata l-opportunità li tivvaluta jekk il-pjan ta' likwidazzjoni jikkonformax mal-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar u, għalhekk, dan kellu jiġi ppreżentat formalment mill-Italja.

(495) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li fil-5 ta' Ottubru 2011 hija kienet baġħtet ittra li fiha talbet lill-Italja tikkonferma li kienet ikkonformat mar-rekwiżiti tal-Linji Gwida tal-2004 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar u mad-Deċiżjoni tal-2010. Il-Kummissjoni baġħtet ittra ta' tfakkira lill-Italja fit-28 ta' Novembru 2011 u rċiviet risposta mill-awtoritajiet Taljani fit-12 ta' Diċembru 2011. Għalhekk, sa fejn hija kkonċernata l-Kummissjoni, sad-data msemmija l-aħħar (u, b'hekk, wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur), l-Italja ma kinitx issottomettiet, la (i) prova li s-self kien ġie rrimborżat kollu u/jew li l-garanzija kienet ġiet itterminata u lanqas (ii) pjan ta' ristrutturar (jew likwidazzjoni).

(496) Fit-tweġiba tagħha għall-ittra tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2011, l-Italja kkonfermat li l-intenzjoni tagħha kienet li Siremar tħallas lura l-għajnuna għas-salvataġġ qabel it-28 ta' Awwissu 2011, wara l-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia, iżda li l-proċess ta' privatizzazzjoni ta' din tal-aħħar kien ġie ttardjat minħabba l-ħtieġa li tinkiseb approvazzjoni tal-fużjoni mill-Kummissjoni. Billi r-rikavat mill-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia kien meħtieġ biex jitħallas lura l-Istat, il-ħlas lura ma setax isir qabel l-iskadenza tad-data tal-għeluq fit-28 ta' Awwissu 2011. Il-Kummissjoni tirrimarka li fl-ittra tagħhom tat-12 ta' Diċembru 2011, l-awtoritajiet Taljani ma rreferew xejn għall-pjan ta' likwidazzjoni ta' Siremar li, skont is-sottomissjonijiet sussegwenti tagħhom, kien ikun diġà disponibbli għall-pubbliku qabel it-28 ta' Awwissu 2011. Minflok, l-Italja pprovat tispjega biss għaliex il-ħlas lura ma setax iseħħ qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur. Madankollu, kieku l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni lill-Kummissjoni qabel it-28 ta' Awwissu 2011, ma kienx ikollhom għalfejn jipprovdu dawn l-ispjegazzjonijiet. Il-Kummissjoni tieħu dan bħala evidenza ulterjuri li l-Italja ma ssottomettietx pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni fil-perjodu meħtieġ ta' sitt xhur.

(497) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, anke jekk il-Kummissjoni kienet konxja dwar il-proċess ta' privatizzazzjoni, l-Italja ma kkonformatx mal-impenn tagħha fid-Deċiżjoni tal-2010 li tikkomunika lill-Kummissjoni pjan ta' ristrutturar (jew ta' likwidazzjoni) fi żmien sitt xhur wara li tkun ġiet awtorizzata l-għajnuna għas-salvataġġ. Bħala riżultat ta' dan, mill-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur fit-28 ta' Awwissu 2011, l-għajnuna għas-salvataġġ trid

titqies bħala għajnuna illegali u inkompatibbli. Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna għas-salvataġġ estiża b'mod illegali ma tistax tinstab li hija kompatibbli għal raġunijiet oħrajn minħabba li hija la tikkonforma mal-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar u lanqas ma' dawk tal-Qafas tal-SGEI tal-2011 ([177]).

(498) Tabilħaqq, f'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna għas-salvataġġ estiża illegalment ma ngħatatx għal servizz ġenwin u ddefinit b'mod korrett ta' interess ekonomiku ġenerali, kif meħtieġ mill-paragrafu 12 tal-Qafas SGEI tal-2011. Siremar diġà rċeviet kumpens għall-operat ta' servizzi pubbliċi abbażi tal-Konvenzjoni inizjali (kif estiża), filwaqt li l-għajnuna għas-salvataġġ ġiet innotifikata u approvata bħala miżura temporanja ta' għajnuna għas-salvataġġ u mhux bħala kumpens għal SGEI. Għalhekk, hija ma tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli abbażi tal-Qafas tal-SGEI tal-2011.

(499) Fl-isfond ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tinnota li Siremar f'EA diġà rrimborżat ammont ta' EUR 15 511 529,35 fit-18 ta' Settembru 2012. Dan il-ħlas qabeż l-ammont ta' EUR 15 121 838,33 ([178]) diġà dovut lill-Istat fil-11 ta' Lulju 2011. Madankollu, minħabba li l-għajnuna għas-salvataġġ estiża b'mod illegali kienet instabet li hija inkompatibbli, il-ħlas lura jrid jinkludi mill-inqas l-ammont tal-imgħax tal-irkupru. Jekk l-imgħax diġà mħallas minn Siremar f'EA ma jkunx biżżejjed, l-ammont tal-imgħax li jifdal xorta jkollu jiġi rkuprat.

8.3.3. *L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni*

(500) Il-Kummissjoni kkonkludiet hawn fuq (ara l-premessi minn (419) sa (430)) li l-eżenzjonijiet mit-taxxa korporattiva fuq ir-rikavat mill-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, għal Siremar, u mit-taxxi indiretti fuq it-trasferiment tal-istess fergħa kummerċjali, għal Siremar u SNS, li ngħataw permezz tal-Liġi tal-2010, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lil Siremar u SNS.

(501) Fiż-żewġ każijiet, l-għajnuna hija ugwali għad-differenza bejn it-taxxa normalment dovuta għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet u t-taxxa effettivament imħallsa. Għalhekk, il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mill-Istat għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 107 tat-TFUE u l-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

(502) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tqis li l-ebda waħda minn dawn l-eżenzjonijiet ma tista' tinstab li hija kompatibbli abbażi ta' kwalunkwe waħda mid-derogi previsti mill-Artikolu 107(2) u (3) tat-TFUE.

(503) It-tieni, il-Kummissjoni tinnota li dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar huma miżuri ta' darba relatati ma' trasferiment ta' assi li kien parti mir-riorganizzazzjoni u l-privatizzazzjoni usa' ta' Tirrenia Group. Bħala tali, il-Kummissjoni tqis li din l-għajnuna ma hijiex marbuta b'mod inseparabbli mal-SGEI mwettaq minn Siremar u aktar tard minn SNS u, għalhekk, ma jenħtieġx li tiġi vvalutata taħt l-istess bażi ta' kompatibbiltà. Tabilħaqq, dawn l-eżenzjonijiet ma humiex relatati mal-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, kif definit fil-Konvenzjoni inizjali jew fil-Konvenzjoni l-ġdida ([179]). Għalhekk, ir-raġunijiet għall-kompatibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 106(2) tat-TFUE ma jistgħux jiġu invokati.

(504) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-eżenzjonijiet mit-taxxa ta' Siremar u ta' SNS jikkostitwixxu għajnuna operatorja li tnaqqas il-kostijiet li Siremar f'EA u SNS altrimenti kien ikollhom iġorru mir-riżorsi tagħhom stess u, b'hekk, huma inkompatibbli mas-suq intern ([180]).

8.3.4. *Il-konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna*

(505) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li:

— il-kumpens mogħti lil Siremar u l-prijorità tal-irmiġġ għall-operat tar-rotot marittimi fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-1 ta' Awwissu 2012 huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106 tat-TFUE, il-Qafas tal-SGEI tal-2011 u għal erba' rotot raggruppati fi tliet pakketti, anke skont id-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005;

— l-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar ġiet estiża illegalment fil-perjodu mit-28 ta' Awwissu 2011 sat-18 ta' Settembru 2012 (meta tħallset lura) u hija inkompatibbli mas-suq intern;

— L-eżenzjoni ta' Siremar mit-taxxi indiretti fuq l-operazzjonijiet u l-atti relatati mat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS, u mit-taxxa korporattiva fuq ir-rikavat minn dak it-trasferiment, tikkostitwixxi għajnuna operatorja inkompatibbli lil Siremar;

([177]) anke jekk din l-għajnuna tkun ingħatat qabel id-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida tal-2014 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, skont il-paragrafu 139 ta' dawk il-Linji Gwida, meta teżamina l-għajnuna lill-fornituri tal-SGEI f'diffikultà, bħal Siremar, il-Kummissjoni trid tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-2014 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar, irrispettivament mid-data meta tkun ingħatat l-għajnuna. Meta l-Kummissjoni tivvaluta l-kompatibbiltà skont il-Linji Gwida tal-2014 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ta' għajnuna mogħtija lil fornituri tal-SGEI f'diffikultà qabel il-31 ta' Jannar 2012, tali għajnuna titqies kompatibbli mas-suq intern jekk tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Qafas SGEI tal-2011, bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 9, 14, 19, 20, 24, 39 u 60.

([178]) Dan l-ammont kien jinkludi l-imgħax dovut lill-Istat għal ammont ta' EUR 11 367,51, għall-perjodu bejn it-30 ta' Ġunju 2011 u l-11 ta' Lulju 2011.

([179]) *Ad abundantiam*, fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lil Siremar permezz ta' dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa, il-Kummissjoni tinnota li, fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, Siremar f'EA la għadha twettaq SGEI u lanqas xi attività ekonomika oħra.

([180]) Il-Kawża C-301/87 *Franza vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1990:67, il-punt 41.

— il-ħlas minn SNS ta' tariffa fissa għar-reġistrazzjoni tal-kuntratt għax-xiri tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar skont il-Liġi tal-2010, minflok it-tariffa normalment dovuta skont il-liġi nazzjonali, jikkostitwixxi għajnuna operatorja inkompatibbli lil SNS.

8.4. **Reazzjoni għas-sottomissjonijiet ta' CdI**

(506) Kif deskritt hawn fuq (ara t-Taqsima 6), CdI għamlet tliet sottomissjonijiet lill-Kummissjoni. Dawn is-sottomissjonijiet saru wara l-iskadenza tad-dati tal-għeluq għall-partijiet terzi interessati biex jikkummentaw dwar id-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012.

(507) Il-Kummissjoni tinnota dan li ġej fir-rigward tal-argumenti mqajma minn CdI fis-sottomissjonijiet tagħha:

— Fir-rigward tad-*data* pprovduta dwar ir-rotot li kienet topera fil-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni tikkonferma li hija qieset dik l-informazzjoni fil-valutazzjoni tagħha;

— Fir-rigward tal-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, inkluż jekk dan sarx bil-prezz tas-suq, il-Kummissjoni tinnota li, fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet Taljani u CdI kienu diġà rrevokaw kemm il-kuntratt tal-bejgħ oriġinali kif ukoll il-Konvenzjoni l-ġdida, u li dik il-Konvenzjoni, raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, finalment ingħatat lil SNS. Kif stabbilit fil-premessa (295), il-konklużjoni tal-investigazzjoni dwar l-għoti inizjali tal-Konvenzjoni l-ġdida, raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, lil CdI, matul il-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-10 ta' April 2016, tkun loġikament impossibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni ma hijiex se tikkummenta dwar il-kontribuzzjonijiet minn CdI dwar il-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar;

— Fir-rigward tal-affermazzjoni implikata f'diversi ittri ta' CdI li l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuqha mill-Konvenzjoni l-ġdida għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-10 ta' April 2016 huma SGEI ġenwini, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (351) li dawk l-obbligi ta' servizz pubbliku, kif fdati lil SNS, iwieġbu għad-domanda ġenwina tal-utenti, jindirizzaw falliment reali tas-suq u jistgħu jitqiesu bħala li jikkostitwixxu l-approċċ l-inqas dannuż. Madankollu, billi l-Kummissjoni tinnota li minħabba li l-Konvenzjoni l-ġdida bejn l-Italja u CdI ġiet irrevokata u l-obbligi ta' servizz pubbliku eventwalment ingħataw lil SNS, għall-istess raġunijiet espressi hawn fuq, ma huwiex possibbli li jiġi vvalutat separatament jekk l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq CdI mill-Konvenzjoni l-ġdida jirrappreżentawx SGEI ġenwin. Għalhekk, il-Kummissjoni ma hijiex se tikkummenta dwar il-kontribuzzjonijiet minn CdI dwar din il-kwistjoni;

— Fir-rigward tal-kontrogaranzija u ż-żieda fil-kapital, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessi (408) u (413) li l-investigazzjoni dwar dawn il-miżuri ma għad għandha l-ebda skop. Għalhekk, il-Kummissjoni ma hijiex se tikkummenta dwar il-kontribuzzjonijiet minn CdI dwar dawn il-miżuri;

— Fir-rigward tad-diskontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u CdI, il-Kummissjoni tinnota li minħabba li l-fergħa kummerċjali ta' Siremar u l-Konvenzjoni l-ġdida eventwalment ingħataw lil SNS, għall-istess raġunijiet espressi hawn fuq, ma huwiex meħtieġ li tiġi vvalutata separatament l-eżistenza ta' kwalunkwe kontinwità ekonomika potenzjali bejn Siremar f'EA u CdI. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni se tivvaluta fit-Taqsima 11 l-eżistenza ta' kwalunkwe kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u SNS ([181]). Barra minn hekk, u bħala argument addizzjonali, il-Kummissjoni tinnota li CdI bħalissa tinsab f'likwidazzjoni u hija inattiva. Bħala tali, l-investigazzjoni, fil-każ preżenti ta' għajnuna mill-Istat, dwar kwalunkwe għajnuna mogħtija lilha tkun mingħajr skop. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li anke l-valutazzjoni ta' kwalunkwe kontinwità ekonomika potenzjali bejn Siremar f'EA u CdI ma jkollha l-ebda skop. Għalhekk, il-Kummissjoni ma hijiex se tikkummenta dwar il-kontribuzzjonijiet minn CdI dwar id-diskontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u CdI.

9. **KONKLUŻJONI**

(508) Il-Kummissjoni ssib li l-Italja implimentat illegalment uħud mill-miżuri ta' għajnuna li qed jiġu vvalutati bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Abbażi tal-valutazzjoni msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kumpens għas-servizz pubbliku mogħti lil Siremar skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali huwa kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106 tat-TFUE. Barra minn hekk, billi l-prijorità tal-irmiġġ hija marbuta b'mod inseparabbli mat-twettiq tal-SGEI minn Siremar, dik il-miżura hija kompatibbli wkoll mas-suq intern skont l-Artikolu 106 tat-TFUE. Għal erbgħa mill-20 rotta ta' servizz pubbliku kkonċernati, l-Italja kienet eżentata mill-obbligu ta' notifika minn qabel previst fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE minħabba li l-kumpens għas-servizz pubbliku u l-prijorità tal-irmiġġ mogħtija lil Siremar għall-operat ta' dawn l-erba' rotot kienu konformi mad-Deċiżjoni dwar l-SGEI tal-2005.

([181]) Inċidentalment, il-Kummissjoni tinnota li billi l-fergħa kummerċjali ġiet irritornata lil Siremar f'EA u mbagħad ingħatat lil SNS, flimkien mal-Konvenzjoni l-ġdida, ma hemm l-ebda kwistjoni ta' kontinwità ekonomika potenzjali bejn CdI u SNS, li huma żewġ partijiet distinti fi proċedura ta' offerti.

(509) Madankollu, l-għajnuna għas-salvataġġ lil Siremar, li ġiet estiża illegalment fil-perjodu mit-28 ta' Awwissu 2011 sat-18 ta' Settembru 2012, hija inkompatibbli mas-suq intern. Fl-aħħar nett, l-eżenzjoni mit-taxxi indiretti fuq l-operazzjonijiet u l-atti relatati mat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, għal Siremar u SNS, u mit-taxxa korporattiva, fuq ir-rikavat mill-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, għal Siremar, tikkostitwixxi wkoll għajnuna operatorja lil Siremar u SNS li hija inkompatibbli mas-suq intern.

(510) Din id-Deċiżjoni ma tikkonċernax u lanqas ma tippreġudika xi kwistjoni oħra koperta mid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 jew li nġiebet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni minn partijiet interessati matul l-investigazzjoni miftuħa taħt dawk id-Deċiżjonijiet.

10. **L-IRKUPRU**

(511) Skont it-TFUE u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qrati tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jbiddel jew jabolixxi l-għajnuna meta jkun sab li din hija inkompatibbli mas-suq intern ([182]). Il-Qrati tal-Unjoni sostnew ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jabolixxi l-għajnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa maħsub biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ([183]).

(512) F'dan il-kuntest, il-Qrati tal-Unjoni stabbilew li dan l-objettiv jintlaħaq ladarba l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija permezz ta' għajnuna illegali, u b'hekk jirrinunzja l-vantaġġ li huwa kien gawda fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq intern, kif ukoll titreġġa' lura s-sitwazzjoni li kien hemm qabel tħallset l-għajnuna ([184]).

(513) F'konformità mal-ġurisprudenza, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([185]) jiddikjara li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju."

(514) B'hekk, minħabba li l-miżuri inkwistjoni ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, u għandhom jitqiesu bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, dawn għandhom jiġu rkuprati sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq intern qabel l-għoti tagħhom. L-irkupru għandu jkopri ż-żmien mid-data meta l-għajnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru effettiv. L-ammont li għandu jiġi rkuprat għandu jkollu l-imgħax sal-irkupru effettiv.

(515) Fil-każ preżenti, il-benefiċjarja tal-għajnuna, Siremar f'EA, diġà għaddejja minn proċedimenti ta' insolvenza. Għalhekk, l-irkupru effettiv jista' jinkiseb permezz tar-reġistrazzjoni tat-talba relatata mal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata fl-iskeda tal-obbligazzjonijiet ([186]). F'dak il-każ, ir-reġistrazzjoni tat-talba trid tkun segwita minn (i) irkupru tal-ammont sħiħ tal-irkupru, jew, jekk dan ma jkunx jista' jinkiseb, (ii) l-istralċ tal-impriża u l-waqfien definittiv tal-attivitajiet tagħha.

(516) L-għajnuna inkompatibbli mill-Istat elenkata fil-premessa (505) mogħtija lil Siremar f'EA u SNS trid tiġi rrimborżata lill-Italja sa fejn tkun tħallset. B'mod partikolari, l-għajnuna li trid tiġi rkuprata hija stabbilita kif ġej:

(a) Il-kapital tal-għajnuna għas-salvataġġ, jiġifieri EUR 15 121 838,33, flimkien mal-imgħax tal-irkupru, li jakkumula mid-dati tal-ħlas taż-żewġ porzjonijiet tas-self u mid-data meta l-garanzija mill-Istat intalbet minn BIIS (jiġifieri t-28 ta' Frar 2011 għall-ewwel porzjon ta' EUR 12 000 000, it-23 ta' Marzu 2011 għat-tieni porzjon ta' EUR 3 000 000 u l-11 ta' Lulju 2011 għall-ammont ta' EUR 121 838,33), sal-irkupru sħiħ. Il-Kummissjoni tieħu nota li l-kapital tal-għajnuna u parti mill-imgħax tal-irkupru diġà tħallsu lura minn Siremar f'EA;

(b) Sal-punt li t-taxxi indiretti fuq l-operazzjonijiet u l-atti relatati mat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar jitħallsu mill-bejjiegħ (jiġifieri Siremar f'EA), il-kapital tal-għajnuna huwa ugwali għat-taxxi normalment dovuti għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet. L-Italja għandha tikkalkula wkoll id-differenza bejn it-tariffa fissa, imħallsa minn SNS għar-reġistrazzjoni tal-kuntratt għax-xiri tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar, skont il-Liġi tal-2010, u t-tariffa normalment dovuta skont il-liġi nazzjonali. […] L-Italja għandha tipprovdi wkoll lista

([182]) Is-Sentenza tat-12 ta' Lulju 1973, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-70/72, EU:C:1973:87, il-punt 13.
([183]) Is-Sentenza tal-21 ta' Marzu 1990, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-142/87, EU:C:1990:125, il-punt 66.
([184]) Is-Sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-75/97, EU:C:1999:311, il-punti 64 u 65.
([185]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).
([186]) Il-liġi nazzjonali tirregola l-klassifikazzjoni tat-talba għal għajnuna mill-Istat fl-iskeda tal-obbligazzjonijiet, sakemm il-klassifikazzjoni tkun konformi mal-prinċipju tal-effettività u mal-prinċipju tal-ekwivalenza. Ara l-punt 64 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mill-Istat, ĠU C 247, it-23.7.2019, p. 1. Fi kwalunkwe każ, it-talba tal-għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi kklassifikata anqas mit-talbiet ordinarji mhux garantiti. Ir-reġistrazzjoni finali tat-talba tal-għajnuna mill-Istat twaqqaf ukoll id-dovuti ta' mgħax addizzjonali tal-irkupru.

tad-dokumenti kollha li għalihom it-taxxi kienu effettivament eżentati u tikkalkula d-differenza bejn it-taxxi normalment dovuti minn Siremar u SNS u t-taxxi effettivament imħallsa. Flimkien ma' dawn l-ammonti għandu jiżdied l-imgħax tal-irkupru, li jakkumula mid-data/i tad-dokumenti uffiċjali, li għalihom it-taxxi kienu eżentati, sal-irkupru sħiħ.

(517) Barra minn hekk, l-Italja ma għandhiex teżenta r-rikavat mill-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar mit-taxxa korporattiva li għandha titħallas minn Siremar f'EA.

11. **IL-KONTINWITÀ EKONOMIKA**

(518) Fejn kien hemm bejgħ jew trasferiment tal-benefiċjarju ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mill-Istat, l-obbligu ta' ħlas lura jista' jiġi estiż għal impriżi oħrajn li lilhom ġew ittrasferiti l-ishma jew in-negozju tal-benefiċjarju ([187]). Fil-każ ta' negozju dwar l-ishma, fejn il-benefiċjarju jkun għadu jeżisti u attiv fis-suq u jkun sempliċiment biddel is-sidien tiegħu, l-obbligu li titħallas lura l-għajnuna jibqa' mal-benefiċjarju. Fil-każ ta' negozju dwar l-assi, fejn impriża oħra tkun qed tkompli n-negozju b'xi wħud mill-assi jew bl-assi kollha tal-benefiċjarju oriġinali, dik l-impriża l-oħra jenħtieġ li titqies bħala l-benefiċjarju tal-għajnuna mill-Istat, dment li l-istruttura tat-trasferiment jew tal-bejgħ twassal għall-konklużjoni li jkun hemm kontinwità ekonomika bejn iż-żewġ kumpaniji.

(519) Għall-kuntrarju, fejn jista' jintwera li, minkejja trasferiment ta' xi wħud mill-assi jew tal-assi kollha, il-benefiċċju tal-għajnuna illegali jibqa' tal-benefiċjarju oriġinali u l-kumpanija akkwirenti twettaq attività sostanzjalment differenti, l-obbligu ta' ripagament jibqa' mal-benefiċjarju oriġinali tal-għajnuna. Skont il-ġurisprudenza, sabiex jiġi vvalutat jekk hemmx kontinwità ekonomika, jistgħu jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin: il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment (l-assi u l-obbligazzjonijiet, il-kontinwità tal-forza tax-xogħol, l-assi raggruppati), il-prezz tat-trasferiment, l-identità tas-sidien tal-impriża akkwirenti u tal-impriża oriġinali, il-mument li fih twettaq it-trasferiment (wara l-bidu tal-investigazzjoni, il-bidu tal-proċedura jew id-deċiżjoni finali) u l-loġika ekonomika tat-tranżazzjoni ([188]).

(520) Skont l-istess ġurisprudenza, il-fatturi msemmija hawn fuq jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni sa gradi varji, skont il-karatteristiċi speċifiċi tal-każ inkwistjoni. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa tqis dawk il-fatturi kollha, kif muri mill-użu tal-espressjoni "*jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni*" ([189]) u li ma hemm l-ebda ġerarkija bejn dawk il-fatturi. B'mod partikolari, fil-każ inkwistjoni, il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tal-kontinwità ekonomika jenħtieġ li tqis in-natura partikolari tat-tranżazzjoni bejn Siremar f'EA u SNS, li kienet tikkonċerna l-privatizzazzjoni ta' kumpanija pubblika permezz ta' proċedura tal-offerti għal kuntratt ta' servizz pubbliku ta' tnax-il sena, flimkien mal-assi meħtieġa biex jiġi operat l-SGEI spjegati f'dak il-kuntratt. Sal-lum, Siremar f'EA għadha teżisti bħala entità separata, iżda ma twettaq l-ebda attività ta' negozju u għadha soġġetta għal proċedimenti ta' falliment bl-iskop primarju li tirrimborża lill-krediturі tagħha u tiffinalizza l-likwidazzjoni tagħha.

(521) Sabiex jiġi deċiż jekk hemmx kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u SNS u, għalhekk, sabiex jiġi stabbilit jekk din tal-aħħar jenħtiepx li tinżamm responsabbli wkoll għar-rimborż tal-għajnuna inkompatibbli mogħtija lil tal-ewwel, il-Kummissjoni applikat l-indikaturi msemmija hawn fuq għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni.

11.1. **L-ambitu tat-trasferiment**

(522) Dan l-indikatur jikkonċerna l-firxa tat-trasferiment tal-assi u tal-obbligazzjonijiet eżistenti, inklużi r-relazzjonijiet kuntrattwali mal-impjegati u mal-fornituri, minn Siremar (aktar tard f'EA) lil SNS. Qabel kollox, jenħtieġ li jiġi nnotat li ma ġiet ittrasferita l-ebda waħda mill-obbligazzjonijiet eżistenti: dawn baqgħu kompletament fi ħdan Siremar f'EA, u baqgħu hekk minn meta ġiet adottata din id-Deċiżjoni. It-trasferiment kien jinvolvi t-tħassir sħiħ ta' kwalunkwe pretensjoni fuq l-assi li kienu qed jiġu ttrasferiti, bħal ipoteki, sekwestri, u pretensjonijiet ta' prijorità.

(523) Barra minn hekk, sa fejn huma kkonċernati l-assi, il-Kummissjoni l-ewwel nett tinnota li l-proċedura għall-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar segwiet tentattiv ta' privatizzazzjoni li falla ta' Tirrenia di Navigazione fl-intier tagħha, bl-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tagħha, inkluża s-sussidjarja tagħha f'dak iż-żmien Siremar. It-tieni,

([187]) Il-Kawża C-303/88 *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1991:136.
([188]) Il-Kawża T-121/15 *Fortischem a.s. vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2019:684, il-punt 208.
([189]) Il-Kawża T-123/09 *Ryanair vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2012:164, il-punt 156.

tentattiv ta' privatizzazzjoni b'suċċess tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar kien jinvolvi l-marka Siremar ([190]), l-assi meqjusa meħtieġa għall-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq Siremar, u r-relazzjonijiet kuntrattwali mal-forniturі, b'ambitu differenti u aktar ristrett meta mqabbel mal-ewwel tentattiv (eż., madwar 45 % f'termini tal-għadd ta' bastimenti). Dawk l-assi li jappartjenu għal Siremar f'EA, li ma kinux meqjusa meħtieġa għall-forniment tal-obbligi ta' servizz pubbliku, inbiegħu separatament, b'offerti differenti u mhux relatati, u kienu jinkludu l-bastiment veloċi Guizzo.

(524) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota wkoll li, sa fejn hija kkonċernata l-forza tax-xogħol, ma kien hemm l-ebda trasferiment ta' kuntratti ta' xogħol minn Siremar f'EA lil CdI u aktar tard lil SNS. Tabilħaqq, l-Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili Taljan jesiġi li, f'każ ta' trasferiment ta' negozju, il-kuntratti ta' impjieg eżistenti jkomplu max-xerrej u kull impjegat iżomm id-drittijiet kollha li jirriżultaw. Madankollu, skont id-Digriet Amministrattiv 270/1999, din is-sistema ordinarja ma tapplikax għat-trasferiment ta' fergħa ta' kumpanija soġġetta għal proċedura ta' amministrazzjoni straordinarja u għall-provvista ta' servizzi pubbliċi essenzjali. Għall-kuntrarju, is-sid il-ġdid huwa obbligat jieħu l-persunal meħtieġ sabiex jipprovdi s-servizz u ma jagħtix sensji kollettivi għal sentejn (ara l-premessa (195)). Il-Kummissjoni tinnota li, filwaqt li r-regola ġenerali kienet tipprevedi kontinwità ċara fil-forza tax-xogħol minn Siremar f'EA lil SNS permezz ta' CdI, din l-eċċezzjoni effettivament ippermettiet lil Siremar f'EA ttemm il-kuntratti kollha mal-impjegati tagħha. Imbagħad, CdI u aktar tard SNS offrew kuntratti ġodda lill-impjegati li fil-fatt kienu qed jaħdmu fuq l-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(525) L-obbligu taż-żamma tal-għadd ta' impjegati ġie stabbilit minn liġi ġenerali li ma setgħetx tiġi injorata mill-awtoritajiet Taljani fit-twaqqif tal-proċedura tal-bejgħ. Madankollu, anke mingħajr dan l-obbligu legali, il-Kummissjoni tinnota li n-negozju tat-trasport bil-baħar jeħtieġ għadd minimu obbligatorju ta' impjegati biex joperaw il-bastimenti, b'sett speċifiku ħafna ta' ħiliet, li huma stabbiliti fit-tabelli tal-forniment tal-persunal (ara l-premessa (210)). Tabilħaqq, f'dan il-każ, wara li ngħataw il-Konvenzjoni l-ġdida, CdI u aktar tard SNS kien ikollhom jimpjegaw madwar 500 impjegat fi żmien qasir, sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom. Għalhekk, huwa ferm probabbli li SNS kienet timpjega ħafna mill-impjegati ta' Siremar f'EA, anke li kieku ma kinitx meħtieġa toffrilhom kuntratti ta' xogħol, għal raġunijiet ta' ħeffa u sabiex tnaqqas il-kostijiet tar-reklutaġġ.

(526) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tikkonkludi li, filwaqt li kien hemm kontinwità *de facto* fil-forza tax-xogħol, din tal-aħħar kienet dovuta għaċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ (jiġifieri, id-daqs tat-trasferiment) u għal-liġijiet ġeneralment applikabbli dwar ix-xogħol. Min-naħa l-oħra, kważi l-assi kollha ta' Siremar f'EA u l-ebda waħda mill-obbligazzjonijiet tagħha ma ġew ittrasferiti lil SNS. B'mod ġenerali, sa fejn huwa kkonċernat il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment, il-Kummissjoni tqis li hemm indikazzjonijiet ta' kontinwità ekonomika bejn dawn il-kumpaniji.

11.2. **Il-prezz tat-trasferiment**

(527) Skont il-ġurisprudenza stabbilita, it-trasferiment tal-assi bi prezz oħos mill-prezz tas-suq ikun ukoll indikatur tal-kontinwità ekonomika bejn il-kumpanija llikwidata, li għandha tħallas l-għajnuna lura lill-Istat, u l-kumpanija maħluqa ġdida. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li l-assi ġew ittrasferiti bħala riżultat ta' offerta li kienet miftuħa biżżejjed, trasparenti u mhux diskriminatorja sabiex jinkiseb prezz tas-suq, kif deskritt fit-Taqsima 8.1.3.4. Ma hemm l-ebda evidenza li s-sejħa konġunta għall-offerti tal-assi u tal-kuntratt pubbliku ta' servizz kellha impatt negattiv fuq ir-riżultat tal-proċedura tal-offerta. Għall-kuntrarju, l-Italja wriet li meta ġew organizzati proċeduri tal-offerti separati għal uħud mill-vapuri l-oħra ta' Tirrenia u ta' Siremar, dawn setgħu jinbiegħu biss bil-valur tal-iskreppjar. Tabilħaqq, il-kundizzjonijiet imposti fuq ix-xerrej, bħar-rekwiżit li jinżammu l-livelli tal-persunal għal sentejn, ma naqqsux il-prezz, kif stabbilit mir-rapport ta' Ecorys (ara l-premessa (121)). Barra minn hekk, il-prezz eventwalment imħallas minn SNS, jiġifieri EUR 55,1 miljun, kien ogħla mill-prezz minimu identifikat fl-evalwazzjoni ta' espert indipendenti minn Banca Profilo, jiġifieri EUR 55 miljun, u SNS għandha tħallas imgħax annwali ta' 1,5 % fuq iż-żewġ pagamenti parzjali differiti ta' EUR 9 miljun kull wieħed. Barra minn hekk, kif indikat fil-premessa (122), fiż-żmien tat-trasferiment tal-fergħa kummerċjali lil SNS, il-valur tas-suq ġie stmat fit-Tieni Rapport ta' Ecorys għal ammont ferm inqas ta' EUR 39,9 miljun skont metodu ta' valwazzjoni tal-ekwità. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-bosta sejħiet għal offerti mtejba matul il-proċedura tal-offerti (ara l-premessi minn (79) sa (100)) juru b'mod ċar li kien hemm dinamika kompetittiva bejn CdI u SNS, u anke jekk tal-ewwel eventwalment ġiet eskluża mill-proċedura, fiż-żmien meta ġiet ifformulata għall-ewwel darba l-offerta ta' suċċess

([190]) Madankollu, kif deskritt fin-nota 41 f'qiegħ il-paġna, SNS bħalissa qed toffri s-servizzi tagħha esklussivament bħala Caronte & Tourist jew bħala Liberty Lines, u mhux għaliha nnifisha (ara, pereżempju, is-sit web ta' Siremar, http://siremar.it/, li jidderieġi minnufih lill-viżitatur għal wieħed mis-siti web taż-żewġ kumpaniji).

minn SNS, CdI kienet għadha offerent attiv fil-proċedura. Hija ġurisprudenza stabbilita li fejn awtorità pubblika tipproċedi biex tbiegħ impriża permezz ta' offerta miftuħa, trasparenti u inkondizzjonata, jista' jiġi preżunt li l-prezz tas-suq jikkorrespondi għall-ogħla offerta vinkolanti u kredibbli riċevuta. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, anke l-preżenza ta' kundizzjonijiet illegali għal dik l-offerta tista' ma tixħet l-ebda dubju fuq din is-sejba, jekk dawk il-kundizzjonijiet ma naqqsux l-ammont ta' dik l-offerta ([191]).

(528) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li ċ-ċirkostanzi tat-trasferiment jeskludu t-trasferiment ta' kwalunkwe vantaġġ ekonomiku, riċevut minn Siremar f'EA, lil SNS. B'hekk, il-prezz tat-trasferiment ma jistax jitqies bħala indikatur tal-kontinwità ekonomika f'dan il-każ.

11.3. **L-identità tas-sidien**

(529) Meta t-trasferiment tal-assi jseħħ bejn żewġ entitajiet relatati, dan huwa sinjal li l-għan tat-trasferiment jista' jkun li jiġi evitat l-obbligu li titħallas lura l-għajnuna identifikata bħala illegali u inkompatibbli f'deċiżjoni tal-Kummissjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li Siremar f'EA u SNS ma kellhom u ma għandhom l-ebda konnessjoni ta' xi tip. Tal-ewwel kienet kumpanija pubblika, li fl-aħħar mill-aħħar kienet proprjetà sħiħa tal-Ministeru tal-Ekonomija (ara l-premessa (22)). Tal-aħħar hija kumpanija privata b'50 % proprjetà ta' Ustica Lines S.p.A. u 50 % proprjetà ta' Caronte & Tourist S.p.A. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li ma jista' jiġi eżerċitat l-ebda kontroll minn Siremar f'EA għal SNS jew viċi versa.

(530) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li anke l-kriterju tal-identità tal-azzjonisti jindika li ma hemm l-ebda kontinwità ekonomika f'dan il-każ.

11.4. **It-twaqqit tat-trasferiment**

(531) Fejn it-trasferiment tal-assi seħħ wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà ta' għajnuna, li kienet ingħatat diġà, dan huwa indikatur ieħor li tali trasferiment seta' ġie stabbilit sabiex tiġi evitata ordni ta' rkupru. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tinnota li l-pubblikazzjoni tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess saret fl-4 ta' Ottubru 2010, filwaqt li SNS għamlet l-offerta vinkolanti tagħha fit-23 ta' Mejju 2011. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ investigazzjoni formali dwar, *inter alia*, il-privatizzazzjoni tal-fergħa ta' Siremar, ġiet adottata diversi xhur wara, fil-5 ta' Ottubru 2011. Imbagħad, fl-20 ta' Ottubru 2011, CdI ffirmat il-kuntratt tal-bejgħ, abbażi tal-aħħar offerta tagħha sottomessa fit-13 ta' Ottubru 2011. It-trasferiment ġie ffinalizzat biss fit-30 ta' Lulju 2012, minħabba l-isfidi legali kontra l-għoti tal-fergħa kummerċjali u l-Konvenzjoni l-ġdida lil CdI. Sussegwentement, fis-7 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni estendiet l-investigazzjoni formali għal, *inter alia*, il-Konvenzjoni l-ġdida ffirmata minn CdI. Il-fergħa kummerċjali eventwalment ingħatat lil SNS f'April 2016, wara l-proċedimenti legali deskritti fit-Taqsima 2.3.3.2.

(532) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li anke jekk it-trasferiment lil SNS seħħ wara d-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012, meta SNS kienet qed tfassal u tissottometti l-offerta vinkolanti tagħha, jiġifieri f'Mejju 2011, la SNS u lanqas Siremar f'EA ma setgħu jkunu jafu li, ftit xhur wara, il-Kummissjoni kienet tiftaħ investigazzjoni formali. Jidher improbabbli ħafna li xi waħda mill-partijiet diġà setgħet tkun taf il-kontenut tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012, u b'hekk ivvalutat ir-riskji li kienu jinvolvu, u ddeċidiet li tittrasferixxi l-assi biex tannulla l-investigazzjoni ta' kwalunkwe skop.

(533) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Italja kienet informat lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li tbiegħ il-fergħa kummerċjali ta' Siremar f'pakkett bil-Konvenzjoni l-ġdida ferm qabel iż-żmien, fil-kuntest tad-diskussjonijiet mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu (ara wkoll it-Taqsima 2.4). Barra minn hekk, l-Italja nnotifikat ukoll, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, l-abbozz tal-Konvenzjoni l-ġdida (ara l-premessa (9)). Din hija indikazzjoni oħra li l-Italja ma kellhiex l-intenzjoni li tevita kwalunkwe ordni ta' rkupru fil-futur billi torganizza t-trasferiment tal-fergħa kummerċjali u l-inkarigu tal-Konvenzjoni l-ġdida bil-mod deskritt u vvalutat fit-Taqsima 8.1.3.

(534) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, anke jekk it-trasferiment lil SNS seħħ wara l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni tqis li, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi li għadhom kif ġew deskritti u, b'mod partikolari, il-proċedimenti legali twal kontra l-ewwel għoti tal-fergħa kummerċjali lil CdI, it-twaqqit tal-avvenimenti jissuġġerixxi li ma hemm l-ebda kontinwità ekonomika f'dan il-każ.

11.5. **Il-loġika ekonomika tat-trasferiment**

(535) Dan l-indikatur huwa kkonċernat kemm bl-intenzjonijiet tal-partijiet għat-trasferiment tal-assi, kif ukoll bir-raġunament ekonomiku ta' dawn tal-aħħar, fid-dawl tan-negozju futur tal-kumpanija li se topera dawk l-assi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li, minn naħa waħda, l-intenzjoni tal-awtoritajiet Taljani kienet li jikkonformaw mal-obbligu li jilliberalizzaw is-settur tat-trasport marittimu, kif spjegat fir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, billi jipprivatizzaw l-operatur pubbliku ewlieni tiegħu, jiġifieri Tirrenia Group, inkluża Siremar, u billi

([191]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2013, *Land Burgenland vs Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P, ECLI:EU:C:2013:682, il-punti 94-96.

jafdaw l-obbligi ta' servizz pubbliku lill-kumpanija akkwirenti. Filwaqt li ma kienx meħtieġ minn dak ir-Regolament, dan it-trasferiment kemm tal-assi kif ukoll tal-kumpens għas-servizz pubbliku kien tabilħaqq waħda millgħażliet disponibbli għall-Italja biex timplimenta dik il-liberalizzazzjoni (ara l-premessa (136)) u, f'dawn iċ-ċirkostanzi, kien ukoll ottimali f'termini tal-prezz tal-bejgħ tal-assi, meta mqabbel mal-użu ta' żewġ proċeduri separati (ara l-premessa (393)). Min-naħa l-oħra, l-intenzjoni ta' SNS kienet li topera r-rotot taħt obbligu ta' servizz pubbliku b'mod aktar effiċjenti milli għamlet Siremar (aktar tard f'EA) u, b'hekk, tagħmel profitt.

(536) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-attività, jiġifieri, il-forniment ta' servizzi marittimi lejn u bejn ċerti gżejjer ta' Sqallija taħt obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku li jikkonċernaw il-frekwenza, in-nollijiet u l-karatteristiċi tal-bastimenti, jibqa' essenzjalment l-istess.

(537) Sa fejn huwa kkonċernat in-negozju futur tal-kumpanija, il-Kummissjoni tinnota li filwaqt li huwa minnu li SNS toffri l-istess rotot u frekwenzi jew oħrajn simili ħafna għal dawk ta' Siremar, din hija l-konsegwenza loġika talħtieġa kontinwa li jiġu pprovduti servizzi ġenwini ta' interess ekonomiku ġenerali, kif stabbilit fil-Konvenzjoni l-ġdida. Fi kliem ieħor, jenħtieġ li l-kontinwità tas-servizz pubbliku ma tiġix konfuża u mħallta mal-kontinwità ekonomika skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tqis li l-Italja ma setgħetx tbiddel b'mod arbitrarju l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi pubbliċi pprovduti minn SNS mingħajr ma tmur kontra l-iskop proprju tal-Konvenzjoni l-ġdida, jiġifieri li (i) tiżgura l-kontinwità territorjali bejn l-art kontinentali u l-gżejjer u (ii) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati.

(538) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' kuljum tal-obbligi ta' servizz pubbliku minn SNS huma differenti minn dawk li kienu japplikaw sal-2009. L-ammont ta' kumpens jiġi stabbilit b'mekkaniżmu differenti, li jirrikjedi li l-operatur jopera b'mod effiċjenti. Barra minn hekk, minħabba li ma hemm l-ebda garanzija ta' kopertura sħiħa tal-kostijiet u minħabba li l-ammont ta' kumpens nominali jiġi ffissat għal diversi snin (jiġifieri, jonqos f'termini reali), SNS ma kellha l-ebda għażla ħlief li tirrivoluzzjona l-istrateġija kummerċjali segwita minn Siremar. Din tal-aħħar, matul l-istorja twila tagħha fi ħdan Tirrenia Group, operat dejjem u b'mod konsistenti bħala servizz pubbliku, mingħajr ebda strateġija biex tinkiseb profittabbiltà sostenibbli, filwaqt li Siremar f'EA sempliċiment kienet iffokata fuq l-istralċ ordnat tal-kumpanija, filwaqt li tiżgura l-kontinwità tas-servizz pubbliku sat-trasferiment tas-sjieda lil CdI u aktar tard lil SNS wara l-proċedura tal-offerti.

(539) Tabilħaqq, il-Kummissjoni tinnota li fl-ewwel pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħha, li jkopri l-perjodu 2011-2022 u li ġie abbozzat f'Mejju 2011, SNS impenjat ruħha li żżid l-effiċjenza tal-flotta, f'termini tal-manutenzjoni, l-assigurazzjoni, il-kostijiet tal-fjuwil; ittejjeb il-bejgħ online; tiffranka fuq il-kostijiet lavorattivi permezz ta' kuntratti ġodda ta' impjieg; u tnaqqas il-kostijiet billi tidħol f'kuntratti ġodda mal-fornituri. Fit-tieni pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħha, li jkopri l-perjodu 2016-2027 u li ġie abbozzat fi Frar 2016, SNS aġġornat il-projezzjonijiet u s-suppożizzjonijiet finanzjarji tagħha bbażati fuq id-*data* minn CdI, biddlet l-allokazzjonijiet ta' ċerti bastimenti għad-diversi rotot, b'mod partikolari fejn huma kkonċernati s-servizzi tal-passiġġieri biss, u biddlet ċerti suppożizzjonijiet dwar il-kostijiet tal-persunal u l-amortizzamenti ([192]). Fl-aħħar nett, mill-1 ta' Settembru 2016, SNS effettivament qasmet in-negozju tagħha bejn is-servizzi tal-laneċ u tal-passiġġieri biss, billi assenjathom lil Caronte & Tourist u Liberty Lines, rispettivament, u ttrasferiet l-assi tagħha b'mod proporzjonat. Il-Kummissjoni tinnota li dan jirrappreżenta differenza ewlenija fl-operat tas-servizzi pubbliċi bejn SNS u Siremar f'EA.

(540) B'hekk, SNS eżegwiet l-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha skont kundizzjonijiet operatorji differenti minn Siremar f'EA, abbażi tal-istrateġija kummerċjali tagħha stess. Tabilħaqq, l-awtoritajiet Taljani ma kinux jirrikjedu li SNS issegwi xi mudell kummerċjali speċifiku u lanqas li żżomm ċertu ambitu ta' attivitajiet, minbarra dawk stabbiliti fil-Konvenzjoni l-ġdida, u lanqas li tieħu f'idejha xi assi speċifiċi jew impjegati li ma kinux intrinsikament marbuta mal-operat tal-obbligi ta' servizz pubbliku kif definiti fil-Konvenzjoni l-ġdida. F'dan ir-rigward, SNS kienet (u għadha) ħielsa li tagħmel kwalunkwe bidla fil-mod kif isir in-negozju li hija tqis xieraq.

(541) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li filwaqt li l-obbligi ta' servizz pubbliku nfushom, f'termini ta' rotot u frekwenzi, huma inevitabbilment simili billi jwieġbu għal ħtiġijiet simili tas-servizz pubbliku, il-kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tagħhom u l-istrateġija kummerċjali wara din huma differenti. Tabilħaqq, din is-similarità *de facto* fl-attività mwettqa kienet dovuta għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna tal-każ u kienet mitigata mir-restrizzjonijiet finanzjarji differenti fuq l-operazzjonijiet ta' SNS. B'mod ġenerali, sa fejn hija kkonċernata l-loġika ekonomika tat-tranżazzjoni, il-Kummissjoni tqis li hemm xi indikazzjonijiet tal-eżistenza ta' kontinwità ekonomika f'dan il-każ.

11.6. **Konklużjoni dwar il-kontinwità ekonomika bejn Siremar f'EA u SNS**

(542) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tinnota li l-prezz tat-trasferiment, it-twaqqit tiegħu u l-identità tas-sidien ma jippreżentaw l-ebda indikazzjoni ta' kontinwità ekonomika. anke jekk l-ambitu tat-tranżazzjoni u l-loġika ekonomika tagħha fihom xi elementi li jissuġġerixxu li jista' jkun hemm kontinwità ekonomika, għal dawk

([192]) Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju 2016-2027 ma kienx jinkludi l-frekwenza fuq il-linji (ara l-premessa (123)). Dan lanqas ma kien jinkludi l-"ixprunaturi" strateġiċi ewlenin tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, li kienu inklużi fil-pjan għas-snin 2011-2022: kuntratti ta' impjieg ġodda għall-persunal kollu, il-bejgħ fuq l-Internet, l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, l-effiċjenza operazzjonali.

il-kriterji, il-Kummissjoni tinnota li kwalunkwe element ta' kontinwità potenzjali huwa mmotivat miċ-ċirkostanzi speċifiċi ħafna ta' din it-tranżazzjoni, jiġifieri r-raggruppament tat-trasferiment tal-assi u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku fi proċedura unika, id-daqs tat-tranżazzjoni u l-liġijiet ġeneralment applikabbli dwar ix-xogħol. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' ċirkomvenzjoni għal obbligu ta' rkupru. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tikkonkludi li b'mod ġenerali ma hemm l-ebda kontinwità ekonomika bejn Siremar u SNS. Dan ifisser ukoll li l-obbligu li titħallas lura l-għajnuna illegali u inkompatibbli mill-Istat mogħtija lil Siremar ma għandux jiġi estiż għal SNS,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-kumpens mogħti lil Siremar u l-prijorità tal-irmiġġ mogħtija għall-forniment ta' servizzi marittimi skont il-Konvenzjoni inizjali, kif estiżi fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sat-30 ta' Lulju 2012, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Bl-eċċezzjoni tal-għajnuna mill-Istat mogħtija għall-operat tar-rotot D1 (Trapani – Pantelleria), D4 (Porto Empedocle – Linosa – Lampedusa), D5 (Palermo – Ustica), ALD/1 (Palermo – Ustica), l-għajnuna ġiet implimentata illegalment mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu hija kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

1. L-estensjoni tal-għajnuna għas-salvataġġ mit-28 ta' Awwissu 2011 sat-18 ta' Settembru 2012 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-għajnuna mill-Istat ġiet implimentata illegalment mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu – li tammonta għal EUR 15 121 838,33 – hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 3

1. L-eżenzjoni mit-taxxi indiretti fuq it-trasferiment tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-għajnuna mill-Istat ġiet implimentata illegalment mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

2. Il-ħlas minn SNS ta' tariffa fissa għar-reġistrazzjoni tal-kuntratt għax-xiri tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar skont il-Liġi tal-2010, minflok it-tariffa normalment dovuta skont il-liġi nazzjonali, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil SNS skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-għajnuna mill-Istat ġiet implimentata illegalment mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

3. L-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva tar-rikavat mill-bejgħ tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar lil SNS tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-għajnuna mill-Istat ġiet implimentata illegalment mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

4. L-għajnuna msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu hija inkompatibbli mas-suq intern.

5. Fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja għadha ma ħallsitx l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 4

1. L-għoti tal-Konvenzjoni l-ġdida għall-perjodu mill-11 ta' April 2016 sal-11 ta' April 2028, raggruppata mal-fergħa kummerċjali ta' Siremar u mal-prijorità tal-irmiġġ, lil SNS ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

2. Il-possibbiltà li jintużaw ir-riżorsi tal-*Fondo Aree Sottoutilizzate* biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' likwidità, kif stabbilit mil-Liġi tal-2010, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

3. Il-possibbiltà li jintużaw, fuq bażi temporanja, ir-riżorsi finanzjarji diġà impenjati għall-ammeljorament u l-immodernizzar tal-flotta, sabiex ikopru l-ħtiġijiet urġenti ta' likwidità, kif stabbilit mil-Liġi tal-2010, ma kinitx sfruttata sa fejn hija kkonċernata Siremar. Għalhekk, din ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat lil Siremar skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Artikolu 5

1. L-Italja għandha tirkupra l-għajnuna inkompatibbli msemmija fl-Artikoli 2 u 3 mill-benefiċjarji, sa fejn tkun thallset.

2. Is-somom li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom imgħax mid-data li fiha jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru attwali tagħhom.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkolat fuq bażi komposta f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u mar-Regolament (KE) Nru 271/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. Abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-benefiċjarju diġà ħallas lura l-kapital tal-għajnuna msemmi fl-Artikolu 2 u parti mill-imgħax ta' rkupru.

5. L-Italja għandha tikkanċella l-pagamenti pendenti kollha tal-għajnuna msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmi fl-Artikolu 5 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. L-Italja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

1. Fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

— l-ammont totali (kapital u mgħax ta' rkupru) li għandu jiġi rkuprat mill-benefiċjarji;

— deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda u ppjanati biex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni;

— dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jroddu lura l-għajnuna.

2. L-Italja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata bil-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 6 tkun irkuprata għalkollox. Hija għandha tissottometti minnufih, fuq talba sempliċi mill-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u dawk ippjanati għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u mgħaxijiet diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarji.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Il-Kummissjoni tista' tippubblika l-ammonti tal-għajnuna u tal-imgħax tal-irkupru rkuprati b'applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni, mingħajr ħsara għall-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Viċi President Eżekuttiv